

# “Alla kien li ħabbeb il-ħolqien miegħu nnifsu permezz ta’ Kristu… u fdalna l-ministeru ta’ din il-ħbiberija.”

*(2 Kor 5,19)*

***Sussidju għar-Randan***

***Djoċesi ta’ Għawdex***

# “Alla kien li ħabbeb il-ħolqien miegħu nnifsu permezz ta’ Kristu… u fdalna l-ministeru ta’ din il-ħbiberija.”

*(2 Kor 5,19)*

***Sussidju teoloġiku-liturġiku-pastorali għar-Randan***

***Segreterija Pastorali***

***Djoċesi ta’ Għawdex (2011)***

# DAĦLA

Flimkien ma' riflessjoni u azzjoni pastorali dwar l-Ewkaristija tal-Ħadd, il-Pjan Pastorali Djoċesan għal din is-sena jitlob riflessjoni u azzjoni pastorali dwar iċ-ċelebrazzjoni tas-Sagrament tar-Rikonċiljazzjoni. It-titlu bibliku li għażilna għal dan is-sussidju – "Alla kien li ħabbeb il-ħolqien miegħu nnifsu permezz ta' Kristu… u fdalna l-ministeru ta' din il-ħbiberija" (2 Kor 5,19) – jesprimi dan id-don kbir tal-maħfra li Alla tana permezz ta' Ibnu, liema ministeru ġie mogħti lill-Knisja bħala don tal-Għid. Il-Knisja, fil-ministeru tar-Rikonċiljazzjoni, tkompli tissaffa bid-don tal-imħabba kollha ħniena tal-Missier, ixxandar il-maħfra tas-Salib u tqarreb il-bniedem lejn Kristu.

Permezz ta' dan is-sussidju, maqsum fi tliet taqsimiet, nixtiequ noffru għajnuna għar-riflessjoni personali u għajnuna pastorali lill-operaturi pastorali f'rabta mill-qrib mal-Kelma t'Alla u maċ-ċelebrazzjoni tas-Sagrament tal-Maħfra.

Fl-ewwel parti tas-sussidju wieħed isib artikli dwar teoloġija biblika. Dawn jgħinu mhux biss il-mixja personali tagħna matul ir-Randan, imma jistgħu jkunu utli fil-ministeru tagħna, speċjalment fil-predikazzjoni u fil-formazzjoni tal-lajċi.

Fit-tieni parti tas-sussidju qed nippreżentaw għajnuna biex nifhmu aħjar il-Liturġija tal-Kelma mxandra fil-Ħdud tar-Randan, u wkoll għajnuna għal min għandu l-ministeru tax-xandir tal-Kelma, bħalma huma l-omeliji u l-eżerċizzi tar-Randan.

Fit-tielet parti tas-sussidju ppreżentajna għajnuna għall-pastorali liturġika: proposta għar-rit penitenzjali waqt il-quddiesa, ċelebrazzjoni komunitarja tal-qrar, skemi għall-adorazzjoni ewkaristika, proposta ta' ċelebrazzjoni tal-ewwel qrar għat-tfal li qed jitħejjew għall-ewwel tqarbina, u kalendarju tar-Randan għat-tfal. Dwar din l-aħħar kontribuzzjoni, wieħed jista' jakkwista kopja jew kopji bil-kulur (format A3) mill-istamperija Gozo Press, Għawdex (T. 21551534).

Ix-xbieha tas-sussidju turi xena ta' wara l-qawmien: Ġesù jafda l-merħla tiegħu – il-Knisja – f'idejn Pietru, wara li għal tliet darbiet jistaqsi lil Pietru jekk iħobbux. F'dan il-ġest, Ġesù juri lil Pietru li hu ħafirlu t-tliet ċaħdiet li Pietru kien għamel fil-Passjoni, u li l-maħfra hi element kostitutiv fil-Knisja u fil-ministeru tar-rgħajja tal-erwieħ. Ix-xbieha, tal-pittur Raffaello, tinsab fis-sit: http://idlespeculations-terryprest.blogspot.com/2007/05/good-shepherd-hands-over-keys-and.html.

Nixtieq irrodd ħajr lil dawk kollha li taw il-kontribut tagħhom biex stajna nippreżewtaw dan is-sussidju, fosthom l-awturi tal-artikli, u lil Tarcisio Gauci, li ħa ħsieb l-ortografija.

**Dun Giovanni Curmi**
*Segretarju Pastorali*

# ***L-Ewwel Taqsima:***
# ***Teoloġija biblika***

# 1. IS-SAGRIFIĊĊJI GĦALL-MAĦFRA TAD-DNUBIET

Mons. Lawrenz Sciberras

## 1. DAĦLA

Kemm ir-realtà tad-dnub kif ukoll dik tal-maħfra it-tnejn li huma jinħassu sew fil-kotba ispirati tat-Testment il-Qadim. Meta wieħed jitkellem mill-ħtija biżżejjed ngħidu li din il-kelma tinsab miktuba għal 559 darba, mela l-qawwa u l-konsegwenzi kbar li hemm marbutin mal-ħtija tad-dnub. Dan l-istat ta' ħajja jitlob issa wkoll ir-riparazzjoni jew tiswija. Il-poplu magħżul kien jemmen bis-sħiħ fil-maħfra ta' Alla, l-ewwel nett għaliex dan il-poplu kien jaf li kemm Alla kif ukoll missirijietu daħlu biex flimkien għamlu patt miegħu hemm f'riġlejn il-muntanja Sinaj (Eż 24). Dan il-patt bil-qawwa li jorbot miegħu, għaliex ġie wkoll issiġillat bit-traxxix tad-demm, Ġożwè reġa' ġeddu quddiem ix-xjuħ, quddiem il-kapijiet, quddiem l-imħallfin u quddiem l-uffiċċjali kollha. "Mela issa neħħu l-allat barranin li hemm f'nofskom, u dawru qalbkom lejn il-Mulej Alla ta' Iżrael" (Ġoż 24,23).

It-tieni: Barra il-patt hemm ukoll il-festa proprja dik tal-maħfra tad-dnubiet, jew tal-*Yom Kippur*. Din il-festa ta' sawm, swied il-qalb, irmied fuq l-irjus, xi drabi swat fuq il-ġisem kif ukoll ta' penitenzi fosthom il-ġurnata tas-sawm strett, tasal fil-quċċata tagħha f'żewġ mumenti kbar: L-ewwel, x'ħin il-qassis il-kbir iroxx id-demm tal-bodbod fuq l-għatu tal-arka tal-patt, il-*kapport* jew *hilasterion,* imbagħad bl-istess demm, il-qassis il-kbir joħroġ barra u jroxx id-demm fuq il-poplu.

It-tieni waqt tant mistenni huwa meta l-istess qassis il-kbir jerġa' jidħol fil-parti l-aktar qaddisa tat-tempju u hemm ġew waħdu, b'biża' kbir fuqu jlissen l-isem adorabbli ta' Alla. Hekk il-poplu dejjem jekk ikun niedem tassew, jinħafrulu d-dnubiet. "Għax f'dan il-jum issir l-espjazzjoni biex titnaddfu minn kull ħtija quddiem il-Mulej" (Lev 16,30).

It-tielet mument li matulu ssir il-maħfra u t-tpattija għad-dnubiet huwa waqt il-kult tas-sagrifiċċju. Dan kien tassew strumentali biex tinkiseb il-maħfra minn għand Alla. Permezz tal-azzjonijiet ritwali magħmula sewwa, wieħed ikun qiegħed jesprimi l-mixja tiegħu lejn Alla, jagħraf il-ħtija tiegħu u jħossu li mhuwiex den li jerġa' jitħabbeb mill-ġdid ma' Alla. Permezz tad-debħiet lil Alla wieħed ikun qed jitlob u jappella għall-ħniena ta' Alla li minn naħa tiegħu huwa lest li jaħfer. Għalhekk il-Koħelet ifakkar biex wieħed joqgħod kemm jista' jkun attent waqt li jkun sejjer jagħmel is-sagrifiċċji tiegħu fit-tempju ta' Ġerusalemm: "Qis il-pass li tagħmel inti u tersaq lejn id-dar ta' Alla. Li tersaq biex tisma' hi ħaġa aqwa mill-offerti tas-sagrifiċċju tal-boloħ, li anqas biss jafu x'qegħdin jagħmlu ħażin" (Koħ 4,17).

Ta' min ikompli jgħid hawnhekk li kien hemm ukoll diversi kundizzjonijiet li l-profeti kienu tant iħambqu u jisħqu dwarhom dejjem biex tinkiseb il-maħfra. Hekk l-istqarrija tad-dnubiet (Sl 32,1-5), it-tieni il-konversjoni tal-qalb jew l-indiema tad-dnubiet: Għalhekk il-profeta Ġoel ixandar: "Ċarrtu qalbkom u mhux ilbieskom, u erġgħu duru lejn il-Mulej, Alla tagħkom" (Ġl 2,13). It-tielet li jkun hemm bidla tassew fil-mod ta' kif wieħed jgħix: "Ħa jħalli triqtu l-midneb, u l-bniedem il-ħażin fehmietu; ħa jerġa' lura għand il-Mulej u jħenn għalih, għand Alla tagħna għax hu jaħfer ħafna" (Is 55,7).

Il-profeti kontinwament kienu jgħallmu li d-debħiet li jagħmlu għandhom ikunu msieħba minn dispożizzjoni interna xierqa u sinċiera, li tfittex ir-rieda ta' Alla: "Għaliex jien tjieba rrid, mhux sagrifiċċju; li tagħrfu 'l Alla rrid, u mhux vittmi maħruqa" (Ħos 6,6). Tibqa' ħajja tassew iċ-ċanfira li Samwel għamel lis-sultan Sawl meta dan bl-ardir kollu qabad u offra hu d-debħiet, ħaġa li assolutament ma kenitx tmiss lilu: "Jaqaw il-Mulej jogħġbuh il-vittmi tal-ħruq u s-sagrifiċċji aktar mis-smigħ tal-kelma tal-Mulej? Ara, l-ubbidjenza hi aqwa mis-sagrifiċċji; is-smigħ, aħjar mix-xaħam tal-muntun" (1 Sam, 15, 22).

Mela kif se naraw f''dan l-artiklu il-maħfra hija frott il-ħniena ta' Alla, biex din terġa' tiġġedded il-qdusija. Bir-restawrazzjoni tat-tjieba divina (Eż 33,15) jissaħħu r-relazzjonijiet tal-bniedem ma' Alla kif ukoll mal-bnedmin l-oħra. Jibqa' dejjem il-fatt li kollox joħroġ mill-qalb tal-individwu kif hemm ċar fil-kliem ta' Ġeremija profeta: "Imma dan ikun il-patt li għad nagħmel. Għax jien naħfrilhom ħżunithom, u ħtijiethom aktar ma niftakarhomx" (Ġer 31,33-34; Is 33,24).

## 2. IS-SAGRIFIĊĊJU OLOKAWST

Għalkemm meta wieħed jisma' l-kelma sagrifiċċju huwa dritt jaħseb f'dak in-numru bla għadd ta' offerti li kienu jsiru fil-bitħa tat-tempju ta' Ġerusalemm, imma l-aqwa, l-eqdes u l-ogħla sagrifiċċju huwa dak ta' Ġesù: il-mewt sħiħa tiegħu. San Pawl jikkummenta dwar il-qligħ ta' dan is-sagrifiċċju: "Bih (Ġesù) Alla għoġbu jerġa' jħabbeb kollox miegħu, bid-demm tiegħu imxerred fuq is-salib, ġieb is-sliem permezz tiegħu fis-sema u fl-art" (Kol 1,19-20).

Ġesù, mela sar kollu kemm hu vittma, offerta u dan biex jifdi, ipatti mill-jasar tad-dnub u l-mewt. Iżda fit-Testment il-Qadim, fit-tempju ta' Ġerusalemm kienu jsiru wkoll offerti u debħiet lil Alla. Kull fil-għodu malli l-ewwel raġġi fietla tax-xemx idawlu s-sema, u kull fil-għaxija ma' nżul ix-xemx, il-qassisin flimkien mal-leviti bil-parteċipazzjoni tal-poplu joffru żewġ sagrifiċċji ta' sliem *żebagħah xelamin:* Il-vittma għal dawn iż-żewġ offerti bil-fors kien il-ħaruf. Fil-Mixnaħ hemm it-trattat Tamid li jitkellem dwar dan kollu.

Naturalment, dawn l-offerti kienu jiġu maħruqa bin-nar fuq il-midbaħ tat-tempju. Il-vittmi tas-sagrifiċċju kienu jkunu annimali domestiċi, eżempju tjur, nagħaġ, ħrief, u mogħoż, frott, imbid, żejt u ħobż. Dawn l-offerti kollha kienu figura ħajja ta' debħa oħra, wisq akbar u perfetta, wisq qaddisa u ogħla; din il-vittma kien il-Ġisem ta' Ġesù Kristu. Hekk naqraw fl-ittra lil-Lhud (10,5). "Għalhekk Kristu meta daħal fid-dinja qal: Sagrifiċċju u offerta int ma ridtx, imma ġisem int ħejjejt għalija". Il-kelma "ġisem" hawnhekk tfisser speċifikament ġisem lest għas-sagrifiċċju, għall-offerta biex din tintemm bil-mewt. Huwa kollu f'dan il-kuntest ukoll li San Mattew qal: "Biex hekk seħħ dak li kien ingħad permezz tal-profeta Isaija, meta qal: Hu rafa' fuqu d-dgħufija tagħna, u tgħabba bil-mard tagħna" (Mt 8,17).

### a. Il-Ktieb tal-Levitiku

Is-sagrifiċċji bit-taqsimiet kollha tagħhom, il-vittmi għas-sagrifiċċju, kif ukoll is-sehem tal-qassis u ta' min iqarreb l-offerta waqt dawn id-debħiet, dawn kollha huma reġistrati fil-ktieb tal-Levitiku. Hekk imur jikteb l-għaref Oriġene fil-kummentarju tiegħu għall-imsemmi ktieb: *"Leviticus liber appellatus est, quoniam ea quae ad sacerdotium, et ad sacrificium pertinent, et quaecumque eiusmodi praecipit Deus in hoc Levitico contineantur*" (Selecta in Leviticum, PG 12, 398).

Dan il-ktieb li essenzjalment iħaddan id-diversi ritwali, serva ta' kodiċi biex jimxu fuqu l-qassisin u l-leviti minn żmien it-tieni Tempju 'l quddiem. Dan ifisser wara s-sena 538. Hemm ukoll imsemmija ċerti liġijiet li Iżrael għandu jwettaq matul il-btajjel tiegħu.

## b. L-olokawst

L-ewwel kwalità ta' sagrifiċċju li jsemmi l-Levitiku huwa l-OLOKAWST. F'dan is-sagrifiċċju, il-vittma, wara li tiġi mqiegħda fuq il-midbaħ tat-tempju, jaħarquha kollha sakemm tispiċċa għal kollox. Bil-Lhudi din il-kwalità ta' offerta tissejjaħ "*olah*", li tfisser xi ħaġa fil-għoli. Probabilment dan kollu ġej għaliex il-vittma tiġi mqiegħda fuq l-artal, mela f'pożizzjoni fil-għoli. Xejn ma jifdal mill-vittma, u la għall-qassis u lanqas għal sidha, iżda tiġi maħruqa kollha kemm hi lil Alla.

Il-vittmi li jiġu offruti fis-sagrifiċċju olokawst huma; il-barri, il-muntun, u l-bodbod. Dawn naturalment għandhom ikunu sħaħ, u mingħajr l-ebda difett fil-ġisem tagħhom. U għalhekk jidher li dawn huma bhejjem domestiċi, u li minnhom jgħix il-bniedem. Bosta drabi, kif jidher ukoll minn Eżodu 29,38, jissemma wkoll il-ħaruf, bħala vittma għall-ħruq. Dawn id-debħiet kienu obligati għalihom il-Lhud kollha.

## ċ. Il-foqra

Il-liġi tal-Lhud f'dan il-każ ukoll kienet twessa' t-tifsiriet tagħha billi tiftakar ukoll f'dawk li huma anqas ixxurtjati minn sħabhom. U allura l-fqar li biex jixtru ħaruf imdaqqas kien ħafna għalihom, setgħu liberament iressqu għall-offerta tagħhom xi tjur. "Imma jekk ma jkunx jista' jagħti mill-merħla, iġib bħala vittma għar-riparazzjoni żewġ gamimiet jew żewġ ħamimiet lill-Mulej, waħda għall-purifikazzjoni u l-oħra għas-sagrifiċċju tal-ħruq". (Lev 5,7). U sabiex dan is-sagrifiċċju tat-tjur ikun wieħed sħiħ u komplut bħas-sagrifiċċju tal-bhejjem, min joffri kien ibixx fuq it-tjur, waqt li jkunu jinħarqu, iż-żejt (Num 15,9).

Ta' min jinnota wkoll li fil-ktieb sagru hemm miktub fejn għandha ssir id-debħa, jiġifieri fil-parti tat-Tramuntana tat-tempju. Din il-partikularità tkompli tiġi msaħħa meta, fil-ktieb ta' Neħemija, il-qassis il-kbir u Eljasib u ħutu l-qassisin bnew l-imsejjaħ Bieb tan-Nagħaġ (Neħ 3,1).

## d. Il-għan tad-debħa

Kull min jagħmel xi ħaġa, dan jagħmilha għal xi għan speċifiku. Hekk ukoll nistgħu ngħidu dwar dan is-sagrifiċċju olokawst.

Fost il-għanijiet tas-sagrifiċċju olokawst ta' min isemmi dak ta' manifestazzjoni u wirja sħiħa pubblika lil Alla. Dan ifisser turija pubblika li l-poplu Lhudi għandu biss lil Jahweh u lilu biss jadura. Mela twemminu turija dwar il-monoteiżmu. Skop ieħor tas-sagrifiċċju huwa meta wieħed ikun qala' xi grazzja minn għand Alla, u allura dan joffri debħa lil Alla. Hekk għamlet Anna wara li twildilha Samwel (1 Sam 1,24). Għan ieħor ta' dan is-sagrifiċċju huwa biex jitkompla xi vot. Hekk għamel Gidgħon meta offra gidi u efa dqiq (Imħ 6,19-22).

Ma dawn l-iskopiiet hemm dak numru wieħed: jiġifieri dak li nsibu fil-Levitiku (1,4), jiġifieri l-maħfra tad-dnub. Għal dan l-iskop għoli kien isir l-olokawst. U billi l-offiża li ssir lil Alla dejjem hija waħda kbira, allura s-sagrifiċċju għandu jkun sħiħ u komplut, f'kelma waħda l-vittma tiġi maħruqa kollha.

## e. Obligu tal-olokawst

Il-Lhud, f'ċirkustanzi determinati lilhom mil-liġi, kellhom l-obbligu li joffru lill-Mulej is-sagrifiċċju olokawst. Il-qassis il-kbir, il-qassisin u l-leviti kienu jidbħu l-olokawst f'Jum il-Konsagrazzjoni tagħhom. Dan kien isir bħala radd il-ħajr lil Alla tal-grazzji li tahom (Eż 29, 1-35; Lev 8,18-21).

Dik il-mara wara li twelled u jgħaddu jiem it-tisfija, kellha tmur fil-maqdes ta' Ġerusalemm tagħmel ir-rit tal-purifikazzjoni u tidbaħ ħaruf ta' dik is-sena. Fil-każ imbagħad li dan ma setgħetx tagħmlu, iġġib magħha żewġ gamimiet jew żewġt ifrieħ tal-ħamiem, wieħed għall-ħruq u l-ieħor għal debħet il-ħtija" (Lev 12,8). Dan huwa s-sagrifiċċju li debħet Marija flimkien ma' żewġha Ġużeppi meta marru fit-tempju biex joffri lil Binha Ġesù lil Alla (Lq 2,22).

F'jum is-Sibt u nhar ta' festa, jiġu offruti żewġt iħrief. Ma' dawn id-debħiet kienu jsiru offerti oħra ta' kuljum. L-olokawst kien sar id-debħa l-iktar frekwenti fl-aħħar żminijiet tat-tempju, jiġifieri minn żmien Ġesù sas-sena 70.

## f. Turija ta' fidi

L-olokawst, mela, kien att ta' adorazzjoni 'l Alla fl-ogħla grad, l-istqarrija massima tal-liturġija Lhudija, kif ukoll tpattija għall-maħfra tad-dnub. Iżrael meta kien jidbaħ l-olokawst kien jixhed u juri fil-beraħ il-fedeltà sħiħa u s-sedqa tiegħu lejn Alla ta' missirijietu. Dan is-sagrifiċċju kien ta' importanza għolja għar-reliġjon ta' Mose. Difatti meta fil-ktieb ta' Danjel naqraw dwar il-waqfien tal-olokawst, dan kien ifisser l-akbar hemm, dwejjaq u niket li seta' qatt jiġi fuq Iżrael (Dan 11,31).

Hekk kif il-għan ċentrali tal-olokawst kien il-maħfra totali tad-dnub, l-istess ħsieb kien hemm fil-Passjoni u l-mewt ta' Ġesù. Il-Feddej tal-bniedem imkebbes u mqabbad bin-nar mhux le naturali, iżda ta' mħabba, offra lilu nnifsu lil Alla Missieru bħala tpattija għal dnubietna. San Ġwann l-Evanġelista dan jgħallmu sew: "Uliedi, dan qiegħed niktbilkom biex ma tidinbux, imma jekk xi ħadd jidneb aħna għandna Difensur quddiem il-Missier, lil Ġesù Kristu, il-ġust, li jħallas għal dnubietna".

Dan l-istess ħsieb qiegħed ukoll fl-ittra lil-Lhud; "Konna mqaddsin, permezz tal-offerta tal-ġisem ta' Ġesù Kristu, magħmula darba għal dejjem" (Lhud 10,10b).

# 3. IS-SAGRIFĊĊJU ESPJATORJU

## a. Tifsir tal-Kelma

Il-kelma espjatorju, li mhijiex kelma bil-Malti, tfisser dik il-kwalità ta' sagrifiċċju li għandu s-setgħa jew il-qawwa biex isewwi jew jirrepara xi ħtija li tkun saret mela dnub. Però dejjem biex inkunu aktar preċiżi, is-sagrifiċċju espjatorju kien jeħles lil dawk li jiksru l-liġi mhux le formalment iżda materjalment, jiġifieri bla ma kienu jafu, jew minħabba l-injoranza involuntarja.

Dan huwa ċar ħafna fil-Levitiku (4,2); "Meta xi ħadd bla ma jrid jikser xi waħda mil-liġijiet kollha tal-Mulej u jagħmel xi ħaġa li ma għandux jagħmel..... joffri lill-Mulej għall-ħtija li jkun għamel għoġol bla difett".

## b. Min joffri s-sagrifiċċju

Ir-ritwal tad-debħa espjatorja huwa differenti f'diversi punti mis-sagrifiċċju olokawst. U dan dejjem skont il-persuna jew persuni li għalihom issir id-debħa. Hemm bżonn għalhekk li wieħed jagħżel bejn: (a) il-qassis il-midluk (Lev 4,2-11), (b) il-miġemgħa kollha ta' Iżrael (Lev 4,13-21) (c) il-prinċep jew rajjes ieħor (Lev 4,222-26), (d) il-persuna partikolari, waħedha (Lev 4,27-5,13).

Ukoll il-materja jew vittma għad-debħa hija differenti dejjem skont il-każijiet imsemmija fuq. Jekk jidneb il-qassis il-kbir kif ukoll idinneb in-nies minħabba t-traskuraġni fil-qadi ta' dmiru, dan għandu joffri għall-ħtija barri sħiħ lill-Mulej. Hekk ukoll jekk tidneb il-miġemgħa kollha ta' Iżrael, bla ma tintebaħ pero saru ħatjin materjalment, il-poplu kollu joffri barri lill-Mulej. Jekk imbagħad jidneb is-sultan, jew xi rajjes waħdu, id-debħa tiegħu għal dnubu għandha tkun bodbod sħiħ.

Hemm imbagħad imsemmija wkoll il-fqar; dawn minflok ma jġibu annimal mill-merħla għax naturalment ma għandhomx, id-debħa tagħhom għandha tkun ta' "żewġ gamimiet jew żewġ frieħ tal-ħamiem lill-Mulej" (Lev 5,7). U wkoll jekk l-anqas ma jifilħu għal dan, (il-ħamiem jew gamiem), dawn il-midinbin għandhom joffru "waħda mill-għaxra ta' efa smid". Pero waqt li dan is-smid ikun qiegħed jinħaraq, ma jitfgħux fuqu la żejt u l-anqas inċens, ir-raġuni għaliex hija proprju din. Id-debħa hija tad-dnub, u għalhekk ma għandux ikun hemm atmosfera ta' festa u ferħ. U aħna nafu sewwa kemm iż-żejt u l-inċens jitolbu arja ta' ferħ u festa, u dan jgħodd b'mod speċjali fost in-nies semitiċi.

### ċ. It-tixrid tad-demm

Waħda mill-partikularitajiet li hemm f'dawn is-sagrifiċċji hija t-tiswib tad-demm tal-bhima. Jekk wieħed joqgħod għall-erba' eżempji fuq imsemmija, wieħed jinnota li r-rit tad-demm huwa differenti.

Jekk il-midneb jew ħati jkun il-qassis il-kbir, jew il-miġemgħa kollha ta' Iżrael, allura jkun l-istess qassis il-kbir li "jbill il-qassis sebgħu fid-demm u jroxx bid-demm seba' darbiet quddiem il-Mulej lejn il-velu tal-Maqdes". "U l-qassis iqiegħed ftit demm fuq qrun l-artal tal-inċens ifuħ, li qiegħed quddiem il-Mulej, fit-tinda tal-laqgħa, u l-bqija tad-demm tal-għoġol ixerrdu taħt l-artal tas-sagrifiċċju li hemm quddiem il-bieb tat-tinda tal-laqgħa" (Lev 4,7).

F'każijiet oħra, fejn il-vittma għas-sagrifiċċju tkun xi waħda mill-merħla, ir-rit tad-demm ikun billi "jqiegħed ukoll ftit demm fuq qrun l-artal li hemm quddiem il-Mulej fit-tinda tal-laqgħa u l-bqija tad-demm ixerrdu f'riġlejn l-artal tas-sagrifiċċju li jinsab quddiem il-bieb tat-tinda tal-laqgħa" (Lev 4,18).

Jekk imbagħad il-vittma tkun xi ħamiema jew gamiema, il-qassis "jilwilha rasha minn ħdejn għonqha, bla ma jaqtagħha u jroxx id-demm tal-vittma tal-purifikqzzjoni mal-ġnub ta l-artal u jagħsru f'riġlejn l-artal" (Lev 5,9).

### d. Liġijiet għall-qassisin

Hawn ta' min isemmi wkoll li matul il-medda tas-snin saru xi liġijiet partikulari lill-qassisin f'dak li għandu x'jaqsam direttament mas-sagrifiċċju espjatorju. Difatti dawn ma setgħu jieklu l-ebda parti mill-annimali li kienu jitressqu għas-sagrifiċċju espjatorju. Il-laħam, għalhekk kien jiġi maħruq kollu kemm hu fuq il-midbaħ sabiex jitla' 'l fuq bħala fwieħa sħiħa u li togħġob lil Alla.

### e. Sagrifiċċju għad-dnubiet

Il-Bibbja hekk imsejħa Vulgata, jiġifieri bil-Latin, issemmi ċerti sagrifiċċji għall-maħfra tad-dnubiet *pro peccato*. Dawn id-debħiet kienu figura sħiħa u ċara tas-sagrifiċċju tal-kalvarju. Dan li qed ngħid jiġi ppruvat sew minn diversi testi ta' San Pawl: "Dak li ma kienx jaf x'inhu dnub, Alla għamlu dnub għalina *ûper hümon ãmartian epoisen* sabiex aħna nsiru fih ġustizzja t'Alla" (2 Kor 5,21). Hawnhekk, għalkemm ma jgħidx espressament, imma Pawlu kellu f'moħħu il-festa tal-*Yom Kippur* tal-Lhud, jew tal-Espjazzjoni meta l-qassis il-kbir

iqiegħed idejh fuq il-bodbod u jgħaddilu d-dnubiet kemm tiegħu personali kif ukoll tal-poplu kollu Lhudi. Imbagħad dan il-bodbod jitilquh jiġġerra fid-deżert post ix-xjaten.

Meta l-fissiera tal-Iskrittura jispjegaw dan it-test, jaslu għall-konklużjoni li Ġesù sar qisu "dnub", sabiex meta jmut, u hekk jintemm fuq il-Kalvarju, jkun tassew il-vittma sħiħa. Hu (Ġesù) iħassar id-dnub tal-umanità. F'kelma waħda, is-sagrifiċċju espjatorju tat-Testment il-Qsadim u li għadni kemm iddeskrivejt sab il-milja tiegħu fi Kristu vittma innoċenti u li xerred demmu kollu għalina skjavi tax-xitan.

Fl-ittra tiegħu lir-Rumani San Pawl jikteb: "Għalhekk issa huma jkunu ġġustifikati bil-grazzja tiegħu li jagħtihom minn rajh permezz tal-fidwa li hemm fi Kristu Ġesù. Lilu Alla kkonsitwieh vittma ta' espjazzjoni b'demmu" (Rum 3,24). F'dan il-kliem Pawlu tant ra xebh qawwi u mill-qrib bejn dawn is-sagrifiċċji tat-T.Q u dawk tal-Kalvarju, li huwa mar juża l-istess terminu "espjazzjoni", għas-sagrifiċċju tal-Kalvarju.

Dan kollu ifisser li kif fit-Testment il-Qadim ir-riparazzjoni tal-ħtija favur il-miġemgħa kollha ta' Iżrael kienet issir billi il-qassis il-kbir iroxx id-demm fuq il-propizjatorju li kien jgħatti l-arka tal-patt, li kienet fil-parti l-aktar qaddisa tat-tempju għaliex kien hemm il-preżenza t'Alla, hekk ukoll ġara fuq il-kalvarju. U huwa għalhekk li mal-mewt ta' Ġesù jiċċarrat il-velu tat-tempju minn fuq sa isfel, li kien ifisser li issa ma fadalx bżonn li ta' kull sena il-qassis il-kbir jidħol hemm ġew bid-demm tal-annimali u jroxxu fuq l-għatu tal-arka.

Il-persuna ta' Ġesù, li kellha magħqud magħha żewġ naturi dik ta' bniedem u dik ta' Alla, saret il-vittma espjatorja, jiġifieri ħallas għalina l-bnedmin kollha bil-qawwa tad-demm għażiż tiegħu li xerred kollu għalina. Dan il-prezz tal-Fidwa tagħna l-bnedmin huwa wieħed infinit, għaliex huwa d-demm divin ta' Alla. F'kelma waħda dak li fir-Rabta l-Qadima kien figura u tip, issa sar realtà billi twettaq fil-persuna divina ta' Kristu Vittma. Din hija realtà li ħadd ma jista jiċħadha. Din il-verità qaddisa diġà kellha eku tagħha fir-raba' għanja tal-Qaddej ta' Jaħweh li qiegħda f'Isaija 53. Ħalli nikkwota xi siltiet minn din il-għanja profetika imma li sabet it-twettiq kollu tagħha fi Kristu vittma espjatorja.

i. "Ħaqruh, u hu qagħad għalihom bla biss ma fetaħ fommu; bħal ħaruf meħud għall-qatla, u bħal nagħġa mbikkma f'id min iġiżżha ma fetaħx fommu". (Is 53,7)

ii. "Kien imżeblaħ u mwarrab mill-bnedmin, bniedem li bata u kien jaf x'inhu l-mard, bħal wieħed li n-nies jaħbu wiċċhom minnu, bniedem imżeblaħ, u aħna xejn ma qisnieh. Iżda hu rafa' fuqu l-mard tagħna, tgħabba bin-niket tagħna." (Is 53,4)

iii. "Iżda l-Mulej għoġbu jgħakksu bil-mard. Talli joffri ruħu b'sagrifiċċju ta' riparazzjoni... Wara bit-tbatija tiegħu għad jara d-dawl, jixba' bit-tagħrif tiegħu." (Is 53,1)

## 4. KONKLUŻJONI

L-awtur tal-Ittra lil-Lhud li kien jaf sew bin-numru kbir ta' debħiet issa wara li miet Ġesù jikteb hekk dwar dawn is-sagrfiċċji kollha; "Jekk id-demm tal-mogħoż u tal-gniedes u l-irmied tal-għoġiela mraxxax fuq dawk li huma mniġġsa jista' jqaddishom billi jagħtihom l-indafa tal-ġisem, kemm aktar id-demm ta' Kristu, li bl-Ispirtu ta' dejjem offra lilu nnifsu vittma safja lil Alla, jista' jnaddaf il-kuxjenza tagħkom mill-għemil mejjet biex taqdu lil Alla ħaj" (Lhud 9,13-14).

Ma' dan it-tagħlim hekk għoli dwar il-fidwa miksuba bid-demm ta' Ġesù jaqblu kemm San Pietru kif ukoll San Pawl. Hekk tal-ewwel: "Kunu afu li intom kontu mifdija mill-ħajja

tagħkom fiergħa li ħadtu mingħand missirijietkom, mhux b'xi ħaġa li tintemm, bħalma hi l-fidda jew id-deheb, imma bid-demm għażiż ta' Kristu, li kien bħal ħaruf bla għajb u bla tebgħa" (1 Pt 1,18-19). Dwar Pawlu niktbu: "Lilu Alla kkostitwieh vittma ta' espjAzzjoni b'demmu permezz tal-fidi biex b'hekk Alla issa juri l-ġustizzja tiegħu" (Rum 3,23-25). Kif ukoll: "Fih aħna għandna l-fidwa bid-demm tiegħu, il-maħfra tad-dnubiet, skont l-għana tal-grazzja tieghu" (Ef 1,7).

Mela dak li fit-Testment il-Qadim kien biss xbieha issa sar tassew realtà, u dan huwa Ġesù ta' Nażaret.

# 2. ID-DNUB FIT-TESTMENT IL-ĠDID

Mons Anton Mizzi

Minkejja xi tentattivi filosofiċi biex jinnegaw l-eżistenza tad-dnub kif ukoll l-inklinazzjoni lejn l-eliminazzjoni tas-sens tad-dnub jew in-nuqqas tiegħu fl-era moderna, huwa fatt però li l-bniedem fid-dinja tal-lum, jiltaqa' mal-ħażen u jħoss il-presenza tar-realtà tad-dnub, jekk mhux ukoll xi drabi jaqa' fih u jgħaddi mill-esperjenza tiegħu. Quddiem din l-esperjenza umana, il-Bibbja mgħonija bis-sens profond tal-qdusija ta' Alla, turi bis-sħiħ ir-realtà tad-dnub u d-dimensjonijiet varji tiegħu. Hi tiddikjara l-eżistenza dnub kif jidher evidentement fil-qalb u fl-azzjoni tal-bniedem midneb u mhux sempliċement idea mitoloġija jew finzjoni tal-moħħ.

Dan il-fatt tad-dnub il-Bibbja tieħdu b'mod serju ħafna, tant li l-parti l-kbira tal-awturi bibliċi huma konxji mill-ħażen u l-ħtija tiegħu. In-nozzjoni tad-dnub hija murija b'espressjonijiet varji kemm fl-Antik Testment u fil-Ġdid Testment. Il-Bibbja turi wkoll kif il-bniedem, li sab ruħu fid-dnub u jsofri l-konsegwenzi tiegħu, hu ħerqan li jfittex is-salvazzjoni tiegħu. Din hi mogħtija lilu bħala offerta minn Alla li hu kollu tjubija.

## 1. It-terminoloġija tad-dnub fl-Antik Testment

Il-Bibbja li għandha għall-attenzjoni tagħha l-valuri morali u spiritwali, tħares lejn ir-realtà tad-dnub imfissra b'vokabularju wiesgħa. L-istorja biblika tgħinna anke ngħarfu aħjar in-natura tad-dnub u d-dimensjonijiet kollha tiegħu. Ir-rivelazzjoni titkellem dwar il-bniedem u d-dnub u titkellem ukoll dwar Alla u l-imħabba tiegħu li topponi d-dnub u l-ħniena tiegħu fil-konfront tad-dnub.

Fl-Antik Testment id-dnub hu deskritt b'ħafna termini fl-Ebrajk li għandhom użu profan jew sekulari u ħafna drabi mislufin mill-kamp tar-relazzjonijiet umani. L-ebda kelma fosthom f'dan ir-rigward ma kellha użu eklussivament reliġjuż u teoloġiku kif soltu nifhmu bil-kelma "*dnub*" ("sin") f'sens teoloġiku. Mela l-kliem kollu fl-Ebrajk dwar id-dnub għandhom kemm is-sens profan kif ukoll is-sens reliġjuż u għalhekk wieħed mgħandux iħares sempliċement biss lejn il-kontenut reliġjuż. Aktar milli diskors teoretiku, l-awturi sagri Lhud fittxew permezz ta' ħafna termini li juru b'mod ħaj is-sens profond u wiesgħa tal-effetti tad-dnub kif jinħassu fl-esperjenza tal-bniedem. Minħabba din il-varjeta lingwistika, mhux dejjem saret jew issir ġustizzja fit-traduzzjonijiet tal-vokabularju ebrajk, kemm f'dik antika bil-Grieg tas-Settanta (LXX) u anke f'oħrajn moderni.

### *a. It-termini fl-Ebrajk*

Naraw issa dawk it-termini fl-Ebrajk li huma l-aktar basiċi biex jiddeskrivu d-dnub. L-aktar għerq komuni hu '*chata*' (אטח) użat bħal verb li jfisser ma laqatx, falla (xi ħaġa, il-mira jew jitlef it-triq) u tidneb. Fis-sens konkret "*tfalli*" il-verb insibuh f'Imħal. 20:16: "*u ma jfallilux*" (ara wkoll Ġob 5:24); jew jitlef it-triq: "*u min jimxi bl-għaġla jitlef triqtu*" (Prov. 19:2) jew "*jitlef lili* (l-Għerf)" (Prov. 8:36); forsi anke jitlef fis-sens li tqiegħed fil-periklu (il-ħajja tiegħu, ara Prov. 20:2). Imma l-verb hu użat l-aktar fis-sens reliġjuż, mifhum bħala nuqqas spiritwali u morali, kemm jekk kontra xi bniedem jew xi ħadd ieħor (Ġen. 20:9; Eż. 5:16; 1Slat. 18:9) u kemm jekk kontra Alla (Eż. 20:20; Num. 16:22; Lam. 5:7). Jista' jiġi estiż biex jinkludi l-ħtija jew il-kastig għad-dnub: "*Jien inkun ħati għalik għal għomri kollu*" (Ġen. 43:9: "*I shall incur the blame of sinning against thee*…"). Jintuża wkoll biex jindika l-att ta' tisfija mid-dnub, l-aktar permezz ta' offerti ta' purifikazzjoni kif preskritti mil-liġi (Lev. 9:15). In-nom fl-Ebrajk ħafna drabi hu użat f'kuntest kultwali li jindika sagrifiċċji ta' purifikazzjoni kif

deskritti f'Lev. 4:1-5:13, iżda nsibuh bit-tifsira ta' dnub (ħtija, "*sin*") kontra bniedem (Ġen. 31:36) jew kontra Alla (Lev. 4:14; 1Sam. 2:17).

Termini oħra fl-Ebrajk li huma konnessi ma' għemejjel li jmorru kontra dak li hu tajjeb u ġust huma:

Il-għerq muri bil-verb '*shagah*' (שגה) u '*shagag*' (שגג) u n-nom '*shagagah*' (שגגה) għandu t-tifsira tiżbalja (Is. 28:7), għamel ħażin b'injoranza jew b'inadvertenza: "*tidneb bla ma tintebaħ*" (Lev. 4:13); anke moralment (Ġob 6:24).

Anke l-għerq '*taah*' (תעה) li jfisser mitluf, tiżvija lil xi ħadd barra mit-triq għandu s-sens fiżiku (Eż. 23:4), imma anke żball f'sens morali (Eżek. 44:10; 48:11; Sal. 58:4).

Terminu li hu importanti fuq livell teoloġiku hu '*pasha*' (פשע) li bħala verb ifisser tirvella, tqum kontra xi ħadd (1Slat. 12:19) u bħala nom (פשע) għandu l-istess tifsira ta' ribelljoni, taqbeż il-limiti, trasgressjoni (Ġen. 3:36). Iżda il-verb u n-nom juru wkoll id-dnub bħala ribelljoni, sfida kontra Alla (verb: 1Slat. 8:50; Is. 1:28; Am. 4:4; nom: Am. 5:12). It-termini '*marad*' u '*marah*' fl-Ebrajk għandhom ukoll is-sens tad-dnub bħala ribelljoni.

'*awon*' (עון) hu n-nom li nsibu ħafna drabi b'emfasi reliġjuża qawwija li jfisser għamil jew azzjoni ħażina, inġusta (Ġob 15:5), il-ħtija tal-ħażen (Ġen. 44:16) u anke l-kastig tal-ħażen (Is. 53:11). Xi drabi dawn it-tliet tifsiriet ma tantx jiddistingwu ħafna bejniethom (Ġen. 4:13). Il-verb '*awah*' (עוה) b'tifsira sekulari li tgħawweġ f'sens fiżiku (Is. 24:1) jew psikoloġikament imkexkex (Is. 21:3), ifisser wkoll li twettaq ħażen (Dan. 9:5). Dan l-għerq jesprimi l-ħażen magħmul b'mod konxju u intenzjonali u jiddeskrivi l-qagħda interna tal-midneb.

L-għerq '*ra'a*' (רעע) ifisser ħażin, ħażen, deni bħala nom (Ġen. 26:29), aġġettiv (Ġen. 47:9) u bħala verb (Sl. 106:32) f'sens kwalitattiv. Iżda għandu t-tifsira ta' ħażen morali u spiritwali muri b'mod pervers li jesprimi l-istat intern tal-midneb bħala bniedem li jagħmel il-ħażen (Ġen. 38:10: "*dak li għamel kien ħażin f'għajnejn il-Mulej*").

Anke l-għerq '*rasha*' (רשע) li jfisser għamil ħażin, kattiv, ħażin, tagħmel il-ħażin; hu l-oppost ta' '*tsadiq*', jiġifieri tkun ġust. Minbarra l-aspett legali dan l-għerq jesprimi wkoll in-natura internament imħassra tal-bniedem li hu ħati tal-ħażen li jkun wettaq (Eż. 2:13; 1Slat. 8:47). Dan hu terminu importanti użat fl-Antik Testment li jindika bniedem bħala midneb.

Jekk forsi ħafna drabi l-Lhud ma kienux tant jiddistingwu bejn dnub u l-ħtija effett tad-dnub, il-kelma Ebrajka '*asham*' (אשם) hi partikulari biex tindika l-ħtija (Ġen. 26:10). Tfisser ukoll offiża u tirreferi wkoll għas-sagrifiċċji jew offerti tar-riparazzjoni (Lev. 4-5). Maż-żmien il-kunċett tal-ħtija fost il-Lhud sar aktar etiku u spiritwali (Ġer. 51:5). Anke l-verb għandu t-tifsira li twettaq ħtija, offiża: "*kien ħati tassew quddiem il-Mulej*" (Lev. 5:19).

Ma dawn it-tmiem termini li semmejna, fl-Ebrajk insibu diversi termini oħra. Iżda b'dawk li semmejna huma biżżejjed biex nuru l-varjeta u l-għana tal-ħsieb dwar id-dnub fl-Antik Testment.

### *b. It-termini bil-Grieg fis-LXX*

Naraw issa fil-qosor it-termini dwar id-dnub li huma użati bil-Grieg fit-traduzzjoni tal-Antik Testment fil-verżjoni tas-LXX (tas-Settanta: il-verżjoni tal-A.T. bil-Grieg). Fost it-termini l-aktar użati huma dawn:

'*harmatia*' (***άμαρτια*** tfisser dnub) li għandha aċċentwazzjoni reliġjuża l-aktar qawwija titraduċi l-aktar l-Ebrajk '*chata*' u d-derivati tagħha; f'ammont anqas it-terminu '*awon*'; f'numru iżgħar il-kliem '*pasha*' u '*asham*'; u mbagħad hemm xi każi ta' termini oħra.

'*hamartēma*' (***άμαρτημα*** tfisser dnub, trasgressjoni, ksur tal-liġi) titraduċi l-aktar l-Ebrajk '*chata*', '*awon*' u '*pasha*'; hemm ukoll xi każi ta' termini oħra.

'*hamartōlos*' (***άμαρτωλος*** tfisser midneb, raġel midneb) titraduċi l-aktar l-Ebrajk '*rasha*'; f'numru anqas '*chata*' u wkoll xi każi ta' termini oħra.

'*harmatanō*' (***άμαρτανω*** hu verb li fil-klassiku jfisser tfalli, ma laqatx il-mira – "miss the mark"; f'sens reliġjuż tfisser tikser xi ħaġa bħala offiża kontra d-divinità jew il-liġi morali u reliġjuża ta' Alla, tidneb, tagħmel il-ħażin) hu użat l-aktar għal '*chata*'; anke għal '*pasha*' u '*asham*' u xi każi ta' termini oħra.

'*adikia*' (***άδικια*** tfisser ħażen, inġustizzja) għandha ħafna ekwivalenti fl-Ebrajk, l-aktar komuni hi '*awon*'; imbagħad hemm ħafna termini oħra li huma użati ftit drabi biss.

'*adikēma*' (***άδικημα*** tfisser ħtija, delitt, għemil ħażin) hi l-aktar użata għal '*awon*' u '*pasha*' u mbagħad għal kliem ieħor użati darba jew darbtejn.

'*adikos*' (***άδικος*** tfisser inġust, ħażin, diżonest) hi użata l-aktar għal '*sheqer*' (mhix imsemmija fuq li tfisser qerq, falsità) u xi kliem ieħor f'anqas frekwenza.

'*adikeō*' (***άδικεω*** verb li jfisser tagħmel il-ħażen bħala vjolazzjoni tal-liġi umana jew divina; taħqar, tagħmel il-ħsara) tuża xi ftit '*chata*', '*pasha*', '*ra'a*' u '*rasha*'. Hemm imbagħad xi termini oħra.

'*anomia*' (***άνομια*** tfisser ħażen jew għemil li jmur kontra l-liġi - lawlessness) għandha ħafna ekwivalenti fl-Ebrajk, l-aktar '*awon*'; hemm ħafna termini oħra li huma użati ftit drabi.

'*anomos*' (***άνομος*** tfisser bla liġi, wieħed bla liġi, bniedem ħażin għax mingħajr il-liġi bħalma kienu l-pagani) titraduċi l-aktar '*rasha*' u xi kliem ieħor bi frekwenza żgħira.

'*anomēma*' (***άνομημα*** tfisser ħażen, ħtija, azzjoni li tisfida l-liġi – lawless) użata xi ftit drabi għal '*awon*' u '*pasha*'; ukoll għal xi termini oħra.

'*anomein*' (***άνομειν*** verb li jfisser tidneb kontra xi ħadd, taġixxi kontra l-liġi jew bħallikieku mingħajrha – be lawless) użata għal ftit każi ta' '*rasha*' u '*pasha*'; hemm ukoll xi termini oħra.

'*asebeia*' (***άσεβεια*** tfisser ħażen, kliem jew għemil li juri nuqqas ta' rispett lejn Alla – impiety) għandha aċċentwazzjoni reliġjuża l-aktar qawwija bħal *άμαρτια*, u hi użata l-aktar għal '*pasha*'; ukoll għal '*rasha*' u diversi termini oħra bi ftit każi.

'*asebēs*' (***άσεβης*** tfisser bniedem ħażin, irriverenti, nieqes mir-rispett lejn Alla – impious) użata l-aktar għal '*rasha*'.

'*asebein*' (***άσεβειν*** verb li jfisser twettaq għemil ħażin, irriverenti – act impiously) użata wkoll għal '*rasha*'; hemm ukoll każi għal '*pasha*' filwaqt li mhix użata qatt għal '*chata*'.

'*kakia*' (***κακια*** tfisser ħażen f'sens morali jew malinjità; taħbit) insibuha l-aktar għal '*ra'a*'; ukoll għal '*awon*' u xi termini oħra.

'*kakos*' (***κακος*** tfisser ħażin f'sens morali jew għal karatteristiċi, azzjonijiet ta' bniedem) hi użata wkoll l-aktar għal '*ra'a*'; hemm ukoll każijiet ta' diversi termini oħra.

Barra dawn hemm xi termini oħra fil-Grieg. Din il-varjetà ta' kliem fil-Grieg ġejja minħabba d-diffikultà fl-użu tal-kliem fl-Ebrajk li kollha kellhom kemm is-sens sekulari u anke dak reliġjuż. Dan kellu impatt fuq it-tradutturi Griegi li xi drabi għamlu emfasi reliġjuża meta ma kienx hemm (Prov. 1:31), u drabi oħra bil-kuntrarju, meta użaw terminu sekulari li dgħajjef il-kontenut reliġjuż (Ġob 9:22).

### *ċ. Il-Kunċett tad-Dnub fl-Antik Testment*

Jekk inħarsu lejn l-istorja tas-salvazzjoni fl-Antik Testment naraw li d-dnub hu parti mill-istorja tal-bniedem. Il-bidu tiegħu hu muri fil-Ġenesi fl-ewwel stejjer tal-bniedem: l-ewwel għandna lil Adam u lil Eva li jiġu mħajra biex ikunu bħal Alla bil-mod tagħhom, u meta għamlu hekk daħal id-dnub (Ġen. 3:1-8). Imbagħad fl-istorja ta' uliedhom, Kajjin u Abel, naraw li l-bniedem jieħu f'idejh is-setgħa tal-ħajja u l-mewt li tappartjeni għal Alla (Ġen. 4:8-12). Hawn id-dnub jissemma għall-ewwel darba (Ġen. 4:7) fil-kuntest tal-liberta' li jgawdi u r-responsabilità li għandu l-bniedem. Fl-istejjer suċċessivi d-dnub ikompli jimmanipula l-azzjoni tal-bniedem u jwassal għall-korla ta' Alla. Il-misteru tal-ħażen hu spiss spjegat fid-dawl tad-dnub tal-bniedem li għandu bħala konsegwenza t-tiġrib jew il-gwaj li mbagħad iġarrab fil-ħajja personali jew soċjali jew fin-natura. Għalhekk hu meqjus bħala riżultat ta' għemilu. Iżda ma tonqosx il-fidi li hi l-oppost tad-dnub, u li permezz tagħha wieħed jifhem aħjar il-ġrajjiet u l-wegħda ta' Alla. Anke l-profeti fil-messaġġ tagħhom kienu min-naħa jwasslu l-kelma tal-kundanna għad-dnub u min-naħa l-oħra kien hemm kliem ta' faraġ minħabba l-ħidma kollha tjieba u ħniena ta' Alla (Is. 53:12). It-tradizzjoni sapjenzali turi l-bluha tal-midneb meta dan iwarraw l-għerf li ġej mill-Mulej (Sir. 1).

Nistgħu ngħidu li d-duttrina tad-dnub fl-Antik Testment turi l-ewwel nett li d-dnub hu fundamentalment diżubbidjenza lejn Alla, imur kontra l-imħabba ta' Alla. L-emfasi qegħda aktar fuq it-twettiq tal-ħażen milli fuq l-omissjoni tat-tajjeb għalkemm din mhix eskluża. Mela d-dnub mhux biss li tfalli fil-mira it-tajba imma li tolqot il-mira l-ħażina. Għalhekk id-dnub hu ħażin u jaffettwa lill-bniedem profondament: mhux biss ineħħilu l-vera ħajja imma jwassal lill-bniedem għall-agħar. Tiġdid minn din is-sitwazzjoni ħażina mhijiex possibli mill-bniedem waħdu. Hu meħtieġ l-intervent ta' Alla għal dan it-tiġdid kif inhu mfisser b'mod sublimi fis-Salm 51: minn ribelljoni: "*kontrik jiena dnibt*" (v. 6) għal indiema li twassal għal tisfija: "*aħsilni mill-ħtija tiegħi*" (v.4); dan imbagħad iġib it-tiġdid: "*Oħloq fija qalb safja...u spirtu qawwi ġedded fija*" (v.12).

## 2. Id-Dnub fit-Testment il-Ġdid

Meta nħarsu lejn it-Testment il-Ġdid nosservaw li t-tifsira tad-dnub għandha d-derivazzjoni tagħha mhux mill-Grieg klassiku imma mis-sens reliġjuż tal-Antik Testment li hu meħud bħala fatt aktar milli bħala xi ħaġa espliċita. It-terminu l-aktar komuni għad-dnub hu '*hamartia*' (***ἁμαρτια***) u d-derivati tiegħu. Fil-klassiku, kif rajna, ifisser tfalli jew ma laqatx il-mira. Imma fit-Testment il-Ġdid, meta kkunsidrat f'sens reliġjuż, isir terminu teoloġiku li juri l-kunċett kristjan tad-dnub: wieħed li jkun naqas lejn ir-rieda ta' Alla mqegħda għalina. Dan il-kunċett ma nsibuhx fl-użu tal-kelma '*hamartia*' u d-derivati tagħha fil-Grieg klassiku.

### *a. It-Terminoloġija tad-Dnub fit-Testment il-Ġdid*

Hu veru li t-terminu '***hamartia***' (f'1Kor. 6:18 insibu n-nom '*hamartēma*' u l-verb '*hamartanō*'; 1Kor. 11:7: in-nom '*hamartia*': dnub - 'sin') hu l-aktar komprensiv biex tispjega l-kunċett tad-dnub. Però fit-Testment il-Ġdid insibu vokaboli oħra li huma bażiċi u importanti biex niddeskrivu r-realtà tad-dnub. Uħud diġà semmejnihom aktar qabel. Dawn huma:

'***adikia***', li tfisser ħtija (2Kor. 12:13 – wrongdoing, misdeeds), inġustizzja, ħażen (Rum. 1:29; 1Kor. 6:9; 2Tes. 2:12 - 'unrighteousness');

'***anomos***', li tfisser mingħajr liġi (1Tim. 1:9; f'1Kor. 9:21 insibuha erba darbiet b'riferenza għal-liġi morali ta' Alla opposta għal '*ennomos*': li tfisser skond il-liġi, taħt il-liġi); wieħed meqjus mal-ħżiena (Lq. 22:37 - 'lawlessness');

'***asebēs***', li tfisser bniedem ħażin, (Rum. 1:18; 5:6; 1Tim. 1:9; 2Pt. 2:5: "*id-dinja tal-ħażen*"; 3:7 - 'godless, impious');

'***kakos***', li tfisser ħażin, ma jiswa xejn; f'sens morali għal persuna (Mt. 24:48: "*qaddej ħażin*"; Filip. 3:2) jew għal għemil (Rum. 13:3); ukoll xi ħaġa li tagħmel ħażin jew ħsara (Rum. 14:20 - 'bad').

Termini oħra li nsibu fit-Testment il-Ġdid u li anke jiddeskrivu d-dnub, nistgħu nsemmu wkoll dawn li ġejjin:

'***agnoein***', li tfisser ma tkunx taf ; hekk f'At. 17:23: "*tqimuh bla ma tagħrfuh*" għal Alla; formula li jħobb juża Pawlu hi: litteralment 'ma nixtieqx imma li intom ma tafux' = "*Nixtieqkom tkunu tafu*" (Romans 1:13; 1Kor. 10:1); ukoll tagħmel ħażin, tidneb fl-injoranza (Lh. 5:2 u qegħda flimkien ma' '*planan*': li tfisser tiżbalja: "*jagħder 'il dawk li ma jafux u li jiżbaljaw*" -'to be ignorant');

'***enochos***', li tfisser maħkum jew suġġett għal (ara bħal Lh. 2:5: "*kienu mjassrin għal għomorhom kollu*"); imma aktar f'sens legali: ħaqqu, suġġett għal, responsabbli (Matthew 5:21: "*ħaqqu l-kundanna*", 22ab; Mt. 26:66; Mk. 3:29); ħati (juri l-persuna jew il-ħaġa li kontra tagħha jkun sar id-dnub: 1Kor. 11:27; Ġak. 2:10 - 'guilty');

'***parabasis***' li tfisser ksur tal-liġi, (Rum. 2:23) trasgressjoni (Rum. 5:14: il-waqa' jew trasgressjoni ta' Adam; Lh. 9:15: "*ħtijiet*" - 'transgression'); allura wkoll in-nom '*parabatēs*' (Gal. 2:18: "*ħati*"): trasgressur tal-liġi, i.e. il-midneb, il-ħati (Ġak. 2:11);

'***paraptoma***' (ukoll il-verb '*paraptomai*' bit-tifsira: taqa'; ara Lh. 6:6), li tfisser ħtija, trasgressjoni kontra bnedmin (Mt. 6:14,15); ġeneralment tirreferi għad-dnubiet kontra Alla, kemm fis-singular: bħat-trasgressjoni ta' Adam (Rum. 5:15ab) jew ħtija (Gal. 6:1); u kollettivament (Rum. 5:20; 11:11 jirreferi għal ħtija ta' Iżrael, jiġifieri ma emmnux - 'to fall away'); u l-aktar fil-plural (Mt. 6:15b; Rum. 4:25; Ef. 1:7);

'***planaō***', li fl-attiv tfisser tagħmel lil xi ħadd joħroġ barra mit-triq; tqarraq b'xi ħadd (Mt. 24:4,11,24; 1Ġw. 2:26); fil-passiv għandu s-sens li tintilef (nagħġa li tintilef: Mt. 18:12), anke f'sens simboliku għall-bnedmin li jtilfu t-triq (1Pt. 2:25); tkun mqarraq (Tit. 3:3; 1Kor. 6:9; 2Tim. 3:13: "*iqarrqu u jitqarrqu*" - 'to lead astray, go astray'); ukoll in-nom '*planē*' li jfisser żball, qerq, tiġġerra (Ef. 4:14; 2Pt. 3:17);

'***ponēros***', bħala aġġettiv tfisser marid, ħażin, imma f'sens etiku s-sens hu ħażin għal persuna (Mt. 7:11; 2Tes. 3:2) jew ħaġa (Kol.1:21); is-sostantiv ifisser bniedem ħażin, persuna b'intenzjoni ħażina (Mt. 5:45; 1Kor. 5:13); anke x-xitan (Mt. 13:19: "*il-Ħażin*" – 'evil').

Dawn it-termini li semmejna hawnhekk mit-Testment il-Ġdid, nsibuhom kollha fis-LXX. Barra dawn li semmejna, wieħed jista' jżid oħrajn li huma konnessi mad-dnub, bħal per eż. '*hupokrisis*' (ipokrizija: ara Mt. 23:28; 1Pt. 2:1); '*paranomia*' (li tfissser tagħmel il-ħażen jew ħsara: ara 2Pt. 2:16).

Nistgħu naraw minn dawn it-termini aspetti varji tal-bniedem u l-għemil tiegħu meta dan qed jaġixxi b'manjiera fejn juri li qed imur kontra ċerti normi stabiliti fuq livell morali u reliġjuż. Meta jaġixxi b'dan il-mod ikun qed jikser il-liġi u allura jsir ħati tad-dnub. Bid-dnub wieħed ikun qed jirribella kontra Alla u jmur kontra rieda tiegħu espressa fil-liġi tiegħu. Għalhekk il-bniedem ikun falla fil-għan tiegħu meta mqabbel ma' dak li jrid Alla għalih. Hi ċara r-responsabilità tal-bniedem minħabba l-iżball tiegħu li għalhekk iġib fuqu l-ħtija għax ikun ħareġ 'il barra mit-triq u safa' mqarraq. Din ir-responsabilità meta mhix imħaddma bir-reqqa, tagħmel lill-bniedem inġust minħabba l-inġustizzja li jkun wettaq u hu meqjus bħala bniedem ħażin.

Kif nistgħu naraw dawn it-termini kollha jgħinuna biex nifhmu aħjar ir-realtà wiesgħa tad-dnub. Fl-istess waqt juruna l-elementi ewlenin ta' din ir-realtà marbuta sew mal-istorja u l-azzjoni tal-bniedem. Dan il-kwadru jurina aħjar il-kontinwità fil-kunċett tad-dnub bejn il-ħsieb Lhudi fl-Ebrajk għal dak kif imfisser fil-lingwaġġ bil-Grieg tas-LXX u li jkompli wkoll bil-Grieg fil-lingwaġġ tat-Testment il-Ġdid. Iżda fit-Testment il-Ġdid insibu elementi ġodda fil-kunċett tad-dnub. Imiss issa li naraw dawn l-elementi ġodda f'dan il-kunċett tad-dnub. Din il-ħarsa però ser nillimitawha għal vokabolu l-aktar frekwenti u importanti dwar id-dnub, '*hamartia*' u d-derivati tagħha.

### *b. Elementi ġodda fit-Testment il-Ġdid*

L-ewwel fost l-elementi ġodda li nsibu fit-Testment il-Ġdid dwar il-kunċett tad-dnub hu li t-terminu '*harmartia*' jista' jirreferi għal azzjoni singola. Dan hu l-każ fil-Vanġeli Sinottiċi fejn ħafna drabi r-riferiment hu fil-plural, jiġifieri ħafna azzjonijiet. Imbagħad l-aktar fi Ġwanni u Pawlu, id-dnub hu ħafna drabi kkunsidrat bħala stat jew kundizzjoni kif ukoll bħala qawwa.

Ħaġa oħra ġdida fil-kunċett tad-dnub hija l-presentazzjoni ta' Ġesù bħala rebbieħ fuq id-dnub, li hi unika fit-Testment il-Ġdid. Din l-idea nsibuha kważi fil-kitbiet kollha tat-Testment il-Ġdid l-aktar fejn id-dnub hu ttrattat fit-tul. B'daqshekk ma jfissirx li l-idea biblika dwar il-malizja tad-dnub hi b'xi mod inaqqsa. Issa hemm aktar emfasi fuq il-kobor u d-dimensjoni tabilħaqq divina tal-azzjoni salvifika ta' Ġesù. Fl-Antik Testment il-bniedem kien jittama li Alla biss seta jeħilsu mid-dnub. Issa, fi żmien il-ġdid inawgurat minn Ġesù nnifsu, Alla tabilħaqq ħeles lill-bniedem mid-dnub.

Ħaġa oħra li rridu ninnotaw hija l-emfasi fuq id-dimensjoni komunitarja tad-dnub. Għalkemm id-dnub fis-sens reliġjuż jolqot ir-relazzjoni tal-bniedem ma' Alla, imma ġeneralment id-dnub jinvolvi wkoll ir-relazzjonijiet ta' bejn il-bnedmin. L-effett tad-dnub fuq l-oħrajn jinħass, sew fuq il-membri tal-familja, ta' għajrna u anke fuq l-għedewwa tagħna.

Mela fit-Testment il-Ġdid, din id-dimensjoni komunitarja hija attribwita kemm jekk huma emfasizzati l-virtujiet bħalma hi l-fidi, it-tama, l-imħabba u l-maħfra, u kemm jekk qed jitkellem dwar id-dnub.

Biex nifhmu aħjar dawn l-aspetti dwar id-dnub fit-Testment il-Ġdid, ser niddiskutu t-tliet ħsibijiet ewlenin: fil-Vanġeli Sinottiċi u magħhom l-Atti, fil-kitbiet ta' Ġwanni u fl-aħħar nett l-idea Pawlina dwar id-dnub.

## 3. Fil-Vanġeli Sinottiċi u l-Atti

Biex niskopru aħjar it-teoloġija tad-dnub fil-Vanġeli Sinottiċi, irridu nħarsu lejn il-kliem ta' Ġesù fil-kuntest tal-maħfriet. Ninnotaw li hu f'dan il-kuntest li l-aktar li nsibu din il-kelma.

### *a. Ġesù fost il-midinbin*

Sa mill-bidu tal-kitbiet Sinottiċi, Ġesù hu ppreżentat bħala li qiegħed f'nofs il-midinbin (Mt. 9:10,13; Lq. 15:1-2; 19:7), anzi meqjus bħala "*ħabib tal-pubblikani u l-midinbin*" (Mt. 11:19; Lq. 7:34). Hu stess jiddikjara l-ħsieb tal-missjoni tiegħu: "*Mhux il-ġusti ġejt insejjaħ, iżda l-midinbin*". (Mk. 2:17). Għalhekk hu jagħmel sejħa għall-indiema u l-konverżjoni. Jekk l-azzjoni ta' Ġesù li jersaq aktar qrib tal-midinbin ma kienitx mifhuma mill-Fariżej għax kellhom viżjoni dejqa lejn il-midinbin, dan bl-ebda mod ma kien ifisser li Ġesù kien jaqbel jew jiskuża d-dnub. Imma xorta kien iħobb lill-midinbin u juri solidarjetà magħhom. B'dan kien juri l-mod kif Alla jista' jmiss il-qalb tal-bniedem biex jerġa jsib it-triq lejn Alla. Hu kien jipproklama li d-dnubiet tagħhom huma maħfura. Meta jgħid li kienu maħfura, ma jfissirx li d-dnub ikun meqjus bħallikieku xi dejn, għalkemm insibu każi f'dan is-sens (Mt. 6:12; fil-parabbola tal-qaddej li ma jaħfirx: 18:23-34). Hi meħtieġa bidla radikali fl-ispirtu u l-qalb tal-bniedem, konversjoni li aktar qabel kienu nsistew għaliha kemm il-profeti u aktar reċenti l-Battista (Mk. 1:4), u li tippermetti lill-bniedem biex jiddisponi lilu nnifsu għat-tjubija ta' Alla biex taħdem fih. Mingħajr il-konversjoni, bħalma nsibu fil-parabbola tal-Fariżew u l-pubblikan, l-azzjoni ta' Alla tiġi miġjuba fix-xejn (Lq. 18:9s).

Ġesù kien jagħraf il-ħażen tad-dnub. Għalhekk hu kien dejjem jikkundanna d-dnub f'kull sitwazzjoni. Anke lil dawk li kienu jaħsbu li huma ġusti għax kienu jħarsu l-preċetti fl-aspett estern biss jew għal għajnejn in-nies. Difatti Ġesù ma kienx kuntent bit-tjubija jew l-għemil it-tajjeb ('*diakaiosunē*') tal-Fariżej (Mt. 5:20; ara wkoll 6:1) għax kienu nieqsa mill-imħabba. Id-dixxiplu għandu jifli sew dan il-kliem għaliex jekk tonqos l-imħabba jidħol id-dnub. Id-dnub hu fil-qalb tal-bniedem minnha "*joħorġu l-ħsibijiet il-ħżiena, żina, serq, qtil, adulterju, regħba, ħażen qerq, libertinaġġ, għira, malafama, suppervja u bluha. Dal-ħażen kollu minn ġewwa joħroġ u jtabba' lill-bniedem*" (Mk. 7:21-23; ara Mt. 15:18-19 fejn il-lista hi iqsar imma għandu wkoll "*xhieda qarrieqa*"). Meta jgħid "*itabba' lill-bniedem*" qed jifhem dak li iniġġsu f'sens morali.

### *b. Il-Missier fil-parabbola tal-Iben il-Ħali*

Il-missjoni ta' Ġesù mwettqa bil-kelma u l-azzjoni, tirrivela t-tjubija u l-ħniena ta' Alla lejn il-midneb. Minn dan joħroġ kemm hi kbira d-distanza tal-bniedem minn Alla minħabba d-dnub, imma anke x-xewqa tiegħu għal Alla. Dan jidher tajjeb fil-parabbola tal-iben il-ħali (Lq. 15:11s). Il-bniedem li jitlaq mid-dar ta' missieru u jrid jistrieħ fuqu nnifsu biss. Kif juri l-kliem ta' ħuh il-kbir, meta lil missieru qallu "*kelmtek ma ksirtilek qatt*" (v.30), iż-żgħir probabilment wettaq att ta' diżubbidjenza; imma forsi l-aktar li sewwed qalb il-missier kien il-fatt li dan l-iben ħalla dar missieru u ma jridx iqis lilu nnifsu bħala iben, bil-konsegwenza li jitbiegħed mill-imħabba affettiva tal-missier biex jintilef f'ħajja tad-dinja mimlija pjaċiri u ħażen. Jidher ċar għalhekk id-dnub għaliex jaqta' lill-bniedem għalih kompletament minn Alla u jtellfu s-sens tal-eżistenza tiegħu. Dan l-isolament hu muri wkoll fil-parabbola tan-

nagħġa l-mitlufa; b'dan il-mod allura titlef l-istess tifsira tal-ħajja tagħha (Lq. 15:4s). L-istess jingħad għad-drakma l-mitlufa, li kellha sens fl-eżistenza tagħha, imma meta hi mitlufa, tilfet kull siwi tagħha għax ġiet maqtugħa mill-isfera propja tal-ħajja (Lq. 15:8s). Għalhekk l-iskop tal-ħajja tal-bniedem hu f'rabta ma' Alla; mifrud minnu deliberatament, mhux biss ikun maqtugħ u mitluf, imma l-istess eżistenza tiegħu tkun bla tifsira.

Il-parabola tal-iben il-ħali, u anke t-tnejn l-oħra, juruna x'fehem Ġesù bid-dnub: "*Missier, dnibt kontra s-sema u kontra tiegħek*" (v.18,21). Mela d-dnub hu offiża lil Alla. L-iben warrab il-presenza tal-missier mill-ħajja tiegħu. Iżda Ġesù jurina wkoll l-atteġġjament ta' Alla l-Missier lejn il-midneb u d-dnub. Hawn tidher xi ħaġa revoluzzjonarja. Bil-proklamazzjoni tiegħu, Ġesù juri l-għarfien tad-dnub u r-ritorn lejn Alla. Jonqos li l-midneb jitlob maħfra. Imma din il-maħfra hi possibli biss jekk l-iben jerġa jirritorna lejn missieru u mill-ġdid jitqies minnu bħala iben. Permezz tal-għarfien tad-dnub u t-turija tal-penitenza jew l-indiema (ara Lq. 18:13: "*O Alla, ħenn għalija, għax jien midneb*"), l-iben jew il-midneb jaqbad it-triq lejn Alla l-Missier: "*Qam, u telaq għal għand missieru*" (Lq.15: 20); u effettivament il-missier jilqa' lil midneb bl-imħabba. Il-Missier dejjem jaħfer, imma l-maħfra tkun effikaċi kemm il darba jkun hemm ir-ritorn tal-midneb. Dan hu espress fil-parabbola tan-nagħġa l-mitlufa partikularment b'turija ta' "*ferħ għal midneb wieħed li jindem milli għal disgħa u disgħin bniedem tajjeb li ma kellux bżonn ta' ndiema*" (Lq. 15:7, 10, 32). Mela hawnhekk fil-parabola, Ġesù iktar milli jitkellem fuq id-dnub, juri lil Alla bħala Missier li jilqa' lill-midneb u fl-istess waqt jaf ukoll li permezz tal-proklamazzjoni tiegħu hu qed jaffronta d-dnub li jikkonsisti kemm filli wieħed iwarrab jew jgħix mingħajr Alla u kemm bħala ħtija kontra għajru (Mt. 5:21s; 6:14-15; Mt. 18:23s). Permezz tal-maħfra l-midneb jerġa jersaq qrib lejn Alla u titwaqqaf mill-ġdid il-ħbiberija ma' Alla.

Ġesù għandu wkoll il-qawwa tal-kelma tal-maħfra li turih bħall-Messija li għandu s-setgħa (Mt. 9:2). Imma dak li hu deskritt fil-parabola tal-iben il-ħali, jidher ukoll fl-attitudni ta' Ġesù lejn il-midinbin li mhux biss iressaqhom lejh imma wkoll lejn Alla. Wieħed jista' jħares lejn diversi rakkonti biex jilmaħ dan; hekk quddiem il-qabda kbira ta' ħut (Lq. 5:8), il-mara li dinbet ħafna (Lq. 7:47s), jew ta' Żakkew (Lq. 19:1s).

### ċ. Id-dimensjoni soċjali tad-dnub

Fil-Vanġeli Sinottiċi hemm ukoll l-emfasi fuq id-dimensjoni soċjali tad-dnub. Id-diskors tal-komunità f'Mt. 18 juri l-effett soċjali tad-dnub u dan l-aspett soċjali hu rifless sew fil-mistoqsija ta' Pietru dwar "*kemm-il darba jrid jonqosni ħija biex jiena naħfirlu*" (Mt. 18:21). Il-Knisja ta' Mattew kienet mhedda mill-apostasija u dan l-abbandun tal-fidi seta jikkawża fl-oħrajn l-iskandlu li hu mfisser bħala tfixkil, u f'sens morali, jimplika li xi ħadd jew xi ħaġa li twaqqa' lil xi ħaddieħor fid-dnub. Ġesù għandu kliem iebes għal min jiskandalizza liċ-ċkejknin (Mt. 18:6). Iżda l-konverżjoni tal-midneb hi possibli jekk hemm l-indiema u dan iġib ferħ. Dan jidher ukoll fl-eżempju ta' Pietru, meta fl-Aħħar Ikla, Ġesù ħabbarlu li kien se jiċħdu u dan seta jaffetwa lid-dixxipli l-oħra. Imma Ġesù jgħidlu wkoll li "*mbagħad meta terġa' lura għas-sewwa*" (il-konverżjoni: ara Lq. 22: 62; Mt. 26:75), u jordnalu: "*wettaq lil ħutek*" (Lq. 22:32).

### d. Ġesù rebbieħ fuq id-dnub

Ġesù hu wkoll rebbieħ fuq id-dnub kif imħabbar fil-kerygma sinottika tal-ġrajja ta' Ġesù. Din ir-rebħa ssib indikazzjoni tagħha sa mill-bidu tal-ġrajja ta' Ġesù, propju fl-interpretazzjoni tal-isem ta' Ġesù mill-anġlu lil Ġużeppi: "*inti ssemmih Ġesù, għax hu jsalva l-poplu tiegħu minn dnubiethom*" (Mt.1:21). Qabel il-missjoni ta' Ġesù, il-Battista deher iħejji għalih b'ministeru li jwassal lill-poplu għas-salvazzjoni "*permezz tal-maħfra ta' dnubiethom*" kif ħabbarlu missieru Żakkarija fil-kantiku tiegħu (Lq. 1:77). Hu deher jikkonfronta r-realtà tad-dnub bil-predikazzjoni qawwija tiegħu u bis-sejħa għall-"*magħmudija ta' ndiema għall-maħfra tad-dnubiet*" ('**metanoias eis aphesin hamartiōn**': Mk. 1:4; Lq. 3:3; ara wkoll Lq. 24:47 il-kliem ta' Ġesù lid-dixxipli) u fl-istess waqt kienu

"*jistqarru dnubiethom*" (Mk. 1:5; Mt. 3:6). Ninnotaw it-tliet kelmiet relatati u ċentrali għall-Battista: '*metanoia*' (indiema, penitenza, li turi bidla, konverżjoni), il-maħfra u '*hamartia*' (id-dnub, fil-plural id-dnubiet).

Ġesù wera wkoll bl-attitudni tiegħu, li hu rebbieħ fuq id-dnub. Mhux biss għeleb dik is-separazzjoni li kienet tifred il-ġusti mill-midinbin, imma anke l-firda bejn Alla u l-midinbin permezz tal-maħfra. Imma Ġesù wera bil-kliem u bl-azzjoni li hu rebbieħ fuq id-dnub. Hu aġixxa direttament kontra d-dnub. L-ewwel nett Ġesù għeleb lix-xitan fit-tentazzjonijiet li ppreżentalu (Mt. 4:1-11; Lq. 4:1-13; Mk. 1:12-13). Din għandha l-importanza biex turi li Ġesù ġie jwaqqaf is-Saltna ta' Alla li tissostitwixxi s-saltna tax-xitan. Iżda dan il-konfront bejn Ġesù u x-xitan ma jieqafx hawn. Dan jidher sa mill-bidu nett tal-missjoni tiegħu. Hekk f'Mk. 1:23 "*raġel bi spirtu ħażin*" jiġi meħlus. Imma jkompli matul il-ħajja pubblika tiegħu. Anke fir-rakkont tal-mara mifluġa, Luqa jgħid li din il-mara kien ilha tmintax-il sena "*bi spirtu li kien imarradha*" (Lq. 13:11). Il-Lhud kellhom il-konvinzjoni li l-mard kien effett tad-dnub (ara Ġw. 9:2) u sinjal tal-ħakma tax-xitan. Għalkemm fir-rakkont ma jgħidx b'mod ċar li keċċa x-xitan minnha, imma jirreferi li kienet meħlusa "*mill-irbit li fih ix-Xitan ilu jżommha*" (v. 16). Rigward l-effett tad-dnub Ġesù jidher li jikkoreġi l-idea tal-Lhud u tad-dixxipli meta dwar ir-raġel għama b'mod kategoriku jgħid li la dineb hu u l-anqas il-ġenituri tiegħu (Ġw. 9:3). Imma lil marid ta' Betzata, wara li fejqu, wissieh: "*Ara, issa fiqt, qis li ma tidnibx iżjed, biex ma tiġrilikx xi ħaġa agħar*" (Ġw. 5:14). Din ir-rabta tas-sitwazzjoni tal-bniedem mad-dnub tidher ukoll fil-ġrajja tal-massakru tal-Galilin: "*Taħsbu intom li dawn il-Galilin kienu iżjed midinbin mill-Galilin l-oħra biex sofrew dan kollu?...Le ngħidilkom; imma jekk ma tindmux ilkoll tintilfu xorta waħda*" (Lq. 13:1-5).

Jekk Ġesù kien qed jaħtaf bnedmin minn taħt is-setgħa tax-xitan u tad-dnub, dan ifisser li qed inawgura l-missjoni tal-Qaddej (Mt. 8:16-17 fejn jikkwota mill-kantiku tal-Qaddej f'Is. 53:4). Fl-irwol ta' Qaddej, "*hu jagħti ħajtu b'fidwa għall-kotra*" (Mk. 10:45). Dan jidher partikularment aħjar fl-Aħħar Ikla, meta Ġesù jiddikjara t-twaqqif tal-patt il-ġdid (Lq. 22:10; 1Kor. 11:25) kif kien imħabbar ħafna qabel (ara Ġer. 31:31-34). Dan seħħ issa f'dan iż-żmien eskatoloġiku permezz ta' mewtu meta xerred demmu, id-demm tal-patt "*li jixxerred għall-kotra għall-maħfra tad-dnubiet*" (Mt. 26:28). Anke hawn twettaq dak li kien imħabbar fil-persuna tal-Qaddej ta' Yahweh: "*Hu li neħħa l-ħtijiet tal-kotra, u ndaħal għall-midinbin*" (Is. 53:12; ukoll v. 5,6; il-kelma "*kotra*" fil-kliem tal-istituzzjoni f'Mt. 26:28 u Mk. 14:24 tirrefletti bla dubju dan l-v.12). Mela Ġesù fehem li qed jiwettaq il-missjoni tiegħu bħala l-Qaddej ta' Alla u bil-mewt tiegħu neħħa d-dnubiet tad-dinja. Bil-mewt u l-qawmien tiegħu mhux biss rebaħ id-dnub imma nieda dinja ġdida b'umanità mġedda.

### *e. L-Appostli jxandru l-maħfra tad-dnubiet*

Din il-ġrajja ta' Ġesù tkompli tiġi mħabbra mill-appostli. Huma pproklamaw l-evanġelju li fil-qofol jikkonsisti fi Kristu bħala don ta' Alla għas-salvazzjoni tal-bnedmin. Jekk Kristu bil-kelma u l-azzjoni tiegħu kien joffri lill-bnedmin il-maħfra tad-dnubiet, l-appostli komplew ukoll din il-ħidma. Ġesù beda jxandar l-evanġelju tiegħu bis-sejħa għall-indiema u biex jemmnu (Mk. 1:15); qabel ħalla d-dinja ordna lid-dixxipli biex jagħmlu dixxipli mill-ġnus kollha, jgħammduhom u jħarsu li għallimhom (Mt. 28:19), u wissihom ukoll qabel it-tlugħ: "*u li l-indiema għall-maħfra tad-dnubiet tixxandar f'ismu lill-ġnus kollha*" (Lq. 24:47). Mela l-appostli fil-proklamazzjoni tagħhom, kienu bħal Ġesù jitolbu wkoll b'insistenza l-istess ħtiġijiet: "*Indmu, u jitgħammed kull wieħed minnkom fl-isem ta' Ġesù Kristu għall-maħfra ta' dnubietkom*" (At. 2:38). Il-maħfra hi preżenti bbażata fuq ġrajja li seħħet permezz ta' Kristu li rebaħ id-dnub. "*Alla għollieh bil-leminija tiegħu u għamlu kap u salvatur, biex jagħti lil Iżrael l-indiema u l-maħfra tad-dnubiet*" (At. 5:31). Dan hu l-evanġelju tal-ħelsien mid-dnub permezz tal-fidi u l-indiema. Jekk Ġesù kien jagħti l-maħfra tad-dnubiet direttament fl-azzjoni tiegħu, issa l-appostli qed jagħmlu sejħa għall-maħfra tad-dnubiet f'ismu (At. 10:43).

### *f. Id-dnub li ma jinħafirx*

Għalkemm id-dnub ġie mxejjen bl-opra ta' Kristu għax hu rebaħ id-dnub, tidher bħala stonata l-kliem ta' Ġesù dwar id-dnub li ma jinħafirx. Ġesù jgħid hekk: "*Għalhekk ngħidilkom li d-dnubiet kollha u d-dagħa kollu jinħafrilhom lill-bnedmin,* ***imma d-dnub ta' min jieqaf lill-Ispirtu s-Santu ma jinħafirx***...*iżda* ***min jitkellem kontra l-Ispirtu s-Santu ma jkollux maħfra,*** *la f'din id-dinja u lanqas f'li ġejja*" (Mt. 12:31-32; ara wkoll Mk. 3:28-29 li tispiċċa "*jibqa' ħati għal dejjem*"). Il-kuntest ta' dan il-kliem huwa meta Ġesù kien qiegħed ikeċċi x-xitan minn wieħed agħma u mbikkem maħkum mix-xitan, filwaqt li l-Fariżej ma kienux jammettu li dan qed iseħħ bil-qawwa ta' Alla imma bil-qawwa tax-xitan. Biex nispjegaw dan il-kliem, irridu nħarsu lejn il-missjoni ta' Ġesù fid-dawl tal-irwol tiegħu bħala Qaddej ta' Yahweh li refa' fuqu l-ħtijiet tal-bnedmin (ara Is. 53). Ġesù bħala l-Qaddej fidil mogħni bl-Ispirtu li kien imsawwab fuqu (ara Is. 42:1; 61:1), ikeċċi 'l barra "*x-xjaten bl-Ispirtu ta' Alla"* (Mt. 12:28). Quddiem ir-realtà tal-missjoni ta' Ġesù, il-Fariżej setgħu jifhmu li kellhom quddiemhom il-miġja is-Saltna ta' Alla (v.28) u għalhekk għandhom jiftħu għajnejhom. Difatti fil-v.29 Ġesù jalludi għal Is. 49:22-25. Ladarba l-Fariżej qed jopponu u jirreżistu l-missjoni ta' Ġesù huma qegħdin għalhekk jaħdmu kontra l-Ispirtu ta' Alla. Dan hu dnub u l-kliem ta' Ġesù juri li hi ħaġa tabilħaqq serja. Din hi dagħwa kontra l-Ispirtu s-Santu li ma tinħafirx. Il-Lhud kienu jafu li d-dagħwa kienet offiża gravi li titħallas bil-mewt permezz tat-tħaġġir (Lev. 24:16). Imma anke din l-offiża kontra Alla jew l-bnedmin tista' tinħafer. Imma d-dagħwa kontra l-Ispirtu, jiġifieri li wieħed deliberatament jirreżisti l-ħidma tal-Ispirtu ta' Alla u jirrifjuta li jagħraf il-ħidma tiegħu, din ma tinħafirx. Tkun qed tpoġġi lilek innifsek 'il barra mis-Saltna li Ġesù ġie jwaqqaf u tirreżistiha b'ostinazzjoni għamja.

## 4. Fil-Kitbiet ta' Ġwanni

It-terminu għad-dnub hu aktar frekwenti fi Ġwanni milli fis-Sinottiċi u jirreferi l-aktar mhux għall-azzjoni singola imma għall-kundizzjoni jew qagħda li hi kkawżata minn din l-azzjoni ħażina. Għalhekk id-dnub jirreżisti fil-permanenza tiegħu fil-midneb. Ġwanni jara li taħt kull att individwali hemm ir-realtà misterjuża li wasslet għalihom. Difatti fil-kitbiet ta' Ġwanni n-nozzjoni tad-dnub bħala qawwa hija aktar espliċita.

### *a. Id-dnub fi Ġwanni*

Ġwanni jara b'mod ċar il-malizja tad-dnub. L-ewwel nett hu jifhem li "*d-dnub huwa ksur tal-liġi*" (1Ġw.3:4) jew inġustizzja (1Ġw. 5:17). Id-dnub hu kkawżat wkoll minħabba "*l-ġibda tal-ġisem u l-ġibda tal-għajnejn u l-kburija tal-ħajja*" (1Ġw. 2:16).

Imma ma nistgħux ma ninnotawx li fi Ġwanni d-dnub hu ppreżentat bħala element kontrastanti fi skema duwalistika. Meta hu jagħmel riferimenti għall-fidi ta' ħafna li emmnu f'Ġesù, għandna min-naħa l-oħra ħafna riferimenti li jirriflettu ir-rifjut tiegħu. Dan jagħmlu b'mod programmatiku sa mill-bidu tal-Vanġelu tiegħu. Hekk fil-prologu jgħid: "*Ġie f'daru, u niesu ma laqgħuhx*" (Ġw. 1:11). Diversi drabi jgħid li Ġesù ma ġiex aċċettat: "*imma x-xhieda tagħna ma tilqgħuhiex*" (Ġw.3:11). Mela dawk li qegħdin f'kuntrast ma' Ġesù mhux biss ma għandhomx fidi, imma ma jaċċettawx ix-xhieda u l-kelma tiegħu, qegħdin jopponuh, anzi jippersegwitawh. Din hi l-inkredulità li matul il-vanġelu tidher li qegħda ssir aktar aggressiva tant li twassal għal mewt ta' Ġesù.

Mela fil-viżjoni ta' Ġwanni, id-dnub hu rappreżentat f'dan ir-rifjut li qed f'kuntrast mad-dawl. Huma qed jagħżlu d-dlam minflok id-dawl: "*Id-dawl ġie fid-dinja, imma l-bnedmin ħabbew id-dlam aktar mid-dawl, għax l-għemil tagħhom kien ħażin*" (Ġw. 3:19). Anzi min iwettaq il-ħażen jopponi u jibża mid-dawl "*biex għemilu ma jinkixifx*" (Ġw. 3:20). Min qiegħed fid-dnub jilqgħu b'għajnejh miftuħa bħallikieku qed fl-għama għax ma jagħrafx bħala ħażen u għalhekk jibqa' fid-dnub (Ġw. 9:40). Fuq kollox id-dnub iwassal għall-mewt (1Ġw. 5:16s). Ġwanni jaf bl-espressjoni 'li titwieled fid-dnub' (Ġw. 9:34), kif kienet il-fehma

tal-Lhud inkreduli dwar ir-raġel għama għax emmen f'Ġesù, u wkoll bl-espressjoni l-oħra 'li tmut fid-dnub' (Ġw.8:21,24 darbtejn) li ħarġet minn fomm Ġesù għal-Lhud li baqgħu ma emmnux.

Ġwanni jara wkoll id-dnub bħala gidba għax jopponi l-verità. Dan il-kuntrast bejn il-fidi u l-inkredulità nistgħu nosservawh sew. Min jemmen qiegħed "*jagħmel is-sewwa*" (Ġw. 3:21: '***alētheia***' li tfisser il-verità, is-sewwa) filwaqt li min ma jemminx, jiġifieri l-inkredulità, hi espressa bħala li "*jagħmel id-dnub*" (Ġw.8:34; ara 1Ġw. 3:8). Tajjeb li ngħidu hawnhekk li t-terminu "*dnub*" ('***hamartia***') insibuh 17-il darba fil-kitbiet Ġovannej: 14-il darba minnhom hu użat fis-singular u f'sebgħa każi bl-artiklu. Fl-użu tal-kelma '***hamartia***' (dnub) Ġwanni qed jilmaħ kundizzjoni jew kwalità karatteristika ta' midneb, ta' wieħed li jagħmel id-dnub, u din hi opposta għall-verità ('***alētheia***').

Ġwanni juri li Ġesù jfittex li jagħmel ir-rieda ta' Alla: "*Min irid jagħmel ir-rieda tiegħu jaf jekk dan it-tagħlim huwiex minn Alla jew jekk iniex ngħid xi ħaġa minn tiegħi*" (Ġw. 7:17). Il-dnub għalhekk jikkonsisti essenzjalment f'atteġġjament ta' awto-suffiċjenza, li wieħed jingħalaq għall-għarfien sħiħ ta' Alla, kif ġralhom il-Lhud: "*U dak li jagħti xhieda fuqi huwa dak stess li bagħatni, il-Missier, li intom la qatt smajtu leħnu u lanqas rajtu l-bixra ta' wiċċu*" (Ġw. 5:37; ara wkoll 7:28; 8:27).

### *b. L-effett tad-dnub*

Bħala effett tad-dnub il-bniedem "*huwa lsir tad-dnub*" (Ġw. 8:34). Ġwanni jara din is-sitwazzjoni bħala li ġejja mill-ħidma perversa tax-xitan. Hu jagħmel kuntrast bejn il-qagħda ta' min ma jagħmilx id-dnub meqjusa bħala "*wlied Alla*" ma dik ta' min jagħmel id-dnub li jidhru bħala "*wlied ix-xitan*" (1Ġw. 3:10). Min ma jagħmilx id-dnub "*hu mwieled minn Alla...għax iż-żerriegħa ta' Alla tibqa' fih*". Imma min jagħmel id-dnub "*ġej mix-xitan, għax ix-xitan dineb sa mill-bidu*" (1Ġw. 3:9). Għal Ġwanni x-xitan kien "*qattiel sa mill-bidu u qatt ma żamm mal-verità, għax il-verità ma tinsabx fih. Meta jigdeb, ikun qiegħed jitkellem ta' li hu, għax dak giddieb u missier il-gideb*" (Ġw. 8:44).

Hu juri wkoll kif ix-xitan bħala qattiel u giddieb ikompli jispira lill-bniedem u jinfluwenzah fl-għemejjel tiegħu. Hekk Kajjin kien ispirat mill-"*Ħażin*" biex joqtol lil ħuh (1Ġw. 3:12). Anke dawk "*il-Lhud*" li jsemmi Ġwanni fil-Vanġelu huma wkoll ispirati mix-xitan, u Ġesù jindirizzah għalihom bħala "*missierkom*" (Ġw. 8:41,44) u huma qegħdin ifittxu li jagħmlu "*x-xewqat*" tiegħu (v.44) bħala qattiel u giddieb. Għalhekk lil-Lhud jgħidilhom għax "*qegħdin tfittxu li toqtlu lili*" u dan minħabba l-verità li qed iwasslihom mingħand il-Missier (v.40). Iżda huma, minkejja l-verità li qed jgħidilhom u għax instigati li jwettqu għemil ix-xitan, jibqgħu ma jemmnux (v.46). Dawn "*il-Lhud*" baqgħu ostili għal Ġesù tant li rrifjutawh. Mela f'dan il-kuntest kif ippreżentat fil-Vanġelu, id-dnub huwa li wieħed jonqos milli jaċċetta d-don ta' Alla, l-Ispirtu tal-verità (Ġw. 14:17) li jwassal għall-istqarrija tal-fidi u tagħraf lil Alla f'Ġesù.

### *ċ. Ġesù jirbaħ id-dnub*

Fi Ġwanni, id-dinja hija l-ambjent li fiha ssir il-ġlieda bejn it-tajjeb u l-ħażin. Ġesù jirbaħ id-dinja (Ġw. 16:33 ) u hu wkoll rebbieħ fuq id-dnub. L-ewwel nett hu m'għandux dnub (Ġw. 8:46; 1Ġw. 3:5); anzi hu "*d-dawl tad-dinja*" (Ġw. 8:12; ara 1Ġw. 1:7) u fih m'hemmx dlam (Ġw. 1:5). Hu wkoll "*il-verità*" (Ġw. 14:6; Ġw. 1:14) u għandu fih il-verità li sema' mingħand il-Missier (Ġw. 8:40) għax hu ħaġa waħda mal-Missier (Ġw. 10:30). Fuq kollox għandu l-imħabba għax "*Alla hu mħabba*" (1Ġw. 4:8). Hawn dehret l-imħabba tal-Missier meta bagħat lil Ibnu fid-dinja (Ġw. 3:16; 1Ġw. 4:10) li ma waqafx juri mħabba f'ħajtu.

Għalhekk Ġesù jista' jirbaħ id-dnub; u deher bħala "*l-Ħaruf ta' Alla, li jneħħi d-dnub tad-dinja*" (Ġw. 1:29,36; 1Ġw. 3:5). Dan seħħ fuq kollox permezz tal-mewt tiegħu fejn wera att kbir ta' mħabba lejn l-bnedmin li ma titkejjilx (Ġw.13:1; 15:13) u hi espressa bit-tixbiha tat-tpattija meħuda mit-tradizzjoni kultika tas-sagrifiċċju tal-Lhud kif juru l-vokabolu 'li

tneħħi' ('***airō***'; ara wkoll 1Ġw. 3:5) kif ukoll it-tema importanti tal-Ħaruf li għandha rabta mas-sagrifiċċju. Din il-mewt swiet is-sagrifiċċju ta' Kristu: "*id-demm ta' Ġesù Kristu Ibnu jnaddafna minn kull dnub*" (1Ġw. 1:7); u twettqet bħala sagrifiċċju tat-tpattija: "*Hu jħallas għal dnubietna, mhux għal tagħna biss, iżda wkoll għal dawk tad-dinja kollha*" (1Ġw. 2:2; 1Ġw. 4:10). Dan hu espress ukoll fil-bidu tal-ktieb tal-Apokalissi: "*Lil Dak li ħabbna, u li ħallna minn dnubietna bis-saħħa ta' demmu*" (Apok. 1:5). Mela din ir-rebħa fuq id-dnub kienet possibli bis-saħħa tat-tpattija ta' Kristu. Il-missjoni tiegħu li qabżet kull limiti, tistrieħ fuq il-fatt "*li ma hemm ebda dnub fih*" (1Ġw. 3:5; 8:46) u li kontinwament ifittex li jagħmel ir-rieda tal-Missier (Ġw. 8:29); hu ħaġa waħda mal-Missier.

Din id-dehra ta' Ġesù kellha tfisser ukoll konfront kontra x-xitan, li hu "*l-Prinċep tad-dinja*" (Ġw. 14:30), "*sabiex iħott kull ma għamel ix-xitan*" (1Ġw. 3:8). Difatti l-mewt ta' Ġesù kienet tfisser ukoll rebħa fuq ix-xitan li ħaseb li seta' jirbaħ, imma "*kontra tiegħi xejn ma jista' jagħmel*" (Ġw. 14:30); għalhekk dan ikun mirbuħ u mkeċċi (Ġw. 12:31).

### *d. Dawk li jemmnu*

Ir-rebħa li Kristu kiseb fuq id-dnub għandhom sehem fiha anke dawk li jemmnu. Huma jsiru wlied Alla permezz tal-fidi (Ġw. 1:12; 1Ġw. 2:28) u jirċievu l-magħmudija; jeħtieġ mela li jkunu riġenerati mill-ġdid "*mill-ilma u l-Ispirtu*" biex jidħlu fis-Saltna ta' Alla (Ġw. 3:3-5). Għalhekk "*kull min hu mwieled minn Alla ma jagħmilx dnub...ma jistax jidneb*" (1Ġw. 3:9; 5:18). Dan minħabba li għandu fih "*iż-żerriegħa ta' Alla*" (v.9) li nistgħu nfissruha għan-Nisrani, għax fih għandu l-ispirtu ta' Alla li jmexxih fl-għemilu. Minkejja din il-kundizzjoni l-ġdida li jgawdi n-Nisrani, jista' però jerġa jaqa fid-dnub; toħroġ it-twissija biex "*ma tidinbux*" (1Ġw. 2:1). Imma Ġesù li kien lest jagħti ħajtu minn rajh, jerġa jeħodha (Ġw. 10:17-18) u jikkomunika l-Ispirtu tiegħu (1Ġw. 4:13). Wara l-qawmien Ġesù jagħti l-Ispirtu tiegħu lill-Appostli biex "*dawk li taħfrulhom dnubiethom ikunu maħfura*" (Ġw. 20:22-23; 1Ġw. 2:12). Dawk li jemmnu jistqarru dnubiethom (1Ġw. 1:9) u jaqilgħu l-maħfra permezz tal-indiema.

Bħala komunità huma jridu jistqarru l-fidi (ara 1Ġw. 4:15:"*li Ġesù hu l-Iben ta' Alla*" u li hu "*sar bniedem*" v.2). Għandhom ukoll jikbru fl-imħabba lejn Alla (1Ġw. 5: 2-3) u lejn xulxin (1Ġw. 3:11), u jibqgħu jipperseveraw fit-tama sad-dehra tiegħu li tgħinhom jissaffew "*bħalma safi hu Kristu*" (1Ġw. 3:2-3).

## 5. Fit-Tagħlim ta' Pawlu

Fit-Testment il-Ġdid hu Pawlu li joffri teoloġija tad-dnub l-aktar kompleta fil-kitbiet tiegħu. Din tidher prattikament li hi espressa l-aktar fl-ewwel tmien kapitli tal-ittra lir-Rumani fejn juri li d-dnub jirrappreżenta l-kundizzjoni universali tal-bnedmin kollha.

### *a. Id-dnub u d-dnubiet*

Pawlu jitkellem mid-dnub u mid-dnubiet jiġifieri l-għemejjel li huma meqjusa bħala ħżiena. Hu juża l-kelma Griega '***hamartia***' (dnub) l-aktar fis-singular. Is-Sinottiċi jużaw din il-kelma l-aktar fil-plural. Fi Ġwanni hi ħafna aktar frekwenti fis-singular biex tindika li l-Ħaruf ineħħi d-dnub tad-dinja. Iżda Pawlu jmur aktar 'il hemm u jirriserva din il-kelma l-aktar biex jesprimi tifsira partikulari: id-dnub ('***harmartia***') bħala kundizzjoni jew bħala qawwa li hi attiva fil-bnedmin u li daħal fid-dinja mal-waqa' tal-ewwel ġenituri bil-konsegwenzi kollha tiegħu.

Insibu f'Pawlu t-terminu '***hamartia***' li hu użat xi ftit drabi biex tfisser għemil ħażin (dnub u fil-plural dnubiet, għemejjel ħżiena) kemm fis-singular (2Kor. 11:7: "*Jaqaw għamilt xi dnub meta jien ċekkint lili nnifsi biex intom togħlew?*") u anke fil-plural (1Kor. 15:17: "*Jekk Kristu ma kienx imqajjem, fiergħa l-fidi tagħkom, u intom għadkom fi dnubietkom*"; 1Tes. 2:16). Iżda għal dawn l-għemejjel ħżiena hu juża vokabularju aktar wiesgħa bħala

per eżempju '*parabasis*' li tfisser ksur tal-liġi, trasgressjoni (Rum. 2:23) jew '*paraptoma*' li tfisser ħtija, trasgressjoni. Meta qed juża dawn it-termini bl-ebda mod ma jiftiehem li qed inaqqas il-gravità ta' dawn l-atti ħżiena. Tant hu hekk, li d-dnub ta' Adam, li għandu tant importanza fit-tagħlim Pawlin, partikularment fl-ittra lir-Rumani, jirreferi wkoll għalih b'dawn it-termini: '*parabasis*' ("*waqgħa*", ksur tal-liġi: Rum. 5:14), '*paraptoma*' ("*ħtija*": Rum. 5:15,17,18) u '*parakoē*' ("*diżubbidjenza*": Rum. 5:19).

### b. Id-Dnub

Qabel ma nitkellmu aktar fuq l-għemejjel ħżiena, ser nagħtu ħarsa lejn id-dnub kif trattat l-aktar fl-ittra lir-Rumani. Id-dnub, li jagħmel lill-bniedem midneb, hu meqjus bħala li hu l-kawża ewlenija ta' dawn l-għemejjel ħżiena in kwantu li dawn jesternaw dik il-qawwa ostili lejn Alla. Barra minn hekk id-dnub qed juri anke l-aspett universali ta' din il-kundizzjoni li taffettwa lill-bnedmin kollha.

#### i. Rumani 1-3

#### Il-Bnedmin kollha dinbu

F'Rum. 1-3 Pawlu jiddeskrivi b'ħarsa universali l-qagħda tal-bnedmin kollha minħabba d-dnub, kemm tal-Ġentili kif ukoll tal-Lhud billi dawn flimkien jirrappreżentaw l-umanità kollha. "*Sew il-Lhud sew il-Griegi huma lkoll taħt il-ħakma tad-dnub*" (Rum. 3:9). L-ewwel jitkellem b'ħarsa ġenerali, mid-dinja tal-Ġentili (1:18-32) bħala mħassra "*bil-ħażen u l-inġustizzja tal-bnedmin*" u ma jħarsux lejn "*il-verità*" (v.18). Għax minkejja li setgħu jagħrfu lil Alla permezz tal-ħlejjaq, flok ma raddewlu ħajr, huma bliehu u waqgħu fl-idolatrija bir-rieda tagħhom, jiġifieri "*taw il-ġieħ u l-qima tagħhom lill-ħlejjaq flok ma tawhom lill-Ħallieq*" (v.25). Għalhekk f'dan huma ma għandhom l-ebda skuża bil-konsegwenza li hi mtennija għal tliet darbiet, li Alla "*telaqhom*" ('*paredōken*') għall-ġibdiet u fehmiet ħżiena (fil-v.24,26,28) li tirrifletti l-qagħda tad-dinja pagana mjassra mid-dnub.

Pawlu mbagħad iħares lejn id-dinja tal-Lhud (2:1-3:31). Il-Lhud, billi kellhom il-Liġi, kienu jaħsbu li l-bqija tad-dinja huma midinbin. Imma x'tiswa l-Liġi miktuba u ċ-ċirkonċiżjoni jekk il-Lhudi ma jħarisiehx. Il-liġi ma tirbaħx id-dnub u lanqas il-ħarsien tal-liġi ma jwassal għall-ġustifikazzjoni li tinkiseb biss bil-"*liġi tal-fidi*", jiġifieri permezz tal-fidi fi Kristu; iżda l-liġi "*sservi biex tgħarrafna d-dnub*" (Rum. 3:20).

F'dawn l-ewwel tliet kapitali Pawlu jgħidilna li "*l-bnedmin kollha dinbu u ċċaħħdu mill-glorja ta' Alla*" (Rum. 3:23). Pawlu jħares lejn id-dnub mhux biss bħala kundizzjoni, imma mill-aspett antropoloġiku, bħala l-kundizzjoni tal-bniedem. Insibu xi każi fejn Pawlu jħares lejn id-dnub bħala dejn li għandu jkun mifdi jew ikollu tpattija (Rum. 3:25), imma hu jħares aktar ta' spiss lejn id-dnub bħala qawwa li taħkem il-bniedem mingħajr ebda tama li jinħeles minnha. Għalkemm din il-qawwa twassal lill-bniedem għal ġibdiet u inklinazzjonijiet bl-ebda mod ma hu skużat ladarba d-dnub hu għemil imwettaq bir-rieda tiegħu. Mela l-bnedmin kollha jeħtieġu fidwa u ħelsien permezz tal-qawwa salvifika ta' Alla.

#### ii. Rumani 5-8

Fil-kapitli 5-8 Pawlu jelabora l-ħsieb tiegħu dwar id-dnub bħala qawwa u l-kundizzjoni tal-bniedem.

### ċ. L-Universalità tad-dnub

Fil-kapitlu 5 u partikularment f'Rum. 5:12-21, Pawlu jħares lejn id-dnub bħala qawwa u jippreżentah b'immaġni personifikata u universalizzata. Minkejja li b'din il-personifikazzjoni setgħet tinħoloq xi konfużjoni mal-persuna tax-xitan li hu meqjus bħala prinċep (ara 1Kor. 2:6 jekk f'dan it-test hi mifhuma għax-xitan, altrimenti għall-qawwiet umani; Ġw. 12:31) jew alla ta' din id-dinja (2Kor. 4:4), id-dnub hu realtà distinta minnu u

jappartjeni għall-bniedem midneb. F'dan it-test Pawlu jrid juri kif daħal id-dnub biex sar il-kundizzjoni umana. Din il-kundizzjoni hu jattribwiha għad-dnub li seħħ kif irrakkontat f'Ġen.3, jiġifieri d-diżubbidjenza ta' Adam, li permezz tiegħu d-dnub daħal fid-dinja fost il-ġens tal-bnedmin kollha mingħajr eċċezzjoni. Hawn Adam hu kkunsidrat mhux tant taħt l-aspett ta' figura storika imma bħala simbolu li jiġbor fih l-umanità kollha. Meta dineb l-ewwel bniedem ir-relazzjoni bejn Alla u l-bniedem sfaxxaw għal kollox u minħabba f'hekk daħlet ukoll il-mewt

Pawlu jsegwi t-twemmin li nsibu fl-Antik Testment li d-dnub iġib il-mewt. Minn hawn joħroġ l-argument ta' Pawlu dwar l-universalità tad-dnub: ladarba l-mewt laħqet lill-bnedmin kollha (l-universalità tal-mewt), mela l-bnedmin kollha huma midinbin, anke jekk ma dinbux personalment. F'dan il-kwadru tidħol id-duttrina Pawlina dwar id-dnub oriġinali li tiftiehem biss f'rabta u fid-dawl tal-kunċett Pawlin dwar id-dnub bħala qawwa jew kundizzjoni li hija l-effett tal-att personali ta' Adam u bl-ebda mod ma jimplika xi sehem fl-att personali tiegħu. F'din il-kundizzjoni kif deskritta f'Rum. 5, il-bnedmin huma "*bla saħħa*" u "*ħżiena*" (v.6), "*midinbin*" (v.8) u "*għedewwa ta' Alla*" (v.10).

Meta Pawlu qed jitkellem dwar l-universalità tad-dnub, il-ħsieb tiegħu kien doppju. Min-naħa juri b'saħħa li l-Liġi ma kellhiex saħħa kontra l-qawwa tad-dnub; diġà kien jeżisti qabilha (Rum. 5:13), anzi biha kotru d-dnubiet (Rum. 5:20) u allura jinsisti kemm kienet assolutament meħtieġa l-opra ta' Kristu li biha "*ksibna din il-ħbiberija*" (Rum. 5:11). U min-naħa l-oħra juri hekk kif il-bnedmin kollha kellhom is-solidarjetà ma' Adam fid-dnub, fil-mewt u fil-kundanna (Rum. 5:12,17-19), hekk ukoll fid-dawl tal-kunċett bibliku tas-solidarjetà rappreżentat sew fil-figura tal-Qaddej ta' Jaħweh (ara Is. 53), Pawlu jrid jagħmel il-punt biex juri s-solidarjetà akbar tal-bnedmin ma' Kristu, li hu l-antitip ta' Adam (Rum. 5:14: "*Adam, li kien xbieha ta' dak li kellu jiġi*"), biex ikun daqstant ieħor totali u aqwa l-ħelsien mid-dnub permezz tiegħu. Biex joħroġ is-superjorità ta' Kristu fuq Adam u l-abbundanza tal-grazzja fuq id-dnub, Pawlu jirrikorri għax-xebħ fl-irwoli tagħhom, imma fl-istess waqt juri wkoll id-differenzi bejniethom fl-azzjoni u l-effett tagħha. Għalhekk sa fl-aħħar "*issa l-grazzja ssaltan permezz tal-ġustizzja għall-ħajja ta' dejjem bis-saħħa ta' Ġesù Kristu Sidna*" (Rum. 5:21).

### *d. Rebħa fuq id-dnub*

Pawlu wkoll jara r-rebħa ta' Kristu fuq id-dnub ( Rum. 6:1-23). Hu jinsisti li ladarba l-mewt hija effett tad-dnub anzi jsejjaħlu "*ħlas*" (Rum. 6:23), id-dnub ikun mirbuħ bil-mewt. L-ewwel bil-mewt ta' Kristu. "*Hu li miet, miet darba għal dejjem għad-dnub; u issa li qiegħed jgħix, qiegħed jgħix għal Alla*" (Rum. 6:10; 1Kor. 15:3; Gal. 1:4). Imbagħad billi n-Nisrani jkollu sehem fil-mewt ta' Kristu. "*Hekk ukoll intom għandkom tqisu lilkom infuskom mejtin għad-dnub, iżda ħajjin għal Alla fi Kristu Ġesù*" (Rum. 6:11). Il-bniedem qabel il-magħmudija kien "*il-bniedem il-qadim*" li għandu "*l-ġisem tad-dnub*" (Rum. 6:6); u ladarba "*d-dnub isaltan*" (Rum. 6:12) il-bniedem, kien ukoll ilsir tad-dnub (Rum. 6:6,17,20).

Imma dan l-effett tad-dnub spiċċa bil-magħmudija. Il-bniedem jinbidel fl-eżistenza u fl-azzjoni tiegħu u issa jgħix ħajja ġdida (Rum. 6:4). "*Min imut, jeħles mid-dnub*" (Rum. 6:7,21). Għalhekk bil-magħmudija n-Nisrani jmut u jkun midfun ma' Kristu (fi żmien l-Appostlu l-magħmudija kienet issir billi wieħed ikun mgħaddas fl-ilma – '***baptizein***', allura qisu ndifen fl-ilma, kif Kristu kien midfun fil-qabar), imma jqum wkoll miegħu. B'hekk in-Nisrani jsir "*ħaġa waħda miegħu*" (Rum. 6:5) u jgħix miegħu wkoll (Rum. 6:8). Jekk il-bniedem hu ħaġa waħda miegħu fil-mewt u wkoll ħaġa waħda miegħu fil-qawmien (Rum. 6:5; ara wkoll 1Kor. 15:17). Bis-saħħa tal-mewt u l-qawmien ta' Kristu n-Nisrani mela jeħles mid-dnub, anzi jsir kompletament ta' Alla, u minn lsir tad-dnub issa jkun hekk ta' Alla; il-frott ta' din is-sitwazzjoni l-ġdida għalih hija l-qdusija u l-ħajja ta' dejjem (Rum. 6:22).

### *e. Il-jasar tad-dnub fil-bniedem*

Pawlu jkompli jiżviluppa d-duttrina dwar id-dnub fl-ittra lir-Rumani billi jara l-universalità tad-dnub anke bħala qawwa fil-bniedem, fil-ġisem (Rum. 7:1-25). Dan jagħmlu partikularment billi juża diskors fl-ewwel persuna fis-singular, "*Jien*", biex juri kif il-bnedmin kollha jidinbu (Rum. 7:7-25). Hemm il-Liġi, il-Liġi ta' Mosè li Pawlu jiddeskrivi bħala "*qaddisa*" (v.12), "*spiritwali*" (v.14) u "*tajba*" (v.16). Imma d-dnub, bħallikieku qisu liġi oħra (Rum. 7:23,25), jopponi l-Liġi. Difatti minnha ħa l-okkażjoni biex "*qajjem kull xorta ta' passjoni fija*" (Rum. 7:8), kif ukoll wassal biex "*qarraq bija u qatilni*" (Rum. 7:11). Għalhekk id-dnub jassar lill-bniedem: "*jien tad-demm u l-laħam mibjugħ lid-dnub*" (Rum. 7:14) u jwassal lill-bniedem jibqa' jgħix f'dan "*il-ġisem tal-mewt*" (Rum. 7:24).

Minkejja din il-kundizzjoni tal-bniedem, hemm però fih dik il-kapaċità li jħoss ix-xewqa għal dak li hu tajjeb (Rum. 7:15-16,21-22). Filwaqt li jirrifletti fuq l-esperjenza li minnha għandu sehem kull bniedem, Pawlu jesprimi d-djalettika ta' dan il-kunflitt bejn dak li jrid (it-tajjeb) u dak li ma jridx (il-ħażin), bejn dak li jrid jagħmel u dak li ma jridx jagħmel. *"M'iniex nagħmel it-tajjeb li rrid, imma qiegħed nagħmel il-ħażin li ma rridx. Jekk jien nagħmel sewwasew dak li ma rridx, mhux jien mela qiegħed nagħmlu iżda d-dnub li hemm jgħammar fija*" (Rum. 7:19-20).

Għalkemm il-bniedem mhuwiex imħassar kollu kemm hu, iżda xorta waħda mhuwiex kapaċi li jagħmel it-tajjeb meta hu jrid. "*Ir-rieda tajba qiegħda hemm fija, imma li nagħmel it-tajjeb mhux hemm*" (Rum. 7:18). Minkejja li wieħed jagħraf dak li hu tajjeb u għandu r-rieda għalih, dan ma jagħtix li l-bniedem ikollu dik il-qawwa meħtieġa biex jagħmel dak li hu tajjeb. Anzi "*d-dnub*" li qed fina jġiegħelu jagħmel il-"*ħażin*". Pawlu jafferma t-taqbida li hemm bejn "*il-liġi ta' moħħi*" jiġifieri tar-raġuni u "*l-liġi tad-dnub*" li hemm fil-ġisem (Rum. 7:22,25). Hawn Pawlu mhux qed jgħid li d-dnub hu inevitabli b'tali mod li tiġi skużata r-responsabilità tal-bniedem. Hu jaf bil-qawwa li hemm fil-bniedem li timbuttah lejn il-ħażin, iżda dan il-ħażin jista' jikkumbattih. Pawluu qed juri l-universalità tad-dnub billi jara l-kuntrast bejn il-qawwa tad-dnub u l-inkapaċità tal-bniedem li jeħles lilu nnifsu minn din il-qawwa.

Għalhekk il-bniedem waħdu mhuwiex kapaċi li jeħles lilu nnifsu minn din il-kundizzjoni li jinsab fiha u li qegħda tjassru. Dan hu possibli biss permezz ta' Kristu li ħeles lill-bniedem mhux biss mid-dnub, il-mewt u l-ġisem (li jfisser il-bniedem bħala lsir tad-dnub), imma anke mil-liġi. Mela n-Nisrani hu meħlus mil-liġi esterna, "*l-ittra l-qadima*" (Rum. 7:6, li hi l-Liġi ta' Mosè). "*Intom mittu għal-Liġi permezz tal-ġisem ta' Kristu biex intom tkunu ta' dak li kien imqajjem mill-imwiet*" (Rum. 7:4,6). Issa li hu maħlul mil-liġi, mhuwiex iżjed fil-ġisem (ilsir tad-dnub) biex jagħmel frott għall-mewt, imma għandu "*ħajja ġdida tal-Ispirtu*" (Rum. 7:6)

### *f. Ħajja fl-Ispirtu*

Din il-ħajja tal-Ispirtu kienet possibli għall-bniedem bis-saħħa tal-mewt ta' Kristu (Rum. 8:1-17). Hu li ma kellu ebda dnub sar dnub għalina l-bnedmin (2Kor. 5:21) biex imut għad-dnubiet tagħhom (1Kor. 15:3; Gal. 1:4). Dak li ma setgħetx tagħmel il-Liġi, li teħles lill-bniedem mid-dnub, "*għamlu Alla meta bagħat 'l Ibnu stess f'sura ta' ġisem tad-dnub, bħala vittma għad-dnub*" (Rum. 8:3). Ir-risposta għas-sitwazzjoni universali tad-dnub fil-ħajja tal-bniedem kellha effetti diversi. Billi Ġesù patta għad-dnub, dan id-dnub ġie kkundannat fil-ġisem; in-Nisrani issa mhuwiex iżjed "*taħt il-ħakma tal-ġisem, imma tal-Ispirtu*" (Rum. 8:9) u jgħix skond l-Ispirtu (Rum. 8:4). Dan il-ħelsien jagħmel ukoll li l-Ispirtu ta' Kristu jgħammar fih. In-Nisrani, hu meħlus mil-liġi tad-dnub permezz tal-Ispirtu li jagħti l-ħajja fi Kristu u jkun f'għaqda miegħu (Rum. 8:1-2).

Pawlu jagħmilha ċara li minkejja n-Nisrani issa hu meħlus mid-dnub u mhuwiex iżjed taħt il-ħakma tal-ġisem, jista' però jerġa jdur lejn dak li hu tal-ġisem u jkun maħkum

mill-ġdid mid-dnub (Rum. 8:13). Iżda n-Nisrani għandu jibqa' jgħix il-ħelsien tiegħu skont l-Ispirtu.

### *ġ. Id-Dnubiet*

Minabbara li Pawlu (u anke Ġwanni) jippreżenta d-dnub bħala qawwa attiva ħażina li tinvadi l-eżistenza tal-bniedem u bħala qagħda jew kundizzjoni kkważata mid-dnub, hu jħares ukoll lejn id-dnub bħala għemil ħażin imwettaq mill-bniedem individwali (2Kor. 11:7) u fil-plural huma meqjusa bħala għemejjel ħżiena, jiġifieri d-dnubiet (ara 1Tim. 5:22: "*Tisseħibx fid-dnubiet ta' ħaddieħor*"). Dawn għandhom bħala kawża prinċipali d-dnub li kif rajna qabel, Pawlu jitkellem minnu fis-singular bħala qawwa u f'manjiera personifikata. Fil-moralità Pawlina l-għemejjel ħżiena għandhom anke ċerta importanza mhux inqas minn dik li nsibu fis-Sinottiċi.

Dan nistgħu narawh l-ewwel nett meta Pawlu jittratta mill-għemejjel ħżiena, hu għandu diversi kliem ieħor biex jitkellem dwarhom. Hekk hu jħares lejhom bħala trasgressjoni jew ksur tal-liġi ('*parabasis*'- transgression; ara Rum. 2:23; 4:15: "*Għax fejn ma hemmx liġi anqas ma hemm ksur ta' liġi*"; Gal: 3:19); ħtija, għamil ħażin allura dnub ('*paraptoma*' – trespass; ara Rum. 5:16,20; Gal. 6:1: "*Jekk xi ħadd jinqabad f'xi ħtija...widdbuh bi spirtu ta' ħlewwa*"); jew dnub ('*harmatēma*'; ara Rum. 3:25: "*dnubiet*"; 1Kor. 6:18).

Barra dan, Pawlu fl-ittri tiegħu, għandu ta' spiss diversi listi kemm ta' virtujiet kif ukoll ta' vizzji li jindikaw il-varjetà tal-għemejjel ħżiena. Dawn it-tnejn jikkaratterizżaw il-ħajja tan-Nisrani. Nistgħu hawnhekk inġibu t-testi li juru dawn l-għemejjel ħżiena f'diversi ittri tiegħu:

**Gal. 5:19-21:** "*L-għemejjel tal-ġisem huma magħrufa: żina, faħx, nuqqas ta' rażan, idolatrija, seħer, mibegħda, ġlied, għira, korla, ambizzjoni, firda, partiti, invidja, sokor, tbaħrid, u ħwejjeġ bhal dawn*".

**1Kor. 5:10-11:** "*...mhux li ma jkollkom xejn x'taqsmu maz-zienja ta' din id-dinja, mar-rgħiba, jew ħallelin, jew idolatri, għax inkella jkollkom toħorġu mid-dinja...ma tagħmluhiex ma' min jissejjaħ ħukom u jkun hu żieni, rgħib, idolatra jew insolenti, sikran jew ħalliel".*

**1Kor. 6:9-10:** "*Ma tafux li l-inġusti ma jirtuhiex is-saltna ta' Alla? La titqarrqux! La żienja, la idolatri, la adulteri, la effeminati, la omesesswali, la ħallelin, la rgħiba la skaren, la qassiesa fuq in-nies, la ħattafa, ma jirtu s-saltna ta' Alla*".

**2Kor. 12:20-21:** "*...nibża' li nsib ġlied, għira, korla, partiti, tqassis, qlajja', tagħjir, u taħwid...u nibki minħabba ħafna minnkom li dinbu u ma kkonvertewx mill-faħx u ż-żina u t-tbaħrid li għamlu*".

**Rum. 1:29-31**: "*Mtlew b'kull xorta ta' inġustizzja, ħażen, regħba, dnewwa; mtlew bl-għira, qtil, ġlied, qerq, malizzja; iqassu u jigdbu kontra xulxin, gedewwa ta' Alla, insolenti, kburin; minfuħin bihom infushom, joħolqu l-ħażen, diżubbidjenti għall-ġenituri tagħhom, bla moħħ, bla kelma, bla mħabba, bla qalb*".

**Rum. 13:13:** "*Ngħixu kif jixraq, bħal f'binhar; mhux bl-ikel iż-żejjed u s-sokor, mhux biż-żina u t-tbaħrid, mhux bil-ġlied u l-għira*".

**Kol. 3:5-8(9):** "*Mewtu ġo fikom dak kollu li hu tal-art: żina, faħx, ġibdiet, xewqat ħżiena, u r-rebgħa li hi idolatrija....korla, passjoni, ħażen, dagħa, u l-kliem mhux xieraq warrbuh minn fommkom.* (*Tigdbux lil xulxin*...)".

**Ef. 5:3-5:** "*Żina u kull xorta ta' faħx jew regħba, ebda waħda minnhom ma għandha biss tissemma fostkom, kif jixraq lill-qaddisin. U anqas kliem baxx u kliem iblah, jew ċajt mhux sewwa*, *kollha ħwejjeġ li ma jixirqux; ...Għax dan kunu afu; li ebda żieni jew faħxi jew rgħib - li hu idolatra - ma jkollu wirt fis-Saltna ta' Kristu u ta' Alla*".

**1Tim. 1:9-10:** "*Nafu li l-Liġi m'hijiex magħmula għal dawk li huma tajbin, imma għal dawk li huma bla liġi u bla rażan, ħżiena u midinbin, bla reliġjon u sagrilegi, qattiela ta'*

*missirijiethom u ta' ommijiethom, qattiela, żienja, omosesswali, negozjanti tal-ilsiera, giddieba, dawk li jaħilfu l-falz...*".

**Tit. 3:3:** "*Għax aħna wkoll konna darba bla moħħ; konna nies li ma jridux jobdu, bnedmin li tilfu t-triq, ilsiera tal-passjonijiet u kull xorta ta' pjaċiri; konna ngħixu fil-ħażen u fl-għira; konna nies ta' min jobgħodna u għedewwa ta' xulxin*".

**2Tim. 3:2-5:** *"Il-bnedmin jingħataw għall-imħabba tagħhom infushom u tal-flus; faħħarin, suppervi, dgħajja, ma jisimgħux mill-ġenituri; bla gratitudni, bla tjieba; bla qalb, bla ħniena, lablaba, bla rażan; kiefra, bla mħabba għat-tajjeb; tradituri, bla ħsieb, minfuħa bihom infushom; iħobbu aktar il-pjaċir milli 'l Alla; niex li jiċħdu l-qawwa tat-tjieba, minkejja li minn barra jagħmluha ta' tajbin".*

Meta naraw dawn l-listi etiċi wieħed jista' jqabbel ma' listi simili li nsibu f'kitbiet filosofiċi fid-dinja ellenistika speċjalment dawk Stoiċi u anke f'oħrajn ġudajċi palestinjani bħal dawk fost l-Esseni ta' Qumran. Ninnotaw ukoll li f'dawn il-listi li jġib Pawlu, bħalma nsibu f'listi simili fl-Antik Testment, hemm miġbura flimkien vizzji marbuta mal-għemil żieni, l-idolatrija u l-inġustizzja soċjali, kif nistgħu naraw fit-test tal-ittra lir-Rumani: "...*biddlu l-glorja ta' dak Alla li ma jintemmx ma' sura u xbieha tal-bniedem li jintemm...għalhekk Alla telaqahom għal ġibdiet bla ġieħ...mtlew b'kull xorta ta' inġustizzja, ħażen, regħba*..." (Rum. 1: 21-32; ara wkoll Gal. 5, 1Kor. 6, Kol. 3, Ef. 5). Osservazzjoni oħra hi dwar ir-regħba li Pawlu mhux biss iqabbilha mal-idolatrija, imma saħansitra jidentifikaha magħha (ara Kol. 3:5; Ef. 5:5).

Minn dan kollu joħroġ kemm Pawlu kellu jissielet b'qawwa kontra l-vizzji pagani li ma kienux imkissra hekk malajr wara l-magħmudija fost l-Insara l-ġodda fil-komunitajiet Pawlini. Dawn il-ħwejjeġ kollha huma tal-imgħoddi, taż-żmien qabel ma saru Nsara, parti mill-ħajja pagana tad-destinatarji tiegħu. Dawn l-għemejjel kollha msemmija f'dawn il-listi huma meqjusa bħala ħżiena. Hu jwissi kontra tagħhom u l-motiv hu speċifikament kristjan, b'riferenza eskatoloġika li hi evidenti u hi msemmija f'uħud minnhom. "*Inwissikom, bħalma wissejtkom qabel, min jagħmel dan il-ħwejjeġ ma jiritx is-saltna ta' Alla*" (Gal. 5:21; 1Kor. 6:9-10: darbtejn; Ef. 5:5). Hu possibli li din l-assoċjazzjoni tas-saltna ta' Alla, aspett li ma tantx hu komuni f'Pawlu għax insibuh ftit drabi biss (ara 1Tes. 2:12; 1Kor. 4:20; 6:9-10; 15:24,50; Rum. 14:17) ma' dawn il-listi, ikun indikattiv li dawn huma ġejjin mill-katekeżi pre-Pawlina u li mbagħad hu għamel użu minnhom.

## 6. Għeluq

Mela fid-dawl ta' dak li rajna fid-diversi kittieba ewlenin tat-Testment il-Ġdid, id-dnub hu li wieħed jitbiegħed minn Alla. Ir-realtà tad-dnub teżisti fid-dinja tal-bnedmin kemm jekk bħala għemejjel individwali u kemm jekk bħala qawwa universali li tjassar lill-bnedmin kollha. Il-bniedem waħdu mhuwiex kapaċi li jeħles minn dan il-jasar tal-qawwa tad-dnub. Dan hu possibli permezz ta' Kristu li rebaħ id-dnub permezz tal-mewt u l-qawmien tiegħu. Bil-fidi l-bniedem jingħaqad ma' Kristu u fih isib il-mezz biex jeħles mid-dnub li jġib il-mewt. Aħna li nibdew il-ħajja Nisranija bil-fidi, jeħtieġ li nkomplu nimxu b'ħajja li ngħixuha f'għaqda miegħu (Kol. 2:6). Mimlijin bl-Ispirtu ta' Kristu, "niftaħru fi Kristu Ġesù; aħna li ma nqegħdux il-fiduċja tagħna fil-ġisem" (Filip. 3:3); imma nserrħu fuq l-imħabba tiegħu għalina li tinvolvi r-rebħa tiegħu fuq id-dnub.

# 3. IL-KONVERŻJONI FIL-BIBBJA

Dun Charles Buttigieg

*"Ikollok ħniena minni o Alla fi tjubitek;*
*fil-kobor tal-ħniena tiegħek ħassar ħtijieti" (Salm 50:3)*

## 1. Il-kelma 'konverżjoni'

Ġesù beda l-missjoni tiegħu b'sejħa għall-konverżjoni: "Indmu u emmnu fil-Bxara t-Tajba" (Mk 1:15). Il-kelma Lhudija għall-'konverżjoni' hija 'xuv', li tfisser 'terġa' lura', 'iddur', iddur lejn l-oriġini, mela ddur lejn Alla. Il-kelma griega 'metanoia' hi iktar profonda u tfisser 'bidla fil-ħsieb' (*meta* - bidla, *noeo* - ħsieb) bidla fil-mentalità, bidla fil-moħħ, bidla fir-ruh. Fl-Atti tal-Appostli 9:35; 11:21; 15:3 għandna kelma griega oħra, 'epistropho' li tfisser bidla fil-kondotta tal-ħajja: "In-nies kollha li kienu joqogħdu f'Lidda u f'Saron rawh u daru (*epestrepsan*) lejn il-Mulej" (9:35). Il-konverżjoni hija fuq kollox sejħa sabiex dejjem nimmaturaw fil-fidi u niġġeddu fi Kristu.

Interessanti ukoll li nsemmu r-rabta tan-numru erbgħin fil-Bibbja mal-konverżjoni. In-numru erbgħin huwa dejjem marbut ma' żmien ta' rikonċiljazzjoni tant mixtieqa. Għandna l-erbgħin jum u l-erbgħin lejl tad-dilluvju f'Ġen 7:11; l-erbgħin sena tal-poplu jiġġerra fid-deżert qabel ma daħal fl-Art Imwiegħda f'Num 14:34; l-erbgħin jum għall-konverżjoni ta' Ninwe f'Ġona 3:4; l-erbgħin jum ta' Ġesù fid-deżert qabel ma beda l-ministeru pubbliku tiegħu f'Mt 4:2.

Il-Bibbja li hija l-istorja tas-salvazzjoni hija mmarkata mela mis-sejħa għall-konverżjoni tal-bniedem lejn Alla.

## 2. Il-Konverżjoni fl-Antik Testment

### 2.1. L-Indiema u l-Penitenza

Għedna li l-konverżjoni timplika bidla fil-ħsieb u ddur lejn Alla. Dan il-proċess jidher fil-Bibbja permezz tal-indiema u l-penitenza. L-indiema hija meta l-bniedem jagħraf u jammetti l-iżball li jkun għamel, jiddiżappruvah, jisgħobbih, jiddeċiedi li jħalli d-dnub u jibda ħajja ġdida. Il-penitenza li għandha tesprimi din l-indiema sinċiera sservi sabiex il-bniedem ipatti għal dnubietu u jimmatura iktar fir-ritorn tiegħu lejn Alla.

Fil-Bibbja nsibu sens qawwi ta' ndiema, per eżempju l-indiema ndividwali tas-sultan David li dineb gravament u ġie mċanfar mill-profeta Natan, espressa fis-salmi tiegħu fosthom dak 50 (Il-*Miserere*): "Ikollok ħniena minni o Alla fi tjubitek; fil-kobor tal-ħniena tiegħek ħassar ħtijieti"(v.3). Insibu ukoll indiema komunitarja u ndiema nazzjonali.

Il-profeti kellhom proprju din il-missjoni li jsejħu lill-poplu għall-indiema, għal dik vera u sinċiera. Il-profeta Ħosegħa (fit-8 seklu Q.K.) jikteb: "Jiena tjieba rrid, mhux sagrifiċċju, li tagħrfu lil Alla rrid u mhux vittmi maħruqa" (Ħos 6:6). F'Ġeremija, qabel l-eżilju fis-6 seklu Q.K. insibu: "Jekk intom tbiddlu għall-aħjar imġibitkom u għemilkom, jekk tagħmlu l-ħaqq bejn wieħed u għajru, jekk ma tgħakksux il-barrani, l-iltim u l-armla, u demm bla ħtija ma xxerrdux f'dan il-post u wara allat oħra ma tmorrux b'deni tagħkom, inħallikom tgħammru f'dan il-post, fl-art li tajt lil missirijietkom minn dejjem għal dejjem" (Ġer 7:5-7).

Il-profeta Eżekjel fl-eżilju, jikteb: "Imma jekk il-midneb jerġa' lura mid-dnub li jkun għamel u jagħmel is-sewwa u l-ġustizzja, hu jsalva ruħu' (Eżek 18:28). Fit-tielet Isaija wara l-eżilju nsibu: "Jaqaw mhuwiex dan is-sawm li jiena rrid, jiġifieri, li tħoll l-irbit tal-ħażen, u tqaċċat ix-xkiel tal-madmad, li tibgħat ħielsa l-maħqurin u tkisser kull madmad?" (Is 58:6).

Il-profeta Ġona (fil-5 seklu Q.K.) li jkun mibgħut minn Alla biex isejjaħ għall-indiema u għall-konverżjoni tal-poplu ta' Ninwe (illum il-belt ta' Mosul fl-Iraq). Il-profeta Ġoel fis-sena 400 Q.K. b'qawwa kbira nieda jum il-Mulej u stieden għall-konverżjoni vera: "ċarrtu qlubkom u mhux ilbieskom" (Ġoel 2:13).

## 2.2. Liturġiji penitenzjali

Fil-ktieb tal-Levitiku nsibu diversi sagrifiċċji bħala sinjal ta' ndiema; insibu s-sagrifiċċji tal-ħruq 'l-olakawst' (kap 1) fejn il-vittma kienet tinħaraq kollha kemm lil Alla u d-duħħan tal-vittma kien jogħla 'olah' lejn is-sema. L-iskop ta' dan kien qima lil Alla, talba għal xi grazzja u sinjal ta' ndiema u tpattija għal dnubiet. Insibu s-sagrifiċċji tas-sliem u ta' devozzjoni, 'zebah xelamin' (kap 3) bħala ħbiberija bejn Alla u l-bniedem. Insibu ukoll is-sagrifiċċju tal-purifikazzjoni, 'hattah' (kap 4) biex proprju jpatti għall-ħtija li wieħed ikun għamel u b'hekk jitnaddaf mit-tniġġis tiegħu. Il-vittma kienet biċċa tinħaraq fuq l-artal, biċċa tingħata lill-qassis u l-bqija kienet tinħaraq 'il barra mill-komunità. Insibu ukoll sagrifiċċji oħra ta' riparazzjoni minħabba nuqqasijiet lejn il-qassisin u s-santwarju.

Maż-żmien insibu diversi liturġiji penitenzjali bħala penitenzi komunitarji tassew żviluppati per eżempju f'Neħemija kap 9, fejn insibu lil ulied Israel lebsin l-ixkejjer u bit-trab fuq rashom[1], samu, qraw mill-ktieb tal-ligi tal-Mulej, stqarrew dnubiethom, talbu għall-maħfra u taw qima lil Alla. Eżempji oħra huma f'Is 63:15-19 (dan l-kap inkiteb wara l-eżilju u huwa talba għall-ħniena u l-maħfra); Baruk 1:15-3 (is-segretarju ta' Ġeremija fejn fil-bidu tal-ktieb tiegħu hemm it-talba tal-poplu niedem) u Danjel 9:3-19 (li hija s-supplika tal-istess profeta fit-3 seklu Q.K.). Minn dan kollu mela naraw, li l-poplu li jrid idur lejn Alla, kien isum, jilbes l-ixkejjer, iqiegħdu l-irmied fuq rashom, joffru sagrifiċċji għall-maħfra, jitolbu bil-biki u jgħannu għana ta' niket.

## 2.3. Salmi penitenzjali

Għandna ukoll is-salmi penitenzjali sew individwali u sew kollettivi, li huma s-salmi 6; 32; 38, 50; 102; 130 u 143. Is-salm 130 (De profundis): "minn qiegħ l-art insejjaħlek, Mulej: isma Sidi il-leħen tiegħi!" (v.1-2) kien jitkanta mill-pellegrini lejn Ġerusalemm b'qalb niedma qabel il-liturġija u s-sagrifiċċju tal-maħfra.

## 2.4. Jum il-Maħfra

Il-verb fil-Lhudi għall-'maħfra' huwa 'kafar' li jfisser li 'tgħatti', 'tostor', 'taħbi', jista' ifisser ukoll 'timsaħ' kif ukoll 'tirrikonċilja' u 'tifdi'. Infatti il-'kofer' kien il-prezz tal-fidwa ta' persuna mill-jasar. Il-verb malti 'ħafer' għandu konnessjoni ma' dan il-verb Lhudi. Il-*kaph*, 'k' Lhudija li tippronunċja eżattament bħall-'h' qawwija tal-Malti u l-'pe' Lhudija li tinħass 'f' meta tkun singola u 'p' meta rdoppjata; għalhekk fil-Lhudi għandna 'yom kippur', 'jum il-maħfra' u n-nom 'kapporeth', l-għatu, dik iċ-ċangatura tad-deheb li sservi ta' għatu għal fuq l-arka tal-patt.

Il-poplu Lhudi kien obbligat mill-Mulej li n-nazzjon kollu ta' Israel darba fis-sena jniedi jum ta' penitenza nazzjonali u ta' tpattija kif naraw f'Lev 16, jum l-espjazzjoni jew il-purifikazzjoni tal-poplu, 'Yom Kippur'[2] li taħbat fl-10 tax-xahar ta' *Tixri* (Settembru-Ottubru) u fejn il-Qassis il-Kbir liebes l-ilbiesi speċjali tal-penitenza kien jidħol darba fis-sena fil-Post il-Qaddis (fis-*Sanctum Sanctorum*) fejn kien hemm l-arka, it-tron ta' Alla. Il-Qassis il-Kbir kien ipatti għal dnubietu kif ukoll għall-ħtijiet tal-poplu. Huwa diġà minn ġimgħa qabel kien jinqata' waħdu min-nies u jagħmel penitenza qabel ma jidher quddiem il-Mulej. Il-poplu sa minn ġurnata qabel, kien jibda s-sawma li fiha la kien jiekol u anqas jixrob. Kien jilbes

[1] Fil-kultura Griega u dik Feniċja l-irmied hu simbolu ta' qawmien mill-ġdid.
[2] Bil-Grieg 'hemera eksilasmoù u bil-Latin 'dies propitiationis' u fit-Talmud insibu 'jom som', 'jum is-sawm' bħalma hu msejjaħ fl-Atti 27:9.

ilbies abjad b'sinjal ta' viztu, uħud jilbsu ilbies li jniggeż jew isawtu lilhom infushom, kienu jpoġġu anke l-irmied fuq ir-ras u l-irgiel ma jqaxxrux il-leħja.

Kien imbagħad f'dan il-jum ta' penitenza nazzjonali li l-poplu kien jinġabar fil-bitħa l-kbira tat-tempju, u jinqraw is-siltiet mill-kotba mqaddsa. Ix-xjuħ tal-poplu kienu jippreżentaw żewġ bdabad. Bix-xorti kien jintgħażel dak li jkun ta' Alla u dan jinqatel għas-sagrifiċċju u d-demm tiegħu kien jinġabar fi bwieqi biex jittraxxax parti minnu fil-post il-qaddis, fuq l-għatu tal-arka, il-propizjatorju (il-maqgħad, is-siġġu tal-ħniena ta' Alla ) il-'hilasterion'. Hawnhekk biss u f'dan il-jum biss, il-qassis il-kbir jippronunċja l-isem sagru ta' Alla, 'Jahweh'. Imbagħad joħroġ bil-bqija tad-demm u jroxxu fuq il-poplu niedem minn ħtijietu kollha, sabiex ifakkar fid-demm tal-ħaruf maqtul u mraxxax fuq il-blajjet tal-bibien tagħhom fl-Eġittu li kien ħelishom mill-mewt.

Il-bodbod l-ieħor 'l-għażażel' wara li l-qassis ikun stqarr l-ħtijiet tiegħu u tal-poplu fuqu, kienu jitilquh fid-deżert iġorr fuqu d-dnubiet tal-poplu biex jiltaqa' mal-ispirtu ħażin tad-deżert, 'Għażażel'.

## 3. Il-Konverżjoni fit-Testment il-Gdid

Fil-Ġ.T. naraw lil Gwanni l-Battista jistieden lin-nies u jgħajjat bħall-iljun: "Indmu, għax is-Saltna tas-smewwiet waslet'' (Mt 3:2), espressa fil-magħmudija ta' ndiema għall-maħfra tad-dnubiet li hu kien jagħmel fix-xmara Ġordan.

Il-bidu tal-ministeru ta' Ġesù wara erbgħin jum ta' irtir fid-deżert proprju jibda b'din l-istedina: "Iż-żmien huwa mitmum, u s-Saltna ta' Alla waslet: indmu u emmnu fil-Bxara t-tajba'' (Mk 1:15). Kristu li qabel xi miraklu, kien jitlob att ta' konverżjoni u ta' fidi: "il-fidi tiegħek fejqitek'' (Mk 10:52). U fuq kollox it-tagħlim tiegħu, kien kontinwament stedina għall-indiema u l-maħfra kif naraw fil-parabboli tal-maħfra ta' Alla, per eċċellenza dik tal-Iben il-Ħali fejn għandna dik ix-xena kommoventi tat-tgħannieqa tal-missier ma' ibnu li kien 'mejjet' fid-dnub.

San Pawl ifisser din il-bidla, bil-konċetti tal-bniedem il-qadim "imħassar bix-xewqat tal-pjaċiri qarrieqa'' u l-bniedem il-gdid "maħluq'' skont Alla. Din hija l-ħajja ġdida fi Kristu: "Għandkom twarrbu l-ħajja tagħkom ta' qabel u tinżgħu l-bniedem il-qadim, imħassar bix-xewqat tal-pjaċiri qarrieqa u tilbsu l-bniedem il-ġdid, maħluq skont Alla, fil-ġustizzja u l-qdusija ġejja mill-verità'" (Ef 4:22-24).

Il-predikazzjoni ta' San Pietru fl-Atti ta' l-Appostli hija ukoll stedina għall-indiema: "Indmu u jitgħammed kull wieħed minnkom fl-isem ta' Ġesù għall-maħfra tad-dnubiet'' (Atti 2:39.)

L-Ittra lil-Lhud turi lil Kristu li hu l-Qassis il-Kbir li xerred demmu għalina u daħal fis-santwarju tas-sema biex jidħol għalina. Kristu li hu nnifsu jsir il-'hilasterion' il-ġdid, l-għuda tas-salib, l-għuda tal-ħniena ta' Alla sabiex permezz tad-demm tiegħu jsalvaw il-bnedmin kollha (ara Lhud 8:1-6).

Anke fl-Apokalissi l-aħħar ktieb fil-Bibbja, San Ġwann jistieden lill-Knisja ta' Efesu għall-penitenza u għall-indiema. "Mela issa, ġib quddiem għajnejk fiex waqajt; indem u erġa' aqbad l-opri tiegħek tal-bidu' (Apok 2:5).

## 4. Konklużjoni

Tajna ħarsa mela fil-qosor lejn il-mixja tal-konverżjoni tal-bniedem lejn Alla fil-Bibbja. Ejjew aħna lkoll mgħammdin fi Kristu nwettqu l-missjoni tagħna li nikkonvertu kuljum u li ngħinu lill-oħrajn sabiex iqumu tassew mid-dlam tad-dnub tagħhom għall-glorja tal-qawmien ta' Kristu.

## Biblijografija

BEAUCHAMP, P., *I profeti d'Israele o il dramma di un'alleanza*, Cinisello Balsamo 1988.
BIEDERMANN, H., *Dictionary of Symbolism,* New York 1992.
GARBINI G., *Note di lessicografia ebraica*, Brescia 1998.
KÜNG, H., *Ebraismo. Passato, presente, futuro*, Milano 1999.
LURKER, M., *Wörterbuch biblischer Bilder und Symbole*, Munich 1987.
MEYNET, R., *Morto e Risorto secondo le Scritture*, Bologna 2002.

# *IT-TIENI TAQSIMA:* *GĦAJNUNA GĦALL-PREDIKAZZJONI*

# 4. TIFSIR TAL-QARI TAL-ĦDUD TAR-RANDAN (SENA A)

Mons Joseph Sultana

## 1. L-EWWEL ĦADD TAR-RANDAN (SENA A)

### A. I QARI: Ġen 2,7-9;3,1-7

L-ewwel paġni tal-Iskrittura jwasslulna l-bidu tal-ħolqien, tal-bniedem u tad-dnub. Ħafna drabi nitkellmu mir-rakkont tal-ħolqien u tal-waqgħa. Imma aktar minn rakkonti dawn il-paġni jwasslulna ġeneru letterarju li jisboq il-ġeneru letterarju ta' rakkont. Fil-fatt huma tabilħaqq riflessjoni sapjenzjali fejn l-awtur jeżorta lill-qarrej biex jirrifletti dwar mistoqsija diffiċli: x'inhu l-oriġini tal-bniedem u tad-dnub? Altru li m'ahniex quddiem paġna leġġendarja!

Din is-silta hija magħmula minn żewġ siltiet iżgħar. Fil-bidu s-silta tgħidilna li "Alla sawwar il-bniedem mit-trab tal-art u nefaħlu n-nifs tal-ħajja fi mnifsejh". Dan jurina li kollox huwa frott id-don t'Alla. Il-bniedem mhuwiex il-propjetarju ta' dan il-ġnien fejn Alla poġġieh; mhux destinat għall-mewt imma jista' jmut jekk jikser il-kmand li rċieva. Kif il-mewt li kienet ta' theddida saret ħaġa inevitabbli għal kull bniedem? L-awtur ma jweġibx għall-mistoqsijiet b'sempliċi tweġiba kif imdorrijin nagħmlu aħna fil-ħajja ta' kuljum imma jwieġeb permezz tad-djalogu li joħloq bejn is-serp u l-mara. Id-dnub jitnissel fil-qalb tal-bniedem għax is-serp iwassal lill-qalb biex tiddubita mill-imħabba t'Alla u tara f'Alla rival għajjur għalih innifsu u li jinqeda bil-liġi biex ifixkel lill-bniedem milli jgħix u jasal għall-milja, jiġifieri li jkun bħal Alla. Id-dnub ma jitnissilx mill-frotta pprojbita imma jitnissel minn għarfien żbaljat li l-bniedem għandu t'Alla, u tal-ligi tiegħu. Hu biss f'dan il-waqt li s-siġra dehret "tajba għall-ikel u tiġbdek tħares lejha, siġra għad-dehen ta' min jixtieqha". Dan huwa l-għerq tad-dnub: li l-bniedem, minflok ma jafda f'Alla, jitħalla jiġi ngannat mix-xitan. Il-kumplament huwa kollu frott ta' dan. Il-ġisem, l-ewwel rigal li Alla sawwar u ta lill-bniedem u li fih nefaħlu n-nifs tal-ħajja, ma jibqax sinjal ta'dan kollu imma jsir oġġett ta'waqgħa u ħakma fuq l-ieħor, tant li jwassal għall-misthija.

Is-serp jibni t-tentazzjoni tiegħu fuq ix-xewqa li għandu l-bniedem li jkun kbir u ambizzjuż. Min iċedi għat-tentazzjoni jitlef tabilħaqq il-kobor tiegħu u jakkwista biss l-umiljazzjoni u l-istat miżerabbli tad-dnub. Dan seħħ tassew meta naqraw: "U għajnejn it-tnejn infetħu u ntebħu li kienu għarwenin; u ħietu weraq tat-tin ma' xulxin u għamlu ħżimijiet għalihom". Adam u Eva jintebħu bid-dgħufija tagħhom u bin-nuqqas ta' qawwa biex jiddefendu lilhom infushom. Minflok ma saru bħal Alla, intebħu li kienu ħlejjaq bla saħħa, dgħajfa u li jġarrbu l-mewt. Meħtieġ li l-bniedem jgħaddi u jirbaħ il-prova tax-xitan biex isib id-dinjità u l-ferh veru għalih u għall-oħrajn. F'dan l-ewwel Ħadd tar-Randan jaqbel li nqajmu kuxjenza dwar ir-realtà tad-dnub u l-għerq tiegħu sabiex il-fidili jagħrfu fil-bidu tal-mixja tar-Randan id-direzzjoni li trid tieħu din il-mixja – taqbida kontinwa biex nibnu dak li ġie maħtut!

## B. Il QARI: Rum 5,12-19

L-ewwel ħames kapitli tal-ittra lir-Rumani jippreżentaw dehra tas-sitwazzjoni tal-bniedem qabel u wara Kristu. Dak li jolqotna minnufih hu l-kuntrast bejn is-saltna tad-dnub u tal-mewt u s-saltna tal-ħajja u tal-grazzja.

Id-dħul tad-dnub u l-mewt fid-dinja poġġa' lill-umanità kollha f'sitwazzjoni fejn il-bniedem waħdu ma jistax jasal għand Alla. Il-bnedmin kollha dinbu u għalhekk tilfu l-glorja t'Alla: "Ħadd, ebda wieħed, ma hu ġust" (Rum 3, 10). Imma San Pawl jurina li mal-miġja ta' Kristu bdiet epoka ġdida fejn il-grazzja t'Alla għelbet il-ħakma tad-dnub. Min tassew jibni l-ħajja tiegħu fuq il-fidi, għalih is-sitwazzjoni hija tabilħaqq mibdula u ġdida għal kollox, fejn id-dnub m'għadux aktar l-għadu mhux mirbuħ, imma issa ġie megħlub u tilef is-setgħa tiegħu fuq il-bniedem mifdi fi Kristu. Hekk il-bniedem reġa' kiseb il-possibilità li jidħol mill-ġdid f'għaqda m'Alla kif riedha Alla sa mill-bidu. Dan huwa messaġġ ta'fiduċja u tama kbira biex nimxu 'il quddiem fit-triq tar-Randan għaliex, minkejja li aħna midinbin, il-Mulej huwa ġeneruż, jaħfrilna u jagħtina ċ-ċans biex nerġgħu naqbdu t-triq tal-imħabba ġeneruża. Il-mixja tar-Randan jeħtieġ li nifhmuha u nfehmuha f'din il-prospettiva. Tabilħaqq li għan-Nisrani, fejn kotor id-dnub kotrot fuq li kotrot il-grazzja.

## C. VANĠELU: Mt 4,1-11

Il-bniedem jeħtieġ li jagħraf li jinsab f'taqbida kontinwa: min-naħa x-xewqa li jħaddan dejjem il-ħajja u min-naħa l-oħra r-realtà tal-mewt li tant drabi b'rieda ħielsa jagħżel għalih innifsu. Ir-Randan huwa okkażjoni biex nintebħu u ninżlu fil-fond ta' din il-verità dwar il-ħajja ta' kull bniedem u nwasslu biex indawluha bit-tħabbira t-tajba tal-fidwa mwettqa għalina fil-misteru tal-Għid. Hekk il-bniedem permezz ta' dan ir-Randan isir ftit aktar konvint mill-imħabba t'Alla għalih u jagħmel għażliet favur tagħha.

Għandna kuntrast fejn l-ewwel qari magħżul għal dan l-ewwel Ħadd u s-silta tal-Vanġelu. Dak li l-bniedem safa vittma tiegħu fil-Ġenesi, Kristu jirbħu u jegħlbu fil-mument tat-tentazzjoni fid-deżert. Hija pożizzjoni mill-aktar ottimista dik li tagħtina l-knisja fil-bidu ta' dan ir-Randan imqaddes. Ġesù rebaħ lit-tentatur għalina u hekk aħna nistgħu b'kuraġġ nimxu 'il quddiem fiduċjużi li nistgħu naslu aħna wkoll għar-rebħa. Ġesù huwa tassew veru bniedem, tant li narawh fis-sura ta' bniedem ittentat u ppruvat. Imma huwa hawn li jidher tabilħaqq bħala l-Iben il-Maħbub tal-Missier li fih sab il-għaxqa tiegħu, għax ħadd u xejn ma seta' jġib fit-tmiem dik l-iva li dejjem u f'kollox qal lil Alla Missieru, u li minnu kien irċieva l-milja tal-Ispirtu s-Santu.

Bħall-każ tal-mara fil-ktieb tal-Ġenesi, ix-xitan jittenta lil Ġesù sabiex jiddubita dak li Alla l-Missier kien iddikjara dwaru fil-mument tal-Magħmudija fil-Ġordan. Ix-xitan xtaq li Ġesù jkun "kristu" b'mod differenti minn kif ħatru Alla l-Missier. U għalhekk jittentah bil-għan li jbiddillu fehmtu u ma jibqax fidil lejn il-pjan tal-Missier. Hekk ix-xitan jipprova japprofitta mill-ġuħ ta' Ġesù, frott tas-sawm li kien qiegħed jagħmel fid-deżert. Kien ukoll il-ġuħ għall-ikel li wassal lill-poplu tal-Eżodu biex jiddubita minn Mosè u jgerger kontra Alla: "Hriġtuna f'dan id-deżert biex toqtlu bil-ġuħ din il-ġemgħa kollha!" (Es 16,3). Biex itemm dan it-tgemgim u biex il-poplu jagħraf dak li kien qiegħed imexxih, Alla bagħat numru kbir ta' summien u tahom ukoll il-manna (Eż 16,11-15). Lil Ġesù ix-xitan talbu biex jivverifika l-identità tiegħu ta' Iben t'Alla billi jbiddel il-ġebel f'ħobż biex hekk jaqta' l-ġuħ: "Jekk inti Bin Alla, ordna li dan il-ġebel isir ħobż". Ġesù huwa l-iben t'Alla kif diġà ġie mgħarraf b'mod solenni mill-Missier fil-mument tal-magħmudija: "Dan hu ibni l-għażiz li fih sibt il-għaxqa tiegħi" (Mt 3,17). Għax huwa Iben t'Alla huwa mogħni bil-qawwa li jagħmel il-mirakli. Imma din hija qawwa li Ġesù jagħmel użu minna skont ir-rieda tal-Missier, f'konformità sħiħa mal-pjan tiegħu tal-fidwa u qatt għall-vantaġġ personali tiegħu. Din hija qawwa li ġiet mogħtija

mhux għas-servizz personali tiegħu imma għas-servizz t'Alla u tal-aħwa. Din hija tentazzjoni tagħna wkoll li nagħmlu użu minn tant doni li ġew mogħtija lilna għall-vantaġġ personali tagħna. Dan ifisser li aħna ngħixu fl-egoiżmu tagħna li ma jikkorrispondix mal-pjan t'Alla. Ġesù jwiegeb għal din l-ewwel tentazzjoni billi jikkwota d-Dewteronomju: "Hemm miktub: Il-bniedem mhux bil-ħobż biss jgħix, imma b'kull kelma li toħroġ minn fomm Alla". Jurina li fl-aħħar mill-aħħar dak li l-aktar jgħodd għall-bniedem mhux l-ikel materjali imma r-rabta mar-rieda tal-imħabba t'Alla. Fil-fatt, il-kelma t'Alla li toħroġ minn fommu hija kelma li trid turina l-pjan tiegħu tal-imħabba għalina. U meta nsiru konvinti minn din l-imħabba, inkunu lesti li nħallsu kull prezz biex ma nitilfuhiex.

Ix-xitan huwa brikkun u jekk għall-ewwel tentazzjoni Ġesù jwiegeb bil-Kelma t'Alla, fit-tieni tentazzjoni li jressaq, anke x-xitan jikkwota l-Iskrittura biex jipproponi azzjoni li tista' tidher li hija espressjoni ta' fiduċja sħiħa f'Alla: "Jekk int bin Alla, inxteħet għal isfel; għax hemm miktub li lill-anġli tiegħu jorndalhom jieħdu ħsiebek, u li fuq idejhom jerfgħuk, ħalli ma taħbatx riġlek ma' xi ġebla". Hawnhekk ix-xitan jissuġġerixxi lil Ġesù atteġġjament ta' fiduċja sħiħa f'Alla fuq dak li tgħid l-istess Skrittura. Ġesù jiskopri li l-intenzjoni tax-xitan kienet li jittenta lil Alla u jwasslu biex iġagħlu jagħmel il-miraklu. Huwa l-bniedem li jagħti s-servizz tiegħu lil Alla u mhux bil-maqlub. Mill-ġdid din hija t-tentazzjoni tal-ambizzjoni li tipprova tisfida lil Alla, kif għamel il-poplu f'Massa u Meriba "biex jaraw jekk Alla kienx magħhom jew le" (Eż 17,7).

Fl-aħħar ix-xitan jagħmel it-tentazzjoni l-aktar qawwija li tirrigwardja l-missjoni ta' Ġesù. Ġesù ġie biex ikun re, kif jgħid hu stess fir-rakkont tal-passjoni (Ġw 18,33-37). Ġie bħala l-Messija li skont l-iSkrittura kollox għad ikun taħt riġlejh. Ix-xitan joffrilu mezz u triq sempliċi u ħafifa biex jasal għal dan, u jgħidlu: "Dawn kollha nagħtihom lilek jekk tinxteħet tadurani". Għal din il-proposta Ġesù jwieġeb b'qawwa akbar kontra x-xitan li kien qiegħed jipprova lil Ġesù. Għax-xitan jgħodd il-prinċipju li l-għan jiġġustifika kull mezz u kull strument biex dan jintlaħaq. Imma l-għan ma jiġġustifikax il-mezzi. Ħafna drabi jiġrilna li l-għan u l-intenzjoni tagħna jkunu tajbin imma l-modi ta' kif naslu għalihom żgur li ma jkunux imnebbħin minn Alla.

Dawn it-tentazzjonijiet ta' Ġesù jservu biex inkunu msaħħin u biex b'qawwa mmexxu 'il quddiem t-taqbida tar-Randan b'mod ġeneruż u effikaċi. Kull wieħed huwa msejjaħ biex jintebaħ b'kull dubju li jista' jeħodha kontra l-awtorità tal-Iben, li huwa f'kollox u għal kollox sottomess għar-rieda ta' Missieru u li fih jafda, għaliex huwa għalih l-għajn ta' kull glorja u rebħ. Kull tentazzjoni hija eżempju ta' interpretazzjoni ta' din il-paġna tal-Vanġelu li waħidha teżawrixxi l-għerq ta' kull tentazzjoni.

"Jien illum qegħedt quddiemek il-ħajja u l-mewt, il-barka u s-saħta" (Dewt 30,19). Dawn il-kelmiet afdati minn Alla lil Mosè fl-aħħar diskors lill-poplu tal-Patt ma jiqfux jidwu minn meta l-Mulej Alla ħalaq u sawwar il-bniedem. Il-ħażen tax-xitan issottometta l-umanità taħt is-setgħa tal-mewt u tad-dnub. Alla reġa' offra lill-poplu r-rigal tal-liġi biex il-poplu seta' jagħżel mill-ġdid bejn il-ħajja u l-barka, imma dan ma għenx biex il-kundizzjoni tal-bnedmin tinbidel. Bl-inkarnazzjoni tal-Iben il-maħbub, Adam il-ġdid, xbieha perfetta ta'Alla, id-direzzjoni tal-umanità tiġi radikalment imġedda. Qabel il-ministeru pubbliku tiegħu, Ġesù affronta b'mod deċisiv lix-xitan u għelbu tant li kixef il-qerq tiegħu, frott tal-għaqda qatt minsusa li Ġesù kellu mal-Kelma. Fih u permezz tiegħu l-umanità kollha hija mill-ġdid u b'mod definittiv indirizzata mill-ġdid lejn il-ħallieq. Tabilħaqq il-Kristjan ġie mgħallem minn Kristu juża x-xabla tal-kelma t'Alla, li Ġesù jurina u jwassalna għas-sens sħiħ tagħha. Il-Kristjan mhux aktar fi ġlieda ta' impari bejnu u bejn ix-xitan għaliex huwa diġà sostnut mir-rebħa żgura u diġà mwettqa ta' Kristu li tinkiseb bil-fidi fih.

# 2. IT-TIENI ĦADD TAR-RANDAN (SENA A)

## A. I QARI: Ġen 12,1-4a

Is-sejħa ta' Abram, skont San Pawl, tagħmel minnu "l-missier ta' dawk kollha li jemmnu" (Rum 4,11), jiġifieri missier tal-Lhud, tal-Insara u tal-Musulmani. Il-ktieb tal-Ġenesi jiddedika 13-il kapitlu għall-figura ta' Abram (Ġen 12,1 – 25,11) mit-tluq tiegħu mill-art tal-Kaldin (Ġen 12,1-4a). Il-Mulej jgħidlu biex jitlaq u jħalli kollox. Kellu l-kuraġġ li jitlaq kull sigurtà biex jirriskja futur li umanament ma kienx żgur. L-ittra lil-Lhud tgħidilna li Abram telaq "bla ma kien jaf fejn kien sejjer" (Lhud 11,8). Il-qawwa biex jieħu vjaġġ kollu oskurità tal-inċertezza kienet ġejja mill-fiduċja fil-Kelma t'Alla. Aħna nuru din il-fiduċja meta ma nħallux għeruq jitrabbew fil-ħwejjeġ tal-art bħall-egoiżmu u l-idolatrija tagħna, imma nibnu l-fiduċja tagħna fil-Mulej. Ninħelsu minn dak li huwa dgħajjef fina u nkunu aktar disponibbli biex inwettqu passi ġodda favur koerenza evanġelika. Ma tantx tinteressana l-bijografija ta' Abram daqskemm il-mod ta' kif Alla jaġixxi fil-konfront tiegħu u jmexxih. F'dan is-sens il-mixja ta' Abram hija eżemplari għalina. L-ewwel nett tidher it-tkomplija tal-fedeltà u tal-inizjattiva t'Alla li għażel lil Noè u tah il-qawsalla bħala sinjal tal-patt tiegħu miegħu (Ġen 9, 18-19) u li minnu ħareġ nisel li tiegħu Abram huwa wild.

Alla jistenna minn Abram att ta' fidi. Abram huwa eżempju: kien kollu fiduċja f'Alla hekk li ittama kontra kull tama: Rum 4,20-21: "Quddiem il-wegħda t'Alla ma qagħadx italla' u jniżżel jekk jemminx jew le, imma ssaħħaħ fil-fidi, filwaqt li gglorifika lil Alla u żamm bis-sħiħ li min kien għamillu l-wegħda kien qawwi biżżejjed biex iżomm kelmtu".

Tabilħaqq li l-fidi f'Ġesù "mogħti għall-mewt għal dnubiethna u mqajjem għall-ġustifikazzjoni tagħna" twassalna għall-fidwa. Jekk l-istorja tal-bniedem bdiet bid-diżubbidjenza (Ġen 2-3) u l-konsegwenzi tagħha f'erba' saħtiet (lis-serp Ġen 3,14; lill-art Ġen 3,17-5,29; lil Kajjin Ġen 4,11 u lill-art ta' Kangħan Ġen 9,25), bil-wisq aktar kienet kbira l-barka, li f'din is-silta waħidha tissemma' ħames darbiet. Is-sejħa u t-tweġiba kollha fidi t'Abram hija tassew bidu ġdid fl-istorja: taqleb ta' taħt fuq dak li kien sa issa. Wara Noè, Abram huwa missier ta' nisel ġdid ta' bnedmin, dawk li jemmnu f'Alla u huma mberkin minnu.

F'dan il-Ħadd, l-assemblea liturġika hija mistiedna biex fil-fidi tfakkar il-barka ta' Abram. Nitolbu li f'dan il-Għid niġu mbierka skont il-wegħdiet magħmula "lil Abram u lil nislu għal dejjem" (*Magnificat*) u nerġgħu nibdew ingawdu l-barka.

## B. IT-II QARI: 2 Tim 1,8b-10

F'din is-silta San Pawl jassigurana li għalkemm fil-ħajja rridu nagħmlu l-kontijiet mal-mewt u mat-tbatija, b'danakollu dawn ir-realtajiet ma jaħkmux fuqna. Grazzi għal Kristu, Alla sejħilna għall-ħajja eterna.

Il-barka t'Alla mwiegħda, ġiet murija b'mod universali "bid-dehra tas-Salvatur tagħna" (2 Tim 1,8b-10). Hija silta li tolqotna bid-densità teoloġika tagħha. San Pawl jirritorna diversi drabi fuq il-gratuwità assoluta tas-sejħa għall-ħajja u għas-salvazzjoni (Rum 3,28; 4,2-5; Ef 2,8-9). Abram huwa eżempju tipiku ta' tweġiba għas-sejħa gratuwità tal-fidwa.

Drabi oħra Pawlu jitkellem mill-misteru tal-fidwa li baqa' moħbi f'Alla u li ntwera f'Ġesù Kristu (1 Kor 2,7-9). Ir-rigal magħmul sa minn dejjem, ġie muri issa (Ef 3,9.11; 1 Piet 1,20). Dan kollu jseħħ fil-predikazzjoni tal-Vanġelu. Dan juri r-responsabiltà tal-predikazzjoni:

"Jekk jiena nxandar l-Evanġelju m'għandix biex niftaħar; jien obbligat nagħmlu dan!" (1 Kor 9,16).

## C. VANĠELU: Mt 17,1-9

Dan il-Vanġelu jagħti s-sens tat-telgħa tar-Randan lejn il-Għid il-Kbir li l-Knisja twettaq fuq il-passi tal-Mulej Ġesù, biex iġġedded il-fidi u t-tama tal-komunità ekkleżjali, li tidher f'ħeġġa u impenn akbar fil-ħajja. Lill-komunità miġbura biex tiċċelebra t-tieni Ħadd tar-Randan, meħtieġ li nippreżentawlha vizzjoni antiċipata ta' Kristu fil-glorja, dik il-glorja li ser tintwera f'kull wieħed fl-aħħar jum. It-triq hija dik tal-esperjenza doloruża tal-passjoni u l-mewt f'isem l-imħabba. Din hija l-verità li Ġesù xtaq ifiehem lit-tliet dixxipli li kienu miegħu.

It-trasfigurazzjoni quddiem dawn it-tliet dixxipli hija inizjattiva t'Alla. Isseħħ fuq muntanja għolja, il-post fejn jinżel Alla, u fejn wieħed jitla' biex jiltaqa' miegħu, u li skont ir-rivelazzjoni profetika għad tkun il-post tal-manifestazzjoni t'Alla fl-aħħar jum.

Mt, Mk u Lq ilkoll ipoġġu t-trasfigurazzjoni wara l-istqarrija ta' Pietru f'Ċesarea, wara l-ewwel tħabbira tal-passjoni, wara l-kundizzjonijiet tad-dixxipulat u wara t-tħabbira tat-tieni miġja tal-Mulej. Dan il-paralleliżmu hekk qawwi huwa xi ħaġa li tissorprendina lkoll. Fil-fatt, fil-każ ta' Mattew insibu din l-organizzazzjoni fit-test: stqarrija ta' Pietru (Mt 16,13-20), tħabbira tal-passjoni (Mt 16, 21-23), il-kundizzjonijiet (Mt 16,24-27), it-tħabbira tar-ritorn tal-Mulej (Mt 16,28) u fl-aħħar it-trasfigurazzjoni (Mt 17,1-9).

"Wiċċu sar jiddi bħax-xemx u lbiesu sar abjad bħad-dawl": skont Danjel din il-bidla għad isseħħ ukoll fl-aħħar jum lil dawk li jkunu nstabu ġusti (Dan 12,1.3). Ftit qabel Ġesù kien mħabbar ir-ritorn tal-Iben għand Missieru (Mt 16,27) u għalhekk lil Pietru, lil Ġakbu u lil Ġwanni tiġi mogħtija l-possibilità li jiskopru lil Ġesù mibdul għal kollox. Lil dak li ftit qabel kien miexi magħhom fit-triq, dak li ser jaraw mill-ġdid bħas-soltu wara dan il-mument, u lil dak li kienu sejrin jaraw sfigurat għal kollox u mdendel mas-salib skandaluż, f'dan il-waqt jarawh liebes il-glorja tas-sema. Huma dawn it-tliet dixxipli li jagħtu xhieda ta' din id-dehra meta Ġesù Rxuxtat ikun "meħud fil-glorja" (1 Tim 3,16) li l-Missier kien ser jagħtih (1 Piet 1,21).

Tassew li d-dawl tat-trasfigurazzjoni jdawwal il-mixja tar-Randan. Ir-realtà traġika tas-salib ma tintilef qatt mill-attenzjoni imma hija mdawla mid-dawl tal-misteru tal-Għid. L-esperjenza tat-trasfigurazzjoni tgħallimna li Ġesù permezz tal-mewt sar "il-Mulej tal-glorja": 1 Kor 2,8: "Ebda wieħed mill-mexxejja ta'din id-dinja ma għarfu; kieku għarfuh, qatt ma kienu se jsallbu l-Mulej tal-glorja".

Id-dehra ta' Mosè u Elija ħdejn Ġesù jippersonifikaw il-Liġi u l-Profeti. Ifakkruna f'żewġ rivelazzjonijiet oħra. Mosè tela' fuq is-Sinaj u kellu rivelazzjoni t'Alla. Talab li jara l-glorja t'Alla imma Alla wieġbu li ma kienx ser jarah wiċċ imb'wiċċ imma mill-ispallejn. Hekk Mosè kellu r-rivelazzjoni t'Alla waqt li għadda minn quddiemu (Eż 33,18-34,7). F'xebh ma' din ir-rivelazzjoni, anke Elija kellu rivelazzjoni t'Alla fuq muntanja. Mhux f'tempesta, jew fit-terremot, jew fin-nar imma fiż-żiffa ħelwa. Hekk Elija kellu rivelazzjoni t'Alla. Imma b'differenza minn dawn iż-żewġ rivelazzjonijiet, mhux Ġesù li jkollu r-rivelazzjoni t'Alla imma huwa fih innifsu li Alla juri lilu nnifsu f'dehra tabilħaqq ta'glorja. Iseħħu l-kelmiet ta' Ġesù: "Min jara lili, jara lill-Missier" (Ġw 14,9). Ġesù huwa r-rivelazzjoni perfetta tal-wiċċ kollu qdusija u ħniena tal-Missier.

Fuq is-Sinaj Mosè rċieva l-volontà t'Alla, waqt li Elija rċieva l-missjoni li kellu jwettaq. Fuq it-Tabor mhuwiex Ġesù imma l-appostli li jirċievu r-rivelazzjoni tar-rieda t'Alla: "Isimgħu lilu". Mhix rieda aktar miktuba fuq twavel tal-ġebel imma li tidher b'mod sħiħ fil-persuna ta'

Ġesù. Dan iħejji lill-appostli biex jaffrontaw il-passjoni u jirbħu l-umiljazzjoni, il-falliment u l-iskandlu tagħha bl-imħabba.

Hija dehra tabilħaqq meraviljuża li Pietru jixtieqha għal dejjem, bħallikieku diġà waslu l-aħħar taż-żminijiet u diġà wasal il-waqt biex jitwaqqfu t-tined eterni. Bħala risposta għal Pietru, "sħaba kollha dawl għattiethom". Id-dawl u d-dell imorru flimkien għax fit-tradizzjoni biblika *s-shekinah* tesprimi l-misteru tal-preżenza t'Alla li, waqt li turih, tostru! (Eż 40,34-35; Lq1,35).

Ġesù huwa Mosè tar-rabta l-ġdida li lilu meħtieġ li jingħata widen: Mt 5,21-38: "Smajtu xi ntqal lin-nies ta' dari… imma jiena ngħidilkom…". Ġesù jitkellem bl-awtorità tal-Iben il-maħbub, awtorità li mbagħad ġiet delegata minnu stess lill-appostli fuq il-għolja tal-Galilija (Mt 28,18-20).

Meta semgħu l-leħen mis-sħaba waqgħu wiċċhom fl-art, quddiem dak li Pietru sejjaħlu "l-Mulej". Għal Mattew dan huwa ġest ta' adorazzjoni – il-ġest li jwettaq kull min għandu l-fidi! Huwa ġest li jirrepeti ruħu mill-ġdid fil-mument tat-tlugħ fis-sema ta' Ġesù u l-għoti tal-ministeru lill-appostli.

Wara l-passjoni, it-trasfigurazzjoni tgħin biex tiftiehem il-ġrajja tal-qawmien. Mhix glorifikazzjoni bħallikieku sempliċi eżaltazzjoni, imma kif jgħid Ġesù fit-talba saċerdotali: "U issa, Missier, igglorifika lili għandek, bil-glorja li kelli miegħek qabel ma kienet id-dinja." (Ġw 17,5). Tabilħaqq li l-appostli jistgħu jagħrfu fil-glorja tal-Irxoxt il-glorja tal-Iben t'Alla u jxandruha kif xandarha San Pawl (Rum 1,4). It-trasfigurazzjoni hija antiċipazzjoni tal-Qawmien meta ser tidher il-manifestazzjoni sħiħa tal-glorja filjali ta' Ġesù, perfettament magħqud mal-Missier, l-Iben il-maħbub, li fih anke aħna msejħin insiru wlied Alla!

It-trasfigurazzjoni hija tassew dimensjoni kostanti tal-Knisja – dakinhar is-silenzju jiġi mwaqqaf biex tibda s-siegħa tat-tħabbira f'ħin opportun jew anqas opportun li Ġesù huwa l-Mulej, l-Iben il-maħbub tal-Missier, qarib u familjari tagħna li jgħidilna: "Qumu, la tibżgħux!"

# 3. IT-TIELET ĦADD TAR-RANDAN (SENA A)

## A. L-I QARI: Es 17,3-7

L-għatx tal-poplu ta’ Iżrael fid-deżert u l-għatx ta’ Ġesù f’Sikem juruna t-turmenti tal-umanità li tfittex dejjem li tistagħna fil-verità, u hekk toqrob aktar lejn il-misteru ta’ Alla. Fid-djalogu mas-Samaritana, Ġesù jwiegħed ilma li jaqta’ l-għatx għal dejjem. Permezz ta’ din ix-xbieha tal-ilma ħaj, jiġifieri għajn li dejjem tnixxi, Ġesù jrid jenfasizza l-kapaċità tiegħu li jikkomunika lill-bniedem valuri reali tal-ħajja li jistgħu tabilħaqq isalvawh. Fil-fatt il-għatx u l-ġuħ huma bżonn speċifiku tal-ġisem li f’sens wiesa’ jesprimu u jħaddnu wkoll ħafna u diversi xewqat u aspirazzjonijiet tal-bniedem. F’kull wieħed minna hemm diversi minn dawn il-bżonnijiet, tant li nistgħu ngħidu li ħajjitna hija magħmula aktar minn xewqat milli minn realtajiet diġà mħaddna! Għandna ġewwa fina vojt li ma jseħħilniex nimlew. Mhux żbaljat li l-bniedem ikollu x-xewqat tiegħu imma nkunu żbaljati jekk dawn ix-xewqat nillimitawhom biss għall-ħwejjeġ limitati u materjali. Alla joffrilna don uniku: li jaqtgħalna l-għatx li għandna għall-ferħ u għall-milja tal-ħajja.

Dan kollu nistgħu ma nifhmuhx kif ma fehmux il-poplu Lhudi fid-deżert tant li ħadha kontra Alla. Quddiem in-nuqqas ta’ ilma fid-deżert, il-poplu jagħmel reazzjoni ta’ kontestazzjoni qawwija u ħadha kontra Mosè u qal: “Għalfejn tellajtna hawn mill-Eġittu? Biex toqtol lilna u lil uliedna u l-bhejjem tagħna bil-għatx?”. Mosè huwa tabilħaqq dahru mal-ħajt u l-Mulej jagħtih l-għajnuna. Mosè jobdi u tingħeleb id-diffikultà meta jagħtihom l-ilma mill-blat. Din ix-xbieha twarrbet biex daħlet ir-realtà fi Kristu: “Xorbu tassew mill-blata spiritwali li kienet timxi magħhom, u din il-blata kienet Kristu.” (1 Kor 10,4)

## B. IT-II QARI: Rum 5,1-2.5-8

Il-messaġġ ta’ din is-silta huwa messaġġ ta’ tama kbira. Il-ħajja ta’ kull imgħammed hija eżodu li jwassal lid-dinja mill-grazzja “li fiha ninsabu” għall-belt il-ġdida li fiha jkollna parti “mill-glorja ta’Alla”. Mhix tama fiergħa għax tabilħaqq li l-fidi tpoġġina f’relazzjoni ġdida m’Alla u anke mal-oħrajn: relazzjoni ta’ fiduċja u ta’ mħabba li l-inizjattiva tagħha tibqa’ dejjem f’idejn Alla. L-ispirtu huwa l-garanti u li issa “ġie msawwab fi qlubna”. Prova ta’ dan hija li Kristu miet għalina meta aħna konna għadna midinbin. Xejn ma jista’ jbeżżagħna quddiem prova bħal din tal-imħabba hekk kbira t’Alla lejna. Ma nistgħu qatt niddubitaw mill-preżenza t’Alla għax l-ispirtu ġie msawwab fi qlubna.

Tabilħaqq li kull wieħed minna jħoss l-ugigħ tal-ħlas sakemm jitnissel fina u jitwieled il-bniedem il-ġdid.

## C. IL-VANĠELU: Ġw 4,5-42

Fit-III, fir-IV u fil-V Ħadd tar-Randan Sena A, ser nisimgħu t-tliet vanġeli li kienu jintużaw mal-katekumeni fil-mixja tagħhom lejn is-sagrament tal-Magħmudija. Kienu jiġu akkumpanjati biex jiskopru l-eżiġenzi profondi tal-konverżjoni lejn Kristu permezz tas-sinjali tal-ilma, tad-dawl u tal-ħajja. F’dan il-Ħadd ninsabu quddiem ix-xbieha ta’ Ġesù bħala l-ilma l-ħaj, li jegħleb l-għatx ta’ kull xewqa umana u li jwassal għall-ħajja sħiħa u eterna lil dawk li jitolbu li jaqtgħu l-għatx mill-għajn tiegħu.

Alla jaqta’ dan il-għatx tal-bniedem meta jġedded ir-relazzjonijiet interpersonali waqt li jgħallimna l-verità dwar ir-relazzjoni tagħna m’Alla u waqt li jagħtina l-Ispirtu li jagħmilna

awtentiċi f'dak li aħna. Il-ħajja u l-fidwa li jagħtina Ġesù tikber fina fil-qies li aħna nilqgħu l-kelma tiegħu.

Ġesù jidher għajjien wara vjaġġ ta' mixi u ħdejn il-bir ta' Ġakobb qrib il-belt ta' Sikar, mhux tant 'il bogħod mill-belt tas-Samarija, ifittex ftit tal-mistrieħ. Ġesù bħal jagħmel pass banali u jitlob l-ilma lil mara Samaritana. Ġesù jfittex li jibni relazzjoni magħha bħal wieħed li huwa fil-bżonn. Ftit ftit jesponi l-intenzjoni profonda tiegħu billi jsir tallab u juriha x-xewqa kbira li għandu li jikkomunika lil din il-mara d-don t'Alla. Ġesù fid-djalogu mas-Samaratina jfittex li jwassalha għal dan l-għarfien: "Li kieku kont taf..." Nagħrfu d-don t'Alla jfisser li lil hemm mill-bżonnijiet immedjati u tax-xewqat tagħna hemm xi ħaġa bil-wisq akbar li nistgħu nirċevuha biss bħala don mingħand Alla.

Ġesù ma jitkellimx mill-ilma ordinarju, naturali imma minn don aktar importanti li jissodisfa x-xewqat tal-bniedem, mhux biss passivament imma anke attivament, tant li dan l-ilma jsir fil-persuna li tirċevih għajn ta' ilma li jwassal għall-ħajja ta' dejjem.

Ftit ftit is-samaritana tintebaħ li għandu l-kapaċità jikxef il-ħajja privata tagħha. Il-mara turi n-nuqqas ta' qbil li kienet iġġorr ġewwa fiha dwar fejn setgħet issib lil Alla quddiem nuqqas ta' qbil dwar fejn tista' ssibu. Hawn Ġesù jagħmel rivelazzjoni: "Emminni mara, jiġi żmien meta mhux fuq din il-muntanja tinxteħtu tqimuh lill-Missier, anqas f'Ġerusalemm... Imma jiġi żmien, anzi ġa huwa issa meta dawk li tassew iqimu lill-Missier jibdew iqimuh fl-ispirtu u l-verità". Hija rivelazzjoni kompletament ġdida għax Ġesù jelimina mhux biss it-tempju f'Garizim imma wkoll f'Ġerusalemm, ħaġa li qatt ma nstemgħet bħalha! Ġesù jitkellem minn relazzjoni profonda m'Alla li ma tiddependix mill-post jew mit-tempju imma unikament f'kull post u żmien għax mibnija fuq l-ispirtu u l-verità. Ġesù jiddikjara fil-Vanġelu: "Jiena hu t-triq, il-verità, u l-ħajja" (Ġw 14,6). Huwa jagħmel possibbli dan għax permezz tal-passjoni jeħles l-ispirtu minn kull xkiel u jagħtihulna, waqt li jirrivelalna l-unika verità: Alla hu mħabba!

# 4. IR-RABA' ĦADD TAR-RANDAN (SENA A)

## A. I QARI: 1 Sam 16,1b.4a6-7.10-13a

F'dan il-Ħadd, l-ewwel qari jippreżentalna mument ieħor importanti fl-istorja tas-salvazzjoni. Il-konsagrazzjoni ta' David, l-iben ta' Ġesse magħżul biex ikun is-suċċessur tas-sultan Sawl hija frott ta' għażla mwettqa u mdawla mill-kriterju t'Alla li "jara l-qalb" (1 Sam 16,7), jew skont il-verżjoni Sirjaka tal-AT: "il-bniedem jara bil-għajnejn imma Alla jara bil-qalb". Bejn il-bniedem u bejn Alla hemm qabża ta' differenza fil-ġudizzju. Dan huwa d-dawl li Ġesù qiegħed jagħtina: id-dawl t'Alla li jippenetra fejn ma jasalx id-dawl t'għajnejna – huwa għerf li huwa aktar intelliġenti mill-bniedem.

Il-profeti ħabbru tant drabi l-wasla ta' David ġdid, li kellu jkun "kunsillier tal-għaġeb, Alla setgħan, Missier għal dejjem, Prinċep tas-sliem. Kbira tkun setegħtu, u s-sliem bla qies fuq it-tron ta' David u s-saltna tiegħu. Hu jwettaqha u jsaħħaħha bil-ħaqq u s-sewwa, minn issa u għal dejjem" (Is 9,5-6). It-TĠ u l-ewwel predikazzjoni apostolika jisħqu fuq it-twettieq ta' din it-tradizzjoni profetika hekk li jsejħu lil Ġesù bħala bin David.

## B. II QARI: Efes 5,8-14

San Pawl jeżortana u jgħidilna: "Intom kontu darba dlam, imma issa intom dawl fil-Mulej". Hawnhekk għandna messaġġ profond għax in-Nisrani mhux biss irċieva d-dawl imma sar huwa nnifsu dawl għall-oħrajn permezz tal-Magħmudija li rċieva. Id-dmir tan-Nisrani mhuwiex biss li jilqa' d-dawl fil-ħajja tiegħu imma li jsir rifless ta' dan id-dawl fl-imġiba tiegħu. San Pawl jiġbor din l-imġiba fi tliet kategoriji: tjieba, ġustizzja, u verità. Tabilħaqq il-Magħmudija kienet twassal lin-neofita biex ikun dawl fi Kristu, tant li l-liturġija batteżimali kienet tkanta waqt li l-imgħammed joħroġ mill-ilma tal-fonti l-kelmiet ta' San Pawl: "Stenbaħ int, li int rieqed, u qum mill-imwiet ħa jiddi fuqek Kristu".

Inkomplu l-mixja lejn il-Għid il-kbir b'tama dejjem imġedda waqt li nilqgħu din l-istedina li tibqa' dejjem attwali għalina!

## C. VANĠELU: Ġw 9,1-41

Ġesù għadu kif ħareġ mit-tempju u jiltaqa' ma' dan it-tallab agħma. Il-miraklu ta' dan l-agħma mit-twelid huwa okkażjoni għal Ġesù biex jikkundanna l-għama tal-Farizej u jagħmel diskors twil dwar ir-ragħaj u l-merħla, liema diskors insibuh fi Ġw 10,1-21: in-nagħaġ tiegħi jisimgħu leħni. Milqugħ mir-ragħaj it-tajjeb, l-agħma mfejjaq huwa l-ewwel nagħġa tal-merħla li r-ragħaj sejjer imexxi lejn il-mergħat kollhom ħdura. Ġesù huwa tabilħaqq mimli kompassjoni lejn il-bniedem agħma.

Nieqfu fuq is-silta tal-vanġelu li jippreżentalna żewġ tipi ta' għama, il-fejqan imwettaq minn Ġesù u l-kontroversja li tinħoloq fuq dan il-miraklu mwettaq minn Ġesù. Għandna l-għama fiżiku bħal ma kien il-każ tal-agħma mit-twelid u għandna l-għama tal-Farizej li joffri oppożizzjoni għal Ġesù li huwa d-dawl tad-dinja. Dan huwa d-dawl li jitlob li jiġi milqugħ biex jegħleb id-dlamijiet ta' kull bniedem f'kull żmien. Dan il-miraklu huwa xhieda tal-ħidma t'Alla biex jitfejjaq il-bniedem u fl-istess waqt biex tidher il-ħniena t'Alla.

Dan ir-rakkont iwasslilna aktar fit-tul dak li s-Sinottiċi jwasslulna fil-qosor. Id-dawl mill-ġdid lill-għomja huwa wieħed mis-sinjali mħabbra mill-profeti u li kellhom jiddistingwu ż-żminijiet messjaniċi, tant li Ġesù inkluda d-dawl lill-għomja bħala wieħed mis-sinjali li huwa ta lil

Ġwanni l-Battista biex jintebaħ li huwa dak li kien il-mistenni. Skont Ġwanni l-miraklu għandu tifsira aktar qawwija mis-Sinottiċi għax jippreżentalna l-esperjenza ħajja tal-bniedem li jiġi mdawwal mill-fidi. Fit-tradizzjoni tal-Knisja, il-katekumeni eżattament wara l-magħmudija kienu jissejħu ***photisthentes***, jiġifieri l-imdawlin, b'referenza għal Atti 26,16-18, 1 Tes 5,5, Efes 5,8-14 u 1 Piet 2,9.

Aktar minn ġest ta' qawwa straordinarja, dan il-ġest ta' Ġesù huwa msejjaħ sinjal (Ġw 9,16), li tiegħu jagħti t-tifsira meta jgħid li huwa d-dawl tad-dinja (Ġw 9,5). Imma huwa sinjal li jaħdem ukoll negattivament tant li l-Farizej li ma jilqgħux dan id-dawl isiru għomja. Dan jidher ċar minn dak li jgħid Ġesù dwar il-missjoni tiegħu ta' rivelazzjoni u ta' ġudizzju: għandna r-rivelazzjoni fil-bidu tar-rakkont (Ġw 9,5: "Sakemm għadni fid-dinja, jiena huwa d-dawl tad-dinja.") u ġudizzju lejn it-tmiem tar-rakkont (Ġw 9,39: "Jiena gejt fid-dinja biex nagħmel ħaqq, biex min ma jarax isir jara, u min jara jagħma.").

Ġesù ma jwettaqx immedjatament il-miraklu imma jagħti ċans għal djalogu bejnu u bejn id-dixxipli. Dan id-djalogu huwa okkażjoni biex Ġesù jiċċara l-iskop tal-miraklu li kien sejjer iwettaq. Għall-poplu Lhudi lil hemm mill-qabar ma kienx hemm ħajja u għalhekk it-tpattija kellha titwettaq f'din il-ħajja bil-konsegwenza li din taqa' fuq xi wħud li fihom tidher bħala kastig taħt forma ta' mard, għama jew sterilità. Għalihom ma kien hemm l-ebda forma ta' tbatija li ma tiġix imfissra li ġejja mill-ħtija tad-dnub. Hija l-akkuża li tidwi wkoll fil-vers 34, minn fomm il-Farizej: "int li twelidt dnubiet waħdek". Ir-rakkont jibda b'mistoqsija li l-appostli jressqu lil Ġesù dwar min kien tabilħaqq il-kawża ta' dan id-difett fiżiku li dan il-bniedem kien iġorr sa minn twelidu. Dan frott ta' twemmin kurrenti li kien iżomm relazzjoni mill-qrib bejn il-mard u d-dnubiet imwettqa fil-passat. Fil-każ ta' bniedem agħma minn twelidu kien ifisser li dan kien frott ta' dnub li m'għamlux hu imma li wettquh il-ġenituri tiegħu, u l-ħtija tagħhom waqgħet imbagħad fuq binhom. Għal Ġesù din il-valutazzjoni hija żbaljata għax marda mhix neċessarjament marbuta ma' dnub imwettaq fil-passat, tant li jwieġeb: "Mhux għax dineb hu jew il-ġenituri tiegħu, imma ġralu hekk biex l-għemil t'Alla jidher fih": jindika li dak li kienu jaħsbu l-Lhud ma kienx minnu. Hawn Ġesù jirrivela li jeħtieġ li jaħdem sakemm jasal il-mument tal-mewt tiegħu: "Missieri għadu jaħdem sa issa; mela naħdem jiena wkoll" (Ġw 5,17). Hekk Ġesù jiġġustifika għalfejn kiser il-preċett tas-Sibt.

Ġesù jagħmel rivelazzjoni tal-identità tiegħu: jiena hu d-dawl tad-dinja. Imma fuq liema dlam sejjer jirbaħ? Ġesù diġà elimina l-idea li dan l-agħma mit-twelid huwa figura tal-kundizzjoni tad-dnub tal-umanità kollha għax huwa ma kien jaħti xejn ġaladarba kien agħma mit-twelid. Imma l-istat tiegħu jindika dlam ieħor li fih jinsab kull bniedem li għadu ma għarafx lill-Iben il-waħdieni. Ġwanni jistqarr dan sa mill-prologu tal-Vanġelu tiegħu meta jgħid: "Id-dawl jiddi fid-dlam". Dan l-istess agħma, minkejja li huwa tallab, ma jagħmel l-ebda talba lil Ġesù għax hu mhux sejjer jakkwista xi ġid li kellu qabel u li issa kien tilef, imma kien sejjer jitwieled mill-ġdid għal ħajja kompletament ġdida li qatt qabel ma kien gawda. Tabilħaqq li aktar mid-dawl f'għajnejh kien sejjer jakkwista d-dawl tabilħaqq, jiġifieri li jiltaqa' ma' Kristu u jistqarr il-fidi fih! Hija bidla fil-kwalità tal-ħajja tant li tista' tiġi deskritta bil-kelmiet li nsibu fi Ġw 3,3: "Tassew tassew ngħidlek li jekk wieħed ma jitwelidx mill-ġdid, ma jistax jara s-Saltna ta' Alla."

Meħtieġ li nifhmu dan il-ġest tat-tajn li tpoġġa fuq għajnejn l-agħma. F'każijiet oħra hija biss il-kelma ta' Ġesù meħtieġa biex jitwettaq il-miraklu. Hawnhekk bħal donnu Ġesù jpoġġi għamad fuq għamad quddiem għajnejn l-agħma! Sant'Irinew jispjega dan il-ġest b'referenza għall-Ġenesi bir-riżultat ta' ħolqien ġdid li jieħu post dak tal-bidu. Imma forsi s-Salm 69,3.15 jista' jagħtina tifsira aħjar ta' dan il-ġest li bih Ġesù jrid jenfasizza li l-bniedem huwa skjav tad-dlamijiet imma li għall-kmand tiegħu jmur jinħasel f'Siloe, fejn it-tajn jaqa' u l-agħma jilqa' mill-ġdid id-dawl.

FI-AT għandna l-każ tal-profeta Elija li kkmanda lil Nagħman tas-Sirja biex imur jinħasel seba' darbiet fil-Ġordan biex jitfejjaq mill-ġdiem. Din l-għadira ta' Siloe kienet in-naħa t'isfel ta' mina mibnija mis-sultan Ħeżekija lejn is-sena 704 QK biex twassal l-ilma mill-għajn li kien jisimha Gihon lejn in-naħa ta' ġewwa tal-belt. Kien l-uniku ġibjun tal-ilma għall-belt kollha ta' Ġerusalemm. L-isem Siloe tfisser 'il-Mibgħut' għax tabilħaqq kienet tibgħat l-ilma minn post għall-ieħor, imma wkoll b'sens aktar wiesa' tindika wkoll lil Ġesù nnifsu, il-mibgħut tal-Missier. Din hija fir-realtà referenza lejn il-magħmudija, dan il-ħasil fil-misteru tal-Għid tal-Mulej li jippermetti rebħa fuq kull għamad u l-akkwist tad-dawl tassew.

L-agħma jobdi u jakkwista d-dawl t'għajnejh. Dan inissel il-għaġeb ta' ħafna u anke d-dubju jekk tassew dan kienx il-bniedem tallab ta' qabel. U fil-każ tal-Farizej titnissel f'qalbhom akkuża fil-konfront ta' Ġesù, bla ma qatt huma lesti li jakkużaw lilhom infushom. Jiġġudikaw l-azzjoni ta' Ġesù bħala illeċita f'jum is-Sibt bla ma jintebħu li huwa Alla li qiegħed jaħdem. Din il-verità hija mistqarra mill-agħma meta jagħraf lil Ġesù bħala profeta, sinjal tal-fidi tiegħu fil-missjoni ta' Ġesù. U din il-fidi tal-bidu tasal biex lejn tmiem ir-rakkont tiġi mistqarra bis-sħiħ u biċ-ċar meta huwa nnifsu jistqarr: Nemmen Mulej! Dan kien il-veru fejqan wara l-fejqan fiżiku mill-għama – għaraf fih innifsu, f'ġismu d-dawl tal-ħajja li hu Ġesù! Fi Kristu, dawl minn dawl, aħna nsiru tabilħaqq ulied id-dawl. Tabilħaqq dan il-vanġelu jurina l-mixja pedagoġika lejn il-fidi fi Kristu.

# 5. IL-ĦAMES ĦADD TAR-RANDAN (SENA A)

## A. I QARI: Eżek 37,12-14

Dan il-Ħadd ikompli fil-mixja ta' ħajja ġdida li jrid iwassalna għaliha r-Randan imqaddes, liema ħajja n-Nisrani jipparteċipa fiha frott il-Magħmudija imma li tiġġedded kontinwament fil-proċess ta' konverżjoni u fis-sinjal sagramentali tar-rikonċiljazzjoni. Il-ħajja mwiegħda minn Alla lill-eżiljati ġewwa l-Babilonja permezz tal-orakli profetiċi ta' Eżekjel hija dik il-ħajja sagramentali li twelidna għaliha fil-Magħmudija. Il-qawmien jidher f'din is-silta bħala ġrajja storika għax mill-mewt li fiha kienu jinsabu wlied Iżrael f'art barranija bħalma kienet is-sitwazzjoni tal-eżilju jgħaddu biex iqumu mill-ġdid meta joħorġu mill-jasar u jerġgħu lura lejn arthom.

Il-mewt komunitarja li minnha jitkellem Eżekjel hija sitwazzjoni ta' tama mmewta. Eżek 37,11: anke għalina kull relazzjoni ta' ħbiberija, ta' mħabba, ta' żwieġ kemm dawk komunitarji u dawk ekkleżjali li ngħixu nistgħu nesperimentaw il-mewt tat-tama, in-nuqqas ta' futur quddiemna. Imma t-tnissil tal-fidi fil-qawmien titnissel mill-mewt ta' tamiet oħra li jqarrqu. L-ispirtu huwa spirtu ħallieq li jagħti l-ħajja u jnissel it-tama fejn issaltan il-mewt.

## B. II QARI: Rum 8,8-11

Jekk il-qawmien fl-ewwel qari jidher bħala ġrajja storika, San Pawl jitkellem f'din is-silta mill-qawmien spiritwali li jitwettaq f'dawk li jkunu mmexxija mill-Ispirtu t'Alla u jgħaddu mill-ħajja fil-ġisem għall-ħajja fi Kristu. L-Iskrittura tqabbel id-dnub mal-mewt. San Pawl ifakkarna li fil-ġisem mortali frott tad-dnub jiġi jgħammar permezz tal-Magħmudija l-Ispirtu s-Santu li hu ħajja, jiġifieri dinamiżmu interjuri li jieħu mill-qawwa t'Alla u jeħlisna mill-jasar tad-dnub u tal-mewt. Jeħtieġ li nistaqsu fuq din il-ħajja li hemm ġewwa fina, il-ħajja tal-ispirtu, li hija diġà l-ħajja tal-qawmien li tilħaq il-milja meta l-ġisem wara l-mewt ma jarax it-taħsir imma jidħol fil-ħajja għal dejjem. Jekk tabilħaqq inġeddu l-fidi tagħna f'dan il-misteru li jgħammar ġewwa fina, dak kollu li aħna jinfetaħ biex jilqa' r-rigal t'Alla u jfittex li jaqbel f'armonija mal-volontà tiegħu. Il-Kelma t'Alla tistedinna b'qawwa biex nifitħu l-oqbra tal-egoiżmu tagħna, tad-dnubiet tagħna biex hekk tkun tista' ssib wisa' fina l-ħajja ta' Kristu.

## C. VANĠELU: Ġw 11,1-45

Iċ-ċentru ta' dan ir-rakkont twil tal-qawmien ta' Lazzru mill-mewt mhux tant fid-deskrizzjoni tal-miraklu tal-qawmien ta' Lazzru daqskemm fix-xhieda li Ġesù jagħti għalih innifsu meta jgħid: Jien hu l-qawmien u l-ħajja: min jemmen fija anke jekk imut, jgħix, għax kull min jgħix u jemmen fija, ma jmut qatt".

Aktar ma joqrob il-Għid il-Kbir, il-Knisja tantiċipa l-qawmien billi xxandrilna l-qawmien ta' Lazzru. Il-qawmien ta' Lazzru mill-mewt huwa sinjal u garanzija ta' ħajja aħjar minn dik ta' qabel. Ġesù jwiegħed ħajja lil hemm mill-qabar. Anke Lazzru, wara l-qawmien mirakoluż minn Ġesù kien destinat għal-liġi inevitabbli tal-mewt fiżika. Imma mhux dan li għandu jbeżżagħna. Il-mewt vera hija dik ta' min ma jaċċettax il-messaġġ ta' Ġesù u jingħalaq fid-dnub tiegħu u hekk iġib fix-xejn il-ħidma t'Alla li toffri l-fidwa fl-Iben il-waħdieni. Lil hemm mill-mewt ta' ġisimna, hemm il-ħajja tal-qawmien. Din il-ħajja definittiva mhix sempliċement realtà futura imma diġà mibdija fina fil-mument preżenti u tikber fina skont il-qies li bih aħna nkunu fidili lejn l-impenji tal-Magħmudija li biha ġejna mdaħħla fis-saltna vera.

Il-qawmien jidher fil-Vanġelu bħala ġrajja personali u korporja li twassal lil Lazzru biex joħroġ mill-qabar meta jisma' l-kelma ta' Ġesù.

L-Ewkaristija li qegħdin niċċelebaw f'dan il-ħames Ħadd tar-Randan hija l-ikel u l-garanzija ta' din il-ħajja. Ġesù nnifsu qal: "Min jiekol ġismi u jixrob demmi għandu l-ħajja ta' dejjem u jiena nqajmu mill-imwiet fl-aħħar jum." (Ġw 6,54).

# 5. SKEMI TA' OMELIJI GĦALL-ĦDUD TAR-RANDAN (A)

Mons Carmelo Mercieca

## 1. L-EWWEL ĦADD TAR-RANDAN: IT-TENTAZZJONIJIET

Bdejna r-Randan, żmien mill-aqwa biex nidħlu daħla fina nfusna, nitbiegħdu mill-agħagħa tad-dinja u nidħlu "fid-deżert"…biex nisimgħu aktar il-leħen t'Alla.

F'dan l-ewwel Ħadd, il-liturġija tippreżentalna t-tliet tentazzjonijiet li bihom ix-xitan ġarrab lil Kristu.

- Ejjew naraw it-tliet "tricks" li x-xitan uża ma' Ġesù u mbagħad naraw it-tliet tweġibiet ta' Kristu lix-xitan.

- Minn din il-ġrajja fit-tieni parti, ejjew naraw liema huma t-tliet tentazzjonijiet li x-xitan iġarrab lilna l-bnedmin. Ħalli nitgħallmu nużaw it-tliet armi tar-Randan biex negħlbuh.

### 1. L-EWWEL PARTI

1. L-ewwel tentazzjoni lil Kristu:

- It-tattika tax-xitan.
  - Ix-xitan ried ibiegħed lil Kristu mis-Salib u hekk ma jifdix lill-bnedmin. Billi x-xitan kien jaf li Kristu kien ilu sajjem 40 jum, qallu: "jekk inti l-Iben t'Alla, ħu dal-ġebel u biddlu f'ħobż"
  - Ix-xitan ried ifisser: "jekk trid tirbaħ lill-bnedmin għal warajk ħallik mis-Salib, qassam il-ħobż u tissalllab xejn." (Arċisqof Fulton J. Sheen)

- It-tweġiba ta' Ġesù:
  - "hu miktub …" Mhux bil-ħobż biss jgħix il-bniedem …"
  - Dan ifisser : il-ħobż meħtieġ imma mhux kollox: "Int tridni *Social Reformer*, inqassam il-ħobż materjali. Iżda jien SALVATUR li ġejt biex nifdi lill-bniedem mid-dnub." (Arċisqof Fulton J. Sheen)

2. It-tieni tentazzjoni lil Kristu

- It-tattika tax-xitan:
  - Billi ma rnexxilux fit-tentazzjoni tal-ġisem, ix-xitan ipprova jittanta lil Kristu fis-suppervja: "jekk int l-Iben t'Alla, intefa' għal isfel għax hu miktub li l-anġli jiġu jilqgħuk ."…(u ma jiġrilek xejn).
  - Ix-xitan ried jgħidlu: "lin-nies tiġbidhom mhux billi tissallab, iżda billi tfittex is-suċċess u l-glorja tad-dinja. Uri li int "Superman"

- It-Tweġiba ta' Kristu:
  - "Hu miktub ukoll: La ġġarrabx lill-Mulej Alla tiegħek.
  - Ix-xitan ried lil Kristu jagħmilha ta' Superman, biex jiġbed lin-nies warajh. Iżda Kristu ried jiġbed lil kulħadd:

- mhux bil-glorja umana, iżda bl-umiljazzjoni tas-Salib GĦAX HU FEDDEJ. (Fulton Sheen)

3. It-tielet tentazzjoni lil Kristu: It-tentazzjoni tal-ġid tad-dinja.

- It-tattika tax-xitan:
  - L-Arċisqof Futlon Sheen jgħid: "Biex ix-xitan ibiegħed lil Kristu mis-Salib, għamillu offerta: "Ejja naslu għall-kompromess, għal ftehim bejnietna".
  - Urieh is-saltniet kollha tad-dinja… U qallu: "dawn kollha nagħtihomlok jekk tinxteħet quddiemi tadurani"

- It-tweġiba ta' Kristu hija immedjata:
  - "Itlaq ja xitan, għax hu miktub : "lill-Mulej Alla tiegħek tadura u LILU biss taqdi."
  - M'hemmx kompromessi bejn it-tajjeb u l-ħażin. Lil Alla biss kull UNUR U GLORJA.

## 2. IT-TIENI PARTI

1. It-tliet tentazzjonijiet tagħna

- Kif tlieta kienu t-tentzzjonijiet ta' Ġesù tlieta wkoll huma t-tentazzjonijiet tagħna:
  - il-ġibda għall-ġisem
  - il-ġibda għas-suppervja
  - il-ġibda għad-dinja

2. L-ewwel tentazzjoni tagħna: Il-ġibda għall-ġisem.

- Il-ġibda tal-materjaliżmu u edoniżmu: Kul – ixrob – gawdi. Aħseb f'ġismek: dak l-importanti.

- L-arma tagħna:
  - Nisimgħu t-twissija ta' Ġesù: "Mhux bil-ħobż biss jgħix il-bniedem."
  - Il-ġisem importanti, iżda mhux kollox. Il-ħobż importanti, iżda mhux kollox.
  - Matul ir-Randan niskopru l-valur taċ-ċaħda u tas-sawm.

3. It-tieni tentazzjoni tagħna: Il-ġibda lejn is-suppervja.

- Is-suppervja: għajn ta' vizzji oħra. Minnha jitnisslu l-għira, il-mibegħda u l-vanaglorja.

- L-arma tagħna: it-TALB.
  - it-talb jagħmilna umli quddiem Alla u quddiem il-bnedmin.
  - Titlob ifisser titkellem m'Alla u tisma' lil Alla.

4. It-tielet tentazzjoni tagħna: Il-ġibda għall-ġid tad-dinja.

- Ix-xitan iħajjarna biex niġru wara l-frugħat u l-bluhat tad-dinja U nsiru egoisti u xħaħ.

- L-arma tagħna: Naħarbu t-tentazzjonijiet tad-dinja.
  - San Ġorġ Preca: Aħrab mill-ewwel, aħrab 'il bogħod. Ma nilagħbux mat-tentazzjoni. Min jittarraf… jiġġarraf.

  - Karità: f'dan ir-Randan il-Knisja tistedinna niċċaħħdu u naqsmu ma' min hu fil-bżonn.

- Sussidju: Prefazju tar-Randan: "biex infittxu li ninħallu minn kull ġibda ħażina u ninqdew bil-ġid li jgħaddi hekk li iżjed nintrabtu ma' dak li jibqa' għal dejjem".
- Parti Raniero Cantalamessa: "Induru lejn il-Mulej…u nġarrfu l-idoli foloz ta' żmienna, li huma: il-flus – il-lussu – is-sensi: "l-aktar forma meħtieġa ta' sawm illum, hija is-sobrietà jiġifieri r-rażan u l-qies.

- Barra mis-sawm mill-ikel u xorb hemm ukoll sawm u ċaħda mill-kliem u mid-divertimenti perikulużi:
  - Ċaħda mill-kliem fieragħ: Mill-kliem li jqanqal l-inkwiet; li jagħmel ħsara; li mhux xieraq (Efesin 4.29)
  - Sawm u ċaħda mill-imaġni u stampi perikulużi: Magazines, ċinema, television u internet: Stampi u immaġni li jippreżentaw senswalità, vjolenza u immoralità huma kontra l-Vanġelu. Dari kienu jgħidu: "il-bniedem hu dak li jiekol". Illum nistgħu ngħidu: "il-bniedem hu dak li jara" (Osservatore Romano: 23 Jannar 2002).

5. Sussidju: MINI PROGRAMM GĦAR-RANDAN

- Ħu f'idejk l-aqwa ktieb: il-Kurċifiss.
- Immedita fuq il-Passjoni ta' Kristu permezz tal-Via Sagra.
- Aħrab l-okkażjoni tad-dnub.
- Aqta' l-kapriċċi żejda.
- Iċċaħħad mill-kumdità żejda.
- Tħarreġ fis-sagrifiċċju.
- Aħrab l-għażż fil-ħwejjeġ t'Alla.
- Isma' l-Kelma t'Alla fl-eżerċizzi.
- Ħu sehem aktar spiss fis-Sagrifiċċju tal-Kalvarju li hu l-Quddiesa.
- Ħu f'idejk il-Bibbja u rrifletti.
  - (PATRI PIETRO RIGHETTO, Omelie 270/271).

# 2. IT-TIENI ĦADD TAR-RANDAN: IT-TRASFIGURAZZJONI

### 1. Daħla: meta ġrat it-Trasfigurazzjoni?

Ftit ġimgħat qabel il-Passjoni, Ġesù beda juri lid-dixxipli li kien jeħtieġ li jmur Ġerusalemm, ibati ħafna mill-kbarat u mill-qassisin il-kbar, imut u fit-tielet jum iqum (Ara Matt.16, 21-28)

Pietru beda jlumu u qallu "Allaħares Mulej, dan ma jkun qatt."
U Kristu dar fuq Pietru u ċanfru: "Warrab `l hemm xitan. Int tfixkil għalija…"

It-trasfigurazzjoni: Sitt ijiem wara l-ġrajja ta' fuq, Ġesù ħa lil Pietru, lil Ġakbu u lil ħuh Ġwanni, tellagħhom fuq muntanja għolja. U tbiddel quddiemhom (Matt 17, 1-13).

### 2. L-ewwel punt: Mistoqsija: Għaliex it-Trasfigurazzjoni?

Kristu kien jaf li ż-żmien tal-Passjoni qed joqrob. Kien jaf li l-Appostli kif ser jarawh fuq il-Muntanja tal-Kalvarju sfigurat, setgħu jiddubitaw jekk hu kienx tassew l-Iben t'Alla.

Għalhekk Kristu minn qabel ried jiżgurahom li HU KIEN TASSEW L-IBEN T'ALLA. Għalhekk tbiddel quddiemhom fuq it-Tabor.

**Fuq il-muntanja tal-Kalvarju**

a. Kristu ser ikun sfigurat.
b. Wiċċu ser ikun bla sura.
c. Ilbiesu mqattgħin.
d. Ser jidher kollu dmija.
e. Ser jarawh mifni bit-tbatija.
f. Ser jarawh lanqas fih sura ta' bniedem.
g. Fuq il-Kalvarju tinħeba d-divinità tiegħu.

**Fuq il-muntanja Tabor**

a. Kristu hu trasfigurat (tbiddel).
b. Wiċċu sar jiddi bħax-xemx.
c. Ilbiesu bojod bħad-dawl.
d. Hawn jidher kollu dija.
e. Hawn rawh jiddi fil-glorja.
f. Hawn rawh ta' Alla kif inhu fil-Ġenna.
g. Fuq it-Tabor għal ftit waqtiet juri d-divinità tiegħu.

### 3. It-tieni punt: ir-Reazzjoni tal-Appostli

L-Appostli baqgħu miblugħin bil-għaġeb.
Pietru qabeż qallu: Mulej kemm hu sew li aħna hawn…
X'ried ifisser Pietru? Ried jgħidlu: Ejja noqogħdu hawn. Tmur xejn Ġerusalemm għall-Passjoni.

Pietru ried it-Tabor, iżda ma riedx il-Kalvarju. Ried il-Glorja, iżda mhux is-Salib. Ried il-Premju, iżda mhux il-Prova. Ried it-tgawdija, iżda mhux it-Tbatija.

Kristu ma laqagħhiex it-talba ta' Pietru biex joqogħdu hemm, fuq it-Tabor.
Għax għal Kristu: it –triq tal-glorja tgħaddi mit-triq tas-salib. Huwa permezz tat-tbatija li naslu għat-tgawdija. Huwa permezz ts-salib li naslu għall-glorja.

Għax għal Kristu ż-żewġ muntanji tat-Tabor u tal-Kalvarju MA JINFIRDUX. Huwa permezz tal-Kalvarju li aħna naslu għat-Tabor.

Tagħlima għalina:

L-Arċisqof Fulton J. Sheen: "l-ikbar traġedja tad-dinja moderna hi li trid lil Kristu bla Salib; trid reliġjon bla ċaħda; trid ħajja bla sagrifiċċju.

Għadha tgħodd it-twissija ta' San Pawl: "Hawn ħafna li jġibu ruħhom bħala għedewwa tas-Salib (Filip 3,18)

NAĦSBU KIF JAĦSIBHA KRISTU: Wara t-tbatija hemm it-tgawdija; wara s-Salib hemm il-glorja; wara l-Mewt hemm il-Qawmien.

Fulton Sheen: Never in the Gospel is Christ without the Cross. But never is the Cross without Resurrection. (*Life of Christ*)

**4. It-tielet punt: Minn ġos-sħaba instema' leħen: "DAN HU IBNI L-MAĦBUB: ISIMGĦU LILU."**

Il-leħen hu tal-Missier Etern li qed jikkonferma u jiżgurana li Kristu Hu l-Iben t'Alla.

Dan l-istess leħen tal-Missier kien instema' darb'oħra fil-Magħmudija ta' Ġwanni fil-Ġordan. Dan l-istess leħen kien qal: "Dan hu Ibni l-għażiż li fih sibt l-għaxqa tiegħi".

| | | |
|---|---|---|
| "Isimgħu Lilu": | Jgħidilna Alla l-Missier. | |
| "Isimgħu Lilu": | għax Hu t-Triq: | mingħajru nintilfu |
| "Isimgħu Lilu": | għax Hu s-Sewwa: | mingħajru niżbaljaw |
| "Isimgħu Lilu": | għax Hu l-Ħajja: | mingħajru ma ngħixux |

Il-Papa Pawlu VI f'Manila kien għamel wieħed mill-isbaħ diskorsi fuq Kristu.

Kwotazzjoni żgħira: HU GĦALLIEM ESPERT TAL-UMANITÀ.
HU Ċ-ĊENTRU TAL-ISTORJA U TAD-DINJA.
HU L-GWIDA.
HU L-BIDU U T-TMIEM.
HU S-SULTAN TAD-DINJA.
HU S-SIGRIET U L-MUFTIEĦ TAL-ISTORJA…..

5. RIŻOLUZZJONI

F'dan ir-Randan, nisimgħu lilu (fl-eżerċizzi eċċ.). Biex Ġesù jittrasfigurana, jittrasformana, ibiddilna għall-aħjar:

- fil-mod kif naħsbu
- fil-mod kif nirraġunaw
- fil-mod kif ngħixu.

# 3. IT-TIELET ĦADD TAR-RANDAN: PASS PASS LEJN IL-KONVERŻJONI (Ġesù u s-Samaritana)

## 1. Daħla:

Il-ħin nofsinhar. Xemx tiżreġ, wara mixja twila, Ġesù kien għajjien. Bil-ġuħ u bil-għatx. Waqt li l-appostli marru jixtru xi ħaġa x'jieklu, Ġesù qagħad bilqiegħda fuq il-ħorża ta' bir imfannad minn żmien Ġakob.

Interessanti id-deskrizzjoni kif jagħtihielna l-Isqof Vincenzo Paglia (Commento alle letture festive, Anno A.)

Hemm arah, Alla tagħna, għajjien, bil-ġuħ u bil għatx.

Ir-ragħaj it-Tajjeb li jiġri wara n-nagħġa l-mitlufa jinsab għajjien, bil-għatx u bil-ġuħ.

U hawn iseħħ l-isbaħ djalogu bejn mara ta' ħajja mħarbta – is-Samaritana – u Ġesù, li għadu jfittex in-nagħġa l-mitlufa.

Is-Samaritana tirrapreżenta l-miżerja ta' mara midinba; Ġesù Kristu il-Miżerikordja u Ħniena.

## 2. IT-TIENI PASS

Għall-botta tas-Samaritana, Ġesù ma weġibx b'botta oħra. Ma għamilx patta b'oħra. Imma b'tattika ħelwa ta' Alla hu weġibha: "Kieku int kont taf id-don ta' Alla u min hu dak li talbek jixrob, kieku int kont titolbu u hu kien jagħtik ILMA ĦAJ."

Kif Ġesù darba qal li hemm żewġ kwalitajiet ta' ħobż, illum qed jgħidilna li hemm żewġ kwalitajiet ta' ilma.

Is-Samaritana ma fehmitux u weġbitu: "Sidi, mnejn sa ġġib dan l-ilma. Lanqas barmil m'għandek u l-bir hu tant fond. Jaqaw int aqwa minn missierna Ġakobb li tana dan l-ilma?"

## 3. IT-TIELET PASS

Ġesù: issa ċ-ċans li Ġesù juriha d-differenza bejn dawn iż-żewġ kwalitajiet ta' ilma.

a) l-ilma tal-bir li ma jaqtagħlekx l-għatx.
b) u l-ilma tal-Grazzja, li jserraħ lir-ruħ.

Ġesù qalilha: "Min jixrob minn dan l-ilma, jerġa' jagħtih l-għatx. Iżda min jixrob mill-ilma li nagħtih jien, ma jagħtih qatt il-għatx."

Is-Samaritana: għal din l-offerta s-Samaritana mill-ewwel weġbitu: "mela agħtini minn dan l-ilma, biex ma jaqbadnix l-għatx u anqas ma noqgħod ġejja u sejra hawn nimla l-ilma."

Dan kien l-appell tagħha Lilu "għall-Ajjut".

## 4. IR-RABA' PASS

Ġesù: Hi talbet l-"Ajjut". U Ġesù mhux ser jiċħdilha l-għajnuna tiegħu.

U x'għamel Kristu? Kif jagħmel professur tal-għadam. Imisslek fejn għandek juġgħek. U hekk għamel Ġesù. Tektkilha fejn hi il-vera problema ta' ħajjitha: "Mur sejjaħ lil żewġek."

Is-Samaritana: bħal meta l-professur imisslek l-għadma miksura, bla ma trid toħroġlok il-karba "aħħ!". Hekk is-Samaritana, għall-kliem ta' Ġesù "Mur sejjaħ lil żewġek", wieġbet: "Ma għandix żewġi".

Hi ħasbet li kapaċi tgħaddi lil Ġesù minn għajn il-labra. Imma issa kien wasal il-mument tal-verità.

## 5. IL-ĦAMES PASS

Mingħajr ma regħexha, **Ġesù** ħelu ħelu beda jneħħilha l-maskra. U qalilha: "Tajjeb qed tgħid: 'm'għandix żewġi' , Int iżżewwiġt ħames darbiet u r-raġel li għandek bħalissa mhuwiex żewġek". Hawn Ġesù mess il-ferita. Ġesù ġabha f'sensiha.

Is-**Samaritana** rat li Ġesù jaqra l-qlub. Hu jaf ħajjitha minn ġewwa u minn barra. Jaf l-imgħoddi tagħha. Kien jaf b'dak li kienet tagħmel bil-moħbi. Il-kliem ta' Ġesù għaliha kien sajjetta fil-bnazzi. U mill-ewwel stqarret: "JA SIDI, NARA LI INTI PROFETA". Jiġifieri "Inti il-Bniedem t'Alla." U ppruvat iddawwar id-diskors "Missirijietna kienu jaduraw lil Alla fuq din il-muntanja".

Iżda Kristu qalilha li wasal iz-żmien li min jadura lil Alla, jadurah fl-ispirtu u l-verità.

## 6. IS-SITT PASS

Is-Samaritana qalet: "NAF LI L-MESSIJA GĦANDU JIĠI META JIĠI JGĦARRAFNA B'KOLLOX".

Hawn Kristu semagħha tgħid li l-Messija għandu jiġi. Kristu jagħmel STQARRIJA SOLENNI: "JIEN HU LI QIEGĦED NITKELLEM MIEGĦEK".

Il-grazzja t'Alla laqtitha.

U kif jispiċċa d-djalogu?

Is-Samaritana, insiet il-barmil u l-ilma li ġiet biex ittella'. U minn midinba saret messaġġiera u xandara: "EJJEW ĦALLI TARAW BNIEDEM LI TARRAFLI KULL MA GĦAMILT".

U Kristu qagħad magħhom jumejn. U ħafna emmnu fih. Is-Samaritana quddiem il-Feddej ikkonvertiet. Hi fetħet għajnejha. Fetħet qalbha. U fetħet fommha biex ixxandar l-għeġubijiet li għamel magħha l-Mulej.

Nikkonvertu aħna wkoll f'dan ir-Randan kif għamlet is-Samaritana. Niltaqgħu ma' Ġesù bis-serjetà.

# 4. IR-RABA' ĦADD TAR-RANDAN: IL-FEJQAN TAL-GĦAMA

Kristu qalilna: "Jien it-Triq, is-Sewwa u l-Ħajja."

It-Tielet, ir-Raba' u l-Ħames Ħadd tar-Randan huma meħudin mill-Vanġelu ta' San Ġwann.

It-Tielet Ħadd: tas-Samaritana. Rajna li Kristu hu t-Triq għall-konverżjoni.
Illum ir-Raba' Ħadd naraw li Kristu huwa d-Dawl tas-Sewwa.
Il-Ħadd li ġej, il-Ħames Ħadd (il-qawmien ta' Lazzru) naraw li Kristu hu l-Ħajja.

**1. Ir-Raba' Ħadd: Kristu d-dawl tas-sewwa**

1 punt: l-agħma mit-twelid.
2 punt: l-agħma tal-Fariżej.
3 punt: għixu bħala wlied id-dawl.

**2. L-ewwel punt: L-agħma mit-twelid**

Il-ġrajja: Waqt li Ġesù kien għaddej, ra għami mit-twelid. L-Appostli waqfu, ħarsu, qagħdu jiddiskutu min jaħti għad-disgrazzja tiegħu u baqgħu sejrin. Kristu biss għamel xi ħaġa. Ma baqax indifferenti quddiem il-gwaj ta' dak l-imsejken. U mingħajr ma kien mitlub.

X'għamel Kristu?
a) Resaq lejh u messu b'idu. Bil-ħlewwa. Dik l-id t'Alla turi li kienet ħierġa "healing power" mill-Persuna Divina tiegħu. Dan il-ġest simboliku jfakkarna fl-opra tal-ħolqien.

b) Japplika t-tajn (magħmul mir-rieq tiegħu u mit-trab) fuq għajnejh.

ċ) Ġesù jordnalu imur jinħasel fil-Menqgħa ta' Siloam. U l-agħma obda u ġie jara. Ġesù ddikjara "Jien hu d-Dawl tad-Dinja". U dan il-miraklu jikkonferma kliemu.

Ġesù reġa ltaqa' miegħu t-tieni darba, u fetaħlu l-għajnejn ta' ruħu. L-agħma mhux biss beda jara, iżda beda jemmen ukoll. L- agħma qallu: "Nemmen, Mulej", u niżel għarkubtejh quddiemu.

RIMEDJU GĦALINA: KRISTU D-DAWL FIL-GĦAMA TAGĦNA

Fil-figura tal- agħma, hemm preżenti kull wieħed minna. Anki aħna darba nħsilna fil-menqgħa ta' Siloam li hu l-Fonti tal-Magħmudija. U bdejna nemmnu. Temmen ifisser ikollok id-dawl tal-Fidi. (P. Massimo Blocco: Temi di predicazione n. 299)

Inħallu lil Kristu jmiss il-qalb tagħna: "id-dlam tagħna jista' jinbidel f'dawl. Aħna nrabbu l-katarretti. Imma dawn jitneħħew bir-raġġi tal-laser tal-Fidi. (Temi di Predicazione n. 83)

Nagħrfu li aħna trab. Huwa propju x'ħin il-bniedem jagħraf li hu trab, jagħraf ix-xejn tiegħu u jsir umli, hu dak il-ħin li jibda jara. (Dom Anselm Grum OSB)

Irridu ninħaslu mis-suppervja u mid-dnubiet tagħna biex nibdew naraw. Is- sagrament tal-Qrar huwa t-"Tieni Magħmudija".

**2. It-tieni punt : L-għama tal-Fariżej**

Min kien l-aktar agħma? L- agħma mit-twelid jew il-Fariżej?

Il-mard tal-agħma mit-twelid ma kienx tort tiegħu. Ma kellux ħtija. Iżda l-għama tal-Fariżej kien tort tagħhom. Ħtija tagħhom. Il-Fariżej huma għomja għax iridu:

- ma laqgħux id-dawl: " id-Dawl idda fid-dlam iżda ma laqgħuhx";
- huma għalqu għajnejhom u ma riedux assolutament jiftħuhom;
- il-Fariżej webbsu rashom u qalbhom.

Il-miraklu kien ċar u evidenti, iżda flok li għamlulu festa lill-agħma x'ħin beda jara fetħu inkjesta, lilu u lil tal-familja, u baqgħu jmieru s-sewwa magħruf.

GĦAL DAN IT-TIP TA' GĦAMA HEMM XI RIMEDJU?

Għall-agħma mit-twelid kien hemm rimedju. Il-miraklu sar għax ried jara u obda l-kelma ta' Ġesù u sar jara. Iżda għall-agħma tal-Fariżej m'hemmx rimedju. L-għama spiritwali hi marda inkurabbli. Lanqas b'miraklu. Għax Kristu ma jistax jiftaħ għajnejn dawk li jridu assolutament iżommuhom magħluqin.

L-ikbar trux hu min ma jridx jisma'. U l-ikbar agħma min ma jridx jara, anzi jirrifjuta d-dawl. "L-incredulita` è cecità".

LEZZJONI GĦALINA

Hija diżgrazzja kbira li wieħed jitlef id-dawl ta' għajnejh. Hija ħasra kbira meta wieħed jitlef id-dawl ta' moħħu (ir-raġuni). Iżda hija traġedja meta wieħed jitlef id-Dawl tal-Fidi.

TALBA:

Dritt malli spiċċat il-gwerra, fil-Ġermanja, il-Kardinal Von Faulhaber mar iżur fi sptar tal-għomja lis-suldati li sfaw għomja fil-gwerra. Il-Kardinal Faulhaber baqa' impressjonat jisma' lil wieħed suldat żagħżugħ agħma jgħid din it-talba:

Mulej, nitolbok teħodlix id-dawl t'għajnejja. Iżda jekk hi r-rieda tiegħek li teħodli d-dawl t'għajnejja almenu ħallili d-dawl ta' moħħi. U jekk hi r-rieda tiegħek li teħodli d-dawl ta' moħħi almenu, almenu ħallili d-DAWL TAL-FIDI.
(mill-ktieb "The Eucharist in the Catholic life" ta' Laurence G. Lovasik, p.39).

**3. It-tielet punt: Riżoluzzjoni : Ngħixu bħala wlied id-dawl**

Wara l-miraklu, l-agħma mit-twelid sar dixxiplu ta' Kristu. Sar xhud tad-Dawl.

Nisimgħu l-appell ta' San Pawl mill-Ittra lill-Efesin: "intom kontu darba dlam, issa Dawl fil-Mulej, għixu ta' ulied id-dawl li intom."

Ngħixu stil ġdid ta' ħajja. Kontra l-kurrent. Dan hu l-programm:

- Bit-Tjubija, bil-Ġustizzja, bil-Verità.

Hekk nissieltu l-paganiżmu ġdid ta' żmienna li l-karatteristiċi tiegħu huma l-egoiżmu, il-materjaliżmu u l-gideb.

# 5. IL-ĦAMES ĦADD TAR-RANDAN: IL-QAWMIEN TA' LAZZRU MILL-MEWT

## 1. Daħla:

Forsi l-ebda paġna oħra tal-Vanġelu ma tippreżentalna lil Ġesù daqshekk uman u fl-istess ħin daqshekk divin daqs il-miraklu tal-qawmien ta' Lazzru mill-mewt. (Padre Fiorenze Masroianni: Le Domeniche Anno A)

Dan il-Miraklu li ġara fl-aħħar ġimgħa qabel il-Passjoni hu l-ikbar sinjal

i. tal-imħabba umana ta' Kristu lejn il-bnedmin kollha.
ii. u tal-Qawwa Divina tiegħu, ta' alla li Hu.

## 2. L-ewwel punt: KRISTU TASSEW UMAN

Ġie li aħna npinġu lil Kristu qisu:

- 'il bogħod mid-dinja tagħna
- ma jimpurtahx minna
- insensittiv
- ma jħossx għalina l-bnedmin.

Dan mhu veru xejn.

A. KRISTU JĦOSS KULL DULUR TAL-BNIEDEM U JAGĦMLU TIEGĦU.

- qalbu sensibbli
- dħuli u ħabib. Hu qrib il-bniedem speċjalment fit-tbatija.
- Qalbu tħoss u tagħder għal min għaddej mit-tbatija u quddiem il-mewt
- Isofri x'ħin jara l-bniedem isofri.
- Huwa solidali ma' min qed ibati, jaqsam miegħu fit-tbatija.

B. ĠESÙ X'ĦIN RA LIL MARIJA TIBKI INFAQA' HU WKOLL JIBKI:

- hu kommoss
- quddiem it-tbatija u l-mewt, Ġesù bħalna iħoss il-firda
- avolja kien jaf li hu ser jirbaħ lill-mewt, ma felaħx ma jibkix għal ħabibu Lazzru. Anke n-nies kkummentaw "ara kemm kien iħobbu".

C. KRISTU MA JIBQAX 'L BOGĦOD MINNA X'ĦIN JARANA BATUTI:

- avolja l-Fariżej kienu qed ifittixuh għall-mewt, malli qalulu li ħabibu Lazzru marad gravi, ma felaħx joqgħod 'l bogħod imma mar iżuru.
- Anke x'ħin waslu bil-bxara li Lazzru laħaq miet, ippruvaw iżommuh milli jmur. "issa la miet miet. Għalfejn tirriskja?"
- Iżda xorta waħda mar.

## 2. It-tieni punt: KRISTU TASSEW ALLA

Il-kbir teologu Francois Mauriac isejjaħ il-miraklu tal-qawmien ta' Lazzru: "un racconnto formidabile. Il più grande miracolo della vita pubblica di Cristo. Un sepolcro che da custode di un cadavere deventa un'arca di vita, come il sepolcro santo che tutti poi venereremo."

Ejjew niflu:
a. id-djalogu ta' Kristu ma' Marta qabel il-miraklu.
b. Ir-rakkont tal-miraklu

A. <u>ID-DJALOGU TA' KRISTU MA' MARTA QABEL IL-MIRAKLU.</u>

Qabel kull miraklu li għamel, Kristu dejjem ra li jkun hemm il-Fidi. Hija l-Fidi li tqanqal lil Ġesù iwettaq il-miraklu.

Biex tikber il-fidi, jieħu ż-żmien. Għalhekk Kristu jistieden lil Marta biex tikber fil-Fidi.

1. Għall-bidu l-Fidi ta' Marta kienet dgħajfa, anke meta Kristu żguraha li ħuha Lazzru jqum, hi ħsiebha mar għall-qawmien fl-aħħar jum.
2. Hawnhekk Kristu għamel dikjarazzjoni solenni, li jsejħulha l-"KOMPENDJU TAL-VANĠELU: <u>JIENA HU L-QAWMIEN U L-ĦAJJA , MIN JGĦIX U JEMMEN FIJA, DAN MA JMUT QATT</u>".

Din id-dikjarazzjoni ta' Kristu tiġbor fiha t-tagħlim tal-Vanġelu:
- l-ewwel: fejn tinsab il-ħajja ta' dejjem; fi Kristu.
- It-tieni : liema hi l-kundizzjoni biex niksbu l-ħajja ta' dejjem; tgħix u temmen Fih.

Malli Krtistu jistaqsi lil Marta: "Temmnu dan?", Marta tagħmel l-istqarrija tal-Fidi: "Iva Mulej jiena nemmen li int il-Messija, l-Iben t'Alla dak li ġie fid-dinja".

B. <u>IR-RAKKONT TAL-MIRAKLU</u>

Din l-istqarrija mill-isbaħ tal-Fidi ta' Marta qanqlet lil Ġesù biex iwettaq il-miraklu.

Innutaw kull kelma u kull mossa:
- Ġesù resaq lejn il-qabar.
- Ġesù qal: "Neħħu l-blata".
- Marta qaltlu: " Mulej beda jinten(irejjaħ). Ġa ilu erbat ijiem mejjet."
- Ġesù qalilha: "Ma għedtlekx li jekk inti temmen, tara l-glorja ta' Alla?".
- Neħħew il-blata.
- Ġesù għajjat b'leħen għoli: "Lazzru, oħroġ".
- U dak li kien mejjet ħareġ…

Innutaw: Kristu jgħajjat b'awtorità"Lazzru, oħroġ":
- Kristu jikkmanda lill-mewt.
- Il-Mewt ma għandhiex l-aħħar kelma.
- L-aħħar kelma hi ta' Kristu li HU SID TAL-IMPOSSIBBLI.

**3. <u>KONKLUŻJONI</u>**

X'kienet ir-reazzjoni tal-Lhud quddiem dan il-miraklu tal-għaġeb?

Tweġiba: Kienet reazzjoni mħallta.
- Kif ix-xemx jekk tisreġ fuq xemgħa, ix-xemgħa tinħall.
- Iżda jekk tisreġ fuq it-tajn, it-tajn jibbies.

Hekk ġara minn dal-miraklu ta' Lazzru. (Fulton J. Sheen)

a. it-tajbin rabtu qalbhom u bdew jemmnu. "Ħafna mil-Lhud li kienu ġew għand Marija (oħt Lazzru) u raw dak li għamel Ġesù emmnu fih. (Ġw 11,45)

b. Iżda l-ħżiena, aktar webbsu rashom: "Imma xi wħud minnhom marru għand il-Fariżej u qalulhom x'kien għamel Ġesù…..minn dak inhar 'l quddiem bdew jiftiehmu bejniethom biex joqtluh." (Gw I.33) Il-mirakli biss ma jikkurawx l-ebusija tar-ras. Min ma jridx jemmen, jara x'jara, jibqa' ma jemminx.

U aħna? Ejjew nagħmlu bħal Lhud it-tajbin. Nagħmlu att ta' Fidi fi Kristu u fil-Qawmien tiegħu mill-mewt.

# *IT-TIELET TAQSIMA: SUSSIDJI PASTORALI*

# 6. EŻERĊIZZI TAR-RANDAN GĦAŻ-ŻGĦAŻAGĦ

Kan Michael Galea

**Suġġetti tal-meditazzjonijiet:**

1. L-ewwel meditazzjoni: Min Hu Alla tagħna? Alla tagħna huwa Alla ta' Ġesù Kristu.
2. It-tieni meditazzjoni: Id-dnub jeżisti... imma teżisti wkoll il-ħniena t'Alla!
3. It-tielet meditazzjoni: Mixja ta' konverżjoni li tilħaq il-milja tagħha fis-sagrament tal-penitenza.
4. Ir-raba' meditazzjoni: L-Imħabba hija sfida!
5. Il-ħames meditazzjoni: Imsejħin biex inkunu qaddisin!

# I. IL-ĦAMES MEDITAZZJONIJIET FIL-QOSOR

## 1. L-ewwel meditazzjoni: Min Hu Alla tagħna? Alla tagħna huwa Alla ta' Ġesù Kristu.

***(għal fatti, esperjenzi, eżempji, ċitazzjonijiet mill-Iskrittura u mill-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika... dejjem irreferi għas-sussidju sħiħ: "Eżerċizzi għaż-żgħażagħ Randan 2011")***

<u>Esperjenza-talba ta' Agostino, żagħżugħ li miet ta' sittax-il sena</u>.

1) **Għal dan iż-żagħżugħ Alla sar problema, kif jista' jsir għalija u għalik...**
   - Imma Alla jeżisti tassew?Fejn Hu? Jekk jeżisti, u jgħidu li Hu mħabba, għaliex tant tbatija, tant mard, tant inġustizzji fid-dinja? Kif nista' nikkomunika miegħu?
   - Nixtieq il-libertà... Kif se nkun liberu meta marbut b'dak li jrid Hu?

2) **F'kull bniedem hemm dik li jsejħulha "nostalġija moħbija t'Alla".**
   - Iż-żagħżugħ ħali tal-parabbola għandu ħafna xewqat f'qalbu... però meta spiċċa lampa stampa, f'qalbu nibtet xewqa oħra, dik li jirritorna fid-dar tal-Missier. Ħass nostalġija, *homesickness...*
   - Din in-nostalġija t'Alla jħossuha nies li jemmnu f'Alla u saħansitra nies atei... nies li ma jemmnux.
   - Dix-xewqa t'Alla nsibuha espressa anki f'xi kitbiet tat-Testment il-Qadim...

3) **Alla tagħna huwa Alla magħna.**
   - Ħa naqbżu t-Testment Qadim kollu u niġu għall-Misteru tal-Inkarnazzjoni, il- ġrajja tal-isbaħ imħabba. Tifsir...
   - Nitkellmu minn din il-Ġrajja għax il-lejla huwa Ġesù ta' Nazaret, li se jagħtina ħjiel dwar Alla tagħna.

4) **Ġesù ta' Nazaret, Alla u Bniedem fl-istess ħin, għandu kull jedd jurina u jgħidilna xi veritajiet dwar Alla tagħna.**
   - Hu xbieha ta' Alla li ma jidhirx...
   - Jistqarr li min ra lilu ra lill-Missier.

5) **Ġesù ta' Nazaret jistedinna nħarsu lejn dak kollu sabiħ li hawn madwarna biex nirrikonoxxu li Alla Hu Ħallieq ta' kollox u ta' kulħadd.**
   - Hu, li jaf il-kitbiet tal-Antik Testment, fost l-oħrajn il-ġrajja tal-ħolqien, jistedinna nħarsu lejn l-għasafar tas-sema u lejn il-ġilji tal-widien... Aħna u nikkontemplaw il-ħolqien u lilna nfusna naraw fi xbieha lil Dak li għamilhom.

6) **Ġesù jixtieq jgħidilna wkoll li Alla huwa providenza, jipprovdi lil kulħadd il-meħtieġ għall-ħajja.**
   - Mela kif fid-dinja min mejjet fis-sakra u minn mejjet għal qatra? Mhux ħtija t'Alla, imma tad-dinja rgħiba u egoista.
   - Fl-istess ħin, nirringrazzjaw lil Alla Proividenza li jinqeda b'ħafna qlub ġenerużi biex jaħseb fil-fqar...

7) **Ġesù jistedinna nqisu lil Alla bħala Missierna u nindirizzawh bħala Missierna.**
   - diversi drabi fil-Vanġelu, Ġesù jkellimna dwar Alla bħala Missier/Missierna.

- Kieku kellu jiirrispondi għall-ilment ta' Agostino li ma jafx jitlob, Ġesù kien jgħidlu li Hu kien ta' sikwit idur lejn il-Missier u jsejjaħlu bil-kelma "abba", u żgur kien jgħallmu t-talba tal-"Missierna" - talba u fl-istess ħin programm ta' ħajja.

**8) Ġesù jistedinna nqisu lil Alla bħala Mħabba.**

- Hija mħabba mingħajr kundizzjonijiet, fil-fatt ta ħajtu għalina msammar ma' salib.
- "Mulej, jekk inti tħobbna mingħajr kundizzjonijiet, anki aħna se nippruvaw inħobbuk."

## 2. It-tieni meditazzjoni: Id-dnub jeżisti... imma teżisti wkoll il-ħniena t'Alla!

***(għal fatti, esperjenzi, eżempji, ċitazzjonijiet mill-Iskrittura u mill-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika... dejjem irreferi għas-sussidju sħiħ: "Eżerċizzi għaż-żgħażagħ Randan 2011")***

Esperjenza ta' tfajla Taljana li sejħet lilha nfiusha "Tfajla iddisprata".

1) **Id-dnub jeżisti.**
   - Il-paġni tal-Iskrittura jixhdu li d-dnub jeżisti.
   - L-ewwel ġenituri tagħna, maħluqin liberi, jiġifieri kapaċi jagħrfu u jagħżlu bejn it-tajjeb mill-ħażin, warrbu dak li xtaq Alla u għażlu dak li webbilhom bih ix-xitan.
   - Konsegwenza tad-dnub, fid-dinja daħlet it-tbatija li twassal għall-mewt.
   - Lista ta' dnubiet li jsemmi San Pawl fl-Ittra tiegħu lill-Galatin...

1) **Qed jintilef is-sens tad-dnub.**
   - Espressjoni li qalha Papa Piju XII fl-1946.
   - Ried ifisser li l-kuxjenza tal-bniedem illaxkat... xi ħaġa li llum iggravat.
   - Illum, id-dnub sirna nqisuh bħala dgħufija psikoloġika, nuqqas ta' maturita,
   - ħafna jridu jimxu mal-kuxjenza tagħhom.
   - Sewwa timxi mal-kuxjenza tiegħek, basta din tkun infurmata u ffurmata tajjeb.
   - Id-dnub għandna nerġgħu nibdew insejħulu "dnub".

2) **X'inhu d-dnub?**
   - Użu ħażin tal-libertà tagħna, allura "libertinaġġ" li jorbotlok ħabel m'għonqok.
   - Ksur tal-kmandamenti t'Alla f'ħaġa żgħira jew kbira u gravi.
   - Il-kmandamenti t'Alla kienu, huma u jibqgħu triq għal-libertà, rigal t'Alla.
   - Nibqgħu nagħmlu distinzjoni bejn dnub venjal u dnub mejjet.
   - Id-dnub jista' jsir bil-ħsieb, bil-kliem, bil-għemil jew bit-tħollija tal-għemil.
   - Biex tinkiser il-liġi t'Alla, bniedem irid ikun għamel xi ħaġa ħażina, ikun irid jagħmilha, u jkun jaf x'inhu jagħmel.

3) **Kif jibda dnub?**
   - Dnub jibda b'tentazzjoni tax-xitan, "ħażen ippersonifikat".
   - Dal-ħażen ippersonifikat jinqeda b'elf ħaġa, b'elf ċirkustanza biex jagħmel straġi mir-relazzjoni tagħna m'Alla, mir-relazzjoni tagħna mal-oħrajn u minna nfusna, illum irridu ngħidu wkoll straġi mill-ambjent.
   - Kull tentazzjoni hija mibnija fuq gidba u twassal għall-mewt spiritwali u materjali. Kellu raġun Ġesù jgħid għax-xitan: "Dak hu missier il-giddieb... u qattiel sa mill-bidu."

4) **Jekk jeżisti d-dnub, teżisti wkoll il-ħniena u l-maħfra t'Alla!**
   - Fit-Testment il-Qadim diġà għandna ħafna diskors dwar fil-ħniena u l-maħfra t'Alla.
   - Il-maħfra t'Alla lill-Poplu Lhudi li adura l-għoġol tad-deheb u l-maħfra t'Alla lil David li għamel adulterju u qatel biex jgħatti l-adulterju li għamel.
   - Stqarrijiet oħra dwar il-ħniena u l-maħfra t'Alla.

5) **Gesù Kristu Salvatur ta' kulħadd, b'mod speċjali tal-midinbin.**
   - F'Ġesù ta' Nazaret, il-ħniena u l-maħfra t'Alla saru laħam, ikkonkretizzaw ruħhom b'mod li jidher.

**6) Ġesù tal-Vanġelu jipprietka l-konverżjoni u l-maħfra tad-dnubiet.**

- Ġesù li ma kellu ebda dnub, daħal fil-filliera tal-midinbin u resaq jitgħammed għand Ġwanni l-Battista.
- Meta Ġwanni spiċċa l-missjoni tiegħu, daħal Hu jipprietka l-indiema u l-maħfra.
- Insemmu b'mod partikulari t-tliet parabboli f'San Luqa, dik tar-ragħaj li jfittex in-nagħġa li ntilfitlu, dik tal-mara li tilfet drakma, u dik tal-Iben il-ħali.

**7) Ġesù tal-Vanġelu huwa ħabib tal-midinbin.**

- Ġesù jfittex il-midinbin, jiltaqa' magħhom, jitkellem magħhom, jidħol għandhom, jiekol magħhom u jaħfrilhom dnubiethom.
- Diversi midinbin reġgħu lura għat-triq it-tajba għax iltaqgħu ma' Ġesù.

**8) Ġesù tal-Vanġelu jbati u jmut għall-midinbin.**

- Hu r-ragħaj it-tajjeb li jagħti ħajtu għan-nagħaġ tiegħu.
- Fuq il-Kalvarju xerred l-aħħar qatra ta' demmu għalina, xi ħaġa li ftit qabel, fl-aħħar ċena Huwa għamel sagramentalment: "Dan hu ġismi li jingħata għalikom... dan hu demmi li jixxerred għalikom..."

## 3. It-tielet meditazzjoni: Mixja ta' konverżjoni li tilħaq il-milja tagħha fis-sagrament tal-penitenza.

***(għal fatti, esperjenzi, eżempji, ċitazzjonijiet mill-Iskrittura u mill-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika... dejjem irreferi għas-sussidju sħiħ: "Eżerċizzi għaż-żgħażagħ Randan 2011")***

Esperjenza ta' żagħżugħ Pollakk li beda mixja ta' konverżjoni u wasal għas-sagrament tal-penitenza

**1) L-istorja ta' din il-konverżjoni hija storja li tgħodd għalija u għalik.**
- Għax min ftit u min ħafna lkoll midinbin.
- Tikkonverti ma jfissirx biss minn ħażin issir tajjeb, iżda wkoll minn tajjeb issir dejjem aħjar.
- Il-konverżjoni mhix xi ħaġa tar-randan biss, imma avventura li tista' tidħol għaliha fl-istaġuni kollha, hija mixja ta' kuljum.

**2) Kif jibda proċess ta' konverżjoni?**
- Proċess ta' konverżjoni jista' jibda b'xewqa f'qalbi li nirranġa l-kuxjena tiegħi, b'xewqa f'qalbi li nagħti skop u sens lil ħajti, b'xewqa f'qalbi li jkolli relazzjoni isbaħ u iktar intima ma' Ġesù, tista' tibda b'ċerti ċirkustanzi li jiġruli f'ħajti.
- Però dawn ix-xewqat u ċ-ċirkustanzi kollha ma jwasslu għal ebda konverżjoni kieku ma teżistix xewqa ikbar u minn qabel fil-Qalb ta' Ġesù li jfittex il-midinbin u jqabbadhom it-triq tas-sewwa.
- Ġrajjiet ta' konverżjonijiet fil-Vanġelu.

**3) X'nifhmu b'konverżjoni?**
- Trapjant tal-qalb.
- *U-turn* fil-ħajja morali u spiritwali tiegħi.
- Tiġdid spiritwali, tħalli l-ħajja qadima tad-dnub u tibda tgħix il-ħajja ġdida tal-grazzja.
- Ħbiberija ġdida m'Alla... Imħabba, Verità, Ħajja, Ferħ, Sbuħija.

**4) Dil-mixja ta' konverżjoni tilħaq il-milja tagħha fis-sagrament tal-penitenza.**
- Il-Katekiżmu jagħti ħames ismijiet lil dan is-sagrament, però dan mhux daqstant importanti.
- L-importanti li bħala żgħażagħ nibqgħu nemmnu fih, ma niddejqux nersqu għalih u ma nabbużawx minnu.

**5) Il-kobor ta' dan is-sagrament.**
- Huwa rigal ta' Ġesù Kristu Mqajjem mill-mewt.
- Permezz ta' dan is-sagrament, min hu mgħammed jerġa' jikseb il-grazzja jekk tilifha permezz tad-dnub u jerġa' jidħol fix-xirka tal-Knisja.
- Fih żewġ elementi, l-għemejjel tal-penitent u l-għemil ta' Alla.

**6) X'inhuma l-għemejjel tal-penitent?**
- L-eżami tal-kuxjenza fil-konfront tal-kmandamenti t'Alla u fil-konfront tal-Vanġelu, allura tal-istess Ġesù Kristu, mgħallem u mudell.
- L-indiema flimkien ma' proponiment ta' distakk mid-dnub. Din l-indiema tista' tkun perfetta jew mhix perfetta.

- L-istqarrija tad-dnub jew dnubiet. Obbligati nqerru d-dnubiet mejta kollha li nkunu nafu li għamilna mill-aħħar qrara. Ta' min jirrikkmanda l-istqarrija wkoll tad-dnubiet venjali.
- It-tewba jew penitenza. Din hija fid-deskrizjoni tal-konfessur. Inqisuha bħala mediċina biex terġa' ssaħħaħna fil-mixja tagħna bħala nsara.
- Il-ġustizzja titlob li jekk saret xi ħsara, din titranġa mill-aktar fis possibbli.

## 7) L-għemil ta' Alla permezz tal-Knisja.

- Ġesù li waqqaf dan is-sagrament, ħalla l-amministrazzjoni tiegħu f'idejn l-isqfijiet, suċċessuri tal-appostli, u f'idejn is-saċerdoti, kollaboraturi tagħhom.
- F'dan is-sagrament, is-saċerdot qed jaġixxi f'isem Kristu u għan-nom tal- Knisja.
- Għall-oġġezzjoni "ma nqerrx għand saċerdot, bniedem bħali" irridu ngħidu li hekk iddispona Ġesù, fl-istess ħin, is-saċerdot qed jirrappreżenta lill-Knisja li permezz tiegħu terġa' tilqek fi ħdanha.
- Għal min jgħid "inqerr direttament quddiem il-Kurċifiss," Papa Ġwanni Pawlu II għandu din it-tweġiba: "għan-Nisrani, is-sagrament tal-penitenza jibqa' t-triq ordinarja biex tinkiseb il-maħfra tad-dnubiet."

# 4. Ir-raba' meditazzjoni: L-Imħabba hija sfida!

***(għal fatti, esperjenzi, eżempji, ċitazzjonijiet mill-Iskrittura u mill-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika... dejjem irreferi għas-sussidju sħiħ: "Eżerċizzi għaż-żgħażagħ Randan 2011")***

<u>Żewġ esperjenzi: waħda ta' tfajjel iltim li għex għax sab min iħobbu u l-oħra ta' tfajla tixtieq tmut għax qatt ma kienet maħbuba</u>.

**1) L-imħabba hija bżonn vitali, mingħajrha ma tistax tgħix.**
- Dan nikkonkluduh billi nqabblu flimkien iż-żewġ esperjenzi li għadna kemm smajna.
- L-imħabba hija bżonn vitali daqskemm hu vitali l-bżonn li nieħdu l-arja, il-bżonn li nieklu, il-bżonn li nixorbu...

**2) Il-bniedem hu magħmul bl-imħabba.**
- Suppost bl-imħabba tal-ġenituri u żgur bl-imħabba t'Alla.
- Kien fil-pjan t'Alla li tarbija titwieled mill-għaqda ta' mħabba bejn raġel u mara.
- Għaliex daħħalt id-dubju tas-"suspett"? Għax l-esperjenza tgħallimna li t-tnissil ta' tarbija mhux dejjem hu frott l-imħabba.
- Però dad-dubju tas-"suspett" aċċertajtu bl-"iżgur" tal-imħabba t'Alla.
- Tnisslet kif tnisslet it-tarbija, Alla riedha, kienet fil-pjan tiegħu, Alla ħabbha sa minn qabel il-ħolqien tad-dinja.

**3) Il-bniedem hu magħmul għall-imħabba.**
- Il-bniedem hu ta' min iħobbu.
- *We are essentially good and lovable because God does not make rubbish!*
- Kollox huwa tajjeb, u l-bniedem huwa tajjeb ħafna.
- Hemm żewġ modi ta' kif tħares lejn il-ħajja...
- Il-mod materjalistiku u sekularistiku... ħajja rħisa, piż fuq is-soċjetà.
- Il-mod ta' kif jarana Alla. Aħna ta' min iħobbna u Alla bagħatna fid-dinja biex nagħmlu xi ħaġa sabiħa.
- Imbagħad għax maħbub, il-bniedem irid jitgħallem iħobb lill-oħrajn b'imħabba vera u matura.
- Jitgħallem, għax l-imħabba hija sengħa u sengħa titgħallimha bil-mod il-mod, bl-esperjenza, anki bl-iżbalji.
- Jitgħallem iħobb b'imħabba vera u matura, bil-kejl ta' Ġesù.

**4) L-imħabba vera u matura kapaċi tinduna bil-bżonnijiet tal-oħrajn.**
- Min iħobb hu attent għal dak li jeħtieġu l-oħrajn, jinduna b'dawn il-ħtiġijiet, ma jieħu xejn *for granted*. Dan mhux b'kurżità, iżda bħall-omm, biex jgħin.

**5) L-imħabba vera u matura kapaċi tifhem lil ħaddieħor.**
- Meta xi ħadd jiftaħlek il-bieb ta' qalbu, tibdiex bil-problemi tiegħek, ħallih jitkellem u pprova idħol fiż-żarbun tiegħu.
- Id-differenza bejn *to hear and to listen*.
- Żomm f'moħħok li quddiemek għandek rigal imqartas; tagħtix kas ta' kif inhu mqartas, imma pprova ara x'inhu u min hu dan ir-rigal.
- Huwa bniedem, xbieha t'Alla, ħuk, Ġesù Kristu li qed jitolbok tgħinu.

**6) L-imħabba vera u matura kapaċi taħfer lil min ferieha.**

- In-natura ta' bniedem li jien tgħidli ħafna twerdin, bħal patti, tkunx paljazza ta' ħadd... Imma l-Espert tal-imħabba jgħidli: "Ħobb lill-għedewwa tiegħek u itlob għal dawk li jippersegwitawk."
- Għaliex għandi naħfer? Biex Alla jaħfirli, biex inkun nisrani tassew, biex insir nixbah bil-mod il-mod lill-Missier li ma jiddiskriminax...

**7) L-imħabba vera u matura kapaċi tbati għall-oħrajn, sa tagħti ħajjitha għall-oħrajn.**

- L-esperjenza tat-tbatija hija esperjenza qadima daqs kemm hu qadim il-bniedem. Daħlet mad-dnub tal-ewwel ġenituri tagħna u twassal għall-mewt.
- Però 2000 sena ilu l-Iben t'Alla ġie fostna, ħa fuqu dit-tbatija tagħna u minn dak inhar 'l hawn, saret tissejjaħ "salib", bdiet tfisser imħabba.

**8) L-imħabba vera u matura tissielet biex tkun imħabba safja.**

- Tissielet għax qegħdin ngħixu f'dinja li teżalta l-edoniżmu.
- Iridu jiġġieldu ġuvni u tfajla biex iħobbu lil xulxin b'mod safi sakemm jasal il-mument li jagħtu lilhom infushom kompletament fis-sagrament taż-żwieġ.
- Il-pornograija daħlet fil-mezzi kollha ta' komunikazzjoni soċjali u jekk ikolli ngħid, għalhekk il-koabitazzjoni, is-sess qabel iż-żwieġ, it-taħlit adulteru, il-mentalità divorzista... saru qishom mhuma xejn.
- "Dan irid Alla minnkom: il-qdusija tagħkom u li titbiegħdu miż-żina." *(S. Pawl)*

# 5. Il-ħames meditazzjoni: Imsejħin biex inkunu qaddisin!

***(għal fatti, esperjenzi, eżempji, ċitazzjonijiet mill-Iskrittura u mill-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika... dejjem irreferi għas-sussidju sħiħ: "Eżerċizzi għaż-żgħażagħ Randan 2011")***

<u>Esperjenza ta' Maria Orsola Bussone, tfajla Taljana minn Vallo Torinese li qiegħda fil-proċess ta' beatifikazzjoni</u>

1) **Illum nitkellmu mis-sejħa universali għall-qdusija.**
   - Hija sejħa tal-Konċilju Vatikan II.
   - Kulħadd huwa msejjaħ biex jitqaddes fl-istat tiegħu u skont il-kundizzjoni tiegħu.
   - Il-qdusija mhix *"out of fashion"*

2) **Il-possibiltà li nkunu żgħażagħ qaddisin.**
   - Jekk il-ħajja bijoloġika, relazzjonali u soċjali tagħna hija *a struggle for survival*, daqstant ieħor hija *a struggle for survival* il-mixja spiritwali tagħna li bdejna dakinhar tal-magħmudija tagħna.
   - Fis-sena 2000, Ġwanni Pawlu II stieden liż-żgħażagħ biex ikollhom l-ambizzjoni għall-qdusija... Ammetta li diffiċli tkun qaddis fid-dinja tal-lum, però mbagħad assigurahom, u allura qed jassigura lilna li hemm l-għajnuna tal-grazzja t'Alla... li tikkonkretizza ruħha f'persuni konkreti: il-familjari, is-saċerdoti, l-edukaturi.

3) **X'ried jifhem il-Papa "bl-għajnuna tal-grazzja kollox possibbli"?**
   - Il-grazzja mhix għajr il-preżenza tal-Mulej miegħi jiena u miexi għal għonq it-triq tal-ħajja.
   - Jekk ngħarbel sewwa l-ġrajjiet ta' ħajti b'daqsxejn fidi ninduna li kien hemm id Alla li mexxietni. Ħafna ċirkustanzi ma kinux inzertaturi u kumbinazzjonijiet, imma pjan t'Alla.
   - Il-ġrajja tad-dixxipli t'Għemmaws hija l-ġrajja tiegħi u tiegħek. Ġesù jersaq jimxi magħna.
   - Barra mis-sagrament tal-penitenza u l-imħabba vera u matura se nsemmi mezzi oħra ta' qdusija.

4) **Il-qari u s-smigħ regolari tal-Kelma t'Alla.**
   - Alla tagħna huwa ħaj, allura jitkellem, jitkellem b'mod abbundanti.
   - F'waħda mill-parabboli tiegħu, Ġesù jxebbah lil Alla jitkellem ma' bidwi li ħareġ jiżra' ż-żerriegħa tiegħu kullimkien... dik li waqgħet f'art tajba għamlet ħafna frott.
   - Alla tkellem ħafna drabi u b'ħafna modi, imma fl-aħħar kellimna permezz ta' Ibnu.
   - Il-qawwa tal-kelma t'Alla.
   - Il-kelma t'Alla jeħtieġ inpoġġuha fil-prattika.

5) **It-talb bħala tweġiba tagħna lil Alla li jkellimna.**
   - Iż-żgħażagħ xebgħu jisimgħu u jiddiskutu fuq droga, sess, relazzjonijiet... jixtiequ min jgħinhom jikkomunikaw m'Alla, għandhom għatx kbir għal Alla.
   - X'inhu t'talb? Mument li fih nidħol fil-preżenza t'Alla u nitkellem miegħu, bħal meta nitkellem ma'... Mela mhux ngħid jien biss, imma nisma' wkoll lilU.
   - L-importanza tas-skiet. L-eżempju ta' Marija.
   - Kif titlob? Tadura lil Alla, troddlu ħajr, titlolbu maħfra u tinterċedi għalik u għall-oħrajn.

6) **Is-sehem tagħna fl-Ewkaristija, speċjalment dik tal-Ħadd.**

- Il-bniedem huwa kbir meta kapaċi jinżel għarkobbtejh quddiem Alla u jiddjaloga miegħU. Hu li jħoss il-ġuħ t'Alla jagħmel xi ħaġa biex itaffi dan il-ġuħ.
- Il-Quddiesa tal-Ħadd ittaffilna dan il-ġuħ.
- Meta bdiet il-Quddiesa? Bdiet fl-aħħar ċena, meta Ġesù bidel il-ħobż u l-inbid fil-Ġisem u d-Demm tiegħu. Dak inhar waqqaf ukoll is-saċerdozju kattoliku biex dan is-sagrament jitkompla matul iż-żminijiet.
- X'inhi l-Quddiesa? Tiġdid tas-Sagrificcju tal-Kalvarju, l-ikla tal-kelma t'Alla, l-ikla tal-Ġisem u d-Demm ta' Ġesù, ikel li jsaħħaħna u jirresponsabilizzana għal meta noħroġu barra mill-knisja.
- Għalina, Insara Kattoliċi, il-Preżenza ta' Ġesù ħaj tibqa' wkoll fl-ispeċi tal-ħobż ikkonsagrat anki wara l-Quddiesa.
- Ġesù fil-Quddiesa jew wara l-Quddiesa mhuwiex xi ħaġa, imma Xi Ħadd, allura Persuna Ħajja li tħobbok, li tisimgħek, li tkellmek, li tfarrġek...

**7) Il-qima vera lejn Marija, Omm Alla u Omm tagħna l-bnedmin.**

- Il-qima lejn il-Madonna ma tikkonsistix f'ċapċip fieragħ quddiem xi statwa tal-ġibs, jew sempliċement timxi wara l-istatwa tad-Duluri darba fis-sena.
- Qima vera tfisser: iżżomm lil Marija bħala persuna ħajja miexja miegħek għal għonq it-triq u tista' tkellimha kull x'ħin trid int.
- Tfisser ukoll tagħmel dak li jgħidilna Binha Ġesù.

# II.Eżerċizzi għaż-Żgħażagħ (Sussidju sħiħ)

## 1. L-ewwel meditazzjoni: Min Hu Alla tagħna? Alla tagħna Huwa Alla ta' Ġesù Kristu.

**Esperjenza:** Agostino, żagħżugħ Taljan ma kienx jafhom lill-ġenituri tiegħu. Rabbewh u edukawh is-Sależjani ta' Arese. Ta' sittax-il sena miet waqt *camping* fil-muntanji. Meta kienu qegħdin iqallbu fl-affarijiet personali tiegħu, sabulu biċċa karta, kitibha huwa stess. Ħa naqrahielkom...

"Mulej, miniex kapaċi nitlob: ħadd qatt ma għallimni. Anki f'dal-mument, ma nafx x'naqbad ngħidlek: imma inti teżisti jew le? Jekk teżisti, għax ma turinix lilek innifsek? Imma le, forsi qed nippretendi ħafna! Jgħidu li l-ħolqien kollu jitkellem fuqek... il-qċaċet tal-muntanji, il-baħar, il-ward... Iżda jien miniex kapaċi nsibek u niskoprik. Jgħidu wkoll li l-imħabba hija l-prova tal-eżistenza tiegħek, u forsi għalhekk jien għadni ma ltqajtx miegħek, għax qatt ma kont maħbub biżżejjed... Mulej, laqqagħni ma' mħabba li twassalni għandek: nixtieq niltaqa' ma' mħabba sinċiera u diżinteressata, ma' mħabba fidila u ġeneruża, ma' mħabba tixbah lilek."

1. **Għal dan iż-żagħżugħ, Alla sar problema, kif jista' jsir għalija u għalik!** Tibda tistaqsi lilek innifsek: "Imma Alla jeżisti tassew? Jekk jeżisti fejn hu? Kif inhu, x'inhu jagħmel? Kif iqattagħha l-ġurnata tiegħu? Jekk jeżisti (u jgħidu li hu mħabba u li jista' kollox) għaliex tant tbatija, tant mard, tant miżerja, tant inġustizzji fid-dinja? Jekk jeżisti, kif se nikkomunika miegħu? Kif se nibni relazzjoni miegħu? Jien nixtieq ikolli ħafna libertà... kif se nkun liberu u sadanittant inkun marbut, biex ma ngħidx imxekkel, b'dak li jrid u b'dak li ma jridx Hu? Dawn huma mistoqsijiet tqal ħafna għall-moħħ dgħajjef u limitat tagħna. Żgur li m'aħniex se nirrispondu dawn il-mistoqsijiet kollha fil-ftit ħin li għandna llejla flimkien. Però mmexxijin mill-kitbiet tal-Iskrittura, mill-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika u mill-esperjenzi tal-ħajja se nippruvaw nieħdu magħna d-dar xi ħjiel dwar Alla tagħna.

2. **F'kull bniedem hemm dik li jsejħulha "nostalġija moħbija t'Alla."** Fir-Randan aħna s-saċerdoti nħobbu nirrakkuntaw il-parabbola tal-iben il-ħali jew tal-"Missier il-Ħali". Nużawha biex bħal Ġesù nħeġġu l-midneb, li telaq mid-dar tal-Missier, jerġa' lura għandU. Il-Missier qed jistennieh u meta jiġi lura għajjien u mċerċer jgħannqu miegħu u jagħmillu l-festa tal-maħfra.

Però dil-parabbola nistgħu nużawha wkoll biex nagħmlu lista jew taħbila ta' xewqat li jħoss ġuvni jew tfajla ta' sittax, sbatax-il sena. Dal-ġuvni, jista' jirrappreżenta lilkom iż-żgħażagħ: xtaq il-flus f'idejh, xtaq isiefer, xtaq jesperimenta mod ġdid ta' ħajja, xtaq jagħmel avventura, skont ħuh il-kbir, xtaq jiddeverti b'mod diżonest, man-nisa tat-triq... Però meta ħela kull ma kellu u biex jaqla' xi ħaġa x' jiekol mar daħal ma' wieħed jirgħa l-qżieżeż, **f'qalbu nibtet xewqa oħra: dik li jirritorna fid-dar tal-Missier**. Daħal fih innifsu (għamel vjaġġ 'il ġewwa, li skont John Powell, huwa l-itwal u l-itqal vjaġġ) u qal "Kemm lavranti ma' missieri għandhom ħobż bix-xaba', u jien qiegħed hawn immut bil-ġuħ! Ħa nqum u mmur għand missieri..." Din l-aħħar xewqa jsejħulha "nostalġija moħbija t'Alla." Dal-ġuvni ħass *"homesickness"*. Bħal meta tkun imsiefer għal żmien twil u tħoss ix-xewqa li tmur f'pajjiżek, f'darek, mal-familjari tiegħek. Din in-nostalġija t'Alla tinħass il-ħin kollha fil-kitba ta' Agostino li bdejna biha fil-bidu.

Mhemmx għalfejn tkun midneb inkallat biex tħoss nostalġija t'Alla. Ix-xewqa t'Alla jħossuha ħafna nies, kemm nies li jemmnu kif ukoll nies li ma jemmnux. Ħa nagħtikom xi

eżempji: **eżempji ta' nies li jemmnu**: ġuvni Malti li xtaq, anzi sab lil Alla fl-esperjenza tal-imħabba: "Jisimni Joseph. Ftit taż-żmien ilu, mort inżur il-fqar ta' Mother Teresa u rajt b'għajnejja n-niket u l-miżerja ta' ħafna bnedmin, fl-istess ħin, rajt sorijiet ġenerużi jduru bil-morda u jieħdu ħsiebhom wieħed wieħed. Inħoss ħafna l-bżonn li nħoss lil Alla bis-sensi tiegħi. Naf li dan ma jistax ikun għax Alla huwa Spirtu, però nista' ngħid li t-tbissima ta' dawn is-sorijiet qistha daqs li kieku kienet it-tbissima t'Alla, l-imħabba tagħhom qistha daqs li kieku kienet l-imħabba t'Alla." Josephine, mara miżżewġa ta' ħamsa u għoxrin sena dritt wara l-ħlas: "Erfajt f'idejja għall-ewwel darba lil binti li kienet għadha kif twieldet. Minn dejjem kont bniedma reliġjuża, imma f'dak il-mument ħassejt lil Alla qrib tiegħi ħafna. Kont qiegħda mmiss b' idejja miraklu kbir tiegħu. Għedtlu 'grazzi' mill-qalb!" **Eżempji ta' nies li ma jemmnux**: Talba ta' tfajla russa: "O Alla, jien naf li ma teżistix. Imma kemm inkun kuntenta kieku kellu jinħoloq xi xjenzat li jipprova l-eżistenza tiegħek. Jien nixtieqek teżisiti. Nixtieqek tkun Alla li tifhimni u tħobbni bħalma tifhimni u tħobbni ommi." (mur għidilha lil dit-tfajla li l-eżistenza t'Alla ma tippruvahiex bit-testijiet tax-xjenza... imma b'affarijiet iktar sempliċi bħalma se naraw iktar 'il quddiem.) Edith Stein kienet mara Lhudija, intelliġenti ħafna, twieldet fil-Polonja fl-1891. Ta' ħmistax-il sena ddeċidiet li Alla ma jeżistix. Ma riedet tieħu xejn *"for granted"*, lanqas il-fidi sħiħa f'Alla tal-ġenituri tagħha. Qabdet it-triq tal-filosofija u għallmet għal xi snin fl-Università ta' Freiburg. Kienet atea, però kellha għatx kbir għall-verità u dan ifisser li kellha għatx kbir għal Alla, għax Alla huwa l-Verità assoluta, la jqarraq u lanqas jista' jitqarraq. Jekk ta' ħmistax-il sena iddeċidiet li Alla ma jeżistix, wara snin ta' tfittxija, issa ddeċidiet li Alla jeżisti u kkonvertiet għar-Reliġjon Kattolika fl-1922. Daħlet soru tal-klawsura u fl-1942 spiċċat fil-kamp ta' konċentrament ta' Auschwitz. Inqatlet fil-kamra tal-gas fl-għomor ta' 50 sena. Illum hija magħrufa mad-dinja kollha bħala Santa Tereża Benedetta tas-Salib.

Sa mill-Antik Testment, is-salmista, li jirrappreżenta lili u lilek, idur lejn Alla u jgħidlu: "Bħalma għażżiela tixxennaq għan-nixxigħat tal-ilma, hekk tixxennaq ruħi għalik, Alla tiegħi." *(42,2)* "Alla, Alla tiegħi int; lilek ħerqan infittex. Ruħi bil-għatx għalik, għalik imxennaq jiena, bħal art niexfa, maħruqa bla ilma." *(63,2)* Mijiet ta' snin wara, Santu Wistin ħareġ bi stqarrija li għadha famuża sal-lum: "Mulej, Inti ħlaqtna għalik u qalbna ma ssibx kwiet qabel tistrieh fik!" Infakkarkom li qegħdin naraw min hu Alla tagħna.

**3. Alla tagħna huwa Alla magħna.** Ħa naqbżu l-ġrajjiet kollha, id-direttivi kollha, il-profeziji kollha, l-għerf kollu, it-talb kollu tat-Testment il-Qadim u niġu għal mument importanti fl-istorja tal-umanità maħbuba minn Alla. Bi kliem daqsxejn tqil dal-mument importanti nsejħulu l-**Misteru tal-Inkarnazzjoni**. Ħa nirriflettu ftit fuq din il-ġrajja, Papa Ġwanni Pawlu II, isejħilha "il-ġrajja tal-isbaħ imħabba." Ħa nuża frażijiet qosra mill-kotba tat-Testment il-Ġdid u frażijiet li ġbart minn kotba ta' ispirazzjoni nisranija. Meta waslet il-milja taż-żminijiet, Alla bagħat lil Ibnu, imwieled minn mara... *(Galatin 4,4)*. It-tnissil ta' Ġesù l-Messija sar hekk: Ommu Marija, wara li tgħarrset ma' Ġużeppi, qabel ma marru joqogħdu flimkien, saret omm bil-ħidma tal-Ispirtu s-Santu. *(Mattew 1,18)*. Ġara li meta kienu Betlem, Marija għalqilha ż-żmien biex teħles, u wildet l-ewwel iben tagħha, fisqietu u medditu f'maxtura, għax ma kienx hemm post għalihom fil-lukanda. *(Luqa 2,6.7)* U l-Iben t'Alla sar bniedem u għammar fostna. *(Ġwanni 1.14)* Xi nies irriflettew fuq dawn il-kelmiet mill-Iskrittura u qalu: fil-Persuna ta' Ġesù ta' Nazaret, Alla tagħna ma baqax imbiegħed, iżda qorob lejna u sar Alla magħna., tħallat magħna; sar wieħed minna, bħalna f'kollox minbarra d-dnub. Beda jifraħ bħalna, beda jitbissem bħalna, beda jibki bħalna, beda jħoss dak kollu li nħossu aħna. Xi ħaġa sabiħa taħseb fuqha hija din: il-Misteru tal-Inkarnazzjoni huwa pont bejn Alla u bejnna l-bnedmin. Fil-misteru tal-Inkarnazzjoni, sar żwieġ bejn dak li hu tas-sema u dak li hu tal-art. Fl-ewwel ittra tiegħu lil Timotju, San Pawl jgħidilna: "Wieħed hu l-medjatur bejn Alla u l-bnedmin, Kristu Ġesù..." *(2,5)* Tajjeb nerġa' nfakkarkom: qegħdin naraw min hu Alla tagħna.

4. **Ġesù ta' Nazaret, Alla u Bniedem fl-istess ħin, għandu kull jedd jurina u jgħidilna xi veritajiet dwar Alla tagħna**. Għaliex? Jgħidilna San Pawl fl-ittra tiegħu lill-Kolossin: "Hu x-xbieha ta' Alla li ma jidhirx, il-kbir fost il-ħlejjaq kollha." *(1,15)* Ikompli jgħidilna San Ġwann fil-Vanġelu tiegħu: "Lil Alla għadu ħadd ma rah; imma għarrafhulna l-Iben il-waħdieni ta' Alla li hu fi ħdan il-Missier." *(1,18)* Fl-istess Vanġelu, għall-aħħar tal-ħajja pubblika tiegħu, Ġesù jibda jtarraf lil ħbiebu li dalwaqt se jkollu jmur għand il-Missier. Dawn ħbiebu, li kienu ilhom żmien twil miegħu, bħal donnhom ma setgħux jifhmuh. Bdew jistaqsuh u jgħidulu: "Mela fejn inti sejjer? Liema hija t-triq li teħodna fejn sejjer int? Mulej, urina min hu l-Missier!" It-tweġibiet ta' Ġesù kienu: "Jiena hu t-Triq, is-Sewwa u l-Ħajja. Ħadd ma jmur għand il-Missier jekk mhux perrmezz tiegħi. Kieku għaraftu lili, kontu tagħrfu wkoll lil Missieri... Min ra lili ra lill-Missier..." *(ara 14, 1-11)* Il-ħajja storika ta' Ġesù fuq l-art, b'dak kollu li għamel u b'dak kollu li qalilna, tista' tkun it- *"turning point"* jew il-konverżjoni tiegħi u tiegħek. Il-lejla ħa nħalluh ikellimna ftit fuq Alla Missieru.

5. **Ġesù ta' Nazaret jistedinna nħarsu lejn dak kollu sabiħ li hawn madwarna biex nirrikonoxxu li Alla hu Ħallieq ta' kollox u ta' kulħadd.** Fil-Vanġelu ta' San Mattew jgħidilna: "Ħarsu lejn l-għasafar tas-sema; la jiżirgħu, la jaħsdu u lanqas igeddsu fl-imħażen, madanakollu Missierkom li hu fis-smewwiet jitmagħhom! Intom ma tiswewx iktar minnhom?... Ħarsu lejn il-ġilji tal-għelieqi, kif jikbru! U la jitħabtu u lanqas jinsġu. Madankollu, ngħidilkom, anqas Salamun, fil-glorja kollha tiegħu, ma kien jilbes bħal wieħed minnhom..." Tista' tieqaf tosserva warda sabiħa għadha kemm fetħet. Tista' tpoġġi bilqiegħda fuq blata tikkontempla l-baħar kbir u sabiħ. Tista' ssib ħin titgħaxxaq bix-xemx tielgħa fil-għodu jew nieżla fl-għaxija. Tista' ssib żmien tisgħaġeb bil-kobor u l-ġmiel tiegħek bħala bniedem jew bħala bniedma. Int il-kapulavur ta' Alla. Meta jistedinna inħarsu lejn dak kollu sabiħ li hawn madwarna, inkluż il-bniedem, Ġesù li żgur għandu f'moħħu l-kitbiet kollha tat-Testment il-qadim, qed jgħidilna li **Alla huwa l-Ħallieq ta' kollox**. Il-Ktieb tal-Ġenesi jirrakkuntalna l-ġrajja tal-ħolqien, u kitbiet oħra, bħall-ktieb tal-Għerf , jgħallmuna li meta nħarsu lejn is-sabiħ ta' madwarna, nistgħu nindunaw b'Dak li ppjanah, li fasslu u li ħalqu mix-xejn. "Fil-kobor u l-ġmiel tal-ħlejjaq jingħaraf bħal fi xbieha , Dak li għamilhom." *(13,5)*

Hawnhekk sa naqralkom ittra li nstabet fuq suldat amerikan li miet fil-ġlied fl-aħħar gwerra dinjija: "Għażiż Mulej, qaluli li Int ma teżistix. U stupidu li jien, emminthom. Il-lejl li għadda, minn ġo qiegħ ħofra ta' bomba, rajt il-kwiekeb ileqqu. F'daqqa waħda, intbaħt bil-verità. Dak li kienu qaluli kien kollu gideb. Kieku biss waqaft ftit inħares madwari, malajr kont nintebaħ li l-ħolqien ikellimni fuqek. Min jaf, Mulej, jekk taċċettax li żżommli jdejja wara tant snin imbiegħed minnek?! Imma Int tifhimni żgur. Għaliex kellu jkun dan l-infern ta' gwerra biex nilmaħ lil wiċċek jiddi minn bejn splużjoni u oħra? Irrid ngħidlek ħaġa waħda: inħobbok... Għada t-taqbida ser tkun bla ħniena. Min jaf, forsi narak. Tgħid tkun hemm tistenna wara l-bieb tal-mewt? Ara qiegħed nibki... Mhux li għaraftek qabel! Imma issa li sibtek, m'għadnix nibża' mill-mewt. Saħħa. Narak!"

6. **Ġesù jixtieq jgħidilna wkoll li Alla huwa Providenza**, jiġifieri jipprovdi lil kulħadd il-meħtieġ għall-ħajja, għax ikompli jgħidilna fil-Vanġelu ta' San Mattew: toqogħdux tinkwetaw ruħkom x'se tieklu, x'se tixorbu jew x'se tilbsu... Missierkom li hu fis-smewwiet jaf li dan kollu teħtiġuh. *(ara 6,31.32)* Forsi tistaqsuni: "Mela kif fid-dinja min mejjet fis-sakra u min mejjet għal qatra? Ma tafx li jeżistu nies, miljuni ta' tfal li qegħdin imutu bil-ġuħ?" Jekk hemm nies foqra u m'għandhomx x'jieklu, dan mhux ħtija t'Alla, iżda tad-dinja rgħiba u egosita. Ħa nirrakkuntalkom x'għamel u x'qal jum fost l-oħrajn Raoul Follereau, il-Franċiż li ħadem ħafna b'riżq il-lebbrużi tad-dinja. Mela kien qiegħed ħdejn is-sodda ta' tfajla ndjana marida bil-lebbra. Kienet waslet l-aħħar nifs. Kif mietet, Raoul Follereau fettillu jiżen il-katavru tagħha. Kien jiżen biss 20 kilo. U qal Raoul Follereau: "Dit-tfajla ma mitetx bil-lebbra, iżda mietet bil-ġuħ. Xi ħadd kiel dak li kellha tiekol hi, xi ħadd xtara libsa żejda, xi ħadd berbaq u ħaraq dak li suppost kellu jkun fl-istonku ta' dit-tfajla..."

Għalhekk jekk min-naħa l-waħda nikkundannaw din l-inġustizzja, min-naħa l-oħra nirringrazzjaw lil Alla Providenza li jinqeda b'ħafna nies ġenerużi, bħal dan Raoul Follereau, bħal Mother Teresa u s-sorijiet tagħha, bħal tant missjunarji, bħal tant żgħażagħ impenjati fil-volontarjat... biex jaħseb fil-fqar. Pereżempju tirrakkonta Mother Teresa: "Mela jum fost l-oħrajn, ħabbat il-bieb, mort niftaħ, u nsib raġel, għajnejh imxarrba bid-dmugħ... talabni mediċina għat-tifel tiegħu li kien qed imut. Qalli l-isem tal-mediċina. Kienet mediċina rari, tinxtara biss mill-Ingilterra. Min fejn se nġiblu din il-mediċina? Mela dak il-ħin stess jasal raġel ieħor b'*basket* mediċini f'idejh, ġabarhom minn għand in-nies, biex jien inkun nista' nqassamhom lill-foqra li jiġu għandna... u ħaġa tal-iskantament, ħarist fil-*basket,* u fil-wiċċ kien hemm propju l-mediċina li ried dak il-fqir għal ibnu qed imut!" Tkompli tgħid Mother Teresa: "Kemm hi kbira l-Providenza t'Alla! Daqstant nies fid-dinja, daqstant tfal fid-dinja, u Alla ħaseb f'dan it-tifel qed imut fil-qalba tal-Indja. Irriflettejt: kieku xi ħadd minn dawn iż-żewġt irġiel ġie ftit qabel jew ftit wara, kieku l-mediċina kienet fil-qiegħ, ma kontx naraha... dak it-tifel kien imut. Imma l-Providenza t'Alla ppjanat kollox biex dak it-tifel jgħix!"

**7. Ġesù jistedinna nqisu lil Alla bħala Missierna u nindirizzawh bħala Missierna.** Diversi drabi fil-Vanġelu, Ġesù jkellimna dwar Alla bħala Missierna. "Kunu perfetti bħalma hu perfett Missierkom li hu fis-smewwiet." *(Mattew 5,48)* Dal-Missier ma jiddiskriminax bejn dawk tajbin u dawk ħżiena. Huwa jtalla' x-xemx u jniżżel ix-xita fuq kulħadd. *(ara Mattew 5,45)* Fil-Vanġelu ta' San Ġwann, Ġesù jidentifika lil Alla Missieru ma' Alla Missierna. Jolqotni ħafna l-kmand li dak inhar li qam mill-mewt ta lil Marija ta' Magdala: "Mur għand ħuti u għidilhom li se nitla' għand Missieri u Missierkom, Alla tiegħi u Alla tagħkom." *(Ġwanni 20,17)*

Agostino ta' Arese lmenta mal-Mulej li mhux kapaċi jitlob. Jien ngħid: "Jalla ż-żgħażagħ kapaċi jitolbu bħalu! Imma x'setà jgħidlu Ġesù dwar it-talb? Naħseb setà jgħidlu li ta' sikwit, Hu stess kien idur lejn Alla u jitkellem miegħu bħalma iben jitkellem ma' missieru. Ġieli sejjaħlu "Abba". "Abba" hija l-kelma li jużaw it-tfal Lhud biex isejħu lil missierhom. It-tfal tagħna jsejħulu *daddy* jew papà. Żgur li kien jgħallmu t-talba tal-"Missierna". Jalla dit-talba li xrobnieha ma' ħalib ommna, nitolbuha ta' spiss u bil-qalb; fuq kollox nippruvaw ngħixuha għax jgħidilna Tertuljanu, "hija l-vanġelu fil-qosor." Hija programm ta' ħajja. Hija talba fil-plural, jiġifieri meta ngħidha, m'iniex ngħidha waħdi, iżda f'isem l-oħrajn u f'solidarjetà mal-oħrajn. Dak li nitlob, ma nitolbux għalija biss, iżda wkoll mal-proxxmu tiegħi.

**8. Ġesù jistedinna nqisu lil Alla bħala Mħabba**. Din kien jafha Agostino ta' Arese. Kien jaf ukoll il-kwalitajiet ta'mħabba vera. Imħabba vera hija mħabba sinċiera u diżinteressata, fidila u ġeneruża... Jum fost l-oħrajn, Ġesù kien qed jitkellem ma' Nikodemu, wieħed mill-kbarat tal-Lhud u fost l-oħrajn qallu hekk: "Alla hekk ħabb lid-dinja li ta lil Ibnu l-waħdieni, biex kull min jemmen fih ma jintilifx, iżda jkollu l-ħajja ta' dejjem." *(Ġwanni 3,16)* Fl-istess Vanġelu Ġesù jgħid lill-Appostli tiegħu: "Ħadd m'għandu mħabba akbar min din: li wieħed jagħti ħajtu għal ħbiebu." (15,13) U dan l-att ta' mħabba, Ġesù wettqu fl-għomor ta' tlieta u tletin sena, dak inhar li miet imsallab fuq il-kalvarju bejn żewġ ħallelin.

L-imħabba ta' Alla l-Missier għal kull wieħed u waħda minna hija mħabba mingħajr kundizzjonijiet. Alla jħobbna kif aħna u mingħajr limiti. Nispiċċa b'rakkont li sibt f'wieħed mill-kotba ta' Fr Anthony Demello. Kien hemm żagħżugħ li kellu karattru diffiċli ħafna, għamilha ma' kumpanija ħażina u ħassritu. U kulħadd jipprietkalu: "M'intix miexi fit-triq it-tajba... Irranġa l-karattru tiegħek... Jaqbillek tbiddel ħajtek!" Verament, dal-ġuvni pprova jinbidel kemm-il darba, iżda minħabba diversi ċirkustanzi, qatt ma rnexxielu... Jum fost l-oħrajn, iltaqa' ma' tfajla li ħabbitu bis-serjetà. Qaltlu: "Mhemmx għalfejn tinbidel. Jien se nħobbok kif int: bid-difetti tiegħek, bin-nuqqasijiet tiegħek, bil-problemi tiegħek!" U ħaġa tal-

għaġeb: dal-ġuvni beda jinbidel bil-mod il-mod, propju għax sab min ħabbu mingħajr kundizzjonijiet...

Aħna ninsabu fid-dinja tal-bnedmin u jista' jkun li sa minn ċkunitna ġarrabna l-esperjenza ta' mħabba mtebbgħa b'ħafna kondizzjonijiet. Min jaf kemm- il darba qalulna li jħobbuna jekk inħobbuhom... Iktar tard, setgħu qalulna li jaċċettawna fil-*group* tagħhom basta nagħmlu dak li jagħmlu huma, anki jekk imur kontra r-rieda t'Alla... mhux darba u tnejn fettxewna u tawna importanza meta kellhom bżonna u mbagħad tawna bis-sieq... U mbagħad b'idejna fuq sidirna, irridu nammettu li esperjenza bħal din ġieli dewwaqnieha lil ħaddieħor, u ta' dan għandu jiddispjaċina.

Imma Alla ma jħobbniex b'dawn il-limiti u b'dawn il-kundizzjonijiet. Bħat-tfajla li semmielna Anthony Demello, Alla jħobbna kif aħna, bid-difetti, bin-nuqqasijiet, bil-problemi tagħna. X'aktarx qed jgħidilna: "Mhemmx għalfejn tinbidlu biex inħobbkom!" Għalhekk ir-risposta tagħna tkun: "Mulej, jekk tħobbna b'dan il-mod, aħna se nippruvaw ninbidlu!"

## 2. <u>It-tieni meditazzjoni</u>: Id-dnub jeżisti... imma teżisti wkoll il-ħniena t'Alla!

**Esperjenza:** F'rivista Taljana dehret ittra ta' waħda tfajla li sejħet lilha nfisha "Tfajla iddisprata". Ittraduċejtha bil-Malti u se naqrahielkom...

"*Father*, jiena tfajla iddisprata għaliex f'dawn l-aħħar sitt snin għamilt minn kollox. Ħriġt ma' diversi rġiel, xi wħud minnhom miżżewġin, u kelli x'naqsam magħhom sesswalment. Tliet snin ilu kont inqbadt *pregnant,* u fuq insistenza tal-*partner* li kelli dak iż-żmien, ikkommettejt abort... Meta nħares lura, inħossni nistħi u nirgħex minni nnifsi; meta nħares 'il quddiem. inħossni niddispra u nitlef kull tama, għax ngħid bejni u bejn ruħi: kif nista'nemmen li Alla se jaħfirli dak li għamilt? Kif nista' nerġa' nibda ħajti mill-ġdid? Jiena bniedma ddisprata. Tlift kull sens u kull skop fil-ħajja. *Father*, nixtieqek tgħinni."

Fil-meditazzjoni tal-lum se nitkellmu fuq ir-realtà tad-dnub fil-ħajja ta' kull wieħed u kull waħda minna, iżda m'aħniex se nieqfu hemm, għax għal min jindem bis-serjetà, hemm għalih il-ħniena u l-maħfra t'Alla, konverżjoni jew bidu ta' konverżjoni. Fl-ewwel ittra tiegħu, San Ġwann jgħidilna: "Jekk ngħidu li m'għandniex dnub, inkunu qegħdin inqarrqu bina nfusna u l-verità ma tkunx fina. Jekk nistqarru dnubietna, hu fidil u ġust... jaħfrilna dnubietna u jnaddafna minn kull ħażen." *(1,8.9)*

**1. Id-dnub jeżisti**: Jekk inqallbu l-paġni tal-Iskrittura niltaqgħu ta' spiss ma' nies li għamlu d-dnub. L-ewwel dnub, imsemmi fl-Iskrittura, huwa dak ta' Adam u Eva. Huma li kienu maħluqin bnedmin liberi, kapaċi jagħrfu u jagħżlu bejn it-tajjeb u l-ħażin, warrbu dak li xtaq Alla u għamlu dak li webbilhom bih ix-xitan. *(ara Ġenesi 3,1-8)* Dan ħalla konsegwenzi koroh fuqhom, fuq il-bnedmin kollha li ġew warajhom, inklużi jien u int. L-agħar konsegwenza li ħalla d-dnub ta' Adam u Eva fuq il-bnedmin kollha hija t-tbatija li twassal għall-mewt. *(ara Ġenesi 3,19.)* Fl-ittra tiegħu lill-Galatin, li kif se naraw iktar 'il quddiem, hu stess kien iħoss ġibda għad-dnub, jagħmel lista ta' dnubiet li jistgħu jfieru l-bniedem: kemm individwalment, f'qalbu, fir-relazzjoni tiegħu m'Alla, kif ukoll fir-relazzjoni tiegħu mal-oħrajn. "L-għemejjel tal-ġisem huma magħrufa: żina, faħx, nuqqas ta' rażan, idolatrija, seħer, mibegħda, ġlied, għira, korla, ambizzjoni, firda, partiti, invidja, sokor u tbaħrid u ħwejjeġ bħal dawn." *(5,19-21)*

**2. Qed jintilef is-sens tad-dnub**: Fl-1946, Papa Piju XII kien ħareġ b'espressjoni li baqgħet famuża sal-lum. Kien qal: forsi l-ikbar dnub tas-seklu hu li ntilef is-sens tad-dnub. X'ried ifisser il-Papa b'din l-espressjoni? Il-Papa kien qed josserva li fin-nies ta' żmienu l-kuxjenza kienet qiegħda tillaxka ħafna: dak li qabel kien ikkunisdrat bħala dnub, issa ma kienx iżjed dnub. Nistgħu ngħidu li llum il-ġurnata, dit-tendenza mhux biss iggravat, iżda saret kultura. Jekk dari konna skruplużi żżejjed u nqisu kollox bħala dnub, illum qegħdin niddeċiedu li xejn mhu dnub. Sirna nistħu nsemmu u niddefenixxu l-kelma "dnub". Dak li hu tassew dnub sirna niddefenduh bħala dgħufija psikoloġika, żball, nuqqas ta' maturità. Illum il-ġurnata, ħafna jħossu li għandhom jimxu mal-kuxjenza tagħhom. Sewwa timxi mal-kuxjenza tiegħek però biex tagħmel hekk, trid tkun ċert li għandek kuxjenza infurmata u iffurmata tajjeb. Il-kuxjenza nistgħu nxebbhuha ma' boxxla, ma' arloġġ, ma' *computer*... kollha jistgħu jagħtuk informazzjoni li taqdik, però importanti li jkunu jaħdmu tajjeb!

Fit-2 ta' Novembru 1984, f'North Carolina, Velma Barfield ġiet iġġustizzjata għax snin qabel kienet instabet ħatja li qatlet erba' persuni. Imma Velma Barfield li ġiet iġġustizzjata fit-2 ta' Novembru 1984 kienet differenti għal kollox minn Velma Barfield li daħlet il-ħabs fl-1978. Matul is-sitt snin ta' priġunerija bdiet u kompliet mixja ta' konverżjoni. Meta waslet fl-aqwa tal-konverżjoni tagħha, kitbet hekk fuq l-ewwel paġna tal-Bibbja tagħha. "Illum, id-dnub qed jiġi msejjaħ b'ħafna ismijiet moderni, imma wasal iż-żmien li

nidħlu daħla fil-kuxjenza tagħna u d-dnub nerġgħu nibdew insejħulu b'ismu, jiġifieri **DNUB**. Id-dnub hu l-għadu antik tar-ruħ. Ma nbidel qatt. Dal-lejl se nagħmel patt mal-Mulej. Se nerġa' nibda nagħti isem lid-dnubiet tiegħi u nitolbu jaħfirli."

Il-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika jgħidilna: "Id-dnub jinsab fil-ġrajja tal-bniedem: ikun kollu għal xejn jekk din ir-realtà misterjuża ninjorawha jew insejħulha b'isem ieħor..." *(n. 386)*

3. **X'inhu d-dnub?** Se nsemmi xi affarijiet. Meta l-bieraħ konna qegħdin nitkellmu fuq Alla li xi kultant isir problema, messejna l-problema tal-libertà. Issib xi żagħżugħ li jgħidlek: "Kif nista' nkun liberu u sadattant inkun marbut b'dak li jrid u b'dak li ma jridx Alla?" Lil dan iż-żagħżugħ ngħidlu: il-kelma "libertà" ma tfissirx taħseb li trid, tara li trid, tgħid li trid u tagħmel li trid... saħansitra tqis bħala tajjeb imqar dak li hu ħażin, basta jogħġob. Dan hu **"libertinaġġ"**, abbuż tal-libertà li silifna Alla meta ħalaqna xbieha tiegħu. Kif għedna fil-kas ta' Adam u Eva, il-libertà vera tfisser il-kapaċità li tagħraf u tagħżel bejn dak li hu tajjeb u dak li hu ħażin. Jekk tagħżel li tobdi l-kmandamenti t'Alla u tgħix il-Vanġelu ta' Ġesù tħossok aktar liberu, għax kif jgħidilna Ġesù fil-Vanġelu ta' San Ġwann: "Jekk iżżommu fil-kelma tiegħi... il-verità teħliskom." *(8, 31.32)*, però jekk tagħżel il-ħażin tkun qed tagħmel id-dnub, u kif ikompli jgħidilna Ġesù, "Kull min jagħmel id-dnub, huwa lsir tad-dnub." *(Ġwanni 8.34)* Issir skjav tiegħek innifsek, tidħol f'gaġġa bla ma tinduna, tkun qed torbot katina m'għonqok. It-tfajla Taljana qalet: "Jiena bniedma iddisprata. Tlift kull sens u kull skop fil-ħajja." Iżjed...

Id-dnub huwa **ksur tal-kmandamenti t'Alla** f'ħaġa żgħira jew f'ħaġa kbira u gravi. Mal-kmandamenti t'Alla, tajjeb niftakru li bħala nsara għandna l-obbligu li nħarsu wkoll il-preċetti tal-Knisja. Imma ħa nibqgħu fuq l-għaxar kmandamenti t'Alla. L-għaxar kmandamenti kienu gwida għan-niies tal-passat, suppost huma gwida għalina li qegħdin ngħixu llum, u żgur għandhom jibqgħu gwida għal dawk li ġejjin warajna. Il-poter jgħaddi minn nazzjon għall-ieħor, it-tmexxija ta' pajjiż tgħaddi kull tant żmien minn partit għall-ieħor, il-lingwa li biha nitkellmu tevolvi, id-drawwiet jinbidlu... imma l-kmandamenti t'Alla ma jinbidlux. Il-kmandamenti t'Alla għandhom valur dejjiemi. Dan li qed ngħid, xi ħadd esprimieh b'taqbila: "Għaż-żmien dejjem għaddej jeħtieġ li nadattaw, 'ma jekk niċħdu l-prinċipji, inkunu niżbaljaw!" Mela għandhom valur dejjiemi. Nixtieq ngħid li dawn l-għaxar kmandamenti, fl-espressjonijiet pożittivi jew negattivi tagħhom, mhumiex xkiel għal min jipprova jgħixhom, imma triq għall-vera libertà, mela rigal ta' mħabba t'Alla għalina li ħalaqna liberi u jixtieqna nkunu liberi. Meta ġie Ġesù fid-dinja, Ġesù għallem u pprietka biex dawn il-kmandamenti ma jibqgħux sempliċement qoxra, imma ndaħal biex jipperfezzjonahom iżjed. Hu stess qal: "Xejn taħsbu li jiena ġejt inwaqqa' l-Liġi jew il-Profeti... iżda biex inwassalhom għall-perfezzjoni." Nieħdu l-eżempju tal-kmandament "la toqtolx". Nifhmu li meta wieħed jispara għall-ieħor x'aktarx li joqtlu, nifhmu li meta mara tirrikorri għall-abort tkun qed toqtol it-tarbija tagħha stess, nifhmu li meta nies estremisti jisplodu ajruplan jew ipoġġu bomba li tisplodi f'post pubbliku jkunu qegħdin joqtlu... imma għal Ġesù, anki min jobgħod, min jinkorla, min jikkalunja u min jgħajjar... ikun qed jikser b'xi mod il-ħames kmandament. U dan li qegħdin ngħidu għall-ħames kmandament "la toqtolx" nistgħu ngħiduh għall-kmandamenti kollha.

Xi ħadd li tkellem fuq l-importanza tal-ħarsien tal-kmandamenti t'Alla, huwa Ted Koppel, bniedem magħruf mal-Amerika kollha għax sa erba' snin ilu kien għadu jmexxi programmi u jwassal l-aħbarijiet fuq stazzjonijiet importanti tat-*televesion* amerikan. Araw x'qal dal-bniedem li qala ħobżu mit-*television*:

"Bl-antenna għoli tat-*television* bħal qisna bnejna Torri ta' Babel ieħor. F'isem il-pluraliżmu, kull bniedem jidhirlu li għandu dritt jgħid l-opinjoni tiegħu u li tiegħu hija tajba. X'ġara? Spiċċajna ma nistgħux niftiehmu aktar bejnietna. Forsi iktar minn hekk, ħloqna

moralità ambigwa, jiġifieri ħafna m'għadhomx jafu x'inhu t-tajjeb u l-ħażin... Permezz tat-televixin qegħdin nikkomunikaw ma' kulħadd, imma sfortunatament, flok diskors li jeduka l-moħħ u l-qalb tal-bniedem, it-*television* amerikan qed iwassal *slogans* u messaġġi mingħajr valuri, bħal ngħidu aħna: 'Jekk trid tittaqqab, ma jimpurtax, basta tuża seringa ġdida, għax tista' tlaqqat il-marda tal-*Aids*. Gawdi s-sess meta trid u ma' min trid, basta tuża' *condom*; dan jevitalek tqala, problemi biex teħles minn tarbija mhix ippjanata u ħafna mard venerju. Issuqx iżżejjed u xurban għax jekk tinqabad tispiċċa l-ħabs...' Jien ngħidilkom: **LE**, dak li jrid jgħinek tgħix ħajja denja ta' bniedem jew bniedma li int, m'għandux ikun il-biża' mill-marda tal-*Aids*, m'għandux ikun il-biża' ta' tqala mhix ippjanata u allura kif se teħles minnha, m'għandux ikun il-biża' tal-mard venerju, m'għandux ikun il-biża' tal-ħabs... **imma l-ħarsien tal-liġi t'Alla... L-għaxar sentenzi li ġab Mosè minn fuq is-Sinaj ma kinux sempliċement għaxar suġġerimenti, iżda għaxar kmandamenti...**"

Għedt: "Id-dnub huwa **ksur tal-kmandamenti t'Alla** f'ħaġa żgħira jew f'ħaġa kbira u gravi." Tajjeb nibqgħu nagħmlu distinzjoni bejn dnub venjal u dnub mejjet. Id-dnub mejjet jaqtgħek kompletament minn Alla u kif se naraw għada, għandek bżonn tersaq għall-qrar biex dan id-dnub jinħafirlek. Id-dnub jista' jsir bil-ħsieb, bil-kliem, bl-għemil jew bit-tħollija tal-għemil. Nibqgħu ngħidu li biex tinkiser il-liġi t'Alla, bniedem irid ikun għamel xi ħaġa ħażina, ikun irid jagħmilha, u jkun jaf x'inhu jagħmel.

**4. Kif jibda dnub?** Kull dnub jibda **b'tentazzjoni ġejja mix-Xitan**, diversi drabi l-Konċilju Vatikan II jsejjaħlu: "ħażen ippersonifikat." *(ara Lumen Gentium, 15; Gaudium et Spes, 2)* Kif jeżisti "Tajjeb ippersonifikat" fit-tliet Persuni tat-Trinità Qaddisa, Alla li jridilna l-ġid, jeżisti wkoll dan il-"ħażen ippersonifikat" li jinqeda b'elf mezz, b'elf ċirkustanza u bid-dgħufija tagħna biex jagħmel straġi mir-relazzjoni tagħna m'Alla, mir-relazzjoni tagħna mal-oħrajn u anki minna nfusna. Fil-fatt, bħala l-ewwel effetti tad-dnub, irridu nsemmu firda minn Alla, firda mill-oħrajn u taħwid fil-qalb żagħżugħa tagħna, u llum ma nistgħux ma nitkellmux ukoll fuq it-taħsir tal-ambjent, għax anki dan hu frott id-dnub u l-egoiżmu tal-bniedem. Biex nikkonferma dan li għedt fl-aħħar, fil-Ktieb tal-Ġenesi, lil Adam li għamel id-dnub, Alla jgħidlu: "Misħuta l-art minħabba fik... xewk u għollieq tnibbitlek..." Effetti oħra tad-dnub huma it-tbatija, il-miżerja fid-dinja u l-mewt, jgħidilna San Pawl "l-aħħar għadu tagħna". Però tbegħedna ftit mid-domanda li konna qegħdin nippruvaw inwieġbu. Aħna konna qegħdin nitkellmu fuq **it-tentazzjoni**.

Meta l-mibki Papa Ġwanni Pawlu II ġie għall-ewwel darba f'Malta, kien Mejju tas-sena 1990, f'laqgħa li kellu maż-żgħażagħ Maltin u Għawdxin, wieħed żagħżugħ għamillu dil-mistoqsija: "Santità, nagħmel ħilti kollha biex inħobb lill-Mulej Alla b'qalbi kollha, b'ruħi kollha u b'ġismi kollu: xi drabi nsibha tassew diffiċli għax imdawrin t'tant tentazzjonijiet, għalkemm nitlob, xorta naqa' fid-dnub. Għinni. X'nista' nagħmel? U liż-żgħażagħ preżenti, il-Papa għamililhom katekeżi qasira, li issa se nippruvaw infissruha, dwar it-tentazzjoni. Qalilhom: "Nistgħu ngħidu li t-tentazzjonijiet kollha huma mibnija fuq **gidba**, u jeħduha kontra l-**verità** li ġejja minn Alla... tafu x'ġara lill-ewwel ġenituri tagħna..." Ħa nispjegaw ftit. Xi ġralha Eva? Eva daħlet fi djalogu mas-serp u s-serp ikkonvinċieha li mhux kif qalilhom Alla, hemm mewt tistenniehom jekk jieklu mis-siġra ta' nofs il-ġnien. Kielet mis-siġra, tat ukoll lil Adam, u t-tnejn inqabdu f'nassa. Fid-dinja daħlet it-tbatija li twassal għall-mewt. Kellu raġun Ġesù jgħid lin-nies ta' żmienu: "Ix-xitan hu missier il-gideb... u kien qattiel sa mill-bidu..." *(Ġwanni 8, 44)* Xi ħadd spjega t-tentazzjoni b'dan il-mod: hija wegħda ta' ferħ li ma sseħħx, sqaq li ma jwassal għal imkien, mediċina li tmarrad flok li tfejjaq, ilma li jqabbdek l-għatx... Ara hux hekk ġralek meta tajt widen għat-tentazzjoni tax-xitan! Dak iż-żagħżugħ t'għoxrin sena ilu, stqarr mal-Papa li anki meta jagħmel ħiltu kollha u jitlob, xorta jaqa'. Din tista' tkun l-istqarrija tagħkom ukoll. San Pawl, nisrani kbir, ukoll jilmenta minn din id-dgħufija. Lir-Rumani jgħidilhom xi ħaġa hekk: nixtieq kieku nagħmel it-tajjeb li rrid, iżda nħossni mkaxkar biex nagħmel il-ħażin li ma rridx... Imsejken bniedem li jien! Min se jeħlisni minn dal-ġisem tal-mewt? *(ara 7,18-24)* Ftit pariri: targumentax mat-tentazzjoni,

itlob lil Alla jagħtik l-għajnuna, emmen li fik hemm forza ferm aqwa mill-aqwa tentazzjoni li tista' tħoss... Dak inhar il-Papa qal liż-żgħażagħ kollha: intom qawwija u l-kelma t'Alla qiegħda tgħammar fikom u intom tistgħu tegħlbu l-ħażin. *(ara 1 Ġwanni 2, 14).*

5. **Jekk jeżisti d-dnub, teżisti wkoll il-ħniena u l-maħfra t'Alla!** Fl-ittra li bdejna biha fil-bidu, dik it-tfajla Taljana staqsiet: "Kif nista'nemmen li Alla se jaħfirli dak li għamilt? Kif nista' nerġa' nibda ħajti mill-ġdid?" Wara li tkellimna fit-tul fuq id-dnub, lil dit-tfajla se nippruvaw nagħtuha risposta billi nimmeditaw ftit fuq il-ħniena u l-maħfra t'Alla, meditazzjoini li nkompluha għada. **Fil-kotba tat-Testment il-Qadim diġà għandna ħafna diskors dwar il-ħniena u l-maħfra t'Alla**. Ħa nagħti xi eżempji. Fil-ktieb tal-Eżodu, għandna l-ġrajja ta' meta l-Poplu Lhudi bidel lil Alla li tant ħabbu u għamel tant miegħu, ma' għoġol tad-deheb. Il-kittieb sagru jgħidilna li Alla kien beħsiebu jeqridhom, però għat-talb ta' Mosè, "il-Mulej nidem mill-ħsara li kien se jagħmlilhom..." *(32, 14*) Fit-tieni Ktieb ta' Samwel naqraw il-ġrajja taż-żewġ dnubiet kbar li għamel is-Sultan David. L-adulterju li għamel ma' Batseba u billi din nisslet, David ipprova jgħatti xturu billi qatel lir-raġel tagħha, Urija l-Ħitti. Forsi hawn nista' ngħid li dnub inissel dnub ieħor u li kif ngħidu bil-Malti, id-dnub ma jorqodx. Kixiflu dnubietu l-Profeta Natan. U jgħidilna l-Kittieb Sagru: David qal lil Natan: "Jiena dnibt kontra l-Mulej!" U Natan wieġbu: "Il-Mulej ukoll ħafirlek dnubek; int ma tmutx, imma... l-iben li jitwelidlek imutlek żgur." *(ara kapitli11 u 12)* Biex nagħlaq dan id-diskors, se naqralkom xi ftit siltiet dwar ħniena u maħfra t'Alla li jolqtuni fit-Testment il-Qadim. Jgħid Alla permezz tal-Profeta Isaija: "Ejjew nirraġunaw flimkien... Imqar jekk dnubietkom ikunu ħomor bħall-iskarlat, isiru bojod bħas-silġ; imqar jekk ikunu ħomor bħall-kremżi, isiru bojod bħas-suf." *(1, 18)* Imbagħad permezz tal-Profeta Eżekjel: "Forsi jien togħġobni l-mewt tal-bniedem il-ħażin? Mhux aktar jogħġobni li jerġa' lura minn triqatu u jgħix? *(18, 23)* David idur lejn Alla u jitolbu: "Ikollok ħniena minni, o Alla, fi tjubitek; fil-kobor tal-ħniena tiegħek ħassar ħtijieti... Dawwar wiċċek minn ħtijieti; ħassar ħżuniti kollha." *(Salm 51, 3. 11)* F'salm ieħor, il-kittieb konvint li "Daqs kemm hu mbiegħed il-lvant mill-punent, hekk Alla jbiegħed minna ħtijietna." *(Salm 103, 12).*

6. **Ġesù Kristu Salvatur ta' kulħadd, b' mod speċjali tal-midinbin.** Il-bieraħ tkellimna fuq il-Ġrajja tal-Inkarnazzjoni: l-Iben t'Alla sar bniedem bħalna fil-ġuf ta' Marija bil-ħidma tal-Ispirtu s-Santu. Dan ġara meta hi u Ġużeppi kienu għadhom għarajjes, allura qabel ma marru joqogħdu flimkien. Ġużeppi tħawwad, mhux għax ħaseb ħażin f'Marija, imma għax ta' bniedem umli li kien ma ħassux den li jidħol f'dal-Misteru t'Alla. Però jgħidilna San Mattew, waqt ħolma, deherlu anġlu tal-Mulej u qallu: "Ġużeppi, xejn la tibża' tieħu għandek lil Marija bħala martek, għax dak li tnissel fiha ġej mill-Ispirtu s-Santu. Hi se jkollha iben, u int ssemmih Ġesù, għax hu jsalva l-poplu tiegħu minn dnubiethom." *(1, 20.21)* Mela fi kliem ieħor, f'Ġesù ta' Nazaret, il-ħniena u l-maħfra t'Alla tat-Testment il-Qadim, saru laħam, ikkonkretizzaw ruħhom b'mod li jidher. U dan li se naraw fil-ftit ħin li baqgħalna.

7. **Ġesù tal-Vanġelu jipprietka l-konverżjoni u l-maħfra tad-dnubiet:** Immaġinaw ix-xena ta' Ġwanni l-Battista ħdejn ix-xmara Ġordan, qed jgħammed lill-midinbin niedma minn ħtijiethom. Ġesù, għalkemm ma kellu ebda dnub, jidħol fil-filliera tal-midinbin u jitlob li jitgħammed Hu wkoll. Din kienet ġrajja importanti ħafna, għax sa mill-bidu nett tal-ħajja pubblika tiegħu, Ġesù xtaq juri ruħu solidali mal-midinbin, ma' dawk li jindmu u jixtiequ jibdew ħajja ġdida, ma' dawk li ma kinux kuntenti bil-ħajja li kienu qegħdin jgħixu. Malli Ġwanni l-Battista ġie arrestat u maqful il-ħabs, Ġesù kompla u pperfezzjona l-predikazzjoni ta' Ġwanni: "Indmu għax is-Saltna tas-smewwiet waslet." *(Mattew 4, 17)* "Iż-żmien hu mitmum u s-Saltna t'Alla waslet: indmu u emmnu fil-bxara t-tajba." *(Mark 1. 15)* Iktar tard, fost il-parabboli li kien iħobb jirrakkonta, Ġesù għandu tliet parabboli marbutin mal-ħniena u l-maħfra t'Alla, insibuhom wara xulxin fil-kapitlu 15 tal-Vanġelu ta' San Luqa: **il-parabbola tar-ragħaj** li kellu mitt nagħġa u ntilfitlu waħda minnhom. X'jagħmel dan ir-ragħaj? Iħalli d-disgħa u disgħin l-oħra fid-deżert u jmur ifittex il-mitlufa sa ma jsibha. Meta

jsibha jifraħ biha, jerfagħha fuq spallejh, imur id-dar u lil ħbiebu jgħidilhom: "Ifirħu miegħi, għax sibt in-nagħġa li kienet intilfitli!" Ernesto Olivero, jagħmel dal-kumment fuq din il-parabbola: il-kalkoli ta' Ġesù huma differenti mill-kalkoli tagħna. Jekk għalina disgħa u disgħin huma importanti iktar minn waħda, għal Ġesù dik il-waħda li ntilfet kemm kemm mhix iktar importanti mid-disgħa u disgħin li jinsabu ġewwa! Tiġi mbagħad **il-parabbola tal-mara li kellha għaxar drakmiet** u tilfet waħda minnhom. X'tagħmel din il-mara? Tixgħel il-musbieħ, tiknes id-dar u tfittixha bil-għaqal sa ma ssibha. Meta ssibha, issejjaħ lil ħbiebha u lill-ġirien u tgħidilhom: "Ifirħu miegħi, għax sibt id-drakma li kienet intilfitli!" Fuq din il-parabbola, ċertu Fr Martin Burne għandu ktieb jismu: *"A Furiously Sweeping Woman".* Jgħid Burne, dil-mara tiknes b'kemm għandha ħila nistgħu nqisuha "l-kaċċa tal-imħabba t'Alla għal kull wieħed u waħda minna." Fl-aħħar nett hemm **il-parabbola tal-Iben il-ħali**, diġà semmejnieha. Nafuha bid-dettalji kollha tagħha. Il-kumment li jagħmlu ħafna dwar din il-parabbola huwa dan: forsi aħjar nitkellmu mill-parabbola tal-Missier il-Ħali milli mill-parabbola tal-Iben il-ħali, għax il-Missier bħal ħela mħabbtu kollha fuq dan l-Iben li tbiegħed minnu u reġa' għandu fqir u mċerċer.

**8. Ġesù tal-Vanġelu huwa ħabib tal-midinbin:** Narawh ifittixhom, jiltaqa' magħhom, jitkellem magħhom, jidħol għandhom, jiekol magħhom u jafrilhom dnubiethom. Insemmu fost l-oħrajn lil Mattew quddiem il-mejda tat-taxxi, lill-mara li nqabdfet tiżni fil-fatt, lil Żakkew li biex jilmħu għaddej, ixxabbat ma' tina selvaġġa, lir-raġel mifluġ, lil Marija Madalena li dilkitlu riġlejh b'żejt ifuħ, lill-ħalliel mislub miegħu fuq il-kalvarju... Xi nies seksieka qalu għalih: "Dan wikkiel u sakranazz, ħabib tal-pubblikani u tal-midinbin." *(Mattew 11. 19)* Oħrajn tfixklu minħabba fih u qalu: "Dan qiegħed jidgħi! Min jista' jaħfirhom id-dnubiet ħlief Alla biss? *(Mark 2, 7)* Però għal dan li kienu qegħdin jgħidu fuqu, Ġesù wieġeb u qal: "It-tabib ma jeħtiġuhx dawk f'saħħithom, iżda l-morda... Mhux lil ġusti ġejt infittex, iżda lill-midinbin." *(Mattew 9,12.13)*

**9. Ġesù tal-Vanġelu jbati u jmut għall-midinbin:** Fil-Vanġelu ta' San Ġwann, Ġesù jxebbah lilu nnifsu ma ragħaj u jgħid: "Jiena r-ragħaj it-tajjeb... għan-ngħaġ tiegħi, jiena nagħti ħajti." (10, 14-15) Fl-aħħar ċena, kif irrakkuntata minn San Mattew, Ġesù jieħu l-kalċi f'idejh, irodd ħajr, inewlu lid-dixxipli u jgħidilhom: "Ixorbu lkoll minnu, għax dan huwa demmi, id-demm tal-patt, li jixxerred għall-kotra għall-maħfra tad-dnubiet." (26, 27-28). Ftit tas-sigħat wara, Ġesù kien qed ixerred demmu u jagħti ħajtu b'fidwa għall-bnedmin kollha, speċjalment għall-midinbin. Dun Karm Psaila jgħidlu: "L-aħħar qatra ta' demmek tajthielna... !"

Nispiċċa b'esperjenza. Raġel Taljan, missier ta' familja, kien qed jgħix ħajja mgerfxa ħafna, però beda jattendi laqgħa ta' talb u ħajtu nbidlet mil-lejl għan-nhar. Ġie mistieden fuq stazzjon tat-*television* biex jirrakkonta l-esperjenza tiegħu. Fost l-oħrajn, min kien qed imexxi l-programm staqsieh: "X'taf fuq Ġesù?" Wieġbu: "Ma tantx naf fuq Ġesù għax qatt ma kont midħla tat-tagħlim nisrani; però naf ħaġa fuqu li hija importanti ħafna. Naf li Ġesù huwa ħaj u li bidilli ħajti. Qabel kont nixrob u nisker kull fil-għaxija, issa m'għadnix. Qabel kont nidħol id-dar ngħajjat, inkisser u nwerwer lil uliedi, issa m'għadnix. Qabel kont insawwat lil marti, issa m'għadnix. Qabel kont nibdel lil marti u nara ħafna pornografija, issa m'għadnix. Dan li naf fuq Ġesù. Ġesù bidilli ħajti!"

## 3. It-tielet meditazzjoni: Mixja ta' konverżjoni li tilħaq il-milja tagħha fis-sagrament tal-penitenza.

**Esperjenza:** Fi ktieb Pollakk, maqlub għat-Taljan, sibt l-esperjenza ta' wieħed żagħżugħ jismu Ladislao, jirrakkuntaha huwa stess biex dak li għadda minnu jservi ta' ġid ghal żgħażagħ oħrajn. Jgħid Ladislao:

"Illum għandi tnejn u għoxrin sena. Se nirrakkonta fil-qosor l-istorja ta' ħajti. Nista' ngħid li jien, il-kbir fost erbat aħwa, kelli tfulija sabiħa. Fil-familja kont aċċettat u maħbub. Sa meta kelli erbatax-il sena, kont nistudja, nilgħab ma' ħuti u ma' ħbiebi. Niftakar li kont nitlob kuljum u l-quddiesa qatt ma ħallejtha. Imbagħad ħriġt mill-iskola u l-folja nqalbet. Bdejt naħseb biex nibda naħdem. Donnu kull xogħol kien iħajjarni, iżda fl-istess ħin, ebda xogħol ma kont inħossu adattat għalija. Għal kull ħaġa ta' xejn bdejt niġġieled m'ommi u ma' missieri, ħallejt it-talb u l-knisja kont immur darba f'mitt qamar. Insomma, kien żmien diffiċli għalija, ma stajtx nifhem lili nnifsi. Wara ftit taż-żmien bdejt naħdem f'lukanda. Iltqajt ma' kollox u għamilt minn kollox! Flus, tfajliet, pjaċiri kelli kemm ridt, iżda qalbi kienet vojta. Kont qed ngħix ħajja bla sens. Dan kont nafu u kont inħossu, iżda donni qatt ma ridt nitħarrek mill-istat ħażin li kont fih.

Darba fost l-oħrajn, fil-lukanda li fiha kont naħdem, iltqajt ma' wieħed żagħżugħ. Ma kontx nafu, iżda xi ħaġa fi kliemu u fil-karattru tiegħu kienet tiġbdek. Ma nafx kif bdejt nitkellem miegħu, l-għada rġajt tkellimt miegħu, ftaħt qalbi u għedtlu bil-problemi tiegħi u b'dak li kont qed inħoss. B'konvinzjoni kbira, qalli: 'Ħabib, itlob! Ġesù huwa qrib tiegħek. Ġesù jħobbok! Qed jistenniek tiftaħlu beraħ il-bibien ta' qalbek!' Sentenza bħal din qatt ma kont nistennieha. Ħasditni iktar minn sajjetta fil-bnazzi. Imma issa kont insejt kif nitlob, il-kuxjenza tiegħi kienet inkallata b'elf ħtija. Xi stajt nagħmel ? Dak inhar stess mort sibt saċerdot ħabib tiegħi, ftaħt qalbi miegħu, u bil-mod il-mod għenni noħroġ mit-tajn li fih kont qed negħreq. Ftit tal-ġimgħat wara, niedem minn dnubieti, ersaqt inqerr għand dan is-saċerdot. Ħassejthom għasel dawk il-kelmiet li qalli f'isem Ġesù: 'Jien naħfirlek dnubietek fl-isem tal-Missier u tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu.' Jiena konvint li Ġesù kien ilu jiġri warajja, kien ilu jfittixni biex jagħtini daqqa t'id fil-problemi li kont għaddej minnhom, iżda jien qatt ma tqajt kasu; anzi ħafna drabi, ippruvajt niskartah u naħarbu. Issa li ħallejtu jidħol f'qalbi, inħossni bniedem ġdid!"

Esperjenza daqsxejn twila, imma fiha prietka fiha nfisha u tintroduċina għall-meditazzjoni tal-lum. Il-lejla se nitkellmu fuq "mixja ta' konverżjoni li tilħaq il-milja tagħha fis-sagrament tal-penitenza."

**1. L-istorja ta' din il-konverżjoni hija storja li tgħodd għalija u għalik.** Għaliex? Għax min ftit u min ħafna, kif rajna l-bieraħ, ilkoll kemm aħna għandna l-velenu tad-dnub jiġri fil-vini tagħna. Tikkonverti ma jfissirx biss minn ħażin issir tajjeb, iżda wkoll minn tajjeb issir dejjem aħjar, għax f'dik li hija mixja Nisranija, ħadd ma jista' jgħid: "Jien wasalt, jiena ġust jew ġusta, il-kuxjenza tiegħi ma tinkwetani f'xejn!" Ma nimmaġinax żgħażagħ insara tal-affari tagħhom li jaħsbuha b'dan il-mod. Nisrani li jaħsibha b'dan il-mod ikun qed iqarraq bih innifsu, u Ġesù għandu kull dritt jgħidlu: "Ħabib, erġa' ibda mill-bidu!" Dik is-sentenza ta' Ġesù fil-bidu tal-ħajja pubblika tiegħu, "Indmu għax is-Saltna tas-smewwiet waslet." *(Mattew 4, 17)* kienet tgħodd għal żmienu, tgħodd għaż-żmien li fih qegħdin ngħixu u tibqa' tgħodd għall-ġejjieni. Ngħid ukoll li l-konverżjoni mhix xi ħaġa tar-randan biss, imma kif qal xi ħadd, "Hija avventura li tista' tidħol għaliha fl-istaġuni kollha, anzi hija mixja li rridu nterrquha kuljum!"

**2. Kif jibda proċess ta' konverżjoni?** Proċess ta' konverżjoni jista' jibda b'**xewqa f'qalbi** li nikkwieta l-kuxjenza tiegħi għax forsi qed ingerfex. Dak iż-żagħżugħ qal: "Wara ftit

taż-żmien bdejt naħdem f'lukanda. Iltqajt ma' kollox u għamilt minn kollox!" Jista' jibda wkoll b'**xewqa f'qalbi** li nagħti skop u sens dejjiemi lill-ħajja tiegħi, għax forsi s'issa għext għal skopijiet ta' din id-dinja, imma qed ninduna li ta' din id-dinja huwa effimeru, jiġifieri bla sustanza, jgħaddi malajr u jħallilek qalbek vojta. Nerġa' nikkwota l-esperjenza ta' dak iż-żagħżugħ: "Flus, tfajliet, pjaċiri kelli kemm ridt, iżda qalbi kienet vojta. Kont qed ngħix ħajja bla sens." Il-proċess ta' konverżjoni jista' jibda b'**xewqa f'qalbi** li jkolli relazzjoni ta' mħabba u ta' ħbiberija ma' Ġesù, għax forsi s'issa ppruvajt nixba' b'imħabbiet taparsi u bqajt dejjem bil-għatx. Dik is-sentenza li żagħżugħ anonimu qal lill-Pollakk, "Ħabib, itlob! Ġesù huwa qrib tiegħek. Ġesù jħobbok! Qed jistenniek tiftaħlu beraħ il-bibien ta' qalbek!" ġabitu f'sensih, ġegħlitu jaħseb, qabbditu t-triq għal għand saċerdot, li kif dejjem għallmitna l-Knisja: "huwa Kristu ieħor."

Semmejna diversi xewqat tal-qalb li bihom jista' jibda proċess ta' konverżjoni. Ma' dawn nistgħu nżidu ċerti ċirkustanzi fil-ħajja (mewt ta' xi ħadd għażiż jew għażiża għalik, marda, inċident, xhieda ta' xi ħadd li qed jgħix il-vanġelu... ) Però nixtieq ngħidilkom li dawn ix-xewqat u dawn iċ-ċirkustanzi kollha ma jwasslu għal ebda konverżjoni kieku ma teżistix **xewqa ikbar u minn qabel fil-Qalb ta' Ġesù** li jfittex il-midinbin, jitħabbeb magħhom u jerġa' jqabbadhom it-triq tas-sewwa. Iż-żagħżugħ Pollakk jixhed: "Jiena konvint li Ġesù kien ilu jiġri warajja, kien ilu jfittixni biex jagħtini daqqa t'id fil-problemi li kont għaddej minnhom, iżda jien qatt ma tajt kasu; anzi ħafna drabi, ippruvajt niskartah u naħrablu. Issa li ħallejtu jidħol f'qalbi, inħossni bniedem ġdid!" Fuq din tal-aħħar hemm poeżija sabiħa tal-Poeta Ingliż Francis Thompson (1859-1907). Dil-poeżija jisimha: *"The Hound of Heaven"*. Fiha, Thompson jirrakkonta l-esperjenza tiegħu jaħrab minn Alla, jiskartah u jistaħbielu lejl u nhar, tul is-snin, fil-labirinti u l-kurituri ta' moħħu... sakemm fl-aħħar "dal-Kelb tal-kaċċa, li jiġri warajh u jippersegwitah," (hekk jiddeskrivieh lil Alla) jirnexxilu jsibu u jaqbdu.

Però għax ma nsemmux ukoll xi ġrajjiet mill-Vanġelu. Hekk perezempju, Ġesù jara wieħed bilqiegħda quddiem il-mejda tat-taxxi (allura pubblikan), kien jismu Mattew u qallu: "Ejja warajja." Dak qam u mar warajh. *(Mattew 9, 9)* Darba oħra daħal Ġeriko... kien hemm raġel jismu Żakkew, dan kien wieħed mill-kapijiet tal-pubblikani... Jekk dan Żakkew kellu xewqa li jara lil Ġesù, u għax kien qasir ixxabbat ma' tina selvaġġa, kien Ġesù li beda djalogu ta' mħabba miegħu. "Kif wasal hemm, Ġesù ħares 'il fuq u qallu: 'Żakkew, isa, inzel minn hemm, għax illum jeħtieġli niġi noqgħod għandek.' Dak niżel bla telf ta' żmien. Seħħet konverżjoni għax dawn iż-żewġ xewqat, waħda ta' Żakkew u l-oħra ta' Ġesù inbidlu f'żewġ deċizjonijiet: Id-deċiżjoni serja ta' Żakkew li jibdel ħajtu u d-deċiżjoni żgura ta' Ġesù, li għax nidem, jaħfirlu dnubietu. *(ara Luqa 19, 1-10)* Insemmu l-ġrajja ta' Ġesù, għajjien mejjet bil-mixi, bilqiegħda ħdejn il-bir ta' Ġakobb. Waslet samaritana, mara midinba, u Ġesù fetaħ djalogu magħha li wassalha għall-konverżjoni. *(ara Ġwanni 4, 4-30)*

**1) X'nifhmu b'konverżjoni?** Wara li rajna kif jibda proċess ta' konverżjoni
se naraw fid-dettal u fid-dawl tal-kelma t'Alla xi jfisser tikkonverti. Se nagħti erba' definizzjonijiet.

<u>L-ewwel nett</u>, bil-kelma konverżjoni nifhmu **"trapjant tal-qalb"**. Il-qalb tal-laħam hija waħda mill-organi vitali tal-ġisem. Jiġifieri mingħajr dal-muskolu li kontinwament jippompja d-demm mal-organiżmu kollu, il-ħajja ta' kull annimal, il-ħajja tal-bniedem tieqaf kompletament. Għaldaqstant, matul iż-żminijiet, il-mediċina ħadet ħsieb tistudja u ssib mezzi biex tikkura l-qalb. Ma' Dr Barnard (tabib mis-South Africa) bdew ukoll it-trapjanti tal-qalb. Snin ilu niftakarhom jgħidu fl-aħbarijiet: "Dr Barnard bidel qalb ta' bniedem ma' qalb ta' xadin... Dr Barnard bidel qalb ta' bniedem ma' qalb tal-*plastic*..." esperimenti li ma rnexxewx! Illum tafu li jirnexxu. Però mill-qalb tal-laħam, ejjew ngħaddu għall-qalb l-oħra: il-qalb tal-*emotions*, il-qalb tal-atteġġjamenti, il-qalb tar-relazzjoni tagħna m'Alla u mal-oħrajn, il-qalb tad-deċiżjonijiet li nieħdu kontinwament. Anki dil-qalb tista' tkun f'saħħitha u

tista' timrad ukoll, ikollha bżonn kura, fejqan, korrezzjoni, forsi li tinbidel ukoll. Permezz tal-Profeta Eżekjel, Alla jgħidilna: "Nagħtikom qalb ġdida, u ruħ ġdida nqiegħed ġo fikom; u nneħħi minn ġisimkom il-qalb tal-ġebel u nagħtikom flokha qalb tal-laħam." *(36, 26)*

It-tieni nett, bil-kelma "konverżjoni" nifhmu ***"u-turn"*** fil-ħajja morali u spiritwali tiegħi, allura filli kont miexi fi triq ħażina, forsi mingħalija kienet tajba, u meta ninduna li sejjer żbaljat, indawwar ir-rotta, nirritorna fid-direzzjoni t'Alla. Eżempju ta' bniedem li għamel *"u-turn"* f'ħajtu huwa Dr Bernard Nathonson, tabib amerikan, illum irtirat, li matul il-karriera medika tiegħu wettaq iktar minn 75,000 abort. Fost l-oħrajn wettaq abort fuq mara li taqqal huwa stess. Meta staqsewh ħassx xi ħaġa meta abortixxa lil ibnu, qalilhom: "Ma ħassejt xejn, ebda sogħba, ebda rimors!" Però bl-iżvilupp tal-*ultrasound*, sistema li biha tabib jista' jara t-tarbija fil-ġuf tal-omm, beda jbiddel fehmtu dwar l-abort. Wasal biex ikkonvinċa ruħu li sa mit-tnissil tagħha fil-ġuf t'ommha, it-tarbija hija persuna umana, u spiċċa jgħid li l-abort hu qtil u delitt kbir. Għad li twieled ġo familja Lhudija, ma kienx jemmen f'Alla, imma bl-għajnuna ta' nies fil-moviment favur il-ħajja, messitu l-grazzja t'Alla, sar kattoliku u f'wieħed mill-kotba tiegħu jitkellem dwar il-ħniena u l-maħfra t'Alla. Jgħid: "Midneb kemm jien midneb, illum nemmen li fil-qalb t'Alla hemm post għalija wkoll!" Dan Nathonson tistħajlu sema' l-kliem tal-Profeta Ġoel li qal lin-nies ta' żmienu: "Erġgħu duru lejn il-Mulej, Alla tagħkom, għax hu twajjeb u ħanin, tqil biex jinkorla, u kollu tjieba..." *(2,13)*

It-tielet nett, bil-kelma "konverżjoni" nifhmu **"tiġdid spiritwali"**. Kien bil-lejl u Nikodemu, wieħed mill-kbarat tal-Lhud u mdaħħal fiż-żmien, mar għand Ġesù biex jitkellem ftit miegħu. Ġesù qallu: "Tassew, tassew ngħidlek li jekk wieħed ma jitwelidx mill-ġdid, ma jistax jara is-Saltna t'Alla." Nikodemu deher li ma fehmux. Wieġbu: "Kif jista' wieħed jitwieled wara li jkun xjieħ? Jista' forsi jerġa' jidħol f'ġuf ommu u jitwieled?" *(Ġwanni 3, 3.4)* Hawnhekk Ġesù mhux jitkellem fuq twelid bijoloġiku, iżda fuq twelid spiritwali, li wieħed iħalli warajh il-ħajja qadima tad-dnub u jibda jgħix ħajja ġdida, il-ħajja tal-grazzja. Wieħed biblista jgħid: mhux veru li Nikodemu ma fehmux lil Ġesù, anzi fehmu tajjeb ħafna. Ried jgħidlu: "Nixtieq kieku li l-'jien' tiegħi jkun 'jien' ġdid, ħieles mid-dnub, iktar matur... imma qed nara distanza bejn dak li jien u dak li nixtieq inkun, jiġifieri dak li qed tippropinli Int." Imma diversi drabi nsibu fl-Iskrittura li għal Alla "mhemm xejn li ma jistax ikun". *(bħala ezempju, ara Luqa 1, 37; Mattew 19, 26)* Iż-żagħżugħ Pollakk qal: "inħossni bniedem ġdid!"

Ir-raba', bil-kelma "konverżjoni" nifhmu **"ħbiberija ġdida m'Alla"**. Il-bieraħ semmejna diversi personaġġi li għax fettixhom jew iltaqgħu ma' Ġesù bdew mixja ta' konverżjoni. Però esperjenza ta' konverżjoni li tispikka ħafna fit-Testment il-Ġdid, hija l-konverżjoni ta' Pawlu, li minn persekutur ta' Ġesù, sar predikatur, xandar u appostlu tiegħU. Fit-tieni ittra tiegħu lill-Korintin, dan Pawlu li fit-triq ta' Damasku kellu dehra ta' Ġesù Ħaj *(ara Atti 9,1-9)*, jgħidilna: "Nitlobkom f'isem Kristu, agħmlu ħbieb ma' Alla!" *(5, 20)* Għaliex? Għax Alla huwa t-tweġiba vera għall-mistoqsijiet tagħna bħala żgħażagħ. Alla huwa Mħabba, Verità, Ħajja, Ferħ, Sbuħija...

**4. Dil-mixja ta' konverżjoni tilħaq il-milja tagħha fis-sagrament tal-penitenza.** Nerġa' nikkwota x-xhieda taż-żagħżugħ Pollakk: "Ftit tal-ġimgħat wara, niedem minn dnubieti, ersaqt inqerr għand dan is-saċerdot. Ħassejthom għasel dawk il-kelmiet li qalli f'isem Ġesù: 'Jien naħfirlek dnubietek fl-isem tal-Missier u tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu.'... ." Fil-ħin li baqgħalna se nitkellmu fuq sagrament, waqqfu Ġesù, biex jagħti possibiltà ta' fejqan spiritwali u ta' maħfra lili u lilek, li sfortunatament nidinbu ta' sikwit. Il-katekiżmu tal-Knisja Kattolika jsejjaħ lil dan is-sagrament b'**ħames ismijiet**: huwa s-sagrament tal-indiema, is-sagrament tal-penitenza, is-sagrament tal-qrar, is-sagrament tal-maħfra u s-sagrament tar-rikonċiljazzjoni. L-isem li jingħata lil dan is-sagrament mhuwiex daqstant importanti għax hija kwistjoni ta' fuq xiex wieħed jagħmel enfasi. Però importanti li bħala żgħażagħ nibqgħu nemmnu fih, ma niddejqux nersqu għalih u min-naħa l-oħra, ma

nabbużawx minnu... fis-sens m'għandniex nieħdu direzzjoni ta' atti moralment żbaljati għax imbagħad hemm is-saċerdot u fix fix nirranġaw kollox! Das-sagrament mhux *washing machine*... mhux *ticket* biex inkun nista' nitqarben fil-festa tar-raħal, fid-Duluri, f'xi tieġ, f'xi funeral... mhux garanzija qabel ma nsiefer biex jekk jaqa' l-ajruplan, mal-Mulej inkun O.K!

5. **Il-kobor ta' dan is-sagrament.** Kif diġà għedna, kien Ġesù li waqqaf dan is-sagrament. Huwa rigal tiegħu, tahulna dak inhar li qam mill-imwiet. Kien nhar Ħadd il-Għid fl-għaxija, u d-dixxipli kienu miġbura flimkien bil-bibien magħluqa imbeżżgħa mil-Lhud. Ġie Ġesù, qagħad f'nofshom u qalilhom: "Is-sliem għalikom!" Kif qal hekk, uriehom idejh u ġenbu... Imbagħad tenna jgħidilhom: "Is-sliem għalikom! Kif il-Missier bagħat lili, hekk jien nibgħat lilkom." Kif qal hekk, nefaħ fuqhom u qalilhom: "Ħudu l-Ispirtu s-Santu. Dawk li taħfrulhom dnubiethom ikunu maħfura u dawk li żżommuhomlhom ikunu miżmuma." *(Ġwanni 20, 19-23)* Il-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika jgħidilna li permezz ta' dan is-sagrament, l-imgħammdin, li bi dnub gravi jitilfu l-grazzja tal-magħmudija u jfieru x-xirka tal-Knisja, ikollhom possibiltà li jerġgħu jiksbu l-grazzja tal-ġustifikazzjoni. *(ara 1446)* Kelma tqila li tfisser "salvazzjoni", "bidu ta' ħajja ġdida"... Minkejja t-tibdil kollu li sar matul iż-żminijiet fil-mod li bih kien jiġi ċċelebrat, l-istruttura ta' dan is-sagrament baqgħet dejjem l-istess. Fiha żewġ elementi importanti, min-naħa l-waħda l-għemejjel tal-bniedem li jindem u jikkonverti (issa naraw x'inhuma dawn l-għemejjel) u min-naħa l-oħra il-ħidma t'Alla permezz tal-Knisja. F'isem Ġesù Kristu, il-Knisja taħfer id-dnubiet tal-penitent u b'dan il-mod terġa' ddaħħlu biex jagħmel parti mill-komunità tal-Insara. *(ara Katekiżmu tal-Knsija Kattolika, n 1448)*

6. **X'inhuma l-għemejjel tal-penitent?** Se nsemmi erba' għemejjel li għandu jagħmel dak li se jersaq għal dan is-sagrament. <u>L-ewwel nett</u>, għandu bżonn iħejji ruħu tajjeb billi jagħmel **eżami tal-kuxjenza bis-serjetà**. Dan l-eżami tal-kuxjenza m'għandux ikun eżami ansjuż u skrupluż, imma konfront sinċier u seren mal-kmandamenti t'Alla, mal-Vanġelu u mal-istess Ġesù Kristu, li għalina huwa mgħallem u mudell ta' perfezzjoni. <u>It-tieni nett</u>, essenzjali għal min jersaq iqerr, hija l-**indiema** jew stmerrija tad-dnub li sar, flimkien ma' proponiment li dad-dnub ma jerġax isir. Qed indaħħal il-proponiment mal-indiema, għax min jindem tassew nifhem li għandu f'moħħu wkoll id-distakk mid-dnub. Hawnhekk wieħed jista' jagħmel distinzjoni bejn "indiema perfetta" (sogħba għax ma ħabbejtx lil Alla li jħobbok) u "indiema mhix perfetta" (sobgħa ġejja mill-biża', perezempju mill-biża' tal-infern). <u>It-tielet nett</u>, hemm l-**istqarrija tad-dnub jew dnubiet**. Meta jistqarr ħtijietu, il-penitent ikun qed jagħmel att ta' umilta'. Fl-istess ħin ikun qed jammetti li hu responsabbli tagħhom. Obbligati nqerru d-dnubiet mejta kollha li nafu li għamilna mill-aħħar qrara, inklużi wkoll dnubiet li ma huma magħrufin minn ħadd, fost l-oħrajn id-dnubiet tax-xewqa. Il-knisja tinkuraġġixxi li nqerru wkoll id-dnubiet venjali, anki jekk dawn jistgħu jinħafru b'xi talba penitenzjali... .Dan għaliex qrara regolari, anki tad-dnubiet venjali, tkun għalina mediċina kontra l-ġibdiet ħżiena tagħna, tgħinna nimxu 'l quddiem fil-ħajja tal-ispirtu u aktar ma nirċievu dad-don tal-ħniena u tal-maħfra, iktar inħossu li għandna nħennu għall-proxxmu tagħna u naħfrulu l-offiżi li jagħmlilna. <u>Fl-aħħar nett</u>, irridu nsemmu l-**penitenza jew it-tewba** li konfessur jagħti lill-penitent. Veru li bl-assuluzzjoni, id-dnub jinħafer, però nafu li d-dnub idgħajjifna minn ġew, idgħajjef ir-relazzjoni tagħna m'Alla u r-relazzjoni tagħna mal-oħrajn. It-tewba, (li tista' tkun talba, għemil ta' ħniena, xi offerta għall-karità, xi sagrifiċċju, sabar fis-salib tagħna... ) hija dik il-mediċina li terġa' ssaħħaħna bħala nsara, mhux biss personalment, iżda wkoll f'dik li hija relazzjonijiet tagħna m'Alla u mal-proxxmu. Imbagħad, il-ġustizzja titlob li jekk bid-dnub tagħna saret xi ħsara lil xi ħadd (serq, malafama, kalunja... ) dil-ħsara titranġa mill-iktar fis possibbli.

7. **L-għemil ta' Alla permezz tal-Knisja.** Diġà tkellimna fit-tul fuq l-għemil ta' Alla ma' min dineb jew qabad triq ħażina. Huwa l-maħfra li Hu jagħti lil min offendieH. Però kif diġà rajna, Ġesù Kristu, li ġie fid-dinja għall-midinbin, ried jafda l-ministeru tar-rikonċiljazzjoni f'idejn il-Knisja, jiġifieri f'idejn l-Isqfijiet, suċċessuri tal-Appostli, u f'idejn is-saċerdoti,

kollaboraturi tagħhom. Fit-tieni ittra tiegħu lill-Korintin, San Pawl jgħidilna: "Kollox ġej minn Alla li ħabbibna miegħu permezz ta' Kristu u tana l-ministeru ta' din il-ħbiberija tal-bnedmin ma' Alla." *(5, 18)* Barra mill-fatt li f'dan is-sagrament qed jaġixxi f'isem Kristu, is-saċerdot huwa wkoll rappreżentant tal-Knisja. Meta umilment jiena nistqarr ħtijieti għandu, huwa qed jaġixxi wkoll f'isem il-Knisja li terġa' tirrikonoxxini bħala membru sħiħ jew sħiħa tagħha.

Illum issib min jgħidlek: "Ma nqerrx għand is-saċerdot, bniedem bħali, imma nqerr direttament quddiem il-Kurċifiss!" Veru li s-saċerdot huwa bniedem bħalek, bid-difetti, bid-debolizzi u bid-dnubiet tiegħu, imma Ġesù hekk iddispona. Is-saċerdot konfessur huwa *"the wounded heale*r", ferut, imma jfejjaq lill-feruti; forsi minħabba l-esperjenza tad-dgħufija tiegħu, hu jista' jifhem u jagħder ħafna iktar lid-dgħajfin. Santu Wistin kien iħobb jgħid: "Fil-qrar jien ma nakkużax imma nfejjaq." Bernard Haring, moralista magħruf, jiddispjaċih li ċerti nies telqu l-qrar u marru jikxfu dnubiethom għand il-psikanalisti u għand il-psikoloġi. Veru li xi drabi l-bniedem jkollu bżonn ta' dawn ix-xjenzi moderni biex jirranġa ħajtu, imma jkompli jgħid Haring, f'ħafna kasijiet, qrara tajba kapaċi toħroġ bniedem mid-disperazzjoni, għax kull ma jkollu bżonn jista' jiksbu mill-qrar: paċi m'Alla, paċi mal-oħrajn u paċi miegħu nnifsu. Papa Ġwanni Pawlu II jgħidilna li l-Mulej, għani fil-ħniena, jista' jkollu diversi toroq li minnhom jilħaq lill-midneb niedem minn ħtijietu, imma għan-nisrani, is-sagrament tal-penitenza u tar-rikonċiljazzjoni jibqa' **t-triq ordinarja** biex tinkiseb il-maħfra tad-dnubiet gravi magħmulin wara l-magħmudija. *(Reconciliatio et Paenitentia, 31)*

Nispiċċa b'fatt impressjonanti, kemm kemm jitwemmen, mill-ħajja ta' San Luigi Orione (1872-1940), ikkanonizzat mill-Papa Ġwanni Pawlu II f'Mejju tas-sena 2004. Mela dan Don Orione kien qed jipprietka fil-knisja parrokkjali ta' Castelnuovo Scrivia, imbullata bin-nies. Kien qed jipprietka fuq il-ħniena t'Alla, u biex ifisser il-kobor tas-sagrament tal-qrar, spontanjament ħareġ minn fommu dan l-eżempju: "Anki jekk iben jasal biex ipoġġi l-velenu fl-iskutella t'ommu biex joqtolha, jekk jindem, Alla jaħfirlu!" Mela spiċċa l-prietka hu telaq jgħaġġel biex jilħaq l-aħħar *train* għal Tortona fejn kien joqgħod. Ma laħaqhiex u allura fi ksieħ ixoqq il-għadam erħielha bil-mixi... kellu mixja ta' tmien kilometri.

Hekk kif ħareġ mir-raħal, jersaq fuqu wieħed raġel kbir u mimli, b'leħja twila sewda u liebes kapott oħxon u kappell mgħaddas ġo rasu. Don Orione, suspettuż xi ftit bid-dehra għal għarrieda ta' dan il-bniedem, qallu: "Il-lejl it-tajjeb," u kien se jibqa' miexi bil-għaġġla. Però dal-bniedem qallu: "Ħallik mil-lejl it-tajjeb! Ieqaf ftit! Int is-saċerdot li għadek kif ipprietkajt?" Don Orione wieġbu: "Iva, jien hu." Qallu l-ieħor: "Tkellimt fuq il-qrar. Temmen dak li għedt? Semmejt li anki jekk iben ipoġġi l-velenu fl-iskutella t'ommu, jista' jikseb il-maħfra t'Alla. Temmen dak li għedt?" "Dażgur li nemmen," wieġbu Don Orione, "basta dal-bniedem jindem mid-dnub tiegħu." L-ieħor kompla staqsieh: "Jaqaw inti tafni?" Don Orione wieġbu: "Le ma nafikx." L-ieħor kompla jsostni: "Imma żgur li tafni. Int tkellimt fuqi fil-prietka tiegħek. Iva, jien dak l-iben li poġġejt il-velenu fl-iskutella t'ommi u qtiltha!"

Komplew jitkellmu għal xi żmien. Imbagħad dan l-emarġinat, b'umiltà kbira fuqu, qallu: "Dun, jekk nista' nakkwista l-maħfra t'Alla, u int tista' tagħtihieli, jiena niedem, jekk jogħġbok aħfirli." U hemmhekk fil-ġenb tat-triq u fi dlam ċappa, Don Orione refa' jdejh u f'isem Kristu tenna l-kelmiet mirakulużi: "Jiena naħfirlek dnubietek fl-isem tal-Missier u tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu."

Fil-pjan ta' Alla kollox kien imfassal biex dal-bniedem, wara tant snin, jaqla' l-maħfra tad-delitt li għamel!

# 4. Ir-raba' meditazzjoni: L-Isfida tal-Imħabba!

**Żewġ esperjenzi:** Illum se nibda b'żewġ esperjenzi, waħda pożittiva u l-oħra x'aktarx negattiva, anzi ta' niket, fl-aħħar mill-aħħar fil-ħajja mhux kollox ward u zahar!

L-ewwel esperjenza: Mother Teresa tirrakkonta fatt interessanti. Tgħid din is-soru: "F'waħda mid-djar tagħna, ġbarna omm marida li kellha tarbija ta' xi sena u nofs. Wara ftit taż-żmien, l-omm mietet u dit-tarbija għamlet f'qalbha u tilfet il-vivaċità tagħha kollha: la riedet tiekol iżjed, la riedet tixrob iżjed u anqas tikkomunika ma' ħadd... il-ħin kollu tibki u tixher. Mela kien hemm soru, tixbah ħafna lil omm din it-tarbija, u ndunajt li ħdejn din is-soru, it-tarbija kienet tikkalma, minn idejha kienet tiekol u tixrob, magħha kienet tikkomunika. X'għamilt? Lil din is-soru neħħejtilha kull xogħol ieħor li kellha u tlabtha tkun omm għal din it-tarbija kemm ikun hemm bżonn, ftit xhur, sena, sentejn... Hekk salvajna lil dan iċ-ċkejken iltim." Din l-esperjenza tfakkarni f'dak l-ispeċjalista tat-tfal li kull fil-għodu kien idur il-*wards* tal-isptar jara l-pazjenti ċkejknin tiegħu u jordnalhom il-mediċina li kien ikollhom bżonn. Lil trabi mitluqin, donnhom ma jridux jieħdu r-ruħ minkejja l-mediċina li kienu qegħdin jieħdu, kien jordnalhom "ftit imħabba, ftit karezzi, kull tliet sigħat."

It-tieni esperjenza: Xi snin ilu, f'rivista Taljana dehret ittra ta' waħda tfajla ddisprata. Tgħid hekk din l-ittra: "Father, twelidt bi żball! La ommi u lanqas missieri ma ħabbewni. Ftit ilu sirt naf li ommi ppruvat tabortini f'darha mingħajr għajnuna ta' ħadd... Billi tilfet ħafna demm u beżgħet li se tmut, ċemplet l-isptar, ġarrewha malajr b'ambulanza, u t-tobba rnexxielhom isalvawlha ħajjitha... diżgrazzjatment irnexxielhom isalvaw lili wkoll. Ngħid 'diżgrazzjatament' għax qed ngħix fl-infern minn din id-dinja stess... Ninsab waħdi. Ħadd ma jħobbni, jien ma nħobb lil ħadd, lanqas lil Alla li ħalaqni.! Għalfejn qiegħda ngħix? Nixtieq immut!"

**1. L-imħabba hija bżonn vitali, mingħajrha ma tistax tgħix.** Jekk nipparagunaw dawn iż-żewġ esperjenzi flimkien naslu għall-konklużjoni li ħajja u mħabba huma żewġ esperjenzi marbutin ħafna flimkien. L-imħabba hija bżonn vitali, daqskemm hu vitali l-bżonn li nieħu n-nifs, il-bżonn li niekol, il-bżonn li nixrob... Iċ-ċkejken iltim ħa r-ruħ, kompla jgħix, għax sab lil xi ħadd li ħabbu flok ommu u dit-tfajla tixtieq tmut għax qatt ma ħassitha maħbuba, anzi rifjutata... Xi ħadd qal: "L-abort huwa r-rifjut estrem ta' tarbija għadha ma twelditx!" U povra tfajla saret taf li hi kienet destinata għal ġoż-żibel! Dan jidher kas imbiegħed, imma jekk niftħu ftit għajnejna, nindunaw b'nies, anki żgħażagħ bħalna, li qegħdin imutu għal ftit imħabba. Michel Quoist, f'wieħed mill-kotba tiegħu jgħid: *"Hunger kills millions of people each year. Hunger for love is even more devastating, destroying untold human lives!"* Nerġgħu nsemmu lil Mother Teresa. F'konferenza internazzjonali li kienet saret ġo Filadelfia, qalet hekk: "L-esperjenza għallmitni li l-foqra veri mhumiex dawk li m'għandhomx x'jieklu, iżda dawk li m'għandhomx min iħobbhom u min jagħti kashom. Dan l-aħħar mort inżur dar tal-anzjani fl-Ingilterra. Hija dar attrezzata tajjeb, però ma stajt nilmaħ ebda tbissima fuq wiċċ dawn ix-xjuħ. Rajthom kontinwament iħarsu lejn il-bieb ta' barra. Sirt naf li dawn il-povri anzjani huma minsijin minn kulħadd... u għalhekk dejjem iħarsu lejn il-bieb, it-tama tagħhom hi li xi ħadd imur iżurhom." Fl-ewwel enċiklika tiegħu, *Redemptor Hominis*, Papa Ġwanni Pawlu II kien qal: "Il-bniedem ma jistax jgħix mingħajr imħabba... mingħajr imħabba, il-bniedem ma jifhem qatt lilu nnifsu u ħajtu tkun bla sens." *(n. 10)*

**2. Il-bniedem hu magħmul bl-imħabba.** Ħa nispjegaw din il-verità. B'liema mħabba hu magħmul il-bniedem? Suppost bl-imħabba tal-ġenituri u żgur bl-imħabba t'Alla. Nibdew l-istorja ta' ħajjet il-bniedem fid-dinja. Ġuvni u tfajla jiltaqgħu flimkien, jieħdu grazzja ma' xulxin u jibdew mixja ta' mħabba bejniethom li ħafna drabi twassalhom biex jingħaqdu għal dejjem bis-sagrament taż-żwieġ, xi ħaġa li kienet fil-pjan t'Alla sa mill-ħolqien ta' kollox.

Jgħidilna l-Awtur Sagru: "Għalhekk ir-raġel iħalli lil missieru u lil ommu u jingħaqad ma' martu u jsiru ġisem wieħed." *(Genesi 2, 24)* Frott l-għaqda ta' dawn iż-żewġ iġsma ta' sess divers f'ġisem wieħed, allura frott l-imħabba emozzjonali, karnali u spiritwali ta' bejniethom, jitnissel u jiġi bniedem ieħor fid-dinja. Dan ukoll kien fil-pjan t'Alla sa mill-bidu. Fil-Ktieb tal-Ġenesi, Alla bierek lir-raġel u lill-mara li ħalaq fuq ix-xbieha tiegħu, allura persuni li bħalu kapaċi jħobbu, u qalilhom: "Nisslu u oktru, imlew l-art..." *(1, 28)* Ftit ilu għedt "suppost bl-imħabba tal-ġenituri". Għaliex daħħalt id-dubju tas-"suppost"? Daħħalt dad-dubju tas-"suppost" għax bħalma tafu intom, hemm kasijiet li fihom tarbija ma titnissilx frott l-imħabba, imma frott l-eġoiżmu, bħal ngħidu aħna: fil-kas ta' *rape*, fil-kas ta' relazzjoni sesswali qabel ir-rabta responsabbli u dejjiema taż-żwieġ, fil-kas ta' adulterju, fil-kas ta' vjolenza sesswali ta' raġel fuq martu...

Però ndunajtu li dad-dubju "tas-suppost" aċċertajtu bl-"iżgur tal-imħabba t'Alla". Tnisslet kif tnisslet din it-tarbija, Alla riedha, kienet fil-pjan tiegħu, Alla ħabbha sa minn qabel il-ħolqien tad-dinja. F'dak il-mument Hu kien preżenti u nefaħ fiha biċċa mill-Ispirtu tiegħu. Ħa nirrakkuntalkom ġrajja tixbah xi ftit lil ġrajja tat-tfajla li semmejtilkom fil-bidu. Mela jirrakkonta Don Dante Bernini, illum isqof, li jum fost l-oħrajn, tfajla mdejqa marret għandu u bid-dmugħ f'għajnejha qaltlu; "F'diskussjoni li kellna d-dar, ommi qaltli: Nista' nkun naf għaliex dejjem toħolqilna l-problemi, lili u lil missierek? Kun af li int twelidt bi żball, ma ridniekx! Kien ikun aħjar kieku ħadna deċiżjoni differenti dwarek, kif qalilna t-tabib!" Kompliet tgħidlu din it-tfajla: "Fil-familja qatt ma kont aċċettata u maħbuba, issa xbajt ngħix!" Don Dante pprova jikkalmaha u qalilha: "Anki jekk il-ġenituri tiegħek ma ppjanawkx, ma xtaqukx, ma ħabbewkx... kien hemm Xi Ħadd li ppjanak, li xtaqek u li ħabbek sa minn dejjem!" Biex jerġa' jnisslilha fiduċja fil-ħajja, qabad il-Bibbja u qralha silta mill-Ktieb tal-Profeta Isaija.. Alla jgħidlek: "La tibżax... jien sejjaħtlek b'ismek, inti tiegħi... int għażiż f'għajnejja, kollok ġieħ u jien ħabbejtek... Tista' mara tinsa t-tarbija tagħha u ma tħennx għal bin ġufha. Imqar jekk din tinsa, jien ma ninsiek qatt! Ara! naqqaxtek fuq il-keffa ta' jdejja..." *(43, 1.4; 49, 15.16)*

3. **Il-bniedem hu magħmul għall-imħabba.** Qabel xejn, il-bniedem hu ta' min iħobbu. Kif sibt fi ktieb kanadiż, *"We are essentially good and lovable because Ġod does not make rubbish!"* Din is-sentenza tfakkarni f'Alla Ħallieq: Alla li joħloq is-sema, l-art, il-baħar u kull ma fihom... iħares sodisfatt lejn kull ma għamel u jgħid: "Kollox huwa tajjeb!" Imbagħad joħloq il-bniedem (raġel u mara), jonfoħlu fi mnifsejh in-nifs tal-ħajja (jiġifieri jagħtih ruħ li se tgħix għal dejjem), iħares sodosfatt lejn dan il-kapulavur li ħareġ minn idejh, u did-darba jgħid: "Kollox huwa tajjeb ħafna!" Monsinjur Azzopardi, is-saċerdot Malti li bena d-dar tal-Providenza fis-Siġġiewi għal persuni bi bżonnijiet speċjali, jirrakkonta dan il-fatt. Jgħid: "Mela wieħed mill-anġli (hekk kien isejħilhom dawn it-tfal bi bżonnijiet speċjali) marad serjament u ħadnieh l-isptar biex nippruvaw insalvawh. F'mument minnhom, wieħed mit-tobba li kienu qegħdin jaħdmu fuqu, dar fuq in-*nurse* u staqsieha: "Issa Alla, dat-tifel x'ħalqu jagħmel?" In-*nurse* kienet pronta daret fuqu u weġbitu: "Naħseb ħalqu biex jien u int nitgħallmu nħobbuh!"

X'għandna f'dan ir-rakkont? Għandna **żewġ modi differenti ta' kif inħarsu lejn il-ħajja tal-bniedem**, meta ngħid "il-ħajja tal-bniedem" għandi f'moħħi l-ħajja tiegħi u tiegħek. Inkun għaddej jew għaddejja minn mument diffiċli... u l-mistoqsija li t-tabib għamel lin-*nurse*, nagħmilha lili nnifsi. "Issa Alla x'ħalaqni nagħmel?" Nagħmel bħal Ġob li f'mument diffiċli beda jistaqsi lilu nnifsu: "Għaliex ma mittx fi ħdan ommi? Għaliex ma ħriġtx minn ġuf ommi u mitt?" Ninnotaw li fid-dinja tal-lum, il-ħajja tal-bniedem roħsot ħafna... Twieldet tarbija u d-dinja materjalista u sekularista bdiet tirraġuna u tgħid: żdiedet il-popolazzjoni, numru ieħor fir-reġistru, ħalq ieħor x'nitimgħu, piż ieħor fuq is-soċjetà, iktar kompetizzjoni... Dan biex ma nsemmux il-kultura tal-mewt li dieħla fostna b'mod mgħaġġel: vjolenza, sewqan esaġerat li jwassal għal inċidenti tat-traffiku, ħafna minnhom fatali, l-użu tad-droga, l-aborti li qegħdin isiru bil-miljuni...

Però, imbagħad, **hemm mod ieħor ta' kif inħarsu lejn il-ħajja tal-bniedem**. *"We are essentially good and lovable because Ġod does not make rubbish!"* Fir-rakkkont ta' Monsinjur Azzopardi, dak it-tifel, għalkemm żgħir, għalkemm dgħajjef, għalkemm jiddependi għal kollox fuq l-oħrajn, għalkemm marid... mhuwiex *"rubbish"*! Huwa persuna *"lovable"*. Ħa nazzarda ngħid: huwa tifel b'vokazzjoni, b' missjoni, għax jekk lili u lilek iġibna daqsxejn f'tagħna, jgħallimna nħobbuh... diġà twieled biex jagħmel xi ħaġa sabiħa! Allura ngħidlek, anki jekk fi tfulitek, jew iktar tard fil-ħajja, gieli kien hemm min baxxiek, min niżżlek 'l isfel, u ħoloq fik ħafna nuqqas ta' *self esteem* u *inferiority complex*, ipprova qum fuq saqajk, tħossokx agħar minn ħaddieħor, taqtax qalbek... dak kollu kien gideb! Kittieb Olandiż jgħidlek: Id-dinja, l-oħrajn, moħħok kapaċi jgħidulek ħafna gideb fuqek innifsek... temminhomx! Emmen dak li jgħidlek Alla: "Int prezzjuż, prezzjuża f'għajnejja. Jien bgħattek fid-dinja biex tagħmel xi ħaġa li ħadd ħliefek ma jista' jagħmilha!"

Imbagħad meta ngħidu: "il-bniedem huwa magħmul għall-imħabba" rridu nfissru li għax maħbub, **il-bniedem irid jitgħallem iħobb lill-oħrajn b'imħabba vera u matura**. Nagħmel enfasi fuq il-kelma "titgħallem" għax Erik Fromm jgħid li l-imħabba hija sengħa u sengħa titgħallimha bil-mod il-mod, bl-esperjenza, forsi wkoll bl-iżbalji. Nagħmel ukoll enfasi fuq l-espressjoni "imħabba vera u matura" għax għalkemm dil-kelma "mħabba" nużawha ħafna fil-vokabularju tagħna, mhux dejjem jirnexxielna nħobbu bil-kejl li jitlob minna Ġesù. Xi drabi jiġri wkoll li f'isem l-imħabba, nistgħu nagħmlu xi ħwejjeġ li jmorru kontra l-istess imħabba. Bħal dak il-ġuvni li jgħid: "Ma nara xejn ħażin li nagħmel is-sess mat-tfajla tiegħi, basta kollox isir bil-kuntentizza tat-tnejn. Fl-aħħar mill-aħħar, aħna maħluqin biex inħobbu lil xulxin." Lil dal-ġuvni ngħidlu li f'dal-kas mhux qed iħobb lit-tfajla tiegħu, avolja kuntenta hi wkoll, għax kif jgħidilna San Pawl, "l-imħabba ma tagħmilx dak li mhux xieraq..." *(ara Korintin 13, 5)* u l-attività sesswali qabel iż-żwieġ mhix xierqa, mhix skont dak li jixtieq Alla. Allura jkolli ngħidilkom li l-imħabba kif jixtieqha Ġesù u fik għexha Hu, hija **SFIDA KBIRA!** Fil-ftit ħin li baqgħalna ħa naraw xi ftit mill-kwalitajiet tal-imħabba vera u matura.

**4. L-imħabba vera u matura kapaċi tinduna bil-bżonnijiet tal-oħrajn.** Min iħobb huwa <u>attent</u> għal dak li jeħtieġu l-oħrajn, <u>jinduna</u> b'dawn il-ħtiġijiet, <u>ma jaħrablu xejn</u> u <u>ma jieħu xejn *for granted*</u>. Dan mhux b'kużità jew kif ngħidu bil-Malti: "biex jerfa'salib ħaddieħor", imma biex jara jistax ikun ta' għajnuna. Nistgħu nġibu l-eżempju tal-omm, li għax tħobb lil uliedha, dejjem attenta għall-bżonnijiet tagħhom, tinduna mill-ewwel jekk humiex ferħanin jew imdejqin... u tieħu azzjoni. Tirrakkonta Mother Teresa: "Lejla waħda, ġie raġel id-dar tagħna u qalli, 'Hemm familja bi tmint itfal. Ilhom ġranet sħaħ ma jieklu.' Jiena qbadt ftit ikel u mort. Meta wasalt, rajt uċuħ dawk it-tfal sfigurati bil-ġuħ. Fuq wiċċhom ma kienx hemm dispjaċir jew dwejjaq, iżda l-uġigħ tal-ġuħ. Tajt ir-ross lill-omm. Qasmitu fi tnejn, ħarġet 'il barra b'nofs minnhom. Meta ġiet lura staqsejtha: 'Fejn mort?' Weġbitni b'mod sempliċi, "Mort għand il-ġirien għax huma bil-ġuħ ukoll!' Il-ġirien tagħha kienu Musulmani. Ma ħadthiex bi kbira li marret tagħtihom minn dak li ġibtilha, għax in-nies fqar huwa tassew ġenerużi. Iżda skantajt li ndunat u kienet taf li kienu bil-ġuħ. Ġeneralment, meta nkunu qed inbatu, tant naħsbu fina nfusna li ma jkollniex ħin naħsbu fl-oħrajn. Din il-mara wrietni ftit mill-imħabba ġeneruża ta' Kristu."

**5. L-imħabba vera u matura kapaċi tifhem lil ħaddieħor.** Mhux l-ewwel darba li xi ħadd ibexxaq il-bieb ta' qalbu u jibda jgħidlek il-problemi tiegħu, id-dwejjaq tiegħu, it-tbatijiet tiegħu. Dan ikun mument tad-deheb biex b'xi mod jew ieħor tkun ta' għajnuna għalih. Però tiħux żball u tibda tgħid il-problemi tiegħek, anzi kompli isimgħu bl-attenzjoni u pprova idħol fiż-żarbun tiegħu. Bl-Ingliż hemm żewġ kelmiet għandhom x'jaqsmu mas-sens tas-smigħ, imma għandhom tifsira totalment differenti minn xulxin: il-kelma *"to hear"* u l-kelma *"to listen"*. Biex nurikom id-differenza bejniethom, inġibilkom dan l-eżempju: *"I hear a thunderbolt, but listen to a friend who is telling me his sad experience!"* Jgħidu li biex

tifhem u tidħol fiż-żarbun ta' xi ħadd li qed jiftaħ qalbu miegħek, trid iżżomm quddiem għajnejk li dax-xi ħadd huwa rigal (u nagħmel enfasi fuq il-kelma "rigal") imqartas u mgeżwer f'karta. Jista' jkun imqartas tajjeb u jista' jkun imqartas ta' kafkaf; jista' jkun imqartas issikkat u jista' jkun imqartas maħlul; il-karta li biha jkun imqartas tista' tkun sabiħa, imlewna, tiġbdek fil-għajn, u tista' tkun *rough*, forsi maħmuġa. Però l-importanti mhux ir-*wrapping* u l-karta ta' barra, iżda r-rigal li hemm ġewwa. Dak li hemm ġewwa huwa xbieha t'Alla, huwa iben jew bint Alla bħalek, huwa ħuk jew oħtok, huwa Ġesù Kristu, għax qalilna Ġesù stess: dak li tagħmlu mal-oħrajn, speċjalment ma' dawk li qegħdin ibatu, tkunu qegħdin tagħmluh miegħi wkoll, huwa rigal li Alla qed jibgħatlek anki għall-ġid tiegħek. Jekk iżżomm dan f'moħħok, mhemmx għalik bnedmin tajbin u ħżiena, bnedmin sbieħ u koroh, ħelwin jew żorri, f'saħħithom jew morda, li jiġbduk jew li jimbuttawk... imma rigali mqarstin b'modi differenti.

6. **L-imħabba vera u matura kapaċi taħfer lil min ferieha.** Bħala żgħażagħ taddemm u l-laħam mhux l-ewwel darba li jkollna xi ngħidu bejnietna u nweġġgħu lil xulxin. Id-diffikultà tiġi meta niġu biex niskużaw u naħfru lil xulxin. In-natura tiegħi ta' bniedem tgħidli: patti; taqax għal min għamillek il-ħsara, għax għandu mnejn jerġa' jagħmilhielek; tkunx tapit u paljazza ta' min weġġgħek; jekk ma jitolbokx skuża, taħfirlux, u ħafna twerdin bħal dan... però l-Espert tal-imħabba, jgħidli: "Ħobb lill-għedewwa tiegħek u itlob għal dawk li jippersegwitawk." *(ara Mattew 5, 44)*. Hu stess, imsallab u agonizzant fuq is-salib, interċeda mal-Missier għal dawk li kienu qegħdin jisirqulu ħajtu: "Missier, aħfrilhom, għax ma jafux x'inhuma jagħmlu!" *(Luqa 23, 34)*

Għaliex għandi naħfer? Għandi naħfer biex Alla jaħfirli. Fit-talba tal-Missierna nitolbu fil-plural: "Aħfrilna dnubietna bħalma aħna naħfru lil min ħati għalina." *(Mattew 6, 12)* Għandi naħfer għax il-maħfra tal-għedewwa nistgħu nqisuha bħala l-uniformi u parti mill-identità tan-nisrani. Qalilna Ġesù: "Jekk tħobbu u ssellmu biss lil min iħobbkom, ma tkunu tagħmlu xejn iktar mill-pubblikani u mill-midinbin." *(ara Mattew 5, 46-48)* Għandi naħfer biex bil-mod il-mod insir nixbah lill-Missier li ma jiddiskriminax bejn tajbin u ħżiena, imma jtella' x-xemx tiegħu fuq kulħadd u jniżżel ix-xita tiegħu fuq kulħadd. *(ara Mattew 5, 45)* Żewġ eżempji ta' żgħażagħ li rnexxielhom jaħfru. Qal **Giovanni, bin Vittorio Bachelet**, assassinat f'Ruma mill-Brigate Rosse fi Frar tal-1980 hu u ħiereġ mill-università fejn kien jgħallem..."Missieri dejjem għallimna ngħixu l-imħabba. Kien jgħid li n-nisrani jista' jkollu min jobogħdu, imma hu m'għandu dritt jobgħod lil ħadd. In-nisrani għandu arma waħda: l-imħabba li taħfer." U waqt il-funeral, Giovanni għamel din it-talba: "Nitlob għal dawk li qatlu lil missieri. Jalla fuq fommna jkollna kliem ta' ħajja u mhux ta' mewt, kliem ta' maħfra u qatt ta' vendetta!" Ġewwa l-Indja, xi musulmani rashom sħuna, daħlu ġo raħal tal-Insara, bdew jisparaw u joqtlu lil kull min isibu. **Maria Khoury**, tfajla Nisranija ta' 17-il sena, li ntlaqtet minn balla ġo daharha, ma mitetx, iżda baqgħet ipparalizzata għal għomorha. Lill-missjunarju li mar iżurha, qaltlu: Jien illum ma nistax nitħarrek, niddependi għal kollox mill-oħrajn. La nista' niżżewweġ, la nista' nsir soru u lanqas naħdem, però nħoss li għandi vokazzjoni, il-vokazzjoni li nitlob għal dawk li qatlu lill-familjari tiegħi u għal dak li sparali."

7. **L-imħabba vera u matura kapaċi tbati għall-oħrajn, sa tagħti ħajjitha għall-oħrajn.** L-esperjenza tat-tbatija hija esperjenza qadima daqs kemm hu qadim il-bniedem. L-ewwel ġenituri tagħna għamlu d-dnub, u mad-dnub daħlet it-tbatija li twassal għall-mewt. It-tbatija hija esperjenza qarsa li jduqha kulħadd. It-tbatija, speċjalment it-tbatija ta' min hu innoċenti ma nifhmuhiex. Però 2000 sena ilu, ġie fostna Ġesù (it-tieni Adam) u ħa fuqu din l-esperjenza qadima u morra tat-tbatija. Minn dak inhar 'l hawn, it-tbatija bdiet tissejjaħ "salib", bdiet tfisser "imħabba" għax Ġesù li miet imsallab qal: "Mhemmx imħabba ikbar minn dik li wieħed jagħti ħajtu għal ħbiebu." *(Ġwanni 15, 13).* Allura rridu ngħidu: mhemmx imħabba vera mingħajr tbatija, mingħajr salib, mingħajr sagrifiċċju. Anzi, it-tbatija hija l-prova tal-imħabba vera. Mother Teresa kienet tħobb tgħid: *"Love until it hurts!"* Ma jistax jaqbiżli l-eżempju modern ta' Santa Giovanna Beretta Molla, tabiba minn Milan. Din it-

tabiba għażlet li ma tiħux kura għall-kanċer li kellha biex it-tarbija li kellha fil-ġuf titwieled f'saħħitha u tgħix. It-tobba sħabha qalulha: "Ma tistgħux tgħixu t-tnejn: jew int jew it-tarbija!" U naqralkom ix-xhieda tagħha: "Irrid naqdi d-dmir tiegħi ta' omm. Inġedded lill-Mulej l-offerta tal-ħajja tiegħi. Jekk ikollkom tiddeċiedu bejn il-ħajja tiegħi u l-ħajja tat-tarbija, toqogħdux taħsbuha: agħżlu, u dil-ħaġa neżiġiha, il-ħajja tat-tarbija. Salvaw it-tarbija."

**8. L-imħabba vera u matura tissielet biex tkun imħabba safja.** Għaliex għedt "tissielet"? Użajt il-kelma "tissielet" għaliex illum il-ġurnata, biex ġuvni u tfajla jħobbu lil xulxin b'mod safi sakemm jaslu biex b'responsabiltà jagħtu lilhom infushom kompletament lil xulxin dak inhar li jiżżewġu, iridu jeħduha kontra kurrent qawwi ta' edoniżmu li ħakem id-dinja taż-żgħażagħ kif ukoll id-dinja tal-adulti. Insemmi pereżempju l-pornografija li daħlet fil-meżżi ta' komunikazzjoni soċjali kollha: rivisti, *films, television, videos, internet*... Il-problema tal-pornografija tixbah ħafna lill-problema tad-droga. It-tnejn jesplojtjaw id-dgħufija tal-bniedem, it-tnejn ifissru profitti kbar għal min imexxihom, it-tnejn diffiċli tikkontrollahom u teqridhom, it-tnejn idaħħluh f'*addiction*... Forsi nistgħu nwaħħlu f'dil-pornografija li l-koabitazzjoni, is-sess qabel iż-żwieġ, it-taħlit adulteru, il-mentalità divorzista... saru ħwejjeġ komuni u aċċettabbli minn diversi... L-għajta hi: "Illum mhux kulħadd hekk jagħmel?!" Però kif għedt fit-tieni meditazzjoni: il-kmandamenti t'Alla għadhom għaxra u ma nistgħux nilagħbu magħhom. Il-ħarsien tas-sitt kmandament fost in-namrati, l-għarajjes u l-miżżewġin tagħna huwa garanzija ta' familji mibnijin fis-sod, allura ta' soċjetà f'saħħitha.

Jgħidilna San Pawl fl-ewwel ittra tiegħu lit-Tessalonkin: "Dan irid Alla minnkom: il-qdusija tagħkom, li titbiegħdu miż-żina u li kull wieħed minnkom iżomm il-ġisem fil-qdusija u l-ġieħ, u ma jħallix il-passjoni tegħlbu bħall-pagani li ma jagħrfux lil Alla... Alla ma sejħilniex biex ngħixu fiż-żina, imma fil-qdusija..." *(4, 3.4.7)*

Fl-aħħar nett, ngħid li l-imħabba mhijiex emozzjoni, mhijiex simpatija, mhijiex attrazzjoni tal-ġisem, mhijiex stint, mhijiex attività sesswali... imma deċiżjoni kuraġġjuża u responsabbli li tinsa ħafna lilek innifsek biex tingħata lill-oħrajn, jew lill-*partner* tiegħek. Kien għoġobni ħafna ħsieb qasir minn ittra li Mons Isqof Ġużeppi Mercieca kien bagħat liż-żgħażagħ fl-1992, għadha tgħodd anki għalikom. Kien qal liż-żgħażagħ: "Nixtieq inħeġġiġkom minn qalbi biex ikollkom il-kuraġġ tħobbu bis-serjetà. Tħobbux bil-biċċiet. Meta tinbet il-ġibda tal-imħabba bejn żagħżugħ u żagħżugħa, qalb il-Mulej tifraħ. Dawk is-sentimenti li nħossu għal xulxin huma rifless ċkejken ta' dak li Alla jħoss għal kull wieħed u waħda minn uliedu..."

Nispiċċa bl-esperjenza ta' Marica, tfajla Maltija. "Il-ġuvni li kelli qabel ħallieni, għax peress li xtaqt nibqa' verġni sa jum iż-żwieġ tagħna, deherlu li jiena se nkun mara mingħajr emozzjonijiet. Iltqajt ma' ġuvni ieħor li fehmni u ddeċidejna, it-tnejn li aħna, li ngħixu l-għerusija tagħna, inħobbu lil xulxin b'mod safi. Konna niddjalogaw flimkien, nitkellmu fuq ħafna affarijiet, fost l-oħrajn, l-ippjanar tal-familja tagħna. Sibna għajnuna kbira fit-talb, fil-qari tal-Kelma t'Alla u fi ħbiberija ma' saċerdot li konna u għadna nistħajluh pont bejnna u bejn Alla. Illum miżżewġin u qegħdin nistennew l-ewwel tarbija tagħna."

# 5. <u>Il-ħames meditazzjoni</u>: Imsejħin biex inkunu qaddisin!

**Esperjenza:** Fis-26 ta' Mejju 1996, l-Arċisqof ta' Torin, dak iż-żmien, il-Kardinal Giovanni Saldarini, fetaħ il-kawża ta' beatifikazzjoni ta' Maria Orsola Bussone, tfajla Taljana minn Vallo Torinese li mietet ħesrem fl-għomor ta' ħmistax-il sena u disa' xhur.

Min kienet Maria Orsola? Maria Orsola kienet tfajla intelliġenti, riflessiva, dinamika, impenjata u ġeneruża ma' kulħadd. Ħafna mill-ħin tagħha kienet tgħaddih l-iskola, imma wara l-iskola kienet issib żmien għal kollox: l-oratorju kien it-tieni dar tagħha. Kienet tħobb l-isports, il-mużika, il-baħar, il-*campings* fil-muntanja... l-hena tagħha kien torganizza attivitajiet għat-tfal u għal żgħażagħ bħalha. Kien Lulju tas-sena 1970, waqt camping ħdejn il-baħar. Lejla minnhom kienet qiegħda tixxotta x-xagħar b'*hair dryer* difettuż, ħadet *shock* qawwi u mietet tal-kolp. Kienet għadha kif għamlet siegħa ddoqq il-kitarra u tferraħ lit-tfal bil-kant tagħha. Kienet qiegħda tipprepara biex tmur tieħu sehem fil-quddiesa. Ħa naqralkom xi siltiet mid-djarju tagħha:

"Irnexxieli nifhem li fil-ħajja, Alla biss jiswa tassew, Alla biss jista' jagħmilni ferħana, għalhekk iddeċidejt li nagħżlu qabel kollox u qabel kulħadd... Irrid nuża tajjeb il-libertà li għandi, biex ma nsirx skjava tal-egoiżmu tiegħi... Irrid ngħin u nara lil Ġesù fl-oħrajn, speċjalment f'dawk li qegħdin ibatu... Jeħtieġ nagħmel apostolat ma' Maria u ma' Enrica, għandhom bżonn l-għajnuna tiegħi. Imbagħad lill-oħrajn kollha, speċjalment liż-żgħażagħ, irrid ngħaddilhom lil Alla... Nipprova nilbes sabiħ u nkun sabiħa biex nogħġob lilU! Grazzi, Mulej, tal-ħajja sabiħa li tajtni. Ngħidlek "grazzi" tal-ferħ u tan-niket, grazzi dejjem u ta' kollox..."

Illum il-kawża tal-beatifikazzjoni tagħha hi magħluqa fuq livell djoċesan, u għaddiet Ruma biex tiġi valutata mill-Kongregazzjoni tal-Qaddisin. Illum, l-aħħar ġurnata ta' dawn l-eżerċizzi se nitkellmu fuq is-**sejħa ta' kull wieħed u kull waħda minna għall-qdusija**.

**1. Illum nitkellmu mis-sejħa universali għall-qdusija.** Din mhix espressjoni tiegħi, imma tal-Konċilju Vatikan II. Fil-*Lumen Ġentium* (digriet dwar il-Knisja), il-Konċilju jgħidilna li lid-dixxipli tiegħu, kienet x'kienet il-kondizzjoni tagħhom, Ġesù ipprietkalhom il-qdusija: "Kunu perfetti bħalma hu perfett Missierkom li hu fis-smewwiet." *(ara n. 40)* Nitkellmu minn "qdusija universali" għax il-qdusija mhijiex xi privileġġ ta' ftit, imma hija possibbli u tista' tintlaħaq minn kulħadd. San Franġisk de Sales, li għex bejn is-sena 1567 u s-sena 1622, kien diġà kiteb u qal: "Jiżbalja min irid iwarrab il-ħajja spiritwali mill-armati tas-suldati, mill-ħwienet tal-ħaddiema, mis-swali tal-kbarat u mid-djar tal-miżżewġin..." Fil-Ktieb tal-Levitiku, Alla jgħdilna: "Għandkom tkunu qaddisin, għax qaddis jien, il-Mulej Alla tagħkom." *(19, 2)* U fl-ewwel ittra tiegħu, San Pietru jgħid lill-insara tiegħu, allura lilna wkoll: "Tgħixux skont il-ġibdiet ta' qabel, meta kontu għadkom tgħixu fl-injoranza tagħkom; iżda bħalma qaddis hu dak li sejħilkom, kunu intom ukoll qaddisin fl-imġiba kollha tagħkom. *(1, 14.15)* Reċentement, Papa Benedettu XVI, fi żjara li għamel f'Sulmona, l-Italja, qal: "Il-qdusija qatt ma titlef is-seħer tagħha li jiġbidna, qatt ma tisfuma u tintesa, qatt ma ssir *"out of fashion"*; għall-kuntrarju, iktar ma jgħaddi ż-żmien, iktar jinħass il-bżonn tagħha u tiddi b'mod qawwi, għax tesprimi l-isforz dejjiemi tal-bniedem li jsir jixbah lil Alla." Monsinjur Angelo Comastri, isqof Taljan, jgħid: "Spiss nisimgħu li l-affarijiet sejrin ħażin, li għandna bżonn liġijiet aħjar, miżuri iktar iebsa, interventi immedjati u ta' malajr... Però tafu x'għandna bżonn? Għandna bżonn ta' iktar qaddisin!"

**2. Il-possbiltà li nkunu żgħażagħ qaddisin.** Forsi tistaqsuni: "Possibbli ħajja ta' qdusija għalina ż-żgħażagħ li qegħdin ngħixu llum, fil-bidu tat-tielet millenju?" Jekk il-ħajja bijoloġika, relazzjonali u soċjali tagħna ġieli jsejħulha a *struggle for survival*, daqstant ieħor hija *a struggle for survival* il-mixja spiritwali tagħna li bdejna nterrqu dak inhar tal-

magħmudija tagħna. Però risposta għad-diffikultà tagħkom m'iniex se nagħtihielkom jien, imma se nisraqha minn fomm il-Papa Ġwanni Pawlu II (dalwaqt ikun ibbeatifikat) li f'messaġġ li bagħat liż-żgħażagħ tas-sena 2000, sintendi għadu jgħodd għalikom ukoll, qalilhom: "Għeżież żgħażagħ, ħa jkollkom ambizzjoni qaddisa li tkunu qaddisin, kif qaddis Huwa Alla!" U jkompli: "Żgħażagħ tal-kontinenti kollha, tibżgħux tkunu qaddisin tal-millennju l-ġdid." Nerġa' ntenni d-diffikultà tagħkom dwar possibilità ta' ħajja qaddisa fid-dinja tal-lum. Il-Papa, li fis-sena 2000 għamel dil-proposta ta' qdusija, ammetieha din id-diffikultà tagħkom... Infatti għadni nisimgħu jgħid f'Tor Vergata: "Diffiċli għaż-żgħażagħ li jgħixu l-virtù tas-safa, diffiċli għall-miżżewġin li jgħixu l-fedeltà taż-żwieġ, diffiċli għall-ħbieb li jkunu leali lejn xulxin, diffiċli għall-persuni kkonsagrati li jipperseveraw fl-għotja tagħhom infushom lil Alla fil-qadi lil Alla u fil-qadi tal-proxxmu tagħhom, diffiċli nkunu solidali ma' xulxin f'dinja li teżalta l-loġika tal-profitt, diffiċli nibqgħu naħdmu għal-liberta u għal-paċi meta nosservaw tant jasar u tant ġlied madwarna..." Imma ovvjament, il-Papa ma waqafx hemm. Kompla: "Iva, diffiċli... imma bl-għajnuna tal-grazzja kollox possibbli... F'dawn id-dmirijiet tagħkom... fil-ġlieda tagħkom kontra d-dnub m' intomx weħidkom... magħkom hemm il-familji li fihom trabbejtu, il-komunitajiet insara tagħkom, is-saċerdoti u l-edukaturi tagħkom..."

**3. X'ried jifhem il-Papa meta qal: "imma bl-għajnuna tal-grazzja kollox possibbli"?** Il-grazzja mhix għajr il-preżenza tal-Mulej miegħi jiena u miexi jew miexja għal għonq it-triq tal-ħajja. Fil-Ktieb tas-Salmi għandna deskrizzjoni tal-allat foloz ta' dak iż-żmien: forsi kienu statwi tal-injam, tal-ġebel, tal-irħam, jew tal-bronż... Għalihom, is-salmista jgħid "għandhom ir-riġlejn u ma jimxux," *(ara 115, 7)* għax allat mejtin. Imma Alla tagħna huwa differenti, anzi bil-kontra: m'għandux riġlejn u jimxi xorta waħda. Mexa fl-istorja tal-bniedem sa mill-ewwel mument tagħha u għadu jimxi fl-istorja ta' kull wieħed u waħda minna. Jekk naqra l-istorja ta' ħajti b'daqsxejn fidi forsi għandi mnejn nintebaħ li ħafna mill-ġrajjiet li għaddejt minnhom ma kinux inzertaturi u kumbinazzjonijiet, imma providenza u pjanijiet t'Alla. Corrie Ten Boom, mara Luterana ta' fidi kbira, irnexxielha teħles mill-kamp ta' konċentrament ta' *Ravensbruck* u daret id-dinja kollha tipprietka l-imħabba u l-maħfra tal-għedewwa, titkellem mill-eżempju ta' biċċa rakkmu li Alla qed jaħdem ma' kull wieħed u waħda minna. Tgħid Corrie Ten Boom: "Alla qed jaħdem biċċa rakkmu ma' kull wieħed u kull waħda minna. Il-ħajt jagħżlu Hu. Daqqa jagħżel ħajt abjad, daqqa jagħżel ħajt aħmar, daqqa jagħżel ħajt tad-deheb... daqqa jagħżel ħajt iswed u waħdu l-ħajt iswed huwa ikrah. Iżjed. Għalissa, dil-biċċa rakkmu Alla qed jaraha minn fuq, ħajta wara ħajta, armonjuża, u jien qed naraha minn taħt: tgerfix, għoqod, kollox imħawwad. Għad jiġi zmien meta Alla jurihielna minn fuq u jgħidilna: ara kemm hi sabiħa, ara x'irnexxielna nagħmlu jien u int flimkien."

Dan Alla li jimxi magħna bil-grazzja tiegħu Huwa Alla konkret, konkret f'Ibnu, li kif rajna fl-ewwel meditazzjoni, tlaħħam, sar wieħed minna u terraq fl-inħawi kollha tal-Palestina jagħmel il-ġid. Dan Ġesù qam mill-mewt u bħala xhieda tal-mixja tiegħu magħna llum u sal-aħħar taż-żminijiet, se nfakkarkom fil-ġrajja taż-żewġ dixxipli ta' Għemmaws, li wara t-traġedja tal-Kalvarju kienu sejrin lura minn Ġerusalemm lejn ir-raħal tagħhom. Lil dawn iż-żewġ dixxipli nistgħu niddeskrivuhom bħala nies imdejqin, iddiżappuntati, beżgħana, qalbhom maqtugħa... u jgħidilna San Luqa: "Ġesù nnifsu resaq lejhom u baqa' miexi magħhom... *(24, 13)* Wieħed minn dawn iż-żewġt irġiel kien jismu Kleofa, l-ieħor huwa anonimu, mingħajr isem, biex jirrappreżenta lili u lilek. Fuq inizjattiva tiegħu, Ġesù jersaq lejna biex jimxi magħna, u "jimxi magħna" tfisser iġibna f'tagħna, idawwalna, jinkuraġġina, jgħinna nerfgħu s-slaleb tal-ħajja... forsi nistgħu ngħidu wkoll "jerfagħna"!

Skont id-diskors tal-Papa, Ġesù jieħu forma aktar konkreta fil-ġenituri tagħna li tant iridulna ġid, fis-saċerdoti li jmexxuna u fl-edukaturi tagħna. Fil-ktieb tiegħu "Don u Misteru. Fil-Ħamsin Sena mis-Saċerdozju tiegħi", il-Papa jgħid li bħala żagħżugħ, il-formazzjoni spiritwali tiegħu ħadha minn għand ċertu Jan Tyranowski, ħajjat sempliċi, imma bniedem

ta' spiritwalità profonda. *(Don u Misteru. Fil-Ħamsin Sena tas-saċerdozju tiegħi, 1996, p7)* Fil-ħin li baqgħalna se nsemmu xi mezzi ta' qdusija, diġà semmejna s-**sagrament tal-penietenza** u l-**isfida tal-imħabba**. Issa se nsemmu xi mezzi oħra.

**4. Il-qari u s-smigħ regolari tal-Kelma t'Alla.** Jekk ftit ilu għedtilkom li s-salmista jiddeskrivi l-allat foloz ta' żmienu bħala allat "li għandhom ir-riġlejn u ma jimxux," issa jiddeskrivihom fl-istess salm, li "għandhom il-fomm u ma jitkellmux." (115, 5) Dażgur għax huma allat fantasija tal-bnedmin, allat maħdumin mill-bnedmin, allat mingħajr ħajja. Imma dan ma nistgħux ngħiduh għal Alla tagħna. Alla tagħna jeżisti tassew, Ħaj, kapaċi jitkellem, anzi kapaċi jitkellem ħafna. Ħa nħallu fil-ġenb kliem Alla dwar il-kelma tiegħu stess fit-Testment il-Qadim u niġu għat-Testment il-Ġdid. Nibdew b'Ġesù. F'waħda mill-parabboli li rrakkuntalna Huwa jxebbah lill-Missier li jitkellem ma' dak il-bidwi li ħareġ jiżra' ż-żerriegħa li kellu. Żeragħha b'mod abbundanti, tant li kien hemm minnha li waqgħet fil-mogħdija, kien hemm minnha li waqgħet fuq il-blat, kien hemm minnha li waqgħet qalb ix-xewk kien hemm minnha li waqgħet f'art tajba u għamlet kotra ta' frott. Fit-Testment il-Ġdid, din il-kelma t'Alla ħarġet prinċipalment minn fomm Ġesù... Jgħidilna l-Awtur tal-Ittra lil-Lhud: "Fl-imgħoddi, Alla kellem lil missirijietna ħafna drabi u b'ħafna modi. Issa f'dan l-aħħar żmien, huwa kellimna permezz ta' Ibnu..." *(1, 1.2)* "Dil-kelma t'Alla," ikompli jgħidilna l-awtur tal-Ittra lil-Lhud: "hija ħajja u qawwija, taqta' aktar minn xabla b'żewġt ixfar; hija tinfed minn xulxin ir-ruħ u l-ispirtu, il-ġogi u l-mudullun; u tgħarbel il-ħsibijiet u l-fehmiet tal-qalb." *(4, 12)*

Għalhekk dil-Kelma agħti kasha, ħalliha tinżel fil-fond ta' qalbek, għax għandha mnejn kapaċi tagħġnek, tibnik, tedukak... għandha mnejn ddawwallek triqatek, tħarrek minn postok, tibdlek, tikkonvertik..

Ħekk ġralu Fr John Bertolucci, saċerdot Amerikan, f'laqgħa ta' talb li għamel ma' xi kariżmatiċi. Ma kienx saċerdot ħażin, anzi kien jipprova jaqdi l-ministeru tiegħu mill-aħjar li seta'..."Però dik il-lejla mort lura d-dar kemmxejn tard... Qbadt Bibbja u bdejt naqra l-kitbtet ta' San Pawl... Dak li qabel kien għalija qari akkademiku, issa nbidel f'gost u f'avventura sabiħa. Niftakar dak inhar, il-Bibbja ma ridtx nitlaqha minn idejja. Kull kelma li bdejt naqra kont naraha tieħu l-ħajja u ssir reali għalija daqskemm kienet reali għal Pietru, Pawlu, Barnaba, Timotju... mijiet ta'snin ilu. L-esperjenza ta' dak il-lejl kienet biss il-bidu ta' storja ta'mħabba mal-Kelma t'Alla fl-Iskrittura... kelma ħajja għal ħajti. Jien u naqra dil-kelma miktuba, Alla beda jkellimni personalment... Kont skoprejt l-aqwa u l-isbaħ teżor!" *(On Fire with the Spirit. My Personal story, p 13)*

Importanti li dil-kelma t'Alla mhux nisimgħuha biss, imma nippruvaw ngħixuha u nipprattikawha. Fl-Ittra tiegħu, San Ġakbu jgħidilna: "Kunu intom li jagħmlu l-kelma u mhux tisimgħuha biss, għax hekk tkunu qegħdin tqarrqu bikom inuskom," *(1, 23)* Mark Twain, kittieb amerikan kien iħobb jgħid: "ċerti nies jinkwetaw ruħhom għax xi siltiet mill-Iskrittura ma jifhmuhomx... jien ninkwieta meta nifhimhom, għax jgħabbuni b'ċerta responsabilta'.

**5. It-talb bħala t-tweġiba tagħna lil Alla li jkellimna.** Ftit tas-snin ilu, fil-Kanada, xi 700 żagħżugħ u tfajla ltaqgħu f'*camping area* kbira biex jgħaddu *weekend* flimkien. Matul dan il-*weekend*, iż-żgħażagħ kellhom jinqasmu f'diversi gruppi, f'diversi *workshops*, u jiddiskutu suġġetti differenti. Fost l-oħrajn, kien hemm *workshop* fuq il-problema tad-droga, *workshop* ieħor kien fuq il-ħbiberija, kien hemm ieħor dwar ir-relazzjoni taż-żgħażagħ mal-ġenituri tagħhom, *workshop* ieħor kien dwar il-ħajja sesswali taż-żgħażagħ... Kien hemm imbagħad, *workshop* ieħor dwar ir-relazzjoni ma'Alla u dwar it-talb. Huma u jipprogrammaw dan il-*weekend*, l-organizzaturi kienu konvinti li l-*workshop* l-aktar dgħajjef, l-inqas frekwentat, kien se jkun propju il-*workshop* dwar Alla u dwar it-talb. Però kontra kull aspettattiva, dan l-aħħar *workshop* kien l-aktar wieħed li kellu suċċess. Attendew għalih numru kbir ta' żgħażagħ u f'diversi ħinijiet, is-saċerdot li mexxa dan il-*group*, irnexxielu jgħin lil dawn iż-żgħażagħ jitolbu, kemm bħala individwi, kif ukoll bħala *group*. Iktar tard,

dan is-saċerdot stqarr: "Iż-żgħażagħ xebgħu jisimgħu u jiddiskutu fuq ċerti *issues*, bħal droga, sess, relazzjonijiet... Iż-żgħażagħ għandhom ħafna ġuħ għal Alla. Jalla jsibu leaders mimlijin bl-ispirtu ta' Ġesù li jtaffulhom dan il-ġuħ!" Dan jikkonferma dak li jgħidilna l-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika fil-bidu tiegħu: "Ix-xewqa t'Alla hija mnaqqxa f'qalb il-bniedem, għax il-bniedem inħalaq minn Alla u għal Alla..." *(n. 27)*

X'inhu t-talb? It-talb hu mument li fih nidħol fil-preżenza t'Alla u nitkellem miegħu bħalma ħafna drabi nitkellem ma' missieri, ma' ommi, ma' xi ħabiba jew ħabiba tal-qalb, mal-*partner* tiegħi. Għedt "nitkellem miegħu". Mela ma jfissirx li ngħid jien biss, imma wkoll nisma' lilU jitkellem. Għalhekk waħda mid-definizzjonijiet tat-talb tista' tkun: "it-tweġiba tiegħi lil Alla li jkellimni." Hawnhekk irrid nagħmel enfasi fuq l-importanza tas-**skiet**, għax għandu jkellimni Alla waqt it-talb, dan jagħmlu minn taħt l-ilsien. Fid-diskors tal-Muntanja, Ġesù jgħidli: "Meta titlob, idħol fil-kamra tiegħek ta' ġewwa, agħlaq il-bieb warajk, u itlob lil Missierek li hu fil-moħbi..." *(Mattew 6, 6)* Verament b'din is-sentenza, Ġesù qed jgħidli: "Titlobx għal għajnejn in-nies," imma dil-kamra ta' ġewwa nistgħu nqisuha bħala l-kamra tas-silenzju intern. Niftakar Papa Pawlu VI kien għamel kumment fuq dil-kamra ta' ġewwa. Qal: "Aħna l-moderni, ħriġna minn dil-kamra ta' ġew, sakkarna l-bieb warajna u tlifna ċ-ċavetta, bħallikieku ma nistgħux nerġgħu nidħlu fiha!" Ejjew f'dinja storbjuża, mgħaġġla, ibbumbardjata kontinwament mill-mezzi ta' komunikazzjoni soċjali... nerġgħu nsibu din l-imbierka ċavetta tal-kamra ta'ġewwa. F'din il-ħaġa ma nistgħux ma nsemmux u ma nimitawx lill-Madonna li għaliha, l-evanġelista Luqa jgħidilna: "Min-naħa tagħha, Marija baqgħet tgħożż f'qalbha dawn il-ħwejjeġ kollha u taħseb fuqhom bejnha u bejn ruħha." *(2, 19.51)*

Kif titlob? Michael Ramsey jagħti din id-definizzjoni: "Meta tistagħġeb quddiem Alla, tkun qed tadurah, meta tħossok grat lejh, tkun qed troddlu ħajr, meta tħossok tistħi quddiemu tkun qed tindem u titolbu maħfra, meta minn qalbek tressaq quddiemu l-bżonnijiet tiegħek u tal-oħrajn tkun qed tinterċedi għalik u għalihom."

**6. Is-sehem tagħna fl-Ewkaristija, speċjalment dik tal-Ħadd.** Kien il-Ħadd, 20 ta' Lulju 1969. Permezz tal-Vettura spazjali Apollo 11, iż-żewġ astronawti Neil Armstrong u Edwin Aldrin rifsu għall-ewwel darba fuq il-qamar. Damu 22 siegħa turisti fuq il-qamar. X'għamlu matul dawn it-22 siegħa? Għamlu diversi esperimenti xjentifiċi, esploraw il-post fejn niżlu... Imma dan interessanti: billi kien il-Ħadd, Edwin Aldrin xtaq jagħmel xi ħaġa **tixbah ħafna lill-quddiesa tagħna**. Ipprepara biċċa ħobż żgħira, sawwab ftit inbid ġo tazza, qara silta mill-vangelu ta' San Ġwann, kiel dik il-biċċa ħobż, xorob dak l-inbid... imbagħad talab għal ftit mumenti. Tammirah lil Edwin Aldrin, li għax inzerta kien il-Ħadd, spiritwalizza b'dal-mod dil-ġrajja kbira tax-xjenza u tal-istorja. Uriena li l-bniedem huwa kbir mhux biss għax kapaċi jagħmel *computer* u jħaddmu, il-bniedem huwa kbir mhux biss għax kapaċi jagħmel vettura spazjali u joħrog 'il barra mid-dinja biex jasal sa fuq il-qamar, il-bniedem huwa kbir mhux biss għax kontinwament jiskopri u jivvinta ħwejjeġ ġodda... imma fuq kollox għax jemmen f'Alla li ħalqu, kapaċi jinżel għarkobbtejh quddiemu u jiddjaloga miegħU. Ħa ngħidha mod ieħor: il-bniedem huwa fl-aqwa tiegħu meta jħoss il-ġuħ t'Alla u jara x'jagħmel biex itaffi dan il-ġuħ. U hawnhekk se nitkellmu ftit fuq s-sehem tagħna fil-Quddiesa, speċjalment f'dik tal-Ħadd.

Naħseb innutajtu. Meta kont qed nirrakkuntalkom din il-ġrajja storika, m'għedtilkomx "Edwin Aldrin għamel quddiesa", imma "għamel xi ħaġa tixbah ħafna lill-quddiesa tagħna". Dażgur għaliex biex tiġi ċċelebrata l-Ewkaristija, jrid ikollok saċerdot kattoliku ordnat minn isqof kattoliku. Kif Ġesù ddispona li jkun saċerdot li f'ismu jaħfer il-ħtijiet tagħna, hekk ukoll iddispona li l-Ewkarisitja, jiġifieri l-bidla tal-ħobż u l-inbid fil-Ġisem u d-Demm tiegħu, issir minn saċerdot.

Meta bdiet il-quddiesa? Il-quddiesa bdiet fiċ-ċenaklu, fl-aħħar ikla li Ġesù għamel mal-appostli tiegħu qabel ma bata. Ġesù qabad il-ħobż, radd il-ħajr, qasmu tah lid-dixxipli tiegħu, u qal: "Ħudu u kulu lkoll minn dan, għax dan huwa ġismi li jingħata għalikom." Imbagħad ħa l-kalċi, reġa' radd il-ħajr, tah lid-dixxipli, u qal: "Ħudu u ixorbu minnu lkoll, għax dan huwa l-kalċi ta' demmi... id-demm li jixxerred għalikom u għall-bnedmin kollha għall-maħfra tad-dnubiet." B'dawn il-kelmiet li qal fuq il-ħobż u l-inbid, il-ħobż u l-inbid ma baqgħux ħobż u nbid, iżda saru l-ġisem u d-demm tiegħu. S'hawnhekk waqqaf is-sagrament tal-Ewkaristija. Però meta jaf li dalwaqt jgħaddi minn din id-dinja għal għand il-Missier, min se jkompli jiċċelebra l-Ewkaristija matul iz-zmenijiet? U allura jkompli jgħid lill-appostli: "Agħmlu dan b' tifkira tiegħi." *(ara Luqa 21, 14-20)* U hawnhekk waqqaf is-sagrament tal-ordni sagri, is-sagrament li bih jiġu ordnati s-saċerdoti. Mela żewġ sagramenti marbutin flimkien. Ma kienx ikollna l-Ewkaristija kieku ma kellniex l-ordni sagri. Fatt żgħir: Tgħid Mother Teresa "Ftaħna dar fil-Yemen, pajjiż Musulman. Tlabna li jkun jista' jidħol saċerdot kattoliku wkoll. Meta wasal is-saċerdot, waslu miegħu wkoll l-altar, it-tabernaklu u Gesù."

X'inhi l-quddiesa? Qabelxejn, il-quddiesa hija t-tiġdid tas-Sagrifiċċju tal-Kalvarju. Hekk kif is-saċerdot jgħid "dan hu ġismi li jingħata għalikom" fuq il-ħobż u "dan huwa l-kalċi ta' demmi li jixxerred għalikom", fuq l-inbid, immedjatament iseħħ mill-ġdid is-sagrifiċċju ta' Ġesù għall-fidwa tal-bnedmin kollha. Nagħmel enfasi fuq il-kelmiet: "iseħħ mill-ġdid". Biex inkun aktar ċar... il-quddiesa mhijiex id-dramm tal-passjoni, imma realment il-passjoni ta' Ġesù ħaj. Ma nisimgħux għajat, ma narawx tislib, ma narawx demm... Għalhekk "dan hu l-misterju tal-fidi". It-tieni nett: Il-quddiesa hija l-ikla tal-kelma t'Alla. Fil-fatt, biex nippreparaw ruħna għal dak li ftit ilu semmejtu bħala t-tiġdid tas-sagrifiċċju tal-Kalvarju, nisimgħu xi qari mill-Iskrittura, kemm mit-Testment il-Qadim kif ukoll mit-Testment il-Ġdid. Kif diġa għedna, il-kelma t'Alla twissina, tikkoreġina, ssaħħaħna, tibnina, tfarraġna. It-tielet nett: il-quddiesa hija l-ikla li fiha nieklu u nixorbu l-Ġisem u d-Demm ta' Ġesù. Fil-Vanġelu ta' San Ġwann, Ġesù jgħidilna: "Ġismi huwa tassew ikel u demmi hu xorb tassew. Min jiekol ġismi u jixrob demmi jibqa' fija u jiena fih." Anki dan huwa misteru tal-fidi. Jien niekol biċċa ħobż żgħira u nkun qed niekol lil Ġesù ħaj bil-ġisem, bid-demm, bir-ruħ u bid-divinità! Għalhekk inħeġġiġkom biex jekk tkunu fil-grazzja t'Alla, b'diżpożizzjonijiet xierqa u sajmin għal siegħa, tersqu titqarbnu. Dan huwa ikel li jirresponsabilizzana u jqawwina biex inkunu nsara veri meta noħorġu barra mill-bieb tal-knisja u nidħlu fil-ħajja ta' kuljum.

Għalina, insara kattoliċi, il-preżenza ta' Ġesù ħaj tibqa' wkoll fl-ispeċi tal-ħobż ikkonsagrat anki wara l-Quddiesa. Gesù fil-Quddiesa u wara l-Quddiesa fit-tabernaklu jew espost għall-adorazzjoni tagħna, mhuwiex xi ħaġa, imma Xi Ħadd, mhuwiex oġġett, imma Persuna Ħajja, allura Xi Ħadd li jafek li jħobbok, li jisimgħek, li jkellmek, li jfarrġek…Ġwanni Pawlu II jistqarr : "Dak Kristu li fil-Galilija kien jipprietka, kien iterraq, kien jitma' u kien ifejjaq, huwa l-istess Kristu li għandna hawn fil-knisja…Kemm drabi għamilt din l-esperjenza u ksibt qawwa, konsolazzjoni u għajnuna ! "

**9) Il-qima vera lejn Marija, Omm Alla u Omm tagħna l-bnedmin.** Din il-qima ma tikkonssistix f'ċapċip fieragħ quddiem statwa tal-ġibs, sabiħa kemm hi sabiħa u indurata kemm hi indurata! Ma tikkonxixtix biss fil-purċissjoni popolari wara d-Duluri... Imma fuq kollox li nżommu lil Marija bħala Preżenza Ħajja, miexja magħna għal għonq it-triq, u li nistgħu nitkellmu magħha kull xħin irridu. L-ikbar qima, imbagħad lejn il-Madonna hija dik li nipprattikaw il-Vanġelu ta' Binha Ġesù. Qaltilhom lill-qaddejja fit-tieġ ta' Kana, kif tgħid lilna wkoll: "Agħmlu dak li jgħidilkom hu," u sar il-miraklu ta' nbid ġdid u tajjeb. Nispiċċa b'fatt veru. Titu Brandsma kien Patri Karmelitan li fl-aħħar ġwerra dinjija spiċċa maqtul fil-kamp ta' konċentrament ta' Dachau. Kien fis-26 ta' Lulju 1942... waħda *nurse* resqet lejh biex tagħtih *injection* ta' velenu. Patri Titu offrielha l-kuruna tar-rużarju, kienet magħmula minn żibeġ tal-injam. Qalilha: "Ħu din il-kuruna, u użaha biex titlob!" In-*nurse* weġbitu: "M'għandix x'nambiha dik il-kuruna. Jien ma nafx nitlob. Patri Titu kompla jgħidilha:

"Almenu, irrepeti: itlob għalina midinbin." Dawn kienu l-aħħar kelmiet ta' Patri Titu. Illum din-*nurse* tistqarr li hija nisranija u tgħid li kkonvertiet minħabba dil-kuruna li taha Patri Brandsma.

# *IT-TIELET TAQSIMA: SUSSIDJI LITURĠIKO-PASTORALI*

## 7. L-ATT PENITENZJALI WAQT IL-QUDDIESA

Enzo Bianchi
*(adattament mid-daħla tiegħu fil-ktieb "Eucaristia e Parola. Testi per le celebrazioni eucaristiche Anno A. Comunità di Bose 2010.*

L-għarfien tad-dnub u t-talba ta' maħfra lill-Mulej mhumiex sempliċement elementi kostitutivi taċ-ċelebrazzjoni ewkaristika, imma huma wkoll kundizzjoni essenzjali sabiex l-azzjoni tal-grazzja tkun togħġob lil Alla. Fid-*Didakè* naqraw: "Fil-Jum tal-Mulej, meta tkunu ltqajtu flimkien, aqsmu l-ħobż u roddu ħajr wara li tkunu stqarrejtu ħtijietkom biex l-offerta tagħkom tkun safja" (*Didakè* 14,2; ara SC 248.192-193). Dan il-prinċipju hu ta' oriġini biblika, għaliex l-istqarrijiet tan-nuqqas ta' fedeltà min-naħa ta' Iżrael kienet kundizzjoni neċessarja biex jiġi ċċelebrat il-patt ma' Alla (ara Neħ 1,5-11).

Il-*Missal Ruman* jindika erba' forom possibbli li bihom jista' jsir l-att penitenzjali: il-*Confiteor* (*Nistqarr 'l Alla...*), il-*Miserere nobis* (djalogu meħud mis-Salmi: *Ħenn għalina, Mulej...*), il-formuli msejħa *Tropi* (il-formuli *Mulej/Kristu ħniena* li jistgħu jitkantaw u li normalment qabilhom tingħad invokazzjoni indirizzata lil Kristu l-Mulej), u t-traxxix bl-ilma mbierek fiż-żmien tal-Għid (OĠMR 51-52).

L-*invokazzjonijiet penitenjali* (It-*Tropi*) min-natura tagħhom jistgħu jvarjaw u b'mod opportun ikunu ispirati mill-qari bibliku tal-ġurnata jew miż-żmien liturġiku. Ir-rabta tal-invokazzjonijiet mal-qari bibliku tal-ġurnata mxandar fil-liturġija, speċjalment mal-vanġelu, barra li joħloq unità fiċ-ċelebrazzjoni jgħin lill-fidili jqiegħdu l-ħajja tagħhom fid-dell tal-Kelma t'Alla li tixxandrilhom: Kelma li tikxef in-nuqqas ta' fedeltà u ssejjaħ għall-konverżjoni: dan joħloq rabta bejn *is-smigħ tal-Kelma u l-konverżjoni tal-qalb*.

Minħabba din ir-rabta diversi studjużi jħossu li l-post propju tal-att penitenzjali mhux fil-bidu taċ-ċelebrazzjoni imma wara x-xandir tal-Kelma t'Alla, li, wara li tismagħha, l-assemblea liturġika titwassal biex tagħraf in-nuqqas ta' fedeltà u l-ħtieġa tal-konverżjoni. Dan il-proċess insibuh fl-Atti tal-Appostli, meta l-predikazzjoni ta' Pietru li jwettaq il-Kelma tal-Iskrittura (l-AT – ara At 2,14-36) twassal għall-indiema tal-qalb ta' dawk li qed jisimgħuh u t-talba li jagħmlilhom Pietru biex jindmu (ara At 2,37-38). Wieħed irid jiftakar li, difatti, fl-istorja tal-liturġija Rumana insibu okkażjonijiet fejn it-talba tal-maħfra qiegħda wara l-liturġija tal-Kelma, bħal per eżempju fl-*Ordo lateranense* u fil-*Pontificale* ta' Guliermu Durando, dokumenti li jixhdu prassi liturġika li għadha sseħħ fis-seklu XIII.

Minħabba li ħafna Nsara jersqu ftit lejn is-sagrament tal-Penitenza u minħabba l-fatt li ċ-ċelebrazzjoni ta' dan is-sagrament iltaqgħet ma' diversi diffikultajiet fl-aħħar għexieren ta' snin, l-att penitenzjali fil-bidu tal-quddiesa jikseb valur spiritwali importanti ferm għall-fidili. Wieħed jista' jgħid li għal ħafna Nsara dan hu l-uniku att penitenzjali liturġiku li permezz tiegħu huma jistgħu jistqarru l-ħtija tagħhom quddiem il-Mulej u f'għaqda mal-komunità ekkleżjali. Minħabba f'hekk, wieħed irid jagħmel minn kollox sabiex kemm in-Nisrani b'mod personali kif ukoll l-assemblea liturġika jagħrfu u jgħixu t-tħejjija penitenzjali bħala esperjenza qawwija u mument veru ta' invokazzjoni tal-ħniena ta' Alla. B'hekk, l-att penitenzjali jipparteċipa mis-sagramentalità tal-Qrar mingħajr ma nistgħu nqisuh sagrament f'sens sħiħ.

L-att penitenzjali jassumi tifsira għal kollox partikolari fiż-żmien tar-Randan, żmien ta' penitenza, ta' konverżjoni u ta' ritorn mill-ġdid lejn il-Mulej. Fil-Ħdud tar-Randan l-invokazzjoni tal-maħfra tista' tieħu tifsira partikulari permezz ta' formulazzjoni aktar twila, li tista' ssir peress li ma tingħadx il-*Glorja*. Wara li ssir l-introduzzjoni għall-att penitenzjali, l-assemblea liturġika kollha, inkluż il-presbiteru li jippresiedi, jduru jħarsu lejn is-Salib li jitqiegħed f'post ċentrali u prominenti, u joqogħdu fis-skiet għal xi mumenti, imbagħad ilkoll ibaxxu rashom b'mod solenni quddiem is-salib u jkantaw il-*Kyrie eleison*.

Fl-aħħar nett, skont użu li daħal sa miż-żmien medjevali, f'ċirkustanzi partikulari (bħal, per eżempju, fil-Ħadd tas-solennità tat-Trinità) il-formula tal-invokazzjonijiet tista' ssir b'riferiment għat-Tliet Persuni tat-Trinità.

# 8. ĊELEBRAZZJONI PENITENZJALI

Dun Giovanni Curmi

***"Illum f'din id-dar daħlet is-salvazzjoni!"***

## Ambjentazzjoni

- Fil-post fejn issir iċ-ċelebrazzjoni jitħejja kurċifiss imdaqqas b'xemgħa tixgħel u ward. Fl-istess post titqiegħed siġra ġo qasrija. Din tirrappreżenta s-siġra li fuqha tela' Żakkew biex jara lil Ġesù. Jitħejja wkoll kontenitur bl-ilma, u reċipjent żgħir għat-tisqija. Fi tmiem ir-rit tar-rikonċiljazzjoni, dawk li jieħdu sehem se jagħmlu ġest simboliku marbut mas-siġra.

## 1) Riti tal-Bidu

Animatur:
*Il-Mulej Ġesù, il-ħabib tal-pubblikani u l-midinbin, kuljum jgħaddi mit-toroq tagħna u jħabbat fuq il-bibien tad-djar tagħna. Hu jixtieq iħabbrilna l-imħabba kollha ħlewwa u kollha ħniena tal-Missier, li bagħat lil Ibnu fid-dinja mhux biex jagħmel ħaqq minnha, imma biex bih hi ssalva (ara Ġw 3,16-17).*

*F'din iċ-ċelebrazzjoni penitenzjali ejjew flimkien inħossuna miġbura d-dar, b'Ġesù fostna li jistedinna għall-indiema u jaqsam magħna l-maħfra tiegħu. Lilna wkoll Ġesù jtenni l-kelmiet: illum lil din id-dar daħlet is-salvazzjoni.*

## Kant

## Tislima miċ-Ċelebrant

Ċel: Fl-isem tal-Missier u tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu.
Ġem: **Ammen.**
Ċel: Il-Mulej Ġesu, ħabib tal-pubblikani u joqgħod fuq il-mejda għall-ikel mal-midinbin, ikun magħkom ilkoll.
Ġem: **U miegħek ukoll.**

## Eżortazzjoni

Ċel: Ġesù ma staħax jagħmilha mal-midinbin. Ma kkundannahomx, imma sejħilhom għall-indiema u tahom il-maħfra. Il-ħarsa kollha mħabba tiegħu għandha l-qawwa li anke llum tirbaħ fuq id-dnub tagħna. Bil-ministeru sagramentali tagħha, il-Knisja tkompli twĠemal din il-ħarsa ta' Ġesù lil kull min jidneb. Il-prezz tal-fidwa tagħna kien id-demm tiegħu mxerred fuq is-salib. Ejjew nerfgħu għajnejna lejn il-Mulej, bil-kustat tiegħu dejjem miftuħ, u nistħajluh iħares lejn u jistedinna, kif għamel darba lil Żakkew, biex ninżlu minn fuq is-siġra u nilqgħuh fid-dar tagħna, ħalli nagħmlu esperjenza tal-imħabba u tal-maħfra tiegħu.

## Talba

Ċel: Nitolbu.
Alla Missier,
int għallimtna nimxu warajk,
u rfajtna fuq dirgħajk.
Ġbidtna lejk b'rabtiet ta' mħabba,
u kont għalina bħal min jerfa' tarbija ma' ħaddejh.
u tmajtna l-imħabba ta' qalbek. (ara Ħos 11,3-4)
Imma aħna dgħajfin
u spiss naqgħu fid-dnub.
Negħjew inżommu l-kelma li nagħtuk.
Erġa' tenni l-għeġubijiet ta' mħabbtek,
u agħtina mill-ġdid il-maħfra tiegħek.
Dan nitolbuh bi Kristu Sidna,
li fil-qalb miftuħa tiegħu
nilmħu t-teżori ta' mħabbtek għalina.

Ġem: **Ammen.**

## 2) LITURĠIJA TAL-KELMA

Animatur:
*Il-Mulej hu preżenti u jitkellem magħna fil-Kotba mqaddsa. Fl-ewwel qari, meħud mill-ktieb tal-Levitiku, ser nisimgħu r-rakkont taċ-ċelebrazzjoni Lhudija tal-maħfra, dik li tissejjaħ* Yom Kippur*, il-Jum tal-Maħfra. Din kienet issir darba fis-sena u kienet festa għall-poplu Lhudi, għax permezz tagħha kien iħoss li Alla tah il-maħfra tiegħu.*

*Permezz tal-kliem tas-Salm, li naqraw b'mod alternat mal-lettur, aħna nwieġbu flimkien għall-Kelma ta' Alla billi ntennulu x-xewqa tagħna li nirċievu l-maħfra tiegħu, kif ser nagħmlu matul din iċ-ċelebrazzjoni.*

*Fil-Vanġelu li se jixxandrilna, se nisimgħu l-aħbar it-tajba li Ġesù ma jitbiegħedx minna meta nkunu fid-dnub, imma jersaq lejna, jidħol fi djarna u jiekol magħna biex jerġa' jagħtina l-ħajja tar-ruħ.*

## Qari (Lev 16, 1-34)

Lettur: Qari mill-ktieb tal-Levitiku

[1]Il-Mulej kellem lil Mosè wara l-mewt taż-żewg ulied ta' Aron, li kienu mietu huma u
resqin lejn il-Mulej. [2]U l-Mulej qal lil Mosè: "Għid lil ħuk Aron, li mhux f'kull waqt u żmien
jista' jidħol fis-santwarju 'l ġewwa mill-velu quddiem l-għatu tal-arka, inkella jmut; għax jien
nidher fi sħaba fuq l-għatu. [3]U meta Aron jidħol fis-santwarju jagħmel hekk: joffri għoġol
b'purifikazzjoni u muntun f'sagrifiċċju tal-ħruq; [4]jilbes tonka mqaddsa tal-għażel, u qalziet
minn taħt fuq il-laħam, terħa tal-għażel ma' ġenbejh, u turbant tal-għażel fuq rasu; lbies
imqaddes li jilbsu wara li jkun inħasel fl-ilma. [5]U jieħu mingħand il-ġemgħa ta' wlied Iżrael
żewġ bdabad għas-sagrifiċċju tal-purifikazzjoni, u muntun għas-sagrifiċċju tal-ħruq.
[6]"U Aron iressaq l-għoġol tiegħu għall-purifikazzjoni, u jagħmel l-espjazzjoni għalih
stess u għal daru. [7]Mbagħad jieħu ż-żewg bdabad u jġibhom quddiem il-Mulej fil-bieb tat-
tinda tal-laqgħa, [8]u jitfa' x-xorti fuq iż-żewg bdabad, waħda għall-Mulej u l-oħra għal
Għażażel. [9]U Aron imbagħad joffri l-bodbod li fuqu titla' x-xorti għall-Mulej, u joffrih
b'sagrifiċċju ta' purifikazzjoni. [10]U l-bodbod għas-sagrifiċċju tal-ħruq, li tkun telgħetlu x-xorti

għal Għażażel, iżżommuh ħaj u jġibuh quddiem il-Mulej, biex jagħmlu l-espjazzjoni fuqu, u mbagħad jitilqu għal għand Għażażel fid-deżert.

[11]"U mbagħad Aron joffri l-għoġol tiegħu għall-purifikazzjoni u jagħmel l-espjazzjoni għalih u għal daru; u joqtol l-għoġol għall-purifikazzjoni tiegħu stess [12]u mbagħad jieħu minn fuq l-artal iċ-ċensier mimli bil-ġamar jaqbad minn quddiem il-Mulej, u żewġ qabdiet ta' id inċens ifuħ, mfarrak trab, u jidħol bih 'l hemm mill-velu. [13]U jixħet l-inċens ifuħ fin-nar quddiem il-Mulej biex sħaba tgħatti l-għatu ta' fuq l-arka tax-xhieda miktuba, biex ma jmutx. [14]U mbagħad jieħu mid-demm tal-għoġol, u jroxx b'sebgħu fuq l-għatu minn quddiem, u jroxx id-demm b'sebgħu seba' darbiet quddiem l-għatu.

[15]"Mbagħad joqtol il-bodbod tal-purifikazzjoni għall-poplu, u jidħol b'demmu 'l ġewwa mill-velu, u jagħmel b'demmu kif għamel bid-demm tal-għoġol, u jroxxu fuq l-għatu u quddiem l-għatu. [16]U hekk inaddaf is-santwarju mit-tinġis ta' wlied Iżrael u mill-ħtijiet ta' kull dnub tagħhom; u jagħmel l-istess lit-tinda tal-laqgħa, li tinsab f'nofshom, f'nofs it-tinġis tagħhom. [17]Ħadd ma għandu jkun fit-tinda tal-laqgħa minn xħin jidħol il-qassis biex jagħmel l-espjazzjoni sakemm joħroġ; u jagħmel l-espjazzjoni għalih stess, għal daru, u għall-ġemgħa kollha ta' Iżrael. [18]U joħroġ għal ħdejn l-artal li hemm quddiem il-Mulej, u jagħmel l-espjazzjoni għalih, u jieħu minn demm l-għoġol u minn demm il-bodbod, u jqiegħed minnu fuq il-qrun tal-artal dawramejt.

[19]"U jroxx fuqu b'sebgħu mid-demm għal seba' darbiet, u jqaddsu u jnaddfu mit-tingis ta' wlied Iżrael.

[20]"Malli jtemm l-espjazzjoni għas-santwarju, it-tinda tal-laqgħa u l-artal, iressaq il-bodbod ħaj. [21]U jqiegħed Aron idejh it-tnejn fuq ras il-bodbod ħaj, u jistqarr fuqu l-ħażen kollu ta' wlied Iżrael, id-dnubiet kollha tagħhom, u l-ħtijiet kollha tagħhom, u jgħaddihom għal fuq ras il-bodbod, u jitilqu għad-deżert permezz ta' raġel magħżul apposta. [22]U l-bodbod iġorr fuqu l-ħażen kollu f'art imwarrba u r-raġel jitlaq il-bodbod fid-deżert.

[23]"Aron imbagħad jidħol fit-tinda tal-laqgħa u jneħħi minn fuqu l-ilbies tal-għażel li kien liebes meta daħal fis-santwarju u jħallihom hemm. [24]Jinħasel bl-ilma fil-post imqaddes u jilbes ħwejġu, mbagħad joħroġ u joffri s-sagrifiċċju tal-ħruq tiegħu, u s-sagrifiċċju tal-ħruq tal-poplu, u jagħmel l-espjazzjoni għalih stess u għall-poplu. [25]U x-xaħam tal-vittma tal-purifikazzjoni jaħarqu fuq l-artal. [26]U dak li jkun telaq il-bodbod għal għand Għażażel jaħsel ħwejġu, u jinħasel bl-ilma, u mbagħad jidħol fil-kamp. [27]L-għoġol tal-purifikazzjoni u l-bodbod tal-purifikazzjoni, li demmhom kien meħud għall-espjazzjoni fis-santwarju, jeħduhom 'il barra mill-kamp u hemm jaħarqu bin-nar il-ġlud, il-laħam u l-ħmieġ tagħhom; [28]u min jaħraqhom jaħsel ħwejġu, u jinħasel kollu bl-ilma, u mbagħad jidħol fil-kamp.

[29]"Din tkun liġi għalikom għal dejjem: fis-seba' xahar, fl-għaxra tax-xahar, tgħakksu ruħkom u ma tagħmlu ebda xogħol, la n-nies tal-pajjiż u lanqas il-barranin li jkunu jgħammru f'nofskom. [30]Għax f'dan il-jum issir l-espjazzjoni biex titnaddfu minn kull ħtija quddiem il-Mulej.

[31]"Ikun mistrieħ kbir għalikom u tgħakksu ruħkom: liġi għal dejjem.

[32]"L-espjazzjoni jagħmilha l-qassis, li jkun midluk u kkonsagrat biex iservi ta' qassis wara missieru; jilbes l-ilbies tal-għażel, l-ilbies ikkonsagrat, [33]u jagħmel l-espjazzjoni għas-santwarju, u t-tinda tal-laqgħa, u l-artal, u jagħmilha wkoll għall-qassisin u għall-poplu tal-ġemgħa.

[34]"Din tkun ligi għal dejjem għalikom, biex issir l-espjazzjoni għal ulied Iżrael u jitnaddfu minn dnubiethom darba fis-sena."

U Mosè għamel skond ma kien ordnalu l-Mulej.

Il-Kelma tal-Mulej.

Ġem: **Irroddu ħajr lil Alla.**

## Responsorju alternat (Salm 25)

Lettur:
Lejk jien nerfa' ruħi, Mulej, Alla tiegħi.
Fik jien nittama, ma jkollix għax nitħawwad;
ma jifirħux l-għedewwa tiegħi minħabba fija.
Kull min jittama fik ma jkollux għax jitħawwad;
jitħawwad min malajr jonqsok mill-kelma.

Ġemgħa:
**Triqatek, Mulej, għarrafni,**
**il-mogħdijiet tiegħek għallimni.**
**Mexxini fis-sewwa tiegħek u għallimni,**
**għax int Alla tas-salvazzjoni tiegħi.**
**Għalik nixxennaq il-jum kollu.**

Lettur:
Ftakar fil-ħniena u t-tjieba tiegħek,
għax huma minn dejjem, Mulej.
Tiftakarx fil-ħtijiet u d-dnubiet ta' żgħożiti:
inti tajjeb, Mulej;
ftakar fija skond it-tjieba tiegħek.

Ġemgħa:
**Tajjeb u sewwa l-Mulej;**
**għalhekk juri triqtu lill-ħatja.**
**Imexxi l-imsejkna fis-sewwa,**
**jgħallem lill-fqajrin it-triq tiegħu.**

Lettur:
Il-mogħdijiet tal-Mulej kollhom tjieba u fedeltà
għal min iħares il-patt u l-liġijiet tiegħu.
Minħabba l-isem tiegħek, Mulej,
aħfirli ħżuniti, kbira kemm hi kbira.

Ġemgħa:
**Min hu dak li għandu l-biża' tal-Mulej?**
**Lilu hu juri t-triq li għandu jagħżel.**
**Fil-ġid hu jgħammar, uliedu jiksbu l-art.**

Lettur:
Midħla l-Mulej ta' dawk li jibżgħu minnu,
lilhom jgħarraf il-patt tiegħu.
Għajnejja dejjem fil-Mulej,
għax hu mix-xbiek jaqlagħli riġlejja.

Ġemgħa:
**Dur lejja u kun twajjeb miegħi,**
**għax jiena fqajjar u waħdi.**
**Serraħli qalbi mid-dwejjaq,**
**min-niket tiegħi eħlisni.**

Lettur:
Ara n-niket u d-diqa tiegħi,
u aħfirli ħtijieti kollha.
Ara kemm kotru l-għedewwa tiegħi,
x'mibegħda qawwija għandhom għalija.

Ġemgħa:
**Ħarisli ħajti u eħlisni;**
**la nistkenn fik, m'għandix għax ninfixel.**
**Is-sewwa u d-dritt iħarsuni,**
**għax jien fik ittamajt.**

## Akklamazzjoni: Kant: Glorja u tifħir lilek, Kristu

## Vanġelu (Lq 19,1-10)

Ċel: Il-Mulej magħkom.
Ġem: **U miegħek ukoll.**
Ċel: Qari mill-Evanġelju skont San Luqa.
Ġem: **Glorja lilek, Mulej.**

Ċel:
F'dak iż-żmien:
[1]Ġesù daħal Ġeriko u kien għaddej mit-triq. [2]Mela jkun hemm raġel, jismu Żakkew; dan
kien wieħed mill-kapijiet tal-pubblikani, u kien għani. [3]Kellu xewqa li jara min kien Ġesù,
imma ma setax minħabba l-folla, billi kien raġel qasir. [4]Għalhekk mar jiġri 'l quddiem u
xxabbat ma' siġra tat-tin selvaġġ, għax minn dik in-naħa kien se jgħaddi. [5]Ġesù, kif wasal
hemm, ħares 'il fuq u qallu: "Żakkew, isa, inżel minn hemm, għax illum jeħtieġli noqgħod
għandek." [6]Dak niżel bla telf ta' żmien, u kollu ferħan laqgħu għandu. [7]In-nies, meta rawh,
lkoll bdew igemgmu bejniethom u jgħidu li għand wieħed midneb daħal jistrieħ. [8]Imma
Żakkew, wieqaf, qal lill-Mulej: "Ara, Mulej, nofs ġidi se nagħtih lill-foqra, u jekk jien qarraqt
b'xi ħadd inroddlu għal erba' darbiet iżjed." [9]Qallu Ġesù: "F'din id-dar illum daħlet is-
salvazzjoni, għax dan ir-raġel ukoll huwa bin Abraham. [10]Għax Bin il-bniedem ġie jfittex u
jsalva l-mitluf."

Il-Kelma tal-Mulej.
Ġem: **Tifħir lilek, Kristu.**

- Isir mument qasir ta' skiet.

## Riflessjoni taċ-ċelebrant

## 3) Rit tar-Rikonċiljazzjoni

Animatur:
*Se nagħtu bidu għar-rit tar-Rikonċiljazzjoni, li fih niċċelebraw is-Sagrament tal-Maħfra. Il-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika jgħallimna li l-għemejjel tal-penitent jinġabru fi tlieta: is-sogħba jew l-indiema, l-istqarrija tal-ħtijiet u t-tpattija jew it-tewba.*

*L-eżami tal-kuxjenza jgħinna naħsbu fuq liema huma l-ħtijiet tagħna biex tagħhom nitolbu maħfra mingħand is-saċerdot. Flimkien insejħu lil Alla l-Missier biex iġedded fina l-grazzja tal-indiema. Imbagħad, dawk fostna li jħossu l-ħtieġa, jersqu għand saċerdot biex jistqarru ħtijiethom. Nagħmlu att ta' umiltà, u nitolbu lil Alla jnissel f'qalbna l-indiema tan-nuqqasijiet tagħna u x-xewqa ta' ħajja aktar qaddisa.*

## Eżami tal-kuxjenza

Lettur:
"Tkellem, Mulej, għax il-qaddej tiegħek qiegħed jisma'. Inti għandek il-kliem tal-ħajja ta' dejjem." (ara 1 Sam 3,10; Ġw 6,68)

- *Kemm nagħti spazju lil Alla biex jitkellem miegħi u jien nitkellem miegħu? U l-ħin li nagħtih, ta' liema kwalità jkun? Bil-għaġġla? Fuq żaqqi? Moħħi f'elf ħaġa oħra?*

Lettur:
"Jien hu l-Mulej, Alla tiegħek. Ma jkollokx allat oħra għajri." (ara Eż 20,2.3)

- *Fil-mumenti fejn irrid nagħżel ħwejjeġ importanti, min ikun is-sid ta' qalbi? Meta niġi f'kunflitt bejn it-tajjeb u l-ħażin, wara min se nimxi?*

Lettur:
"Fejn hu ħuk Abel? X'għamilt? Leħen id-demm ta' ħuk qiegħed jgħajjat mill-art." (ara Ġen 4,9.10)

- *Kif ninsab fir-relazzjonijiet mal-proxxmu tiegħi? Għandi xi ħtija ta' xi tort jew inġustizzja li għadni ma rranġajtx? Ma rridx nagħti l-maħfra... anke jekk il-qalb tiegħi għadha tuġgħani għal xi offiża li rċevejt?*

Lettur:
"Ħa jkun id-diskors tagħkom, 'Iva, iva', 'Le, le'; kull ma hu iżjed minn hekk ikun ġej mill-Ħażin." (Mt 5,7)

- *Fil-fond ta' qalbi, fejn ma jista' jarani ħadd, hemm xi nuqqas ta' sinċerità? ta' onestà? Hemm xi ħtija li nipprova niġġustifika?*

## Skiet għar-riflessjoni personali

## Kant

## Stqarrija tal-ħtijiet

Ċel: Ħenn għalina, Mulej.
Ġem: **Għax dnibna kontra tiegħek.**
Ċel: Uri lilna, Mulej, it-tjieba tiegħek.
Ġem: **U s-salvazzjoni tiegħek agħtina.**

## Talba ta' maħfra

Ġesù tiegħi,
quddiemek jiena nqiegħed dnubieti kollha.
Ma jistħoqqlix maħfra,
imma nitolbok tagħlaq għajnejk
għan-nuqqas ta' merti tiegħi
u tiftaħhom għall-merti infiniti tiegħek.

Ladarba int għażilt li tmut għal dnubieti,
agħtini l-maħfra ta' ħtijieti kollha.
Hekk ma nħossx aktar il-piż ta' dnubieti,
piż li ma niflaħx inġorru.

Kun miegħi, o Ġesù,
għax jien nixtieq insir aħjar,
ikun xi jkun il-prezz li rrid inħallas.
Neħħi minni, eqred,

aqla' mill-għeruq
dak kollu li ssib fija
li ma jaqbilx mar-rieda qaddisa tiegħek.

Fl-istess ħin, o Ġesù, dawwalni
biex inkun nista' nimxi fid-dija tad-dawl qaddis tiegħek.

*(Santa Ġemma Galgani)*

## Kant tal-Missierna

## Qrar u Assoluzzjoni Individwali

- *Matul il-qrar tinżamm atmosfera ta' skiet biex tgħin fit-talb u r-riflessjoni personali. Jista' jkun hemm mumenti ta' talb b'leħen kiebi, jew* background music *baxxa.*

## Eżortazzjoni wara l-qrar u għoti tal-paċi

Ċel: Għeżież, permezz tal-qrar, il-Mulej għadu jagħmel magħna ħwejjeġ kbar. Kull darba li aħna nimxu ''l quddiem fit-triq tal-qdusija, insaħħu l-għaqda ta' bejnietna u ngħinu fil-qdusija ta' xulxin.

Ejjew, mela, b'sinjal ta' din ir-rabta ta' fidi u mħabba li tgħaqqadna flimkien, nagħtu l-paċi lil xulxin.

## Ġest

Animatur:
*Kif innutajtu, f'dan il-post fejn iċċelebrajna l-maħfra għandna qasrija b'siġra. Din is-siġra riedet tirrappreżenta s-siġra li fuqha tela' Żakkew biex jara lil Ġesù. Żakkew niżel minn fuq is-siġra, iżda qalbu u daru mtlew bil-barka ta' Kristu.*

*B'sinjal tal-grazzja tal-maħfra li rċevejna minn Alla permezz tas-sagrament tar-Rikonċiljazzjoni, ejjew nitfgħu ftit ilma fil-qasrija – l-ilma hu l-ħajja – , u niftakru li fil-Vanġelu l-ilma hu sinjal tal-Ispirtu s-Santu li Kristu jsawwab fina kull darba li jagħtina l-grazzja tiegħu. Il-ġest sempliċi tagħna jsaħħaħ fina x-xewqa biex l-Ispirtu t'Alla jibqa' fina.*

## Salm ta' radd il-ħajr (Salm 136,1-9)

Il-parteċipanti jinqasmu f'żewġ gruppi:

Grupp 1: Roddu ħajr lill-Mulej, għax hu tajjeb,
Grupp 2: għax għal dejjem it-tjieba tiegħu.

Grupp 1: Roddu ħajr lil Alla fuq l-allat,
Grupp 2: għax għal dejjem it-tjieba tiegħu.

Grupp 1: Roddu ħajr lis-Sid tas-sidien,
Grupp 2: għax għal dejjem it-tjieba tiegħu.

Grupp 1: Hu waħdu għamel għeġubijiet kbar,
Grupp 2: għax għal dejjem it-tjieba tiegħu.

Grupp 1: Hu li għamel is-smewwiet bil-ħsieb,

Grupp 2: għax għal dejjem it-tjieba tiegħu.

Grupp 1: Li firex l-art fuq l-ilmijiet,
Grupp 2: għax għal dejjem it-tjieba tiegħu.

Grupp 1: Li għamel id-dawl il-kbar,
Grupp 2: għax għal dejjem it-tjieba tiegħu.

Grupp 1: Għamel ix-xemx biex taħkem fuq il-jum,
Grupp 2: għax għal dejjem it-tjieba tiegħu.

Grupp 1: Il-qamar u l-kwiekeb biex jaħkmu fuq il-lejl,
Grupp 2: għax għal dejjem it-tjieba tiegħu.

Grupp 1: Glorja lill-Missier u lill-Iben u lill-Ispirtu s-Santu.
Grupp 2: Kif kien mill-bidu, issa u dejjem, u jibqa' għal dejjem ta' dejjem. Ammen.

- *Bħala radd il-ħajr jista' jitkanta innu.*

## 4) Riti tal-Għeluq

### Talba

Ċel: Nitolbu.
Missier qaddis,
mis-siġra tas-Salib li fuqha tela' Ibnek
waslitilna l-maħfra u s-salvazzjoni.
Kompli fina u wassal sat-tmiem
l-opra tal-fidwa li int wettaqt illum
u agħtina l-ferħ u l-hena tal-qalb,
fina u fid-djar tagħna.
Bi Kristu Sidna.

Ġem: **Ammen.**

### Barka

Ċel: Il-Mulej Ġesù, li dewwaqna l-ferħ tad-dar tiegħu fejn tgħammar il-maħfra, ikun magħkom ilkoll.
Ġem: **U miegħek ukoll.**
Ċel: Iberikkom Alla li jista' kollox: † il-Missier u † l-Iben u † l-Ispirtu s-Santu.
Ġem: **Ammen.**
Ċel: Morru fil-paċi ta' Kristu mħabbra f'Betlehem lill-bnedmin ta' rieda tajba.
Ġem: **Irroddu ħajr lil Alla.**

### Kant

# 9. SKEMI TA' ADORAZZJONI EWKARISTIKA

Dun Geoffrey G. Attard

## Temi

1. Adorazzjoni għall-Ħamis tal-ewwel ġimgħa tar-Randan

*Tema: "L-ISPIRTU ĦA LIL ĠESÙ FID-DEŻERT": Id-dgħufija spiritwali u d-dnub*

2. Adorazzjoni għall-Ħamis tat-tieni ġimgħa tar-Randan

*Tema: "TELLAGĦHOM FUQ MUNTANJA GĦOLJA": Is-sejħa għall-qdusija*

3. Adorazzjoni għall-Ħamis tat-tielet ġimgħa tar-Randan

*Tema: "BILQIEGĦDA ĦDEJN IL-BIR": Fil-preżenza ta' Ġesù*

4. Adorazzjoni għall-Ħamis tar-raba' ġimgħa tar-Randan

*Tema: "INĦASEL U ĠIE JARA": L-imħabba li tfejjaq*

5. Adorazzjoni għall-Ħamis tal-ħames ġimgħa tar-Randan

*Tema: "JIENA L-QAWMIEN U L-ĦAJJA": It-tama tal-ħajja bla tmiem*

# 1. Adorazzjoni għall-Ħamis tal-ewwel ġimgħa tar-Randan

**"L-ISPIRTU ĦA LIL ĠESÙ FID-DEŻERT":**
**Id-dgħufija spiritwali u d-dnub**

## 1) Innu u espożizzjoni tas-Sagrament

## 2) Viżta: tislima ta' adorazzjoni

## 3) Talba tal-Bidu

**Saċerdot:**
Missier l-aktar maħbub,
fil-magħmudija tax-xmara Ġordan,
u fil-qawwa erojka li Ġesù wera kontra t-tentazzjonijiet tad-deżert,
kif ukoll fis-servizz l-aktar ogħla tal-imħabba offrut fuq is-Salib,
Inti wrejtna s-sens tal-impenn u tal-fedeltà assoluta .
F'Ġesù Ibnek inti tkompli ssaħħaħ il-patt salvifiku tiegħek magħna
speċjalment meta l-moral tagħna jibda jiddgħajjef.
Agħtina qalb li tisma' sabiex nilqgħu l-Kelma tiegħek bil-fidi
u hekk nissaħħu fl-impenn tagħna ħalli nkunu ħmira ta'
konverżjoni u bidla f'dinja li qed tgħajjat għall-imħabba salvifika tiegħek.
Int li tgħix u ssaltan għal dejjem ta' dejjem. Ammen.

## 4) Preżentazzjoni tat-tema magħżula

**Mill-kibiet ta' Papa Ġwanni Pawlu II**
***(L'Osservatore Romano, 12 ta' Marzu 2003, paġni 1u 11)***

Nhar l-Erbgħa li għadda, bir-rit tat-tqegħid tal-irmied, aħna dħalna fir-Randan Imqaddes, vjaġġ penitenzjali ta' tħejjija għall-Għid, okkażjoni għall-imgħammdin kollha sabiex iġeddu l-ispirtu ta' fidi u jirrinfurzaw l-impenn ta' konsistenza evanġelika.

Kif jissuġerixxi l-Evanġelju tal-ewwel Ħadd tar-Randan, matul l-erbgħin jum tar-Randan, il-fidili kollha huma msejħa sabiex jimxu wara Kristu fid-deżert sabiex jikkonfrontaw u miegħu jiġġieldu lill-ispirtu tal-ħażen . . . .fil-qalba nett tal-qalb ta' kull persuna hemm il-vuċi ta' Alla u tinstema' wkoll il-vuċi tal-Ħażin. Il-vuċi tax-xitan tfittex dejjem li tfixkel lill-persuna umana u tittentah billi tippreżentalu allat foloz. Ix-xitan ifittex li jbegħedna lkoll minn dak kollu li huwa tajjeb sabiex ma nagħmlux ir-rieda ta' Alla f'ħajjitna.

Imma t-talb mimli umiltà u fiduċja f'Alla, imsaħħaħ mis-**sawm**, jippermettilna sabiex nirbħu mqar l-eħrex sfidi u jnibbet fina dak il-kuraġġ li permezz tiegħu niġġieldu l-ħażin. Hekk, ir-Randan isir żmien ta' profitt spiritwali u tħejjija ...

Ejjew insejħu wkoll lill-Verġni Marija sabiex hija tiddiriġina 'l quddiem fl-imħabba u l-ġenerożità matul dan il-vjaġġ esiġenti tar-Randan Imqaddes.

## 5) Xandir tal-Kelma t'Alla (Mt 4,1-11)

## 6) Skiet għall-meditazzjoni personali

## 7) Lectio miċ-ċelebrant fuq il-Kelma

## 8) Eżami tal-kuxjenza

**Saċerdot:**
Permezz tal-erbgħin jum solenni tar-Randan il-Knisja tgħaqqad lilha nfisha ta' kull sena mal-misteru ta' Kristu fid-deżert. Ejjew issa nimxu wara Kristu fid-'deżert' tal-qlub tagħna u nħallu lilna nfusna niddawlu bid-dawl tal-grazzja tiegħu.

1) Nemmnu aħna li l-istaġun tar-Randan huwa sinjal ta' grazzja – sinjal qaddis li jirrendi preżenti l-valur salvifiku ta' Kristu li sam fid-deżert u li ġedded bil-qawwa l-impenn sħiħ tiegħu għall-pjan salvifiku tal-Missier?

2) Magħqudin ma' Kristu, b'liema mod aħna ttentati? B'liema mod aħna noħorġu rebbieħa bil-qawwa fuq it-tentazzjonijiet ħżiena?

3) F'dan l-istaġun tar-Randan, aħna lesti li nerġgħu ngħixu b'intensità akbar id-dinamika tal-Magħmudija li twassal għall-qdusija u l-konverżjoni? Aħna lesti niskopru mill-ġdid u b'mod sħiħ it-tifsira tad-dixxipulat Kristjan, li nisimgħu b'aktar attenzjoni l-Kelma ta' Alla u li nipprattikaw b'mod aktar assidwu l-attijiet tal-penitenza u l-għoti tal-karità?

## 9) Salm Penitenzjali (Salm 130)

Minn qiegħ l-art insejjaħlek, Mulej:
isma', Sidi, il-leħen tiegħi!
Ħa jkunu widnejk miftuħa,
jiena u nitolbok bil-ħniena.
Jekk tal-ħtijiet int tagħti kas, Mulej,
Sidi, min jista' jżomm sħiħ?
Imma għandek hemm il-maħfra,
biex hekk inqimuk fil-biża' tiegħek.
Jien lill-Mulej nistenna,
ruħi f'kelmtu tittama.
Tistenna ruħi lil Sidi,
aktar milli l-għassiesa s-sebħ.
Aktar milli l-għassiesa s-sebħ,
jistenna Iżrael lill-Mulej!
Għax għand il-Mulej hemm it-tjieba,
u l-fidwa għandu bil-kotra.
Hu li jifdi lil Iżrael minn ħtijietu kollha.

## 10) Talba Penitenzjali

**Saċerdot:**
Mulej, uliedek jinsabu quddiemek fl-umiltà u l-fiduċja.
Ħares bil-kompassjoni lejna aħna u nistqarru dnubietna.
Oħroġ idejk sabiex issalvana u qajjimna.
Eħlisna minn kull ħsara
bħala membri tal-Ġisem Imqaddes ta' Kristu Ibnek
għaliex aħna n-nagħaġ tal-merħla tiegħek.
La tħallix li l-għadu jirbaħ fuqna
jew il-mewt teqridna għal dejjem
għaliex int qajjimtna għall-ħajja ġdida fil-magħmudija.
Isma', Mulej, it-talb li noffrulek minn qlub niedma.

Ħarisna llum u dejjem mill-ġerħat tad-dnub.
Jalla dejjem inżommu safi d-don tal-imħabba tiegħek għalina.
Dan nitolbuh bi Kristu Sidna. Ammen.

**11)Skiet għar-riflessjoni personali**

**12)Innu**

**13)Talb ta' interċessjoni**

**Saċerdot:**
Ejjew issa ngħollu qlubna 'l fuq lejn Alla u nitolbuh iħares lejn il-ħtiġijiet u l-intenzjonijiet tagħna.
Għal kull talba nwieġbu ISMAGĦNA, NITOLBUK, MULEJ.

1. Għin il-poplu tiegħek sabiex jesperjenza b'intensità matul l-istaġun tar-Randan il-verità profonda: 'Il-bniedem ma jgħixx biss bil-ħobż imma b'kull kelma li toħroġ minn fomm Alla' (Dewt 8: 3). Jalla ngħixu dejjem aktar permezz tal-Kelma tiegħek u naqsmuha ma' min hu bil-ġuħ. Nitolbu.

2. Eħlisna minn kull dnub tal-preżunzjoni. Jalla dejjem nitgħallmu bl-umiltà l-kelmiet: 'Int qatt m'għandek tittenta lill-Mulej Alla tiegħek' (Dewt 6: 16). Agħmilna strumenti doċli f'idejn il-Kelma tiegħek. Nitolbu.

3. Jalla qatt ma ningħataw għat-tentazzjoni tal-idolatrija ħalli nifhmu l-kelmiet: 'Il-Mulej Alla tiegħek, lilu għandek dejjem tqim u lilu biss taqdi' (Dewt 6: 13). Jalla aħna dejjem ikunu ta' servizz għall-pjan salvifiku tiegħek f'għaqda ma' Ġesù l-Qaddej u Iben tiegħek. Nitolbu.

4. Niftakru wkoll fl-intenzjoni tal-Qdusija Tiegħu l-Papa għal dan ix-xahar: speċjalment nitolbu għall-foqra, għall-morda u għal dawk li huma neqsin mid-dinjità umana. Nitolbu.

**14)Kant tal-Missierna**

**15)Talba**

**Saċerdot:**
Missier ħanin,
Ibnek Ġesù l-Qaddej li fih int issib l-għaxqa tiegħek
għażel li jsir ħaġa waħda mill-midinbin huwa u jsofri
t-tentazzjonijiet tad-deżert.
Immexxi mill-Ispirtu s-Santu fid-deżert huwa rebaħ il-
ġlieda tiegħu kontra x-xitan u sam għal erbgħin jum
u erbgħin lejl.
Irroddulek ħajr għar-rebħa tiegħek fuq it-tentazzjonijiet,
imma speċjalment għar-rebħa kbira tiegħek fuq is-salib.
Permezz tal-grazzja tal-sagrifiċċju tiegħek
ieqaf magħna sabiex nimtlew bil-ferħ aħna u nagħrfu
li Ġesù Kristu rebaħ darba għal dejjem lit-Tentatur
u b'hekk aħna ġejna msejħa biex miegħu nirbħu u nidħlu
fil-glorja. Bi Kristu Sidna. Ammen.

## 16) Innu: Dal-Misteru

## 17) Benedizzjoni Sagramentali

## 18) Innu ta' radd il-ħajr

## 2. Adorazzjoni għall-Ħamis tat-tieni ġimgħa tar-Randan

**"TELLAGĦHOM FUQ MUNTANJA GĦOLJA":**
**Is-sejħa għall-qdusija**

### 1) Innu u espożizzjoni tas-Sagrament

### 2) Viżta: tislima ta' adorazzjoni

### 3) Talba tal-Bidu

**Saċerdot:**
Missier maħbub,
aħna nfaħħruk u rroddulek ħajr
talli tagħtina l-grazzja li nikkontemplaw is-sbuħija ta' Ibnek Ġesù
u d-dija kbira tal-glorja tiegħek.
Fil-glorja trasfigurata tiegħu fuq il-muntanja tar-Rivelazzjoni
aħna nirċievu ħjiel tad-destin meraviljuż tagħna.
Aħna u nipparteċipaw fil-passjoni redentiva tiegħu,
nemmnu li għad ikollna sehem fil-Qawmien glorjuż tiegħu u
li għad nidħlu fil-hena tas-Saltna eterna tal-ġustizzja, sliem u mħabba.
Mulej, Ibnek Ġesù Kristu huwa l-Ħajja li tinżel mill-muntanja l-qaddisa
tat-Tabor sabiex tingħata b'sagrifiċċju fuq il-Kalvarju.
Agħtina li wiċċna jkun dejjem jiddi bid-dawl salvifiku ta' Kristu
u li l-konsagrazzjoni tal-magħmudija tagħna tibqa' dejjem bla mittiefsa.
Dan nitolbuh f'isem Ġesù Kristu,
id-dawl qawwi u ta' dejjem li jiggwida l-lejl ta' ħajjitna,
issa u għal dejjem. Ammen.

### 4) Preżentazzjoni tat-tema magħżula

**Mill-kitbiet ta' San Iljun il-Kbir, Papa**
***(SERMONE 51, 3-4; PL 54, 310-311)***

Fil-preżenza tax-xhieda magħżula l-Mulej jikxef il-glorja tiegħu u jimla b'tant ġmiel u splendur id-dehra korporja li hu jaqsam mal-bqija tal-umanità hekk li wiċċu jiddi bħad-dawl u lbiesu jsir abjad bħas-silġ.

L-iskop ewlieni ta' din it-trasfigurazzjoni kien li jitneħħa l-iskandlu tas-salib mill-qlub tad-dixxipli ta' Kristu. Il-kobor tal-glorja moħbija tiegħu kien rivelat lilhom sabiex il-fidi tagħhom ma titkissirx minħabba l-umiljazzjoni tat-tbatija li hu kien sa jgħaddi minnha.

Hu li kien jaf kollox kien anke qed iqiegħed il-pedAmmenti tat-tama tal-Knisja u jgħallem lill-ġisem kollu ta' Kristu n-natura ta' dik il-bidla li kellha tgħaddi minnha u anke li jgħallem lill-membri tiegħu kif iħarsu lejn sehem fil-glorja li qed tistenniehom. Il-Mulej kien qalilhom dwar dan meta tkellem dwar il-miġja tiegħu fil-glorja: *imbagħad taraw lill-ġusti jiddu bħax-xemx fis-saltna tal-Missier.*

### 5) Xandir tal-Kelma t'Alla (Mt 17,1-9)

### 6) Skiet għall-meditazzjoni personali

### 7) Lectio miċ-ċelebrant fuq il-Kelma

## 8) Eżami tal-kuxjenza

**Saċerdot:**
Mill-mument tat-tentazzjoni fid-deżert, il-vjaġġ spiritwali tagħna tar-Randan imexxina lejn esperjenza mistika u glorjuża tal-muntanja l-ġdida tar-rivelazzjoni fejn il-Mulej Ġesù Kristu huwa trasfigurat. Ejjew ngħixu din il-ġrajja salvifika u nirriflettu fuq l-implikazzjonijiet tagħha.

1) X'inhi t-tifsira tat-trasfigurazzjoni tal-Mulej għalija? Tippermettili li nara l-passjoni tal-Mulej u t-tbatijiet tad-dinja fil-kuntest tal-glorja tal-Għid?

2) Inħares jiena b'ħarsa kontemplattiva u bi spirtu Ewkaristiku l-misteru tat-trasfigurazzjoni tal-Mulej?

3) Kif nista' jien niddi l-ferħ u l-hena ta' Kristu trasfigurat fid-dinja mdallma tal-lum li tant teħtieġ id-dawl u l-hena?

## 9) Salm ta' tifħir (Salm 67)

Iħenn għalina Alla, u jberikna;
idawwar għal fuqna d-dija ta' wiċċu!
Biex jingħarfu fuq l-art triqatek,
fost il-ġnus kollha s-salvazzjoni tiegħek.
Ifaħħruk il-popli, o Alla,
ifaħħruk il-popli kollha.
Jithennew il-ġnus u jgħannu bil-ferħ,
għax trieġi l-popli bis-sewwa,
u l-ġnus fuq l-art inti tmexxihom.
Ifaħħruk il-popli, o Alla,
ifaħħruk il-popli kollha.
L-art tat il-frott tagħha;
iberikna Alla, Alla tagħna!
Iberikna Alla, u tibża' minnu l-art kollha
minn tarf għall-ieħor!

## 10) Skiet għar-riflessjoni personali

## 11) Innu

## 12) Talb ta' maħfra

**Saċerdot:**
Mulej Ġesù, fuq il-muntanja tar-Rivelazzjoni, wiċċek idda aktar mix-xemx u d-dixxipli tbaxxew quddiem il-glorja kbira tiegħek. Talli mhux dejjem weġibna b'mod sħiħ għall-misteru tal-preżenza kbira ta' Alla li tinsab fik, ngħidu: MULEJ, ĦNIENA.
**Assemblea:** Mulej, ħniena.

**Saċerdot:**
Kristu Ġesù, mibdul fuq il-muntanja, inti tatjna ħjiel tad-destin meraviljuż tagħna. Għan-nuqqas ta' viżjoni u falliment li nwettqu r-rieda ta' Alla, ngħidu: KRISTU, ĦNIENA
**Assemblea:** Kristu, ħniena.

**Saċerdot:**

Mulej Ġesù, l-ilbies tiegħek 'abjad bħad-dawl' fuq il-muntanja Tabor tana dehra tal-glorja ta' jum il-Għid. Ta' kemm drabi ma iddejniex bid-dawl salvifiku tiegħek u ma għaddejniex dan id-dawl lil dinja li tant teħtieġu; talli ħammiġna l-ilbies tal-magħmudija tagħna u talli tappanna s-sebħ tad-dehra tiegħek li tinsab fina li aħna wlied Alla: MULEJ, ĦNIENA.
**Assemblea:** Mulej, ħniena.

**13)Kant tal-Missierna**

**14)Talba**

**Saċerdot:**
Mulej tal-ħniena, matul ir-Randan
jalla t-talb tagħna jisfidana sabiex inħobbu u nħaddnu
lil dawk li huma foqra u vulnerabbli.
Jalla s-sawm tagħna wkoll jisfidana
sabiex ngħixu ħajja sempliċi
u nkunu ħarriesa tal-ħolqien ta' madwarna.
Jalla l-għoti tal-karità jwassalna
sabiex nagħtu mill-qalb lil dawk fil-bżonn.
Nitolbuk, Mulej, ispirana u agħtina l-kuraġġ
sabiex inkunu sinjali tal-paċi u l-ġustizzja.
Dan nitolbuk bi Kristu Sidna. Ammen.

**15)Innu: Dal-Misteru**

**16)Benedizzjoni Sagramentali**

**17)Innu ta' radd il-ħajr**

# 3. Adorazzjoni għall-Ħamis tat-tielet ġimgħa tar-Randan

**"BILQIEGĦDA ĦDEJN IL-BIR":**
**Fil-preżenza ta' Ġesù**

## 1) Innu u espożizzjoni tas-Sagrament

## 2) Viżta: tislima ta' adorazzjoni

## 3) Talba tal-Bidu

**Saċerdot:**
O Missier maħbub, sabiex toffrilna l-misteru tal-umiltà tiegħek,
inti tlabt lill-mara Samaritana sabiex tagħtik tixrob.
Inti ma stmerrejtx tixxennaq għall-fidi tagħha
u wassalt id-don tal-fidi biex jitnissel fiha.
Inti u titlobha għall-ilma, inti kebbist fiha n-nar tal-imħabba ta' Alla.
Ħares lejna bi ħniena kbira
sabiex aħna jkollna l-qawwa li negħlbu l-qawwiet tad-dlamijiet tad-dnub.
Jalla aħna nagħtu daharna għall-passjoni qerrieda
u jkollna dejjem l-għatx għalik,
inti li inti l-għajn tal-ħajja u l-bidu ta' kull tjieba.
Aħna rroddulek ħajr, nadurawk u nfaħħruk,
issa u dejjem. Ammen.

## 4) Preżentazzjoni tat-tema magħżula

**Mill-kibiet ta' Dom Columba Marmion**
*(Kristu fil-Misteri Tiegħu, 212-213)*

Ġesù Kristu jgħallem lill-mara Samaritana li s-siegħa waslet anzi issa hi meta l-bnedmin jaduraw lill-Missier fl-ispirtu u fil-verità. Għax il-Missier ifittex lil dawk li jqimuh. Hu jimmanifesta lilu nnifsu lilha bħala l-Messija, rivelazzjoni li hu ma kien għadu għamel lil ħadd, lanqas lill-istess dixxipli tiegħu. Jewwilla mhijiex xi ħaġa kbira li dawn iż-żewġ rivelazzjonijiet kienu l-ewwel magħmula lil kreatura hekk sempliċi u fqajra, li ma kellha ebda intitolAmment ieħor sabiex tkun l-oġġett ta' privileġġ hekk kbir għajr il-ħtieġa tagħha tas-salvazzjoni u ħjiel ċkejken ta' rieda tajba?

Din il-mara terġa' lura ġġustifikata. Hija rċiviet grazzja u fidi. Hija ħalliet il-barmil tal-ilma tagħha u marret fil-belt sabiex tipprietka lill-Messija li ltaqgħet miegħu. L-ewwel azzjoni tagħha hija li tagħmel magħruf id-don ta' Alla kkomunikat lilha b'liberalità hekk kbira.

Huwa għal dan il-għan li Ġesù jiddedika ħajtu. Ir-rieda tal-Missier hija li Ġesù għandu jressaq lejh l-erwieħ li l-Missier irid isalva, li hu għandu jurihom it-triq, u jirrivelalhom il-verità li twassalhom għall-ħajja. Din hija l-ħidma kollha ta' Ġesù!

## 5) Xandir tal-Kelma t'Alla (Ġw 4,5-42)

## 6) Skiet għall-meditazzjoni personali

## 7) Lectio miċ-ċelebrant fuq il-Kelma

## 8) Eżami tal-kuxjenza

**Saċerdot:**
Bħall-mara Samaritana, aħna wkoll imsejħin sabiex intaffu l-għatx tagħna fil-għajn tal-ilma ħaj li ħiereġ mill-qalb ta' Kristu. Fil-laqgħa spiritwali tagħna ma' Ġesù fuq l-għajn tas-salvazzjoni, ħallina nħarsu fil-fond ta' qlubna sabiex naraw lil ħajjitna fid-dawl tal-Kelma qaddisa li tagħti lilha nfisha, li hi Kristu.

1. X'tifsira għandu s-simboliżmu tal-ilma għalija? Il-għajja u l-għatx ta' Kristu kif jaffettwawni personalment? Kif inwieġeb għat-talba tiegħu: Agħtini nixrob?

2. Jiena grat lejn Ġesu għad-don tal-ilma ħaj? Jiena qed ngħix il-magħmudija sagramentali tiegħi bħala 'il-ħasil tar-riġenerazzjoni u t-tiġdid mill-Ispirtu s-Santù?

3. Bħall-mara Samaritana, il-laqgħa tiegħi ma' Ġesù fuq l-għajn tal-ilma ħajja qiegħda tibdilni f'missjunarju tal-Aħbar it-Tajba u persuna li xxandar u ġġorr l-imħabba ta' Alla msawba fi qlubna mis-setgħa tal-Ispirtu s-Santu u permezz tal-offerta sagrifikali ta' Ġesù?

## 9) Salm ta' xewqa għal Alla (Salm 42)

Bħalma għażżiela tixxennaq għan-nixxigħat tal-ilma,
hekk tixxennaq ruħi għalik, o Alla.
Ruħi għatxana għal Alla, għal Alla l-ħaj;
meta niġi u nara wiċċ Alla?
Id-dmugħ lejl u nhar kien l-ikel tiegħi,
meta l-jum kollu kienu jgħiduli: "Fejn hu Alla tiegħek?"
Dan niftakar, u nħoss qalbi tinħall ġewwa fija,
kif kont nimxi lejn it-tabernaklu tas-sebħ sad-dar ta' Alla,
fost għajat ta' ferħ u ta' radd il-ħajr, qalb folla ferħana.
Għaliex tintelaq, ruħ tiegħi, u titħawwad ġewwa fija?
Ittama f'Alla, għax jien nibqa' nfaħħru;
hu l-għajnuna tiegħi u Alla tiegħi!
Tintelaq ruħi ġo fija; għalhekk fik niftakar
minn art il-Ġordan u mill-Ħermon u mill-muntanja ta' Misgħar.
Minn irdum għal irdum jidwu
l-ħsejjes qawwija tal-ilmijiet tiegħek;
il-ħalel u l-imwieġ kollha tiegħek għaddew minn fuqi.
Lejl u nhar il-Mulej jurini l-ħniena tiegħu;
jien ngħanni u nitlob lil Alla l-ħaj.
Ngħid lil Alla, il-blata tiegħi: "Għaliex tlaqtni?
Għax għandi ngħix imdejjaq taħt it-tagħkis tal-għadu?"
Kull meta jgħajruni l-għedewwa tiegħi,
qishom qed ikissruli għadmi;
meta jgħiduli l-ħin kollu: "Fejn hu Alla tiegħek?"
Għaliex tintelaq, ruħ tiegħi, u titħawwad ġewwa fija?
Ittama f'Alla, għax jien nibqa' nfaħħru;
hu l-għajnuna tiegħi u Alla tiegħi!

## 10) Talba Penitenzjali

**Saċerdot:**
O Mulej, Missier l-imħabba u mimli ħniena,
aħna esperjenzajna l-ħniena salvifika tiegħek f' Ibnek Ġesù Kristu,
l-għajn tal-ilma ħaj.
Agħmilna konformi mal-vuċi tiegħu li jlissen kliem ta' sliem u rikonċiljazzjoni.
Għinna sabiex nagħrfuh fil-persuni ta' madwarna li huma fil-bżonn,
li jixtiquk bħalma l-għażżiela tixxennaq għan-nixxigħat tal-ilma.
Mimlijin bl-imħabba divina msawba fi qlubna bl-Ispirtu tiegħek
u mġedda permezz tas-sagrifiċċju paskwali ta' Kristu,
għinna sabiex intaffu mqar ftit mill-għatx li d-dinja tal-lum għandha
għall-ħajja u s-salvazzjoni.
Għinna sabiex aħna lkoll nixorbu mill-għajn ħajja
tal-imħabba qaddisa tiegħek, illum u dejjem. Ammen.

## 11) Skiet għar-riflessjoni personali

## 12) Innu

## 13) Talb ta' interċessjoni

**Saċerdot:**
Ejjew induru lejn il-Missier maħbub tagħna u nippreżentawlu lill-umanità għatxana għalih. Bil-fidi ejjew insejħulu u ngħidu:
*Mulej, isma' t-talba tagħna.*

1. **DINJITÀ TAL-PERSUNA UMANA:** L-umanità saret kollha fuq ix-xbieha ta' Alla. Permezz tal-azzjonijiet tagħna jeħtieġ li nesprimu l-fatt li kull persuna hija prezzjuża u li l-ħajja u l-ġid tal-poplu ta' Alla jiġu l-ewwel u qabel kollox.
   Sabiex l-għatx għad-dinjità umana u l-ġustizzja jkunu sodisfatti, ejjew nitolbu:
   *Mulej, isma' t-talba tagħna.*

2. **KOMUNITÀ U PARTEĊIPAZZJONI:** Il-bnedmin mhumiex biss qaddisa imma wkoll soċjali. Il-mod ta' kif naġixxu u nipparteċipaw fil-familja u l-komunità tagħna, l-azzjonijiet u d-deċiżjonijiet tagħna jaffettwaw lil kull persuna.
   Sabiex l-għatx għal aktar għaqda u sliem ikunu sodisfatti, ejjew nitolbu:
   *Mulej, isma' t-talba tagħna.*

3. **DRITTIJIET U RESPONSABILTAJIET:** Jeħtieġ li nieħdu r-responsabiltà li nipproteġu d-drittijiet tal-bnedmin. Id-drittijiet jinkludu d-dritt għall-ħajja, għall-ikel, għal dar, għall-edukazzjoni, għax-xogħol kif ukoll drittijiet oħra politiċi u kulturali.
   Sabiex l-għatx għal ħarsien akbar tad-drittijiet tal-persuni fil-bżonn u għall-eżerċizzju aktar kuxjenzjuż tar-responsabiltajiet tagħna, ejjew nitolbu:
   *Mulej, isma' t-talba tagħna.*

4. **GĦAŻLA FAVUR IL-FQAR:** Bħala komunità ta' fidi, aħna għandna l-obbligu li ngħinu lil dawk fil-bżonn. L-Evanġelju speċifikAmment isejħilna sabiex nieħdu azzjoni favur dawk il-membri l-aktar batuti tas-soċjetà tagħna.
   Sabiex l-għatx tagħna ħalli nwieġbu b'kumpassjoni għall-għajta tal-foqra, ejjew nitolbu:
   *Mulej, isma' t-talba tagħna.*

5. **DINJITÀ TAX-XOGĦOL U DRITTIJIET GĦALL-ĦADDIEMA:** Il-kapaċità li wieħed jaħdem sabiex jikseb xogħol hija dritt tal-bnedmin kollha. Il-bnedmin ilkoll għandhom dritt li jkollhom paga ġusta, li jorganizzaw lilhom infushom u li jaħdmu f'kundizzjonijiet xierqa u dinjitużi.
   Sabiex l-għatx tagħna għal aktar opportunijiet u ġustizzja għall-ħaddiema jkun sodisfatt, ejjew nitolbu:
   *Mulej, isma' t-talba tagħna.*

6. **SOLIDARJETÀ:** Aħna familja waħda kbira ta' bnedmin minkejja d-differenzi ta' bejnietna. Aħna u nwieġbu għas-sejħa ta' Alla ħalli nħobbu l-proxxmu tagħna u nġibu 'l quddiem kultura ta' rispett u sliem fid-dinja tagħna, aħna nagħmlu r-rieda ta' Alla għalina.
   Sabiex l-għatx tagħna għal solidarjetà akbar u armonija fost il-bnedmin jkun sodisfatt, ejjew nitolbu:
   *Mulej, isma' t-talba tagħna.*

7. **KURA GĦALL-ĦOLQIEN TA' ALLA:** Aħna msejħin sabiex inkunu kustodji ta' dak kollu afdat lilna. Billi nħarsu l-ambjent ta' madwarna, aħna nirrispettaw t-tjubija fin-natura, li hu don mogħti lilna minn Alla.
   Sabiex l-għatx għall-integrità tal-ħolqien maħbub ta' Alla jkun sodisfatt, ejjew nitolbu:
   *Mulej, isma' t-talba tagħna.*

**14) Kant tal-Missierna**

**15) Talba**

**Saċerdot:**
Mulej Alla, Sid tal-ħajja,
meta l-mara Samaritana għarfet min kien Ġesù u emmnet fih,
ħajjitha nbidlet.
Ibnek ikompli jkun għalina għajn ħajja ta' ilma li jġeddidna.
Għinna sabiex nisimgħuh ikellimna fil-ħajja tal-foqra tagħna u
f'dawk li jinsabu fil-bżonn.
Jalla nagħarfu dejjem lil Ibnek fihom
u nimxu magħhom fit-triq tiegħek,
għaliex inti tassew il-Missier maħbub tagħna
illum u għal dejjem ta' dejjem. Ammen.

**16) Innu: Dal-Misteru**

**17) Benedizzjoni Sagramentali**

**18) Innu ta' radd il-ħajr**

# 4. Adorazzjoni għall-Ħamis tar-raba' ġimgħa tar-Randan

**"INĦASEL U ĠIE JARA":**
**L-imħabba li tfejjaq**

## 1) Innu u espożizzjoni tas-Sagrament

## 2) Viżta: tislima ta' adorazzjoni

## 3) Talba tal-Bidu

**Saċerdot:**
Missier Alla li tista' kollox,
aħna nagħmlu sew li rroddulek ħajr permezz ta' Kristu Ġesù.
Hu ġie fostna bħala bniedem
sabiex iwassal lill-bnedmin mid-dlam għad-dawl tal-fidi.
Permezz tal-waqgħa ta' Adam aħna twelidna lsiera tad-dnub,
imma issa bil-magħmudija ta' Kristu
aħna twelidna mill-ġdid bħala l-ulied adottivi tiegħek.
L-art titbewwes mas-sema aħna u nfaħħru u ngħannu l-għanja tal-ħolqien
u nagħtuk il-qima u t-tifħir li jixirqulek.

**Assemblea:**
Qaddis, Qaddis, Qaddis
Mulej Alla tal-eżerċti,
is-smewwiet u l-art mimlija bil-glorja tiegħek
Hosanna fil-għoli tas-smewwiet!
Imbierek min ġej f'isem il-Mulej!
Hosanna fl-għoli tas-smewwiet!

## 4) Preżentazzjoni tat-tema magħżula

### Mill-kliem ta' Oronzo de Orozco

Malli sema' dak li l-Fariżej kienu għamlu lir-raġel li kien agħma, is-Salvatur tagħna fettxu u qallu: *Temmen int fl-Iben t'Alla?* Imma hu qal: *Sidi, min hu ħalli nkun nista' nemmen fih?* Imbagħad Ġesù wieġbu: *Int rajtu u hu qiegħed ikellmek*. Kemm hija ta' min ifaħħarha l-ħniena tal-Mulej Ġesù Kristu! Hu jagħmel lilu nnifsu magħruf lill-mara Samaritana u lir-raġel agħma imma ma jurix il-misteru kbir tiegħu lill-qassisin imkabbra u lill-Fariżej mimlija bir-rabja.

Santu Wisstin jikteb hekk: 'Kristu issa jaħsel wiċċ dan ir-raġel billi jqiegħed il-fidi fil-qalb tiegħu sabiex ikun jista' jfejjaq il-persuna sħiħa f'Jum is-Sibt'. Ir-raġel juri l-apprezzament tiegħu għal barka hekk kbira u jinżel quddiem il-Mulej Ġesù sabiex jagħtih qima. Hekk kif il-Maġi, huma u jinxteħtu quddiemu Ġesu, aduraw lil Kristu hekk kif jinsab fil-maxtura u feħtu t-teżori tagħhom u tawh id-doni li kellhom tifsira mistika u li kienu anke simboli tal-fidi mqaddsa, hekk ukoll dan il-bniedem bl-umiltà kollha jinxteħet quddiem Ġesù u jagħtih qima bħala l-Iben ta' Alla.

Fil-każ tagħna, ejjew ninxteħu f'riġlejn Ġesù u nadurawh u nagħtuh qima sabiex il-grazzja tiegħu ddawwal il-moħħ tagħna u meta l-mewt tersaq lejna, aħna naraw il-glorja tiegħu wiċċ imb'wiċċ, lilu li bħalissa qed narawh biss bħal f'mera. Unur lilu flimkien mal-Missier u mal-Ispirtu s-Santu għal dejjem ta' dejjem. Ammen.

### 5) Xandir tal-Kelma t'Alla (Ġw 9,1-14)

### 6) Skiet għall-meditazzjoni personali

### 7) Lectio miċ-ċelebrant fuq il-Kelma

### 8) Eżami tal-kuxjenza

**Saċerdot:**
Fis-sagrament tal-Magħmudija aħna rċivejna l-Kelma Divina, Ġesù – id-dawl veru li jdawwal tassew. Fih, li hu s-Siloam tassew u l-għajn tad-dawl, aħna ksibna d-dawl u sirna wlied id-Dawl. Ejjew issa nieqfu u bl-għatx spiritwali li kellu r-raġel imwieled agħma, ħalli d-dawl tal-verità ta' Kristu jdawwal il-profonditajiet l-aktar imdallma tal-qlub tagħna.

1. B'liema mod aħna nistgħu nkunu r-Raġel imwieled agħma? Liema huma l-aspetti tan-nuqqas ta' dawl jew għama spiritwali ġewwa fina li qed ifittxu d-dawl ta' Kristu? B'liema mod aħna qed naħdmu ma' Kristu sabiex nagħtu u nferrxu d-dawl?

2. Fl-esperjenzi ta' tbatija u l-mumenti ta' prova jew ta' niket li aħna l-imgħammdin ngħaddu minnhom, x'inhija t-tweġiba konkreta għall-mistoqsija li jagħmel Ġesù: *Temmen inti f'Bin il-Bniedem* (Ġw 9: 36)? Lesti aħna li nagħmlu att totali ta' qima u ngħajtu: '*Jiena nemmen Mulej'* (Ġw 9: 38)?

3. Kif nakkumpanjaw bil-fidi u bl-imħabba dawk il-katekumeni li qed iħejju għaċ-ċelebrazzjoni tas-Sagrament tal-Magħmudija, il-'banju ta' dawl spiritwali'? Aħna għexna tassew u apprezzajna s-sbuħija u l-isfida tagħna bħala mgħammdin Insara?

### 9) Skiet għall-meditazzjoni personali

### 10) Salm ta' maħfra (Salm 25)

Lejk jien nerfa' ruħi, Mulej, Alla tiegħi.
Fik jien nittama, ma jkollix għax nitħawwad;
ma jifirħux l-għedewwa tiegħi minħabba fija.
Kull min jittama fik ma jkollux għax jitħawwad;
jitħawwad min malajr jonqsok mill-kelma.
Triqatek, Mulej, għarrafni, il-mogħdijiet tiegħek għallimni.
Mexxini fis-sewwa tiegħek u għallimni,
għax int Alla tas-salvazzjoni tiegħi.
Għalik nixxennaq il-jum kollu.
Ftakar fil-ħniena u t-tjieba tiegħek,
għax huma minn dejjem, Mulej.
Tiftakarx fil-ħtijiet u d-dnubiet ta' żgħożiti:
inti tajjeb, Mulej; ftakar fija skond it-tjieba tiegħek.
Tajjeb u sewwa l-Mulej; għalhekk juri triqtu lill-ħatja.
Imexxi l-imsejkna fis-sewwa,
jgħallem lill-fqajrin it-triq tiegħu.
Il-mogħdijiet tal-Mulej kollhom tjieba u fedeltà
għal min iħares il-patt u l-liġijiet tiegħu.
Minħabba l-isem tiegħek, Mulej,
aħfirli ħżuniti, kbira kemm hi kbira.
Min hu dak li għandu l-biża' tal-Mulej?
Lilu hu juri t-triq li għandu jagħżel.
Fil-ġid hu jgħammar, uliedu jiksbu l-art.
Midħla l-Mulej ta' dawk li jibżgħu minnu,

lilhom jgħarraf il-patt tiegħu.
Għajnejja dejjem fil-Mulej,
għax hu mix-xbiek jaqlagħli riġlejja.
Dur lejja u kun twajjeb miegħi,
għax jiena fqajjar u waħdi.
Serraħli qalbi mid-dwejjaq, min-niket tiegħi eħlisni.
Ara n-niket u d-diqa tiegħi, u aħfirli ħtijieti kollha.
Ara kemm kotru l-għedewwa tiegħi,
x'mibegħda qawwija għandhom għalija.
Ħarisli ħajti u eħlisni;
la nistkenn fik, m'għandix għax ninfixel.
Is-sewwa u d-dritt iħarsuni, għax jien fik ittamajt.
Eħles, o Alla, lil Iżrael, mid-dwejjaq tiegħu kollha!

**11)Talba Penitenzjali**

**Saċerdot:**
Mulej Ġesù,
inti ftaħt għajnejn il-għomja,
fejjaqt il-morda
u ħfirt lill-mara midinba.
U wara ċ-ċaħda ta' Pietru
int saħħaħtu fl-imħabba tiegħek.
Isma' t-talba tiegħi:
aħfirli dnubieti,
ġedded l-imħabba fil-qalb tiegħi,
għinni sabiex ngħix f'għaqda perfetta ma' ħuti l-Insara,
sabiex inkun nista' nxandar il-qawwa tiegħek li ssalva lid-dinja kollha.
Int li tgħix u ssaltan għal dejjem ta' dejjem. Ammen.

**12)Skiet għar-riflessjoni personali**

**13)Innu**

**14)Talb ta' interċessjoni**

**Saċerdot:**
Ejjew ngħollu qlubna 'l fuq lejn il-Mulej u Missier tagħna u nitolbuh għad-dawl tal-fidi personali u impenjata sabiex permezz tal-ħidmiet tajba tagħna ismu jkun glorifikat. Induru lejh u ngħidulu: MULEJ, ISMA' T-TALBA TAGĦNA.

1. Għall-Knisja: jalla hi tagħti xhieda tal-ħniena u d-dawl ta' Kristu li jfejjaq fid-dinja. Jalla tkun dejjem żerniq ta' tama għal dawk li qed jgħixu fid-dell tad-dlam u l-mewt. *Nitolbu.*

2. Għal dawk li jinsabu reqdin fl-apatija: jalla huma jqumu mit-telqa tagħhom permezz tad-dawl mimli ħajja ta' Kristu u jimtlew biż-żelu apostoliku sabiex iwettqu l-pjan salvifiku ta' Alla. *Nitolbu.*

3. Għal dawk li huma għomja spiritwalment, dawk li jinsabu mifxula fid-dlam tal-iżbalji tagħhom, dawk li qed jgħumu fid-dnub: sabiex huma jiltaqgħu ma' Ġesù l-Messija li jaħsel l-għajnejn dgħajfa tal-qlub tagħhom. *Nitolbu.*

4. Għal din il-komunità Nisranija miġbura fl-imħabba tiegħu: sabiex aħna lkoll ngħixu bħala wlied id-dawl u nipprattikaw tjubija, ġustizzja u verità. *Nitolbu.*

5. Għall-katekumeni li qed jitħejjew biex jirċievu s-sagramenti tal-inizjazzjoni Kristjana: sabiex ikunu dejjem imħarsa mid-dlam tal-qerq u jsiru xhieda qalbiena u ħabbara ta' Kristu, id-dawl tad-dinja. *Nitolbu.*

**15) Kant tal-Missierna**

**16) Talba**

**Saċerdot:**
Mulej Ġesu, dawl tad-dinja,
inti Mulej u Alla tagħna.
Inti l-għadira vera ta' Siloam fejn aħna tgħammidna,
u fejn sirna wlied id-dawl u xhieda vera tad-dawl tassew.
Kompli, nitolbuk, mexxina matul dawn il-ġimgħat ta' penitenza, talb
u ħidmiet oħra ta' karità, aħna u ninsabu mexjin lejn it-triq li twassal għall-Għid tassew.
Nixxef fina l-għeruq tad-dnub u nissel fi qlubna l-grazzja tiegħek
sabiex inħossu fina l-frott tal-fejqan tiegħek u ninżlu nagħtuk qima,
ħalli naqduk għal dejjem fl-imħabba, issa u dejjem. Ammen.

**17) Innu: Dal-Misteru**

**18) Benedizzjoni Sagramentali**

**19) Innu ta' radd il-ħajr**

# 5. Adorazzjoni għall-Ħamis tal-ħames ġimgħa tar-Randan

**"JIENA L-QAWMIEN U L-ĦAJJA":**
**It-tama tal-ħajja bla tmiem**

## 1) Innu u espożizzjoni tas-Sagrament

## 2) Viżta: tislima ta' adorazzjoni

## 3) Talba tal-Bidu

**Saċerdot:**
Missier li tista' kollox,
huwa sewwa u xieraq li rroddulek ħajr
bi Kristu Sidna.
Bħala bniedem bħalna, Ġesù beka għal Lazzru ħabibu.
Bħala Alla ta' dejjem, huwa qajmu mill-imwiet.
F'imħabbtu għalina lkoll,
Kristu jagħtina s-sagramenti
sabiex jgħollina 'l fuq għall-ħajja ta' dejjem.
Permezz tiegħu l-anġli tas-sema joffru t-talba tagħhom ta' adorazzjoni
huma u jifirħu fil-preżenza tiegħek għal dejjem.
Jalla l-vuċijiet tagħna jingħaqdu magħhom f'innu ta' tifħir:

**Assemblea:**
Qaddis, Qaddis, Qaddis, Mulej Alla tal-eżerċti
is-smewwiet u l-art mimlija bil-glorja tiegħek
Hosanna fil-għoli tas-smewwiet!
Imbierek min ġej f'isem il-Mulej!
Hosanna fl-għoli tas-smewwiet!

## 4) Preżentazzjoni tat-tema magħżula

**Mid-Diskorsi ta' San Pietru Krisologu**

Wara r-ritorn tiegħu minn qiegħ l-art, Lazzru ħareġ mill-qabar bħall-mewt qed tikkonfronta l-ħakkiem tagħha, xbieha tal-qawmien li għad irid jiġi... jeħtieġ nikkunsidraw il-mod li bih il-Mulej qajjem lil Lazzru għall-ħajja. Din l-azzjoni tidher għalina bħala l-akbar fost is-sinjali kollha tiegħu. Aħna naraw fiha l-eżempju l-aktar suprem tas-setgħa divina, l-aktar meraviljuża fost il-ħidmiet kollha tiegħu... Il-mewt u l-qawmien ta' Lazzru kienu prefigurazzjoni perfetta tal-mewt u l-qawmien tal-Mulej innifsu. Dak li l-Mulej kien sa jwettaq fih innifsu fi żmien qasir, seħħ diġa fil-qaddej tiegħu... Kien għalhekk meħtieġ li Lazzru jmut, sabiex il-fidi tad-dixxipli wkoll tqum miegħu mill-mewt.

## 5) Xandir tal-Kelma t'Alla (Ġw 11,1-45)

## 6) Skiet għall-meditazzjoni personali

## 7) Lectio miċ-ċelebrant fuq il-Kelma

## 8) Eżami tal-kuxjenza

**Saċerdot:**
Fis-sagrament tal-Magħmudija aħna dħalna fil-misteru ta' Kristu li miet u qam mill-mewt: "Ndfinna miegħu fil-mewt permezz tal-magħmudija sabiex kif Kristu kien imqajjem mill-imwiet permezz tal-qawwa glorjuża tal-Missier, hekk aħna ngħixu ħajja ġdida. Jekk aħna sirna ħaġa waħda miegħu f'mewt tixbah lil tiegħu, hekk ningħaqdu miegħu fil-qawmien tiegħu mill-mewt." (Rum 6,4-6)

4. B'liema mod aħna qegħdin nipparteċipaw fil-ħajja ġdida li ġabilna Kristu bil-mewt u l-qawmien tiegħu? Kif qegħdin nipparteċipaw fil-ġrajja tal-Għid?

5. Lilna wkoll Ġesù jgħidilna bil-qawwa: "Min jemmen fija ma jmut qatt. Jien hu l-qawmien u l-ħajja." Kemm jimlewni bit-tama l-kelmiet ta' Ġesù li jiena msejjaħ biex nipparteċipa miegħu għal dejjem fil-ħajja ta' Alla?

6. Kif se niċċelebraw il-liturġija tat-Tridu tal-Għid, li hi r-rebħa ta' Ġesù fuq id-dnub u l-mewt, u li flimkien miegħu hi r-rebħa tagħna wkoll fuq id-dnub u l-mewt?

**9) Skiet għall-meditazzjoni personali**

**10) Salm ta' fiduċja (Salm 27)**

l-Mulej id-dawl u s-salvazzjoni tiegħi;
minn min għandi nibża'?
Il-Mulej hu l-kenn tiegħi;
quddiem min għandi nitwerwer?
Meta jqumu għalija l-ħżiena, biex jaħtfuni u jikluni,
dawk li għandhom għalija, l-għedewwa tiegħi,
huma jitfixklu u jaqgħu.
Mqar jekk eżerċtu jqum għalija, xejn ma tibża' qalbi;
mqar jekk gwerra tqum kontrija, jiena nibqa' qalbi qawwija.
Ħaġa waħda tlabt lill-Mulej, ħaġa waħda nfittex:
li ngħammar f'dar il-Mulej tul il-jiem kollha ta' ħajti;
biex nitgħaxxaq bil-ħlewwa tal-Mulej
jien u nħares lejn it-tempju tiegħu.
Għax hu jaħbini fl-għarix tiegħu meta nsib ruħi fil-għawġ;
jistorni fis-satra ta' daru, fuq blata fl-għoli jqegħedni.
U issa tintrefa' rasi fuq l-għedewwa ta' madwari.
U jien noffri fit-tempju tiegħu sagrifiċċju b'għajat ta' ferħ.
Ngħanni u nfaħħar il-Mulej!
Isma', Mulej, leħen l-għajta tiegħi, ħenn għalija u weġibni.
"Ejja!" għedt f'qalbi,"fittex 'il wiċċu"; jien wiċċek infittex, Mulej.
La taħbix wiċċek minni,
la twarrabx bl-herra l-qaddej tiegħek.
Inti l-għajnuna tiegħi; tħallinix u titlaqnix,
Alla tas-salvazzjoni tiegħi.
Għalkemm telquni missieri u ommi,
il-Mulej jilqagħni għandu.
Urini, Mulej, it-triq tiegħek, mexxini minn mogħdija dritta
minħabba l-għedewwa tiegħi.
Titlaqnix għax-xewqa tal-għedewwa tiegħi;
għaliex xhieda qarrieqa qamu kontrija, li l-qerq jarmu man-nifs tagħhom.
Nemmen li għad nara t-tjieba tal-Mulej f'art il-ħajjin.
Ittama fil-Mulej, żomm sħiħ u qawwi qalbek; ittama fil-Mulej.

## 11) Talba Penitenzjali

**Saċerdot:**
Mulej,
uliedek il-bnedmin jinsabu quddiemek.
Ħares b'ħarsa ta' ħniena lejna aħna u nistqarru dnubietna.
Fejjaq il-ġrieħi tagħna;
oħroġ idek mimlija bil-ħniena sabiex issalvana u tgħollina lejk.
Żommna ħielsa minn kull periklu bħala membri tal-ġisem ta' Kristu,
bħala nagħaġ tal-merħla tiegħek,
bħala wlied ta' familja waħda tiegħek.
Tħallix li l-għadu jirbaħna
jew li l-mewt teħodna magħha għal dejjem,
għaliex inti qajjimtna għall-ħajja ġdida bil-magħmdija tiegħek.
Isma', Mulej, it-talba tagħna aħna u noffruhielek bi qlub niedma,
ħalli dejjem ikollok ħniena minna fi dnubietna,
u ħarisna llum u dejjem mill-ġerħat tad-dnub.
Dan nitolbuh bi Kristu Sidna. Ammen.

## 12) Skiet għar-riflessjoni personali

## 13) Innu

## 14) Talb ta' interċessjoni

**Saċerdot:**
Bil-qawmien ta' Lazzru, Alla tal-imħabba tana 'sinjal' tar-rebħa paskwali ta' Kristu u s-setgħa tremenda tal-ħajja divina. B'fiduċja kbira, ejjew induru lejk bil-fidi għaliex huwa l-għajn tal-ħajja u l-barka. U ngħidu: MULEJ, ISMA' T-TALBA TAGĦNA.

1. Għall-Knisja, il-komunità tal-fidili: sabiex hi tippromwovi l-kultura tal-ħajja u tirbaħ fuq it-theddida tal-kultura tal-mewt, li qed tħabbat id-dinja tal-lum. *Nitolbu.*

2. Għall-Qdusija Tiegħu l-Papa Benedittu XVI: sabiex il-Mulej jieqaf dejjem miegħu u jagħtih is-saħħa fir-ruħ u fil-ġisem. *Nitolbu.*

3. Għal dawk li qed ixerrdu l-kultura tal-mewt u tal-korruzzjoni morali; sabiex iwieġbu għas-setgħa qawwija ta' Kristu li jsejħilhom kontinwament biex joħorġu mill-qabar tal-mewt u tal-qerda. *Nitolbu.*

4. Għall-Gvernijiet; sabiex huma jagħtu kas tal-foqra u l-imsejkna u dawk li jinsabu maqtugħin mis-soċjetà huma u jħejju l-pjanijiet tagħhom tat-tmexxija. *Nitolbu.*

5. Għall-Knejjes lokali: sabiex jirrealizzaw il-ħtieġa li jiffurmaw l-Insara ħalli jiffaċċjaw l-isfidi tal-evanġelizzazzjoni l-ġdida. *Nitolbu.*

6. Għal dawk li qed iħejju rwieħhom biex jitgħammdu: sabiex ikunu meħlusa mill-ispirtu qarrieqi li jwassal għall-mewt. Jalla jesperjenzaw il-ħajja ġdida fi Kristu, il-glorja u l-qawmien tagħhom. *Nitolbu.*

7. Għall-mejtin tagħna: sabiex issa li jinsabu magħqudin ma' Kristu għal dejjem fil-misteru paskwali, iqumu għal dejjem miegħu fil-glorja tal-aħħar. *Nitolbu.*

## 15) Kant tal-Missierna

## 16) Talba

**Saċerdot:**
Mulej Ġesù,
inti qajjimt lil Lazzru mill-mewt
bħala sinjal li inti ġejt sabiex tagħtina l-ħajja fil-qofol tagħha.
Eħles mill-mewt ta' dejjem lil dawk li jfittxu l-ħajja fis-sagramenti tiegħek,
u eħlisna mill-ispirtu tal-ħażen.
Bl-Ispirtu s-Santu tiegħek imliena bil-ħajja.
agħtina fidi, tama u mħabba
sabiex aħna ngħixu dejjem miegħek
u niġu naqsmu fil-glorja tal-qawmien,
għaliex inti l-Mulej għal dejjem ta' dejjem. Ammen.

## 17) Innu: Dal-Misteru

## 18) Benedizzjoni Sagramentali

## 19) Innu ta' radd il-ħajr

# 10. ĊELEBRAZZJONI TAL-EWWEL QRARA

Parroċċa San Lawrenz

## Festa ta' maħfra

*"Meħtieġ li nagħmlu festa u nifirħu, għax ħuk kien mejjet u raġa' qam, kien mitlub u nstab." (Lq 15:32)*



# 1. IR-RIT TAL-BIDU

## Kant tal-bidu: EJJEW TFAL

Ejjew tfal, ejjew tfal
Ejja nfaħħru lill-Mulej.
Hu jrid, hu jrid
Jagħmel minna ħolqien ġdid.

**Erfa' jdejk, erfa' jdejk**
**Ċapċap waħda lill-Mulej.**
**Erfa' jdejk, erfa' jdejk**
**Ċapċap waħda lill-Mulej.**

Ħares 'l hemm, ħares 'l hawn
Tbissem waħda lil ta' ħdejk.
Hawn Ġesù, hawn Ġesù
Illi qiegħed f'dawk il-qlub.

**Erfa' jdejk, erfa' jdejk**
**Ċapċap waħda lill-Mulej.**
**Erfa' jdejk, erfa' jdejk**
**Ċapċap waħda lill-Mulej.**

Ħu b'idejn, ħu b'idejn
Ħu b'idejn dik li hemm ħdejk.
Ħares sew, ħares sew
Għaliex fiha hemm il-Mulej

**Erfa' jdejk, erfa' jdejk**
**Ċapċap waħda lill-Mulej.**
**Erfa' jdejk, erfa' jdejk**
**Ċapċap waħda lill-Mulej.**

## Tislima

**Saċ:** Fl-isem tal-Missier, u tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu.

**Flimkien:** Ammen.

**Saċ:** Grazzja lilkom u sliem minn Alla Missierna u Sidna Ġesù Kristu li miet għalina biex jaħfrilna ħtijietna.

**Flimkien:** U miegħek ukoll.

## Merħba

**Saċ:** Għeżież tfal, illum inġbarna flimien sabiex wara ż-żmien ta'preparazzjoni li għamiltu permezz tal-laqgħat tad-duttrina, issa tkunu tistgħu tiċċelebraw is-Sagrament tal-Maħfra bħala merħla waħda taħt ragħaj wieħed.

Tfal, Alla tagħna hu tassew kbir u jista' kollox. Għamel id-dinja bil-baħar fond, bil-muntanji għoljin. Għamel ix-xemx, il-qamar u l-ħafna kwiekeb li naraw meta jidlam.

Iżda Alla mhuwiex biss kbir, huwa wkoll qalbu tajba. Lilna jħobbna ħafna, jagħmlilna ħafna ġid, u jixtieq jarana ferħanin.

Biex inkunu ferħanin, Alla tana lil Ġesù biex ikun ir-ragħaj tagħna u biex aħna nkunu n-nagħaġ tiegħu. Ġesù wkoll iħobbna ħafna. Huwa jafna wieħed wieħed u waħda waħda. Lilna jafna b'isimna. Hu jiehu ħsiebna, imexxina fit-triq it-tajba u jagħmel minn kollox biex ma tiġrilniex ħsara. Tant iħobbna Ġesù, li wasal biex miet ħalli aħna ma nintilfux. Bħala n-nagħaġ tiegħu aħna rridu nħobbuh u nimxu warajh. Iżda xi drabi jiġrilna bħal dik in-nagħġa mqarba li ma kinetx miexja wara Ġesù u ġralha li tilfet it-triq u kienet se tispiċċa biex il-lupu joqtolha. Iżda Ġesù xorta waħda baqa' jħobbha lil dik in-nagħġa. Hu beda jiġri'l hawn u 'l hemm biex ifittixha. Kkemm xtaq li jsibha u li hi terġa' tmur għandu! Ejjew nisimgħu l-istorja qasira tan-nagħġa mqarba li tilfet it-triq.

## Kant: IN-NAGĦĠA MISJUBA

Kien hemm ragħaj li kellu merħla,
kellu merħla tan-nagħġiet.
Dan ir-ragħaj kien jafhom kollha,
sa kien jafhom bl-ismijiet

Iżda darba nagħġa minnhom
infirdet minn mal-oħrajn;
ħarbet minnhom u minn sidha
u malajr waqgħet fit-tajn.

Meta r-ragħaj sar jaf dan kollu
telaq lid-disgħa u disgħin,
u mar jimxi fit-triq iebsa
qalb ix-xewk, il-ħmieġ u t-tajn.

Iżda meta wasal ħdejha
sabha tolfoq b'uġigħ kbir;
meta mbagħad laqagħha għandu
bil-ferħ riedet kieku ttir.

Dak ir-ragħaj hu Ġesù Kristu,
dik il-merħla, il-bnedmin,
dik in-nagħġa illi ħarbet
inqisuha mad-dgħajfin.

Xi kultant aħna hekk nagħmlu:
naħarbu minn mat-tajbin
u nfasslu triq għal rasna
u nsiru midinbin

Iżda Kristu qatt ma jgħeja,
u meta nkunu mnikktin
isabbarna, għax iħobbna
ukoll jekk aħna midinbin.

## 2. IL-LITURĠIJA TAL-KELMA

### Qari mill-Evanġelu ta' San Luqa (15:11-32)

Ġesù qal din il-parabbola: "Kien hemm raġel li kellu żewġ ulied. Iż-żgħir qal lil missieru, 'Missier, agħtini s-sehem li jmiss lili mill-ġid.' U dak qassmilhom il-ġid. Ma kinux għaddew wisq ġranet, meta ż-żgħir sarr kollox u telaq minn beltu lejn pajjiż imbiegħed, u hemmhekk berbaq ġidu kollu f'ħajja mtajra. Meta ħela kull ma kellu, fuq dak il-pajjiż waqa' ġuħ kbir, u beda jħoss ruħu fil-bżonn. U mar daħal ma' wieħed minn dak il-pajjiż, li bagħtu fir-raba' tiegħu jirgħa l-ħnieżer. Kien jixtieq kieku jimla żaqqu mqar bil-ħarrub li kienu jieklu l-ħnieżer, imma ħadd ma kien jagħtih.

Imbagħad daħal fih innifsu u qal, 'Kemm lavranti ma' missieri għandhom ħobż bix-xaba' , u jien qiegħed hawn immut bil-ġuħ! Ħa nqum u mmur għand missieri, u ngħidlu, 'Missier, dnibt kontra s-sema u kontra tiegħek; ma jistħoqqlix iżjed nissejjaħ ibnek; żommni b'wieħed mil-lavranti tiegħek.' Qam, u telaq għal għand missieru. Iżda kif kien għadu fil-bogħod missieru lemħu u tħassru, u b'ġirja waħda mar inxteħet fuq għonqu u biesu. 'Missier,' qallu ibnu, 'dnibt kontra s-sema u kontra tiegħek; ma jistħoqqlix iżjed nissejjaħ ibnek.' Iżda l-missier qal lill-qaddejja tiegħu, 'Isaw! Ġibulu l-isbaħ libsa u xidduhielu, libbsulu ċ-ċurkett f'sebgħu u s-sandli f'riġlejh! Ġibu l-għoġol l-imsemmen u oqtluh, ħa nieklu u nagħmlu festa, għax dan ibni kien mejjet u raġa' qam, kien mitluf u nstab!' U għamlu festa.

"Mela ibnu l-kbir kien fl-għalqa. Huwa u rieġa' lura, kif wasal qrib id-dar sama' daqq u żfin. Sejjaħ wieħed mill-qaddejja u staqsieh dak x'kien. 'Hawn ħuk,' qallu dak, 'u missierek qatillu l-għoġol l-imsemmen, għax raġa' kisbu qawwi u sħiħ.' Hu nkorla, u ma riedx jidħol ġewwa, iżda missieru ħareġ jitolbu jidħol. 'Ara,' qal lil missieru, 'ili dawn is-snin kollha naqdik, kelmtek ma ksirthielek qatt, u kieku qatt tajtni gidi lili biex nagħmel ikla u nifraħ ma' ħbiebi! Imbagħad jiġi dan ibnek, li belagħlek ġidek man-nisa żienja, u lilu toqtollu l-għoġol l-imsemmen!' 'Ibni,' qallu missieru, 'inti dejjem miegħi, u kull ma hu tiegħi huwa tiegħek. Imma kien meħtieġ li nagħmlu festa u nifirħu, għax dan ħuk kien mejjet u raġa' qam, kien mitluf u nstab.'!"

- *Issir Powerpoint Presentation tal-parabbola.*
- *Is-saċerdot jagħmel riflessjoni djalogata mat-tfal dwar il-parabbola.*

## 3. IR-RIT TAL-QRAR

### Tħejjija

**Katekist**: Bħal ma jagħmel il-Missier fil-parabbola, illum Ġesù ġej jiltaqa' miegħek, irid jilqgħek għandu fid-dar tiegħu. Allura int m'intix ser tibqa' mbiegħed mid-dar. Nitbiegħdu mid-dar ta' Ġesù meta nagħmlu l-ħażen, meta nagħmlu d-dnub. Ġesù jħobbok u jrid li int terġa' lura u ssir ħabib jew ħabiba tiegħu.

Min hu dan il-Missier?.... Min hu t-tifel li ħalla dar missieru?... Min hu dan it-tifel li gerger ma' missieru minħabba ħuh?... Inti ġieli ġġib ruħek bħal wieħed minn dawn it-tfal?.... Meta?... X'jagħmel Ġesù meta inti tagħmel bħal wieħed minn dawn it-tfal?... Kif terġa' ssir ħabib ma' Ġesù?

**Saċ:** Ġesù jifraħ u jieħu pjacir ħafna meta aħna ngħidulu li jiddispjacina talli xi drabi għednielu le meta ma ġibniex ruħna tajjeb. Hu jixtieq jaħfrilna u jerġa' jagħmilna l-ħbieb kbar tiegħu. Tridux għalhekk ngħidulu li jiddispjaċina talli ma konniex bravi u nitolbuh jaħfrilna? Allura x'se nagħmlu biex Ġesù jaħfrilna?

**Tfal:** **Irridu nqerru.**

**Saċ:** Iżda x'inhuma d-dnubiet li sejrin inqerru? Biex niftakru d-dnubiet tagħna, issa ninġabru fis-skiet, inbaxxu rasna u nisimgħu sewwa dak li se tistaqsina l-katekista. Dawk il-ħwejjeġ li fihom ma ġibniex ruħna sewwa, aħna nibqgħu niftakruhom biex imbagħad inqerruhom għand il-qassis.

Għalhekk issa se nisimgħu ftit mistoqsijiet, biex quddiem it-tjubija t'Alla naraw fejn inqasna bl-għemil, ix-xewqat u l-ħsibijiet tagħna. Issa nippruvaw inweġbuhom fis-skiet ta' qalbna.

## Eżami tal-Kuxjenza

**Katekist**: Lil Alla nħobbu ħafna? It-talb tiegħi ngħidu sewwa?... Inġib ruħi tajjeb fil-knisja? Ngħid it-talb ta' filgħodu, it-talb ta' waqt l-ikel u t-talb ta' filgħaxija? Nibdel r-rużarju mat-TV? Ġieli forsi semmejt għal xejn l-isem ta' Alla, tal-Madonna u tal-qaddisin?

**Katekist**: Lill-ġenituri tiegħi inħobbhom biżżejjed?... Dejjem nobdihom?... Lil ħuti nħobbhom tassew?... jew niġġieled magħhom?...

**Katekist**: Naħseb fl-oħrajn?... Iġġelidt ma' xi ħadd?... Erġajt għamilt paċi jew għadni miġġieled?... Inħobb ngħin lill-oħrajn?... Ingerger ħafna għall-oħrajn?... Inħobb nitkellem kontra xi ħadd?... Dejjem għedt il-verità jew ġie li nħobb ngħid kliem b'ieħor?

## Kant: JIEN GĦANDI ĦABIB

Jien għandi ħabib li jħobbni,
li jħobbni, li jħobbni.
Jien għandi ħabib li jħobbni,
li jismu Ġesù.

**Li jħobbni, li jħobbni,**
**li jħobbni b'qalbu kollha.**
**Li jħobbni, li jħobbni,**
**li jħobbni b'qalbu kollha.**

Jiena għandi ħabiba li tħobbni,
li tħobbni, li tħobbni.
Jien għandi ħabiba li tħobbni,
jisimha Marija.

**Li tħobbni, li tħobbni,**
**li tħobbni b'qalbha kollha.**
**Li tħobbni, li tħobbni,**
**li tħobbni b'qalbha kollha.**

- *Issir il-qrara individwali.*

## Waqt il-qrara jinqara Salm 51

Ikollok ħniena minni, o Alla, fi tjubitek; *
    fil-kobor tal-ħniena tiegħek ħassar ħtijieti.
Aħsilni kollni mill-ħtija tiegħi; *
    naddafni mid-dnub tiegħi.

Għax jien nagħrafhom ħtijieti; *
    id-dnub tiegħi dejjem quddiemi.
Kontrik biss jiena dnibt, *
    u dak li hu ħażin f'għajnejk għamilt.
Hekk jingħaraf is-sewwa tal-kelma tiegħek, *
    u bla tebgħa jidher il-ħaqq tiegħek.

Ara, jiena ssawwart fil-ħtija, *
    u fid-dnub nisslitni ommi.
Int li tħobb il-qalb sinċiera, *
    għallimni l-għerf fil-fond ta' qalbi.

Roxxni bl-ilma, u nissaffa; *
    aħsilni, u aktar mis-silġ nibjad.
Agħmel li nisma' l-ferħ u l-hena, *
    biex għadmi, li int sħaqt, jithenna.

Dawwar wiċċek minn ħtijieti; *
    ħassar ħżuniti kollha.
Oħloq fija qalb safja, o Alla, *
    u spirtu qawwi ġedded fija.

La twarrabnix minn quddiemek; *
    tneħħix minni l-ispirtu qaddis tiegħek.
Roddli l-hena tas-salvazzjoni tiegħek, *
    u bi spirtu qalbieni wettaqni.

Lill-midinbin ngħallem triqatek, *
    u l-ħatjin lejk jerġgħu lura.
Eħlisni mill-piena tal-mewt, o Alla, †
    Alla tas-salvazzjoni tiegħi; *
    u lsieni jfaħħar il-ġustizzja tiegħek.

Iftaħli xufftejja, Sidi, *
    u fommi jxandar it-tifħir tiegħek.
Għax lilek ma jogħġbokx is-sagrifiċċju; *
    noffrilek vittmi maħruqa, u ma tilqagħhomx.
Is-sagrifiċċju tiegħi, o Alla, hu l-qalb niedma; *
    qalb maqsuma u sogħbiena ma twarrabhiex, o Alla.

Agħmel il-ġid lil Sijon fi tjubitek; *
    erġa' ibni l-ħitan ta' Ġerusalemm.
Imbagħad tilqa' bil-qalb vittmi xierqa, †
    sagrifiċċji ta' vittmi maħruqa u mitmuma; *
    imbagħad joffrulek għoġiela fuq l-artal tiegħek.

- It-tfal jingħataw l-immaġni tal-iben il-ħali b'isimhom bħala simbolu tar-ritorn tagħhom lura lejn Ġesù.

## Invokazzjonijiet

**Saċ:** Il-Missier laqgħa għandu lil ibnu li kien mitluf u nstab. Għalhekk nagħmlu dawn it-talbiet tagħna u nirrispondu flimkien: **Missier ħanin, ismagħna.**

**Flimkien:** **Missier ħanin, ismagħna.**

**Ġenituri:** Mulej, nitolbuk għall-Knisja tiegħek biex tkompli l-ministeru tal-maħfra li inti afdajtilha f'idejha. Nitolbu.

**Flimkien:** **Missier ħanin, ismagħna.**

**Ġenituri:** Mulej, int tajt il-maħfra lil dawk li ġew għandek; agħti l-kuraġġ lill-midinbin biex jersqu lejk ħalli jiksbu l-maħfra tiegħek. Nitolbu.

**Flimkien:** **Missier ħanin, ismagħna.**

**Ġenituri:** Missier ħanin, uri ħniena magħna li ta' sikwit nonqsu u agħtina l-maħfra u l-paċi tiegħek. Nitolbu.

**Flimkien:** **Missier ħanin, ismagħna.**

**Ġenituri:** Mulej, agħmel li aħna l-ġenituri nkunu ta' eżempju għal uliedna fil-ħajja tal-fidi. Nitolbu.

**Flimkien:** **Missier ħanin, ismagħna.**

**Ġenituri:** Mulej, agħti l-maħfra tiegħek ta' dejjem lil ħutna li marru qabilna bis-sinjal tal-fidi. Nitolbu.

**Flimkien:** **Missier ħanin, ismagħna.**

**Saċ:** Ilqa', Mulej, dawn it-talbiet li għamilnielek bħala merħla ċkejkna tiegħek u lqagħna għandek. Int li tgħix u ssaltan għal dejjem ta' dejjem.

**Flimkien:** **Ammen.**

**Saċ:** Ferħanin għal din il-laqgħa ta' mħabba li fiha ksibna l-maħfra mingħand Alla Missierna permezz ta' Ibnu Ġesù r-Ragħaj it-Tajjeb tagħna, ejjew ningħaqdu flimkien biex bħala familja waħda u merħla taħt Ragħaj wieħed, insejħu lil Alla Missierna bl-istess talba li għallimna Ġesù innifsu.

## Titkanta l-Missierna

- *It-tfal jaqbdu b'idejn xulxin.*

Missierna, Abba Missier,
Missier illi inti fis-smewwiet,
jitqaddes l-isem tiegħek
mill-qalb ta' ħafna wlied,
Missierna illi inti fis-smewwiet.

Missierna, tina l-ħobż,
l-għajxien illi għandna bżonn kuljum,
u aħfrilna d-dnubiet tagħna,
kif naħfru lill-bnedmin
li magħna huma kienu midjunin.

Missierna, la ddaħħalniex
fi żmien ta' tensjoni u tiġrib,
eħlisna minn kull ħażen,
mix-xibka tal-qerried,
eħlisna minn kull qerq tad-dlamijiet.

Tiġi saltnatek, tiġi saltnatek,
ikun dak li trid Int,
Kif fis-sema hekkda fl-art.
Tiġi saltnatek, tiġi saltnatek,
ikun dak li trid Int,
Kif fis-sema hekkda fl-art.

### Għoti tal-paċi

- *It-tfal jieħdu b'idejn xulxin. Il-ġenituri jbusu lil uliedhom.*

### Talba ta' radd il-ħajr

- *B'sens ta' radd il-ħajr, il-ġenituri tat-tfal li rċevew is-sagrament tal-Maħfra jagħmlu talba ta' ringrazzjament.*

Mulej Ġesù, nirringrazzjawk għal din il-laqgħa sabiħa
li wliedna kellhom miegħek fis-sagrament tal-Maħfra.
Meta kienu għadhom trabi, ġibniehom hawn
biex tagħtihom l-ewwel bewsa tal-ħbiberija miegħek
fis-sagrament tal-Magħmudija
ħalli bih jibdew il-mixja tagħhom fuq il-passi tiegħek.
Illum ġibniehom mill-ġdid quddiemek
ħalli terġa' tagħtihom it-tisfija spiritwali li jeħtieġu
ħalli jkunu jistgħu jersqu lejk fis-sagrament tal-Ewkaristija.
Ħarishom, Mulej minn kull ħażen,
u żommhom dejjem ħbieb tiegħek,
ħalli jkunu bħal ħrief safja fil-merħla tiegħek.
Ammen.

## 4. IR-RIT TAL-GĦELUQ

### Barka

**Saċ:** Ġesù r-Ragħaj it-tajjeb tagħna takom il-maħfra, laqagħkom għandu u takom il-paċi tiegħu.

**Flimkien:** **Ammen.**

**Saċ:** Huwa jagħtikom li tibqgħu tħossu l-ferħ tal-ħbiberija miegħu.

**Flimkien:** **Ammen.**

**Saċ:** Jimliekom bl-Ispirtu tiegħu ħalli tkunu dejjem qawwija biex tieqfu lil kull ħażen.

**Flimkien:** **Ammen.**

**Saċ:** Iberikkom Alla li jista' kollox, † il-Missier, † l-Iben u † l-Ispirtu s-Santu.

**Flimkien:** **Ammen.**

**Saċ:** Morru għixu fil-paċi u l-maħfra ta' Kristu.

**Flimkien:** **Irroddu ħajr lil Alla.**

## Tifkira

Fl-aħħar it-tfal jiġu msejħa b'isimhom sabiex jirċievu mingħand is-saċerdot it-tifkira tal-ewwel qrara tagħhom.

## Kant: L-AQWA ĦABIB

Ġesù jiggwidani f'kull ħaġa
bħall-ragħaj li jindokra lin-nagħġa.
Ġesù jmexxini bil-ħniena
bħar-riħ li jħaddem raddiena.
Ġesù qiegħed ħdejja
fil-hena u fl-inkwiet,
insibu maġenbi fil-ħemda u fis-skiet.

**Ġesù għalija hu l-aqwa ħabib,**
**l-aqwa ħabib, l-aqwa ħabib.**
**Ġesù għalija hu l-aqwa ħabib,**
**l-aqwa ħabib.**

Ġesù jsabbarni f'kull dieqa
bħal dawl li jidħolli mit-tieqa.
Ġesù jsaħħaħni f'kull marda
bħan-naħla li taħji kull warda.
Ġesù jibqa miegħi
fil-mixja tal-jum,
insibu x'ħin norqod u malli nqum.

**Ġesù għalija hu l-aqwa ħabib,**
**l-aqwa ħabib, l-aqwa ħabib.**
**Ġesù għalija hu l-aqwa ħabib,**
**l-aqwa ħabib.**

- *Wara l-kant it-tfal jiġu mistiedna flimkien mal-ġenituri tagħhom u l-katekisti għall-mument ta' festa ta' ferħ fejn jaqsmu ma' xulxin l-imħabba fraterna.*

# 11. KALENDARJU TAR-RANDAN GĦAT-TFAL

Kan Ġwann Sultana



# WERREJ

Daħla ........ 3

**L-Ewwel Taqsima: Teoloġija Biblika**

1. Is-sagrifiċċji għall-maħfra tad-dnubiet ........ 5
2. Id-dnub fit-Testment il-Ġdid ........ 12
3. Il-konverżjoni fil-Bibbja ........ 28

**It-Tieni Taqsima: Għajnuna għall-Predikazzjoni**

4. Tifsir tal-qari tal-Ħdud tar-Randa (Sena A) ........ 32
   I. L-Ewwel Ħadd tar-Randan ........ 32
   II. It-Tieni Ħadd tar-Randan ........ 35
   III. It-Tielet Ħadd tar-Randan ........ 38
   IV. Ir-Raba' Ħadd tar-Randan ........ 40
   V. Il-Ħames Ħadd tar-Randan ........ 43

5. Skemi ta' Omeliji għall-Ħdud tar-Randan (A) ........ 45
   I. L-Ewwel Ħadd tar-Randan ........ 45
   II. It-Tieni Ħadd tar-Randan ........ 48
   III. It-Tielet Ħadd tar-Randan ........ 50
   IV. Ir-Raba' Ħadd tar-Randan ........ 52
   V. Il-Ħames Ħadd tar-Randan ........ 54

6. Eżerċizzi tar-Randan għaż-Żgħażagħ ........ 57
   I. Skemi fil-qosor ........ 58
   II. Sussidju sħiħ ........ 68
      a. L-ewwel meditazzjoni ........ 68
      b. It-tieni meditazzjoni ........ 73
      c. It-tielet meditazzjoni ........ 78
      d. Ir-raba' meditazzjoni ........ 83
      e. Il-ħames meditazzjoni ........ 88

**It-Tielet Taqsima: Sussidji Liturġiko-Pastorali**

7. L-att penitenzjali waqt il-quddiesa ........ 94

8. Ċelebrazzjoni Penitenzjali għal żmien ir-Randan ........ 96

9. Skemi ta' adorazzjoni ewkaristika ........ 104
   I. Adorazzjoni għall-ewwel ġimgħa tar-Randan ........ 105
   II. Adorazzjoni għat-tieni ġimgħa tar-Randan ........ 109
   III. Adorazzjoni għat-tielet ġimgħa tar-Randan ........ 112
   IV. Adorazzjoni għar-raba' ġimgħa tar-Randan ........ 116
   V. Adorazzjoni għall-ħames ġimgħa tar-Randan ........ 120

10. Ċelebrazzjoni tal-Ewwel Qrar għat-tfal ........ 124

11. Kalendarju tar-Randan għat-Tfal ........ 133